

# 2019

## Rapporti Annwali

- dwar l-implimentazzjoni tal-baġit tal-UE għas-sena finanzjarja 2019 u
- dwar l-attivitajiet iffinanzjati mit-8, mid-9, mill-10 u mill-11-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp (FEŻ) għas-sena finanzjarja 2019



IL-QORTI  
EWROPEA  
TAL-AWDITURI

MT

IL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI  
12, rue Alcide De Gasperi  
1615 Luxembourg  
LUXEMBOURG

Tel. +352 4398-1  
Mistoqsijiet: [eca.europa.eu/mt/Pages/ContactForm.aspx](http://eca.europa.eu/mt/Pages/ContactForm.aspx)  
Sit web: [eca.europa.eu](http://eca.europa.eu)  
Twitter: @EJAuditors

Ħafna informazzjoni addizzjonali dwar l-Unjoni Ewropea hija disponibbli fuq l-Internet. Jista' jsir aċċess għaliha permezz tas-server Europa (<http://europa.eu>).

Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2020

PDF

ISBN 978-92-847-4880-8

ISSN 2600-1675

doi:10.2865/041983

QJ-AL-20-001-MT-N

Skont l-Artikolu 287(1) u (4) tat-TFUE, l-Artikolu 258 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 u l-Artikolu 43 tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2018/1877 tas-26 ta' Novembru 2018 dwar ir-regolament finanzjarju applikabbli għall-11-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp, u li jħassar ir-Regolament (UE) 2015/323

**il-Qorti tal-Awdituri tal-Unjoni Ewropea, fil-laqgħat tagħha tal-24 ta' Settembru u l-20 ta' Lulju 2020, adottat ir-**

## **RAPPORTI ANNWALI**

# **tagħha għas-sena finanzjarja 2019**

Ir-rapporti, flimkien mar-risposti tal-istituzzjonijiet għall-osservazzjonijiet tal-Qorti, intbagħtu lill-awtoritajiet responsabbli mill-għoti tal-kwittanza u lill-istituzzjonijiet l-oħra.

Il-Membri tal-Qorti tal-Awdituri huma:

Klaus-Heiner LEHNE (President), Ladislav BALKO, Lazaros S. LAZAROU, Pietro RUSSO,  
Baudilio TOMÉ MUGURUZA, Iliana IVANOVA, Alex BRENNINKMEIJER,  
Nikolaos MILIONIS, Bettina JAKOBSEN, Samo JEREB, Jan GREGOR, Mihails KOZLOVS,  
Rimantas ŠADŽIUS, Leo BRINCAT, João FIGUEIREDO, Juhan PARTS, Ildikó GÁLL-PELCZ,  
Eva LINDSTRÖM, Tony MURPHY, Hannu TAKKULA, Annemie TURTELBOOM,  
Viorel ȘTEFAN, Ivana MALETIĆ, Francois-Roger CAZALA, Joëlle ELVINGER,  
Helga BERGER

# Werrej

	Pàġna
<b>Rapport Annwali dwar l-implimentazzjoni tal-baġit tal-UE għas-sena finanzjarja 2019</b>	<b>5</b>
<b>Risposti tal-Istituzzjonijiet għar-Rapport Annwali dwar l-implimentazzjoni tal-baġit tal-UE għas-sena finanzjarja 2019</b>	<b>250</b>
<b>Rapport Annwali dwar l-attivitajiet iffinanzjati mit-8, mid-9, mill-10 u mill-11-il Fond Ewropew għall-lżvilupp għas-sena finanzjarja 2019</b>	<b>299</b>
<b>Risposti tal-Kummissjoni Ewropea għar-Rapport Annwali dwar l-attivitajiet iffinanzjati mit-8, mid-9, mill-10 u mill-11-il Fond Ewropew għall-lżvilupp għas-sena finanzjarja 2019</b>	<b>334</b>

**Rapport Annwali dwar l-  
implimentazzjoni tal-baġit tal-UE għas-  
sena finanzjarja 2019**

# Werrej

	Pàgna
<b>Introduzzjoni ġenerali</b>	<b>7</b>
<b>Kapitolu 1</b> <b>Id-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni u informazzjoni ta' sostenn</b>	<b>10</b>
<b>Kapitolu 2</b> <b>Ġestjoni baġitarja u finanzjarja</b>	<b>55</b>
<b>Kapitolu 3</b> <b>Dħul</b>	<b>92</b>
<b>Kapitolu 4</b> <b>Kompetittività għat-<b>tkabbir</b> u <b>l-impjegi</b> – Intestatura 1a tal-QFP</b>	<b>117</b>
<b>Kapitolu 5</b> <b>Koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali – Intestatura 1b tal-QFP</b>	<b>137</b>
<b>Kapitolu 6</b> <b>Riżorsi naturali – Intestatura 2 tal-QFP</b>	<b>175</b>
<b>Kapitolu 7</b> <b>Sigurtà u ċittadinanza – Intestatura 3 tal-QFP</b>	<b>201</b>
<b>Kapitolu 8</b> <b>Ewropa Globali – Intestatura 4 tal-QFP</b>	<b>217</b>
<b>Kapitolu 9</b> <b>Amministrazzjoni – Intestatura 5 tal-QFP</b>	<b>234</b>
<b>Risposti tal-Istituzzjonijiet</b>	<b>250</b>

# Introduzzjoni Ġenerali

**0.1.** Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA) hija istituzzjoni<sup>1</sup> tal-Unjoni Ewropea (UE) u l-awditur estern tal-finanzi tal-UE<sup>2</sup>. F'din il-kapaċità, aħna naġixxu bħala l-gwardjan indipendenti tal-interessi finanzjarji taċ-ċittadini kollha tal-UE, notevolment billi nikkontribwixxu għat-titjib tal-ġestjoni finanzjarja tal-UE. Aktar informazzjoni dwar ix-xogħol li nwettqu tista' tinstab fir-rapporti annwali tal-attività, fir-rapporti speċjali, fid-dokumenti analitiċi, kif ukoll fl-opinjoni tagħna dwar liġijiet ġodda jew liġijiet aġġornati tal-UE jew deċiżjonijiet oħra b'implikazzjonijiet għall-ġestjoni finanzjarja<sup>3</sup>.

**0.2.** Din is-sena, għall-ewwel darba, aħna qsamna r-rapport annwali tagħna għas-sena finanzjarja 2019 f'żewġ partijiet separati. Din il-parti tikkonċerna l-affidabbiltà tal-kontijiet konsolidati tal-UE u r-*regolarità* tat-*tranżazzjonijiet*. Il-parti l-oħra tkopri l-prestazzjoni tal-programmi ta' nfiq taħt il-baġit tal-UE.

**0.3.** Il-baġit ġenerali tal-UE jiġi adottat kull sena mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u mill-Parlament Ewropew. Ir-rapport annwali tagħna, ikkombinat kif xieraq mar-rapporti speċjali li noħroġu, jipprovdi bażi għall-*proċedura ta' kwittanza* li fiha l-Parlament, filwaqt li jaġixxi fuq rakkomandazzjoni mill-Kunsill, jiddeċiedi jekk il-Kummissjoni Ewropea tkunx wettqet ir-responsabbiltajiet baġitarji tagħha b'mod sodisfaċenti. Wara l-pubblikazzjoni, aħna ngħaddu r-rapport annwali tagħna lill-parlamenti nazzjonali, lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

**0.4.** L-element ċentrali tar-rapport tagħna hija d-*dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni* dwar l-affidabbiltà tal-*kontijiet konsolidati* tal-UE u dwar il-legalità u r-*regolarità* tat-*tranżazzjonijiet*. Din id-dikjarazzjoni tiġi ssupplimentata b'*valutazzjonijiet* speċifiċi għal kull qasam prinċipali ta' attività tal-Unjoni.

---

<sup>1</sup> Il-QEA ġiet stabbilita bħala istituzzjoni permezz tal-Artikolu 13 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, magħruf ukoll bħala t-Trattat ta' Maastricht (ĠU C 191, 29.7.1992, p. 1). Madankollu, hija ġiet stabbilita għall-ewwel darba permezz tat-Trattat ta' Brussell fl-1977, bħala l-korp Komunitarju l-ġdid inkarigat mill-funzjoni tal-awditjar estern (ĠU L 359, 31.12.1977, p. 1).

<sup>2</sup> L-Artikoli 285 sa 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) (ĠU C 326, 26.10.2012, pp. 169-171).

<sup>3</sup> Disponibbli fuq is-sit web tagħna: [www.eca.europa.eu](http://www.eca.europa.eu).

### 0.5. Din il-parti tar-rapport tagħna hija strutturata kif ġej:

- il-Kapitolu 1 fih id-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni u sommarju tar-riżultati tal-awditjar li wettaqna dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet;
- il-Kapitolu 2 jippreżenta l-analiżi tagħna tal-ġestjoni baġitarja u finanzjarja;
- il-Kapitolu 3 jippreżenta s-sejbiet tagħna dwar id-dħul tal-UE;
- il-Kapitoli 4 sa 9 juru, għall-intestaturi prinċipali tal-*qafas finanzjarju pluriennali (QFP)* attwali<sup>4</sup>, ir-riżultati tal-ittestjar li wettaqna tar-regolarità tat-tranżazzjonijiet u tal-eżaminar li sar minna tar-*rapporti annwali tal-attività* tal-Kummissjoni, elementi oħra tas-sistemi ta' kontroll intern tagħha u arranġamenti oħra ta' governanza.

**0.6.** Billi ma hemmx rapporti finanzjarji separati għall-intestaturi individwali tal-QFP, il-konklużjonijiet għal kull kapitolu ma jikkostitwux opinjoni tal-awditjar. Minflok, il-kapitoli jiddeskrivu kwistjonijiet sinifikanti li huma speċifiċi għal kull intestatura tal-QFP.

**0.7.** Aħna għandna l-għan li nippreżentaw l-osservazzjonijiet tagħna b'mod ċar u konċiż. Mhux dejjem inkunu nistgħu nevitaw li nużaw termini li huma speċifiċi għall-UE, għall-politiki u l-baġit tagħha, jew għall-kontabbiltà u l-awditjar. Fuq is-sit web tagħna, aħna ppubblikajna glossarju bi spjegazzjonijiet tal-biċċa l-kbira minn dawn it-termini speċifiċi<sup>5</sup>. It-termini ddefiniti fil-glossarju jidhru bil-*korsiv* fejn jintużaw għall-ewwel darba f'kull kapitolu.

---

<sup>4</sup> Aħna ma nipprovdex valutazzjoni speċifika għall-infiq taħt l-Intestatura 6 ("Kumpens") jew għal infiq li ma jaqax taħt il-QFP. L-analiżi tagħna tal-Intestatura 3 ("Sigurtà u ċittadinanza") u l-Intestatura 4 ("Ewropa Globali"), fil-Kapitoli 7 u 8 rispettivament, ma tinkludix livell ta' żball stmat.

<sup>5</sup> [https://www.eca.europa.eu/Lists/ECADocuments/GLOSSARY-AR\\_2019/GLOSSARY-AR\\_2019\\_MT.pdf](https://www.eca.europa.eu/Lists/ECADocuments/GLOSSARY-AR_2019/GLOSSARY-AR_2019_MT.pdf)



**0.8.** Ir-risposti tal-Kummissjoni (u, fejn xieraq, ir-risposti ta' istituzzjonijiet u korpi oħra tal-UE) għall-osservazzjonijiet tagħna huma ppreżentati ma' dan ir-rapport. Hija r-responsabbiltà tagħna, bħala awditur estern, li nirrappurtaw is-sejbiet tal-awditjar tagħna u li naslu għall-konklużjonijiet neċessarji sabiex nipprovdu valutazzjoni indipendenti u imparzjali tal-affidabbiltà tal-kontijiet tal-UE u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet.

# Kapitolu 1

**Id-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni u informazzjoni ta' sostenn**

# Werrej

	Paragrafu
<b>Id-Dikjarazzjoni ta' Assigurazzjoni pprovduta mill-QEA lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill – rapport tal-awditur indipendenti</b>	I.-XXX.
<b>Introduzzjoni</b>	1.1.-1.6.
<b>Ir-rwol tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri</b>	1.1.-1.4.
<b>L-infiq tal-UE huwa għodda sinifikanti għall-ilħuq tal-objettivi ta' politika</b>	1.5.-1.6.
<b>Sejbiet tal-awditjar għas-sena finanzjarja 2019</b>	1.7.-1.38.
<b>Affidabbiltà tal-kontijiet</b>	1.7.-1.10.
Il-kontijiet ma kinux milquta minn dikjarazzjonijiet skorretti materjali	1.7.-1.9.
Kwistjonijiet ewlenin tal-awditjar relatati mar-rapporti finanzjarji 2019	1.10.
<b>Regolarità tat-tranżazzjonijiet</b>	1.11.-1.30.
L-awditu li wettaqna jkopri tranżazzjonijiet tad-dħul u tal-infiq li fuqhom huma bbażati l-kontijiet	1.12.-1.17.
L-iżball qed ikompli jkun preżenti f'tipi speċifiċi ta' nfiq	1.18.
Il-kumplessità tar-regoli u l-mod kif il-fondi tal-UE jiġu żborżati għandhom impatt fuq ir-riskju ta' żball	1.19.-1.30.
<b>L-informazzjoni dwar ir-regolarità pprovduta mill-Kummissjoni</b>	1.31.-1.38.
L-istima mill-Kummissjoni tal-livell ta' żball hija fil-lat inferjuri tal-firxa indikata minna	1.33.-1.34.
Hemm xi problemi bil-komponenti tal-istimi li jsiru mill-Kummissjoni	1.35.-1.38.

<b>Aħna nirrappurtaw każijiet ta' frodi suspettata lill-OLAF</b>	<b>1.39.-1.43.</b>
<b>Konklużjonijiet</b>	<b>1.44.-1.46.</b>
<b>Riżultati tal-awditjar</b>	<b>1.45.-1.46.</b>
<b>Annessi</b>	
<b>Anness 1.1 – Approċċ u metodoloġija tal-awditjar</b>	

# Id-Dikjarazzjoni ta' Assigurazzjoni pprovduta mill-QEA lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill – rapport tal-awditur indipendenti

## Opinjoni

### I. Aħna awditjajna:

- (a) il-kontijiet konsolidati tal-Unjoni Ewropea, li jinkludu r-rapporti finanzjarji konsolidati<sup>1</sup> u r-rapporti dwar l-implimentazzjoni tal-baġit<sup>2</sup> għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2019, u li ġew approvati mill-Kummissjoni fis-26 ta' Ġunju 2020;
- (b) il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi, kif meħtieġ mill-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).

## Affidabbiltà tal-kontijiet

### Opinjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet

**II.** Fl-opinjoni tagħna, il-kontijiet konsolidati tal-Unjoni Ewropea (UE) għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2019 jippreżentaw b'mod ġust, fl-aspetti materjali kollha, il-pożizzjoni finanzjarja tal-UE fil-31 ta' Diċembru 2019, ir-riżultati tal-operazzjonijiet tagħha, il-flussi tal-flus tagħha, u l-bidliet fl-assi netti tagħha għas-sena li ntemmet dakinhar, skont ir-Regolament Finanzjarju u r-regoli kontabilistiċi bbażati fuq standards tal-kontabbiltà li huma aċċettati internazzjonalment għas-settur pubbliku.

<sup>1</sup> Ir-rapporti finanzjarji konsolidati jinkludu l-karta tal-bilanċ, ir-rapport tal-prestazzjoni finanzjarja, ir-rapport tal-flussi tal-flus, ir-rapport tat-tibdil fl-assi netti u sommarju tal-politiki kontabilistiċi sinifikanti u noti oħra ta' spjegazzjoni (inkluż ir-rappurtar fuq is-segmenti).

<sup>2</sup> Ir-rapporti dwar l-implimentazzjoni tal-baġit jinkludu wkoll noti ta' spjegazzjoni.

## Legalità u regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet

### Dħul

*Opinjoni dwar il-legalità u r-regolarità tad-dħul*

**III.** Fl-opinjoni tagħna, id-dħul li fuqu huma bbażati l-kontijiet għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2019 huwa legali u regolari fl-aspetti materjali kollha.

### Infiq

*Opinjoni avversa dwar il-legalità u r-regolarità tal-infiq*

**IV.** Fl-opinjoni tagħna, minħabba s-sinifikat tal-kwistjoni deskritta taħt “Bażi għal opinjoni avversa dwar il-legalità u r-regolarità tal-infiq”, l-infiq aċċettat fil-kontijiet għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2019 huwa milqut minn livell materjali ta' żball.

*Bażi għal Opinjoni*

**V.** Aħna wettaqna l-awditu tagħna skont l-Istandards Internazzjonali tal-Awditjar (ISAs) u l-Kodiċijiet tal-Etika tal-IFAC, u l-Istandards Internazzjonali tal-Istituzzjonijiet Supremi tal-Awditjar (ISSAIs) tal-INTOSAI. Ir-responsabbiltajiet tagħna skont dawn l-standards u kodiċijiet huma deskritti f'aktar dettall fit-taqsimha “Responsabbiltajiet tal-awditur” fir-rapport tagħna. Aħna rrispettajna wkoll ir-rekwiżiti tal-indipendenza u wettaqna l-obbligi etiċi tagħna skont il-Kodiċi ta' Etika għall-Kontabilisti Professjonali tal-Bord tal-Istandards Internazzjonali tal-Etika għall-Kontabilisti. Aħna nemmnu li l-evidenza għall-awditjar li ksibna hija suffiċjenti u xierqa biex tipprovdi bażi għall-opinjoni tagħna.

*Bażi għal opinjoni avversa dwar il-legalità u r-regolarità tal-infiq*

**VI.** Il-livell kumplessiv ta' żball stmat minna għall-infiq aċċettat fil-kontijiet għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2019 huwa ta' 2,7 %. Proporzjon sostanzjali ta' dan l-infiq - aktar min-nofs - huwa milqut minn livell materjali ta' żball. Dan jirrigwarda prinċipalment l-infiq ibbażat fuq rimborżi, fejn il-livell ta' żball stmat huwa ta' 4,9 %. Dovut l-aktar għal żieda fl-infiq għal “Koeżjoni”, din in-nefqa żdiedet sa EUR 66,9 biljun fl-2019, ammont li kien jirrappreżenta 53,1 % tal-popolazzjoni li awditjajna<sup>3</sup>. Għalhekk, l-effetti tal-iżbalji li sibna huma kemm materjali kif ukoll pervażivi għan-nefqa aċċettata tas-sena.

<sup>3</sup> Aħna nipprovdu aktar informazzjoni fil-paragrafi [1.21](#) sa [1.26](#) tar-Rapport Annwali 2019 tagħna.

## Kwistjonijiet ewlenin tal-awditjar

### Aħna vvalutajna l-obbligazzjoni għall-pensjoni u għal benefiċċji oħra tal-impjegati

**VII.** Il-karta tal-bilanċ tal-UE tinkludi l-obbligazzjoni għall-pensjoni u għal benefiċċji oħra tal-impjegati li ammontaw għal EUR 97,7 biljun fi tmiem l-2019, ammont li jirrappreżenta kważi 40 % tat-total ta' obbligazzjonijiet għall-2019 ta' EUR 251,5 biljun.

**VIII.** Il-biċċa l-kbira minn din l-obbligazzjoni għall-pensjoni u għal benefiċċji oħra tal-impjegati (EUR 83,8 biljun) hija relatata mal-Iskema tal-Pensjonijiet tal-Uffiċjali u l-Aġenti l-oħra tal-Unjoni Ewropea (PSEO). L-obbligazzjoni rreġistrata fil-kontijiet tirrifletti l-ammont li kieku kien jiġi inkluż kieku ġie stabbilit fond ta' pensjoni biex isiru pagamenti relatati mal-obbligi eżistenti għall-pensjonijiet tal-irtirar<sup>4</sup>. Minbarra l-pensjonijiet tal-irtirar, hija tkopri l-pensjonijiet tal-invalidità kif ukoll il-pensjonijiet li jitħallsu lin-nisa romol u lill-orfni tal-persunal tal-UE. Il-benefiċċji mħallsa taħt din l-iskema tal-pensjonijiet jitħallsu mill-baġit tal-UE. L-Istati Membri jiggarrantixxu b'mod konġunt il-pagament tal-benefiċċji, u l-uffiċjali jikkontribwixxu terz tal-ispiża għall-finanzjament tal-iskema. L-Eurostat jikkalkula din l-obbligazzjoni f'isem l-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni, billi juża parametri li ġew ivalutati mill-konsulenti attwarji tal-Kummissjoni.

**IX.** It-tieni l-akbar parti tal-obbligazzjoni għall-pensjoni u għal benefiċċji oħra tal-impjegati (EUR 11,8 biljun) hija kostitwita mill-obbligazzjoni stmata tal-UE lejn ir-Reġim Komuni tal-Assigurazzjoni tal-Mard (JSIS). Din l-obbligazzjoni hija relatata mal-ispejjeż tal-kura tas-saħħa li huma pagabbli lill-membri tal-persunal tal-UE matul il-perjodi ta' wara l-attività (bit-tnaqqis tal-kontribuzzjonijiet tagħhom).

**X.** Bħala parti mill-awditu tagħna, aħna vvalutajna, għall-obbligazzjoni tal-pensjoni, is-suppożizzjonijiet attwarji li saru u l-valwazzjoni riżultanti. Aħna bbażajna din l-evalwazzjoni fuq xogħol li wettqu l-esperti attwarji esterni biex jipproduċu studju dwar il-PSEO. Ivverifikajna d-*data* numerika, il-parametri attwarji, u l-kalkolu tal-obbligazzjoni, kif ukoll il-preżentazzjoni fil-karta tal-bilanċ konsolidata u n-noti għar-rapporti finanzjarji konsolidati.

**XI.** Nikkonkludu li l-istima tal-obbligazzjoni kumplessiva għall-pensjoni u għal benefiċċji oħra tal-impjegati ddikjarata fil-karta tal-bilanċ konsolidata hija ġusta. Aħna se nkomplu nirrieżaminaw din l-istima, inkluża l-affidabbiltà tad-*data* ta' bażi.

### **Aħna vvalutajna stimi sinifikanti ta' tmiem is-sena li ġew ippreżentati fil-kontijiet**

**XII.** Fi tmiem l-2019, il-valur stmat tal-ispejjeż eliġibbli mġarrba mill-benefiċjarji, iżda li kienu għadhom ma ġewx irrappurtati, kien ta' EUR 105,7 biljun (tmiem l-2018: EUR 99,8 biljun). Dawn l-ammonti ġew irreġistrati bħala spejjeż dovuti<sup>5</sup>.

**XIII.** Fi tmiem l-2019, l-ammont stmat li ma ntużax mill-istrumenti finanzjarji taħt ġestjoni kondiviża u mill-iskemi ta' għajjnuna rikonoxxuti fil-kontijiet kien jammonta għal EUR 6,9 biljun (tmiem l-2018: EUR 6,5 biljun), li fil-karta tal-bilanċ jintwera bħala "Avvanzi oħrajn lill-Istati Membri" (pagamenti bil-quddiem).

**XIV.** Sabiex nivvalutaw dawn l-istimi ta' tmiem is-sena, aħna eżaminajna s-sistema li l-Kummissjoni kienet stabbiliet għall-kalkoli tal-cut-off u żgurajna l-korrettezza u l-kompletezza tagħhom fid-direttorati ġenerali li fihom saru l-biċċa l-kbira mill-pagamenti. Matul ix-xogħol tal-awditjar tagħna fuq il-kampjun ta' fatturi u ta' pagamenti ta' prefinanzjament, aħna eżaminajna l-kalkoli tal-cut-off rilevanti sabiex nindirizzaw ir-riskju li l-ammont dovut ġie ddikjarat b'mod skorrett. Aħna fittixna kjarifika addizzjonali mis-servizzi kontabilistiċi tal-Kummissjoni dwar il-metodoloġija ġenerali għall-istabbiliment ta' dawn l-istimi.

**XV.** Nikkonkludu li l-istima tal-ammont kumplessiv ta' imposti dovuti u ta' pagamenti bil-quddiem oħra għall-Istati Membri ddikjarati fil-karta tal-bilanċ konsolidata hija ġusta.

### **Aħna vvalutajna l-impatt potenzjali ta' avvenimenti wara l-għeluq tal-karta tal-bilanċ, fuq il-kontijiet**

**XVI.** Fl-1 ta' Frar 2020, ir-Renju Unit (UK) ma baqax Stat Membru tal-UE. B'segwitu għall-konklużjoni tal-ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (il-"Ftehim dwar il-ħruġ") bejn iż-żewġ partijiet, ir-Renju Unit għamel impenn biex jonora l-obbligi finanzjarji kollha tiegħu taħt il-QFP attwali u preċedenti li jirriżultaw mis-sħubija tiegħu fl-UE.

<sup>4</sup> Ara l-Istandard Internazzjonali tal-Kontabbiltà għas-Settur Pubbliku (IPSAS) Nru 39 — Benefiċċji tal-impjegati. Għall-PSEO, l-obbligu ta' benefiċċju ddefinit jirrifletti l-valur attwali tal-pagamenti futuri mistennija li l-UE se tkun meħtieġa twettaq sabiex tissodisfa l-obbligi tal-pensjoni li jirriżultaw minn servizzi li l-impjegati jkunu wettqu fil-perjodu attwali u dak preċedenti.

<sup>5</sup> Dawn jinkludu imposti dovuti ta' EUR 66,9 biljun fuq in-naħa tal-obbligazzjonijiet fil-karta tal-bilanċ u, fuq in-naħa tal-assi, EUR 38,8 biljun li jnaqqsu l-valur tal-prefinanzjament.



**XVII.** Aħna ma identifikajna l-ebda avveniment relatat mal-ħruġ tar-Renju Unit li jkun jirrikjedi aġġustamenti għall-kontijiet annwali konsolidati tal-UE għall-2019 skont l-istandard internazzjonali tal-kontabbiltà dwar l-avvenimenti wara d-data tar-rappurtar<sup>6</sup>.

**XVIII.** Filwaqt li t-tifqigħa tal-COVID-19 laqtet serjament lill-ekonomiji u lill-finanzi pubbliċi tal-Istati Membri, din ma kinitx tirrikjedi xi aġġustament għaċ-ċifri li ġew irrappurtati fil-kontijiet<sup>7</sup> (jiġifieri dan huwa “avveniment li ma jaġġustax”). Madankollu, jekk jiġu implimentati, l-inizjattivi li l-Kummissjoni pproponiet bħala reazzjoni jistgħu jolqtu r-rapporti finanzjarji għall-perjodi ta’ rappurtar sussegwenti.

**XIX.** Ibbażat fuq is-sitwazzjoni attwali, ma hemm l-ebda impatt finanzjarju fuq il-kontijiet annwali konsolidati tal-UE għall-2019 li jrid jiġi rappurtat, u aħna nikkonkludu li l-kontijiet li ntemmu fil-31 ta’ Diċembru 2019 kienu jirriflettu b’mod korrett l-avvenimenti wara l-għeluq tal-karta tal-bilanċ.

### **Kwistjonijiet oħra**

**XX.** Il-maniġment huwa responsabbli għall-provvediment ta’ “informazzjoni oħra”. Dan it-terminu jinkludi d-Diskussjoni u l-Analiżi tar-Rapport Finanzjarju, iżda mhux il-kontijiet konsolidati jew ir-rapporti tagħna dwarhom. L-opinjoni tagħna dwar il-kontijiet konsolidati ma tkoprix din l-informazzjoni l-oħra, u aħna ma nesprimu l-ebda forma ta’ konklużjoni ta’ aċċertament dwarha. Ir-responsabbiltà tagħna b’rabta mal-awditu tal-kontijiet konsolidati hija li naqraw l-informazzjoni l-oħra u nqisu jekk din l-informazzjoni tkunx materjalment inkonsistenti mal-kontijiet konsolidati jew mal-għarfien li nkunu ksibna fl-awditu, jew jekk jidhri li tkun saret xi dikjarazzjoni skorretta materjali oħra. Jekk nikkonkludu li jkun hemm dikjarazzjoni skorretta materjali tal-informazzjoni l-oħra, aħna meħtieġa nirrappurtaw dan il-fatt kif meħtieġ. Aħna ma għandna xejn x’nirrappurtaw f’dan ir-rigward.

### **Responsabbiltajiet tal-maniġment**

**XXI.** F’konformità mal-Artikoli 310 sa 325 tat-TFUE u mar-Regolament Finanzjarju, il-maniġment huwa responsabbli mit-tnejn u l-preżentazzjoni tal-kontijiet konsolidati tal-UE abbażi ta’ standards tal-kontabbiltà għas-settur pubbliku li huma aċċettati internazzjonalment, u mil-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta’ bażi. Din ir-responsabbiltà tinkludi t-tfassil, l-implimentazzjoni u ż-żamma ta’ kontroll intern rilevanti għat-tnejn u l-preżentazzjoni ta’ rapporti

<sup>6</sup> Ara l-IPSAS Nru 14 — Avvenimenti wara d-Data tar-Rappurtar.

<sup>7</sup> Ara l-IPSAS Nru 14 — Avvenimenti wara d-Data tar-Rappurtar.

finanzjarji li jkunu ħielsa minn kwalunkwe dikjarazzjoni skorretta materjali, sew jekk minħabba frodi u sew jekk minħabba xi żball. Il-maniġment huwa responsabbli wkoll milli jiżgura li l-attivitajiet, it-tranżazzjonijiet finanzjarji u l-informazzjoni riflessi fir-rapporti finanzjarji jkunu jikkonformaw mal-awtoritajiet (liġijiet, regolamenti, prinċipji, regoli u standards) li jirregolawhom. Il-Kummissjoni hija fl-aħħar mill-aħħar responsabbli għal-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet tal-UE (l-Artikolu 317 tat-TFUE).

**XXII.** Fit-tnejn tal-kontijiet konsolidati, il-maniġment huwa responsabbli milli jivvaluta l-kapaċità tal-UE li tkompli bħala negozju avvjat, filwaqt li jiddivulga kull kwistjoni rilevanti u juża l-bażi kontabilistika ta' negozju avvjat, dment li ma jkunx biħsiebu jillikwida l-entità jew itemm l-operazzjonijiet, jew inkella ma jkollu l-ebda alternattiva realistika ħlief li jagħmel dan.

**XXIII.** Il-Kummissjoni hija responsabbli mis-sorveljanza tal-proċess ta' rappurtar finanzjarju tal-UE.

**XXIV.** Skont ir-Regolament Finanzjarju (it-Titolu XIII), l-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni jrid jippreżenta l-kontijiet konsolidati tal-UE biex jiġu awditjati, l-ewwel bħala kontijiet proviżorji sal-31 ta' Marzu tas-sena ta' wara u mbagħad bħala kontijiet finali sal-31 ta' Lulju. Il-kontijiet proviżorji jridu diġà jippreżentaw stampa vera u ġusta tal-pożizzjoni finanzjarja tal-UE. Għalhekk, huwa imperattiv li l-entrati kollha tal-kontijiet proviżorji jiġu ppreżentati bħala kalkoli finali, biex b'hekk aħna nkunu nistgħu nwettqu l-kompitu tagħna f'konformità mat-Titolu XIII) tar-Regolament Finanzjarju u sad-dati ta' skadenza mogħtija. Kull bidla bejn il-kontijiet proviżorji u dawk finali normalment tkun tirriżulta mill-osservazzjonijiet tagħna biss.

#### **Responsabbiltajiet tal-awditur għall-awditjar tal-kontijiet konsolidati u tat-tranżazzjonijiet ta' bażi**

**XXV.** L-oġettivi tagħna huma li niksbu aċċertament raġonevoli dwar jekk il-kontijiet konsolidati tal-UE jkunux ħielsa minn kwalunkwe dikjarazzjoni skorretta materjali u dwar jekk it-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati jkunux legali u regolari u li, fuq il-bażi tal-awditu tagħna, nipprovdu lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill b'dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati. Aċċertament raġonevoli huwa aċċertament ta' livell għoli, iżda mhux garanzija li l-awditu jkun neċessarjament qabad il-każijiet kollha ta' dikjarazzjoni skorretta materjali jew nuqqas ta' konformità meta dawn ikunu jeżistu. Dawn jistgħu jiġu kkaġunati minn frodi jew minn xi żball u jitqiesu materjali jekk, individwalment jew flimkien, jistgħu jkunu mistennija, b'mod raġonevoli, li jinfluwenzaw kull deċiżjoni ekonomika li tittieħed fuq il-bażi ta' dawn il-kontijiet konsolidati.

**XXVI.** Għad-dħul, l-eżaminar tagħna tal-VAT u tar-riżorsi proprji bbażati fuq l-ING jieħu bħala l-punt tat-tluq tiegħu l-aggregati makroekonomiċi li fuqhom dawn jiġu kkalkulati, u jivvaluta s-sistemi tal-Kummissjoni għall-ipproċessar tagħhom sal-punt li fih il-kontribuzzjonijiet mill-Istati Membri jkunu ġew riċevuti u rreġistrati fil-kontijiet konsolidati. Għar-riżorsi proprji tradizzjonali, aħna neżaminaw il-kontijiet tal-awtoritajiet doganali u nanalizzaw il-fluss tad-dazji sakemm l-ammonti jkunu ġew riċevuti mill-Kummissjoni u rreġistrati fil-kontijiet.

**XXVII.** Għall-infiq, aħna neżaminaw it-tranżazzjonijiet ta' pagament ladarba l-infiq ikun ġie mġarrab, irreġistrat u aċċettat. Dan l-eżaminar ikopri l-kategoriji kollha ta' pagamenti fil-punt meta jsiru, ħlief il-pagamenti bil-quddiem. Aħna neżaminaw il-pagamenti bil-quddiem ladarba r-riċevitur tal-fondi jkun ipprovda evidenza dwar l-użu xieraq tagħhom u l-istituzzjoni jew il-korp ikunu aċċettaw dik l-evidenza billi japprovaw il-pagament bil-quddiem, u dan għandu mnejn ma jseħħ qabel is-sena sussegwenti.

**XXVIII.** Aħna neżerċitaw ġudizzju professjonali u nżommu xettiċiżmu professjonali tul l-awditu. Barra minn hekk, aħna:

- (a) Nidentifikaw u nivvalutaw ir-riskji ta' dikjarazzjoni skorretta materjali tal-kontijiet konsolidati u ta' nuqqas ta' konformità materjali mit-tranżazzjonijiet ta' bażi mar-rekwiżiti tal-liġi tal-UE, sew jekk minħabba frodi u sew jekk minħabba xi żball. Aħna nfasslu u nwettqu proċeduri tal-awditjar li jirrispondu għal dawk ir-riskji, u niksbu evidenza għall-awditjar li tkun suffiċjenti u adegwata biex tipprovdi bażi għall-opinjoni tagħna. Każijiet ta' dikjarazzjoni skorretta materjali jew ta' nuqqas ta' konformità b'riżultat ta' frodi huma aktar diffiċli biex jinqabdu minn dawk li jkunu b'riżultat ta' żball, billi frodi tista' tinvolvi kollużjoni, falsifikazzjoni, omissjonijiet intenzjonali, rappreżentazzjonijiet żbaljati, jew li jinqabeż il-kontroll intern. B'konsegwenza ta' dan, hemm riskju akbar li dawn il-każijiet ma jinqabdux.
- (b) Niksbu fehim tal-kontroll intern rilevanti għall-awditu sabiex infasslu proċeduri tal-awditjar li jkunu xierqa, iżda mhux bl-iskop li nagħtu opinjoni dwar l-effettività tal-kontroll intern.
- (c) Nevalwaw l-adegwatezza tal-politiki kontabilistiċi li jintużaw mill-maniġment, kif ukoll ir-raġonevolezza tal-istimi kontabilistiċi u d-divulgazzjonijiet relatati li jsiru minn dawn tal-aħħar.

- (d) Nilĥqu konklużjoni dwar l-adegwatezza tal-użu mill-maniġment tal-bażi kontabilistika ta' negozju avvjat u, abbażi tal-evidenza għall-awditjar miksuba, dwar jekk tkunx teżisti inċertezza materjali minħabba avvenimenti jew kundizzjonijiet li jistgħu jixħtu dubju sinifikanti fuq il-kapaċità ta' entità li tkompli bħala negozju avvjat. Jekk nikkonkludu li tkun teżisti inċertezza materjali bħal din, aħna meħtieġa niġbdu l-attenzjoni, fir-rapport tagħna, għad-divulgazzjonijiet relatati fil-kontijiet konsolidati jew, jekk dawn id-divulgazzjonijiet ma jkunux adegwati, nimmodifikaw l-opinjoni tagħna. Il-konklużjonijiet tagħna huma bbażati fuq l-evidenza għall-awditjar miksuba sad-data tar-rapport tagħna. Madankollu, avvenimenti jew kundizzjonijiet futuri jistgħu jwasslu biex l-entità ma tkomplix bħala negozju avvjat.
- (e) Nevalwaw il-preżentazzjoni, l-istruttura u l-kontenut ġenerali tal-kontijiet konsolidati, inklużi d-divulgazzjonijiet kollha, u nivvalutaw jekk il-kontijiet konsolidati jkunux jirrappreżentaw it-tranżazzjonijiet u l-avvenimenti ta' bażi b' mod ġust.
- (f) Niksbu evidenza adegwata u suffiċjenti għall-awditjar rigward l-informazzjoni finanzjarja dwar l-entitajiet koperti mill-ambitu tal-konsolidazzjoni tal-UE biex nesprimu opinjoni dwar il-kontijiet konsolidati u t-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati. Aħna għandna r-responsabbiltà li nidderieġu, nissorveljaw u nwettqu l-awditu, u aħna unikament responsabbli għall-opinjoni tal-awditjar li nagħtu.

**XXIX.** Aħna nikkomunikaw mal-maniġment rigward, fost oħrajn, l-ambitu u t-twaqqit ippjanati tal-awditu u dwar sejbiet sinifikanti tal-awditjar, inklużi sejbiet dwar kwalunkwe defiċjenza sinifikanti fil-kontroll intern.

**XXX.** Mill-kwistjonijiet li ddiskutejna mal-Kummissjoni u ma' entitajiet oħra awditjati, aħna niddeterminaw dawk li kienu tal-akbar sinifikat fl-awditjar tal-kontijiet konsolidati, u li għalhekk huma l-kwistjonijiet ewlenin tal-awditjar għall-perjodu attwali. Aħna niddeskrivu dawn il-kwistjonijiet fir-rapport tagħna, dment li l-liġi jew ir-regolament ma jkunux jipprekludu d-divulgazzjoni pubblika jew meta, f'każijiet rari ħafna, aħna niddeterminaw li kwistjoni ma għandhiex tiġi kkomunikata fir-rapport tagħna minħabba li l-konsegwenzi avversi jekk dan isir ikunu mistennija, b' mod raġonevoli, li jkunu akbar mill-benefiċċji għall-interess pubbliku.

L-24 ta' Settembru 2020

Klaus-Heiner LEHNE  
Il-President

Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri  
12, rue Alcide De Gasperi – L-1615 Luxembourg

# Introduzzjoni

## Ir-rwol tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri

**1.1.** Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri hija l-awditur indipendenti tal-Unjoni Ewropea. Skont it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE)<sup>8</sup>, aħna:

- (a) nagħtu l-opinjoni tagħna dwar il-kontijiet tal-UE;
- (b) nivverifikaw jekk il-baġit tal-UE jintużax skont il-liġijiet u r-regolamenti applikabbli;
- (c) nirrappurtaw dwar jekk l-infiq tal-UE huwiex ekonomiku, effiċjenti u effettiv<sup>9</sup>; kif ukoll
- (d) nagħtu parir dwar proposti għal leġislazzjoni b'impatt finanzjarju.

**1.2.** Ix-xogħol tagħna għad-*dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni* (spjegat fl-*Anness 1.1*) jippermettilna nilħqu l-ewwel u t-tieni objettivi ta' hawn fuq. Għas-sena finanzjarja 2019, iddeċidejna li nippreżentaw l-aspetti tal-implimentazzjoni tal-baġit relatati mal-prestazzjoni (l-ekonomija, l-effiċjenza u l-effettività tal-infiq) f'rapport annwali separat dwar il-prestazzjoni<sup>10</sup>. Meħud fit-totalità tiegħu, ix-xogħol tal-awditjar li nwettqu jipprovdi wkoll kontribut importanti għall-opinjoni li nagħtu dwar proposti għal leġislazzjoni.

**1.3.** Dan il-kapitolu tar-rapport annwali:

- (a) jiddeskrivi l-kuntest għad-*dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni* tagħna u jagħti stampa ġenerali tas-sejbiet u l-konklużjonijiet tagħna dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet u r-*regolarità tat-tranżazzjonijiet*;
- (b) jinkludi informazzjoni dwar każijiet ta' frodi suspettata li nirrappurtaw lill-OLAF;
- (c) jagħti sinteżi tal-approċċ tal-awditjar tagħna (ara l-*Anness 1.1*).

<sup>8</sup> L-Artikoli 285 sa 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) (ĠU C 326, 26.10.2012, p. 47).

<sup>9</sup> Ara l-glossarju: *Ġestjoni finanzjarja tajba*

<sup>10</sup> Ara r-Rapport Annwali 2019 tagħna dwar il-prestazzjoni.

**1.4.** Il-lockdown b'rispons għall-kriżi tal-COVID-19 seħħ qabel ma konna kkompletajna x-xogħol tal-awditjar tagħna għal dan ir-rapport annwali u d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni. Huwa laqat il-kapaċità tagħna li niksbu l-evidenza għall-awditjar meħtieġa għal xi partijiet minn xogħolna. Meta r-restrizzjonijiet fuq l-ivvjaġġar ma ppermettulniex li nwettqu kontrolli fuq il-post, aħna wettaqna proċeduri alternattivi tal-awditjar, bħal analiżijiet mhux fuq il-post. Dan ippermettielna niksbu evidenza xierqa suffiċjenti biex nikkompletaw ix-xogħol tal-awditjar tagħna u nħejju d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni u l-valutazzjonijiet speċifiċi għar-Rapport Annwali 2019 mingħajr limitazzjonijiet fuq l-ambitu.

### **L-infiq tal-UE huwa għodda sinifikanti għall-ilħuq tal-objettivi ta' politika**


**1.5.** L-infiq tal-UE huwa għodda importanti – iżda mhuwiex l-unika waħda – għall-ilħuq tal-objettivi ta' politika. Għodod importanti oħra jinkludu l-użu ta' leġiżlazzjoni u l-moviment liberu ta' oġġetti, servizzi, kapital u persuni madwar l-UE. FI-2019, l-infiq tal-UE ammonta għal EUR 159,1 biljun<sup>11</sup>, li jirrappreżenta 2,1 % tal-infiq totali tal-gvernijiet estenzi tal-Istati Membri tal-UE u 1,0 % tal-introjtu nazzjonali gross ikkombinat tagħhom (ara l-*Kaxxa 1.1*).

---

<sup>11</sup> Ara l-kontijiet annwali konsolidati tal-UE għall-2019, ir-rapporti dwar l-implimentazzjoni tal-baġit u n-noti ta' spjegazzjoni, 4.3 QFP: Implimentazzjoni tal-*approprjazzjonijiet* ta' pagament.

### Kaxxa 1.1

#### L-infiq tal-UE fl-2019 bħala perċentwal tal-introjtu nazzjonali gross (ING) u tal-infiq tal-gvernijiet estiżi




Sors: ING tal-Istati Membri: Kontijiet annwali tal-Kummissjoni Ewropea għall-2019 – Anness A – Dħul; Infiq tal-gvernijiet estiżi tal-Istati Membri: l-Eurostat — il-kontijiet nazzjonali annwali; l-infiq tal-UE: il-Kummissjoni Ewropea – il-kontijiet annwali konsolidati tal-Unjoni Ewropea għall-2019.

**1.6.** Il-fondi tal-UE jiġu żborżati lill-benefiċjarji jew permezz ta' pagamenti uniċi/pagamenti akkont annwali jew inkella permezz ta' sensiela ta' pagamenti fi ħdan skemi ta' nfiq pluriennali. Il-pagamenti li saru mill-baġit tal-UE 2019 ammontaw għal EUR 126,2 biljun li kienu jikkonsistu f'pagamenti uniċi, *interim* jew finali, kif ukoll fi prefinanzjament ta' EUR 32,9 biljun. Kif jidher fil-**Kaxxa 1.2**, l-akbar sehem mill-baġit tal-UE ġie allokat għall-Intestatura "Riżorsi naturali", segwita mill-Intestaturi "Koeżjoni" u "Kompetittività".



## Kaxxa 1.2

## Pagamenti fl-2019 skont l-intestatura tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP)



Sors: il-QEA.

# Sejbiet tal-awditjar għas-sena finanzjarja 2019

## Affidabbiltà tal-kontijiet

Il-kontijiet ma kinux milquta minn dikjarazzjonijiet skorretti materjali

**1.7.** L-osservazzjonijiet tagħna jikkonċernaw il-kontijiet konsolidati (il-“kontijiet”)<sup>12</sup> tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2019. Aħna rċevjenhom, flimkien mal-ittra tar-rappreżentazzjonijiet tal-uffiċjal tal-kontabbiltà, fis-26 ta’ Ġunju 2020, qabel id-data finali għall-preżentazzjoni stabbilita bir-Regolament Finanzjarju<sup>13</sup>. Il-kontijiet huma akkumpanjati minn “Diskussjoni u Analiżi tar-Rapport Finanzjarju”<sup>14</sup>. Din l-analiżi mhijiex koperta mill-opinjoni tal-awditjar tagħna. Madankollu, skont l-istandards tal-awditjar, aħna wettaqna valutazzjoni tal-konsistenza tagħha mal-informazzjoni fil-kontijiet.

---

<sup>12</sup> Il-kontijiet konsolidati jinkludu:

- (a) ir-rapporti finanzjarji konsolidati li jkopru l-karta tal-bilanċ (li tippreżenta l-assi u l-obbligazzjonijiet fi tmiem is-sena), ir-rapport tal-prestazzjoni finanzjarja (li jirrikonoxxi l-introjtu u l-ispejjeż tas-sena), ir-rapport tal-flussi tal-flus (li jiddivulga kif il-bidliet fil-kontijiet jaffettwaw il-flus kontanti u l-ekwivalenti ta’ flus kontanti) u r-rapport tal-bidliet fl-assi netti kif ukoll in-noti għar-rapporti finanzjarji;
- (b) ir-rapporti dwar l-implimentazzjoni tal-baġit li jkopru d-dħul u l-infiq għas-sena, kif ukoll in-noti relatati.

<sup>13</sup> Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta’ Lulju 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2012, p. 1).

<sup>14</sup> Ara l-Linja Gwida ta’ Prattika Rakkomandata 2 (RPG 2) intitolata “Diskussjoni u Analiżi tar-Rapport Finanzjarju”, tal-Bord dwar l-Istandards Internazzjonali tal-Kontabbiltà għas-Settur Pubbliku (IPSASB).

**1.8.** Il-kontijiet ippubblikati mill-Kummissjoni juru li, fil-31 ta' Diċembru 2019, l-obbligazzjonijiet totali kienu jammontaw għal EUR 251,5 biljun meta mqabbla ma' assi totali ta' EUR 178,9 biljun<sup>15</sup>. Ir-riżultat ekonomiku għall-2019 kien ta' EUR 4,8 biljun.

**1.9.** L-awditu li wettaqna sab li l-kontijiet ma kinux milquta minn dikjarazzjonijiet skorretti materjali. Minbarra dan, aħna nippreżentaw l-osservazzjonijiet tagħna dwar il-ġestjoni finanzjarja u baġitarja tal-fondi tal-UE fil-Kapitolu 2.

## **Kwistjonijiet ewlenin tal-awditjar relatati mar-rapporti finanzjarji 2019**

**1.10.** Il-kwistjonijiet ewlenin tal-awditjar huma dawk li, fil-ġudizzju professjonali tagħna, kienu tal-akbar sinifikat fl-awditu li wettaqna tar-rapporti finanzjarji tal-perjodu attwali. Dawn il-kwistjonijiet ġew indirizzati fil-kuntest tal-awditu tagħna tar-rapporti finanzjarji fl-intier tagħhom kif ukoll aħna u nifformulaw l-opinjoni tagħna dwarhom, iżda ma nipprovdex opinjoni separata dwar dawn il-kwistjonijiet. Skont l-Istandard Internazzjonali tal-Istituzzjonijiet Supremi tal-Awditjar (ISSAI) 2701<sup>16</sup>, aħna nirrapurtaw dwar kwistjonijiet ewlenin tal-awditjar fid-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni tagħna.

## **Regolarità tat-tranżazzjonijiet**

**1.11.** Aħna neżaminaw id-dħul u l-infiq tal-UE biex nivvalutaw jekk dawn ikunux konformi mal-liġijiet u r-regolamenti applikabbli. Ir-riżultati tal-awditjar tagħna għad-dħul huma ppreżentati fil-Kapitolu 3 u għall-infiq fil-Kapitolu 4 sa 9.

## **L-awditu li wettaqna jkopri tranżazzjonijiet tad-dħul u tal-infiq li fuqhom huma bbażati l-kontijiet**

**1.12.** Għad-dħul, aħna ksibna aċċertament għall-opinjoni tal-awditjar tagħna billi vvalutajna s-sistemi ewlenin magħżula, ikkomplementati bi ttestjar tat-tranżazzjonijiet. Il-kampjun ta' tranżazzjonijiet eżaminati kien maħsub biex ikun rappreżentattiv tas-

<sup>15</sup> Id-differenza ta' EUR 72,5 biljun kienet tirrappreżenta l-assi netti (negattivi) li jinkludu riżervi u dik il-parti tal-ispejjeż li l-UE kienet diġà ġarrbet sal-31 ta' Diċembru u li trid tiġi ffinanzjata minn baġits futuri.

<sup>16</sup> ISSAI 2701 Communicating Key Audit Matters in the Independent Auditor's Report.

sorsi kollha ta' dħul, li jinkludi tliet kategoriji ta' riżorsi proprji u dħul minn sorsi oħra. (ara l-paragrafi 3.2-3.3).

**1.13.** Għall-infiq, aħna fassalna u ttestjajna kampjun rappreżentattiv ta' tranżazzjonijiet biex nikkontribwixxu għad-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni tagħna u biex nistmaw il-proporzjon ta' tranżazzjonijiet irregolari fil-popolazzjoni kumplessiva li awditjajna, fi nfiq b'riskju għoli u fi nfiq b'riskju baxx kif ukoll f'kull QFP fejn aħna nipprovdu valutazzjoni speċifika (il-Kapitoli 4, 5, 6 u 9).


**1.14.** Għall-infiq, it-tranżazzjonijiet ta' bażi jinkludu trasferimenti ta' fondi mill-baġit tal-UE lir-*riċevituri finali* tal-infiq tal-UE. Aħna neżaminaw l-infiq fil-mument meta r-riċevituri finali tal-fondi tal-UE jkunu wettqu attivitajiet jew ġarrbu spejjeż, u meta l-Kummissjoni tkun aċċettat l-infiq ("*infiq aċċettat*"). Fil-prattika, dan ifisser li l-popolazzjoni tagħna ta' tranżazzjonijiet tkopri l-pagamenti *interim* u dawk finali. Aħna ma eżaminajniex il-pagamenti ta' prefinanzjament ħlief jekk kienu ġew approvati fl-2019.

**1.15.** Il-modifiki għal-leġiżlazzjoni tal-perjodu 2014-2020 għal "Koeżjoni" kellhom impatt fuq dak li l-Kummissjoni tqis li huwa "nfiq aċċettat" f'dan il-qasam. Mill-2017 'il hawn, il-popolazzjoni li awditjajna għal din l-intestatura tal-QFP kienet tikkonsisti, għall-perjodu 2014-2020, fi nfiq inkluż fil-kontijiet li jiġu aċċettati annwalment mill-Kummissjoni (ara l-paragrafu (15) tal-*Anness 1.1* u l-paragrafi 5.8-5.9) u, għall-perjodu 2007-2013, f'pagamenti finali (inklużi prefinanzjamenti li diġà kienu ġew approvati). Dan ifisser li aħna ttestjajna tranżazzjonijiet li għalihom kien jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu implimentaw l-azzjonijiet rilevanti kollha biex jikkoreġu żbalji li huma stess kienu identifikaw.

**1.16.** Il-popolazzjoni li awditjajna għall-2019 kienet tammonta għal total ta' EUR 126,1 biljun. Il-*Kaxxa 1.3* turi din is-somma ripartita f'pagamenti uniċi, *interim* (fejn ikunu ġew aċċettati mill-Kummissjoni) u finali; approvazzjonijiet ta' prefinanzjamenti; u deċiżjonijiet annwali dwar l-aċċettazzjoni tal-kontijiet.

## Kaxxa 1.3

Tqabbil bejn il-popolazzjoni li awditjajna (EUR 126,1 biljun) u l-infiq tal-UE (EUR 159,1 biljun) skont l-intestatura tal-QFP fl-2019




(\*) Għal "Koeżjoni", l-ammont ta' EUR 52,0 biljun f'prefinanzjamenti jinkludi pagamenti *interim* għall-perjodi ta' programmazzjoni 2014-2020 li jammontaw għal EUR 41,6 biljun. F'konformità mal-approċċ tagħna għal dan il-qasam, dawn il-pagamenti ma jagħmlux parti mill-popolazzjoni li awditjajna għar-Rapport Annwali 2019.

Sors: il-QEA.

**1.17.** Il-*Kaxxa 1.4* turi li l-Intestatura “Riżorsi naturali” tikkostitwixxi l-akbar sehem mill-popolazzjoni kumplessiva taġna (47,2 %), segwita minn “Koeżjoni” (22,5 %) u “Kompetittività” (13,2 %).

#### Kaxxa 1.4

#### Stampa ġenerali tal-popolazzjoni li awditjajna ta' EUR 126,1 biljun għall-2019 skont l-intestatura tal-QFP



Sors: il-QEA.

#### L-iżball qed ikompli jkun preżenti f'tipi speċifiċi ta' nfiq


**1.18.** F'dak li jikkonċerna r-regolarità tad-dħul u l-infiq tal-UE, is-sejbiet ewlenin taġna kienu:

- (a) L-evidenza kumplessiva għall-awditjar tindika li d-dħul kien ħieles minn żball materjali. Is-sistemi relatati mad-dħul li aħna eżaminajna kienu, kumplessivament, effettivi. Il-kontrolli interni ewlenin tar-*riżorsi proprji tradizzjonali* (RPT) li vvalutajna fi ħdan il-Kummissjoni (ara l-paragrafi 3.10 u 3.18) u f'ċerti Stati Membri (ara l-paragrafi 3.8 u 3.9) kienu parzjalment effettivi (ara l-paragrafu 3.24). Aħna sibna wkoll li l-kontrolli mwettqa mill-Istati Membri biex jitnaqqas in-“nuqqas doganali” (jiġifieri l-ammonti evażi li ma jkunux inqabdu mis-sistemi kontabilistiċi tal-RPT tal-Istati Membri) fihom dgħufijiet importanti li jeħtieġu azzjoni mill-UE.

- (b) Għall-infiq, l-evidenza tagħna għall-awditjar tindika li l-livell kumplessiv ta' żball kien materjali f'rata ta' 2,7 %<sup>17</sup> (ara l-**Kaxxa 1.5**). “Koeżjoni” kienet l-akbar kontributor għal din ir-rata b'(36,3 %), segwita minn “Riżorsi naturali” (32,2 %), “Kompetittività” (19,1 %) u “Ewropa Globali” (10,3 %). Qed ikompli jkun hemm żball materjali fi nfiq b'riskju għoli, li ta' sikwit ikun suġġett għal regoli kumplessi u prinċipalment ibbażat fuq rimborżi (ara l-paragrafi **1.21-1.22**). Nefqa ta' dan it-tip kienet tirrappreżenta 53,1 % tal-popolazzjoni li awditjajna (ara l-**Kaxxa 1.5**).

## Kaxxa 1.5

### Livell ta' żball stmat (2017 sa 2019)



Sors: il-QEA.

**Żball** huwa ammont ta' flus li ma kellhomx jitħallsu mill-baġit tal-UE. Żbalji jsejnhu meta l-flus ma jintużawx skont il-leġiżlazzjoni rilevanti tal-UE u b'hekk mhux kif kien maħsub mill-Kunsill u mill-Parlament Ewropew meta adottaw din il-leġiżlazzjoni, jew meta l-flus ma jintużawx skont regoli nazzjonali speċifiċi.

<sup>17</sup> Aħna nistgħu naffermaw, bi grad ta' fiduċja ta' 95 %, li l-livell ta' żball stmat fil-popolazzjoni jinsab bejn 1,8 % u 3,6 % (il-limiti inferjuri u superjuri tal-livell ta' żball, rispettivament).

## Il-kumplessità tar-regoli u l-mod kif il-fondi tal-UE jiġu żborżati għandhom impatt fuq ir-riskju ta' żball

**1.19.** B'segwitu għal analiżi tar-riskju li wettaqna, u li hija bbażata fuq riżultati tal-awditjar preċedenti u fuq valutazzjoni tas-sistemi ta' ġestjoni u kontroll, aħna qsamna l-popolazzjoni li awditjajna tat-tranżazzjonijiet ta' bażi fi nfiq b'riskju għoli u nfiq b'riskju baxx, u stmajna l-livell ta' żball fit-tnejn li huma. Ir-riżultati tal-awditjar tagħna għall-2019 u s-sejbiet tagħna mis-snin preċedenti jafferemaw mill-ġdid il-valutazzjoni li wettaqna u l-klassifikazzjoni li għamilna tar-riskji: billi jirriflettu l-mod kif il-fondi jiġu żborżati għandu impatt fuq ir-riskju ta' żball.

- Ir-riskju ta' żball huwa aktar baxx għal infiq li jkun suġġett għal regoli simplifikati/inqas kumplessi. Dan it-tip ta' nfiq jinkludi prinċipalment dawk il-**pagamenti bbażati fuq drittijiet**<sup>18</sup>, li għalihom il-benefiċjarji jridu jissodisfaw ċerti kundizzjonijiet li, madankollu, mhumiex kumplessi żżejjed.
- Ir-riskju ta' żball huwa għoli għall-infiq li huwa suġġett għal regoli kumplessi. Dan huwa l-każ prinċipalment għal **pagamenti bbażati fuq rimborżi** fejn il-benefiċjarji jridu jippreżentaw talbiet għal spejjeż eliġibbli li jkunu ġarrbu. Għal din il-fini, kif ukoll biex juru li jkunu involuti f'attività eliġibbli għall-appoġġ, huma jridu jipprovdu evidenza tal-ispejjeż rimborżabbli li jkunu ġarrbu. Meta jagħmlu dan, huma jridu ta' sikwit isegwu regoli kumplessi rigward x'jista' jintalab (eliġibbiltà) u kif l-ispejjeż jistgħu jiġġarrbu b'mod xieraq (regoli dwar l-akkwist pubbliku jew dwar l-għajjnuna mill-Istat).

**1.20.** FI-2019, aħna komplejna nsibu li l-infiq b'riskju baxx kien ħieles minn żball materjali, iżda li l-infiq b'riskju għoli kien għadu milqut minn żball materjali (ara l-**Kaxxa 1.6**). Madankollu, il-proporzjon tal-infiq milqut minn żball materjali żdied meta mqabbel mat-tliet snin ta' qabel.


---

<sup>18</sup> L-infiq ibbażat fuq drittijiet jinkludi n-nefqa amministrattiva.



## Kaxxa 1.6

### Ripartizzjoni tal-popolazzjoni li awditjajna għall-2019, fi nfiq b'riskju baxx u nfiq b'riskju għoli



Sors: il-QEA.


#### Aktar minn nofs il-popolazzjoni li awditjajna hija milquta minn żball materjali

**1.21.** L-infiq b'riskju għoli jirrappreżenta 53,1 % tal-popolazzjoni li awditjajna, u żdied meta mqabbel mas-sena l-oħra, meta kien jirrappreżenta madwar 50 % tal-popolazzjoni li awditjajna. Il-proporzjon ogħla ta' nfiq b'riskju għoli din is-sena huwa dovut l-aktar għal żieda ta' EUR 4,8 biljun fil-popolazzjoni li awditjajna għal "Koeżjoni". Il-**Kaxxa 1.7** turi li l-Intestatura "Koeżjoni" tikkostitwixxi l-akbar sehem mill-popolazzjoni b'riskju għoli li awditjajna (EUR 28,4 biljun), segwita minn "Riżorsi Naturali" (EUR 18,1 biljun) u "Kompetittività" (EUR 10,7 biljun).

**1.22.** Aħna nistmaw li l-livell ta' żball f'dan it-tip ta' nfiq huwa ta' 4,9 % (2018: 4,5 %), li huwa ogħla mis-soll ta' materjalità ta' 2,0 % (ara l-**Kaxxa 1.6**). Din iċ-ċifra tirriżulta mill-ittestjar li wettaqna ta' nfiq b'riskju għoli taħt l-intestaturi rilevanti kollha tal-QFP.

## Kaxxa 1.7

### Ripartizzjoni tal-infiq b'riskju għoli skont l-intestatura tal-QFP



Sors: il-QEA.

### 1.23.

“Koeżjoni” (il-Kapitolu 5): in-nefqa f’dan il-qasam tiġi implimentata prinċipalment permezz tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond ta’ Koeżjoni u l-Fondi Soċjali Ewropej. Din hija predominata minn rimborżi, li aħna nqisu li huma b’riskju għoli. It-tipi prinċipali ta’ żball li sibna u kkwantifikajna kienu proġetti ineliġibbli u ksur tar-regoli tas-suq intern (b’mod partikolari nuqqas ta’ konformità mar-regoli dwar l-akkwist pubbliku).

### 1.24.

“Riżorsi naturali” (il-Kapitolu 6): għall-oqsma ta’ nfiq li aħna konna identifikkaw bħala li huma ta’ riskju ogħla (żvilupp rurali, miżuri tas-suq, sajd, ambjent u azzjoni klimatika), li jirrappreżentaw madwar 30 % tal-pagamenti taħt din l-intestatura, għal darb’oħra sibna livell materjali ta’ żball. In-nefqa f’dawn l-oqsma prinċipalment tiegħu l-forma ta’ rimborż u hija suġġetta għal kundizzjonijiet ta’ eliġibbiltà li ta’ sikwit ikunu kumplessi. Benefiċjarji, attivitajiet jew spejjeż iddikjarati ineliġibbli huma l-aktar żbalji komuni misjuba f’dan il-qasam.

### 1.25.

“Kompetittività” (il-Kapitolu 4): bħal fi snin preċedenti, in-nefqa għar-riċerka tibqa’ b’riskju għoli u hija s-sors prinċipali ta’ żball. L-iżbalji maqbuda fl-infiq fuq ir-riċerka jinkludu kategoriji differenti ta’ spejjeż ineliġibbli (b’mod partikolari, *spejjeż diretti għall-persunal u spejjeż diretti oħra, spejjeż indiretti u spejjeż relatati mas-sottokuntrattar*).

### 1.26.


“Ewropa Globali” (il-Kapitolu 8): in-nefqa tiegħu l-forma ta’ għajjnuna bl-użu ta’ firxa wiesgħa ta’ metodi ta’ twassil bħal: kuntratti ta’ xogħlijiet, provvisti u servizzi; għotjiet; ftehimiet ta’ kontribuzzjoni u ta’ delega, u appoġġ baġitarju. Hija fil-biċċa l-kbira bbażata fuq rimborżi u tkopri azzjonijiet esterni ffinanzjati mill-baġit ġenerali tal-UE. It-tipi kollha ta’ nfiq taħt din l-intestatura huma meqjusa bħala b’riskju għoli, ħlief għall-pagamenti relatati mal-appoġġ baġitarju, li jirrappreżentaw madwar 10 % ta’ dan l-infiq. Il-biċċa l-kbira mill-iżbalji misjuba f’dan il-qasam jikkonċernaw: l-akkwist pubbliku, il-proċeduri għall-għoti ta’ għotjiet, in-nuqqas ta’ dokumenti ta’ sostenn, u l-ispejjeż ineliġibbli.

**L-iżbalji ta’ eliġibbiltà għadhom l-akbar kontributor għal-livell ta’ żball stmat għall-infiq b’riskju għoli**

**1.27.** Bħal fi snin reċenti, aħna ffukajna aktar mill-qrib fuq it-tipi ta’ żball li jinstabu fi nfiq b’riskju għoli, billi dan huwa fejn hemm livell materjali ta’ żball persistenti. Il-**Kaxxa 1.8** turi l-kontribut ta’ kull tip ta’ żball għal-livell ta’ żball stmat għall-2019 fir-rigward ta’ nfiq b’riskju għoli, flimkien mal-istimi għall-2018 u l-2017.

## Kaxxa 1.8

## Kontribut għal-livell ta' żball stmat għall-2019, fir-rigward ta' nfiq b'riskju għoli, skont it-tip ta' żball



Sors: il-QEA.

**1.28.** Bħal fi snin preċedenti, l-iżbalji ta' eliġibbiltà (jiġifieri spejjeż ineliġibbli li kienu inklużi fit-talbiet dwar l-ispejjeż 40 %, u fi proġetti, attivitajiet jew benefiċjarji ineliġibbli 34 %) kienu dawk li l-aktar li kkontribwew għal-livell ta' żball stmat għall-infiq b'riskju għoli, f'rata ta' 74 % (2018: 68 %).


**1.29.** FI-2019, aħna komplejna nsibu għadd għoli ta' żbalji fir-rigward tal-akkwist pubbliku, ir-regoli dwar l-għajjnuna mill-Istat u l-proċeduri għall-għoti ta' għotjiet, prinċipalment f'"Koeżjoni" u f'"Riżorsi naturali". Dawn l-iżbalji kkontribwew 20 % għal-livell ta' żball stmat minna għal infiq b'riskju għoli (2018: 16 %).

## Aħna ma sibniex livell materjali ta' żball fl-infiq b'riskju baxx

**1.30.** Ibbażat fuq ix-xogħol tal-awditjar tagħna, għall-infiq b'riskju baxx li kien jirrappreżenta 46,9 % tal-popolazzjoni li awditjajna, aħna nikkonkludu li l-livell ta' żball stmat huwa taħt is-soll ta' materjalità tagħna ta' 2,0 %, kif kien il-każ fl-2018. Infiq b'riskju baxx jinkludi prinċipalment il-pagamenti bbażati fuq drittijiet u n-nefqa amministrattiva (ara l-**Kaxxa 1.9**). Il-pagamenti bbażati fuq drittijiet jinkludu fellowships għall-istudenti u għar-riċerka (“Kompetittività” – il-Kapitolu 4), *għajjnuna diretta* għal bdiewa (“Riżorsi naturali” – il-Kapitolu 6) u appoġġ baġitarju lil pajjiżi terzi (“Ewropa Globali” – il-Kapitolu 8). In-nefqa amministrattiva tinkludi prinċipalment is-salarji u l-pensjonijiet tal-ħaddiema taċ-ċivil tal-UE (Amministrazzjoni – il-Kapitolu 9).

### Kaxxa 1.9

#### Ripartizzjoni tal-infiq b'riskju baxx skont l-intestatura tal-QFP



Sors: il-QEA.

## L-informazzjoni dwar ir-regolarità pprovduta mill-Kummissjoni

**1.31.** Skont l-Artikolu 317 tat-TFUE, il-Kummissjoni hija fl-aħħar mill-aħħar responsabbli għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-UE u timmaniġġja l-infiq tal-UE f'kooperazzjoni mal-Istati Membri<sup>19</sup>. Il-Kummissjoni tagħti rendikont tal-azzjonijiet tagħha fi tliet rapporti, li huma inklużi fil-“Pakkett ta’ Rappurtar Finanzjarju Integrat”<sup>20</sup>:

- (a) Il-kontijiet konsolidati tal-Unjoni Ewropea;
- (b) Ir-Rapport Annwali dwar il-Ġestjoni u l-Prestazzjoni (AMPR) għall-baġit tal-UE;
- (c) Ir-rapport dwar is-segwitu għall-kwittanza tas-sena finanzjarja preċedenti.

**1.32.** Taħt l-istrateġija tagħna għall-2018-2020, aħna ddeċidejna li nivvalutaw l-għażliet għall-użu tal-informazzjoni dwar il-legalità u r-regolarità li l-partijiet awditjati kienu pprovdew. Dan ifisser li fil-futur, aħna għandna l-intenzjoni li nipprovdū aċċertament dwar id-dikjarazzjonijiet magħmula mill-(maniġment tal-)Kummissjoni. Dan jibni fuq l-esperjenza li akkwistajna mill-1994 'il hawn fl-applikazzjoni ta' approċċ simili waqt l-awditjar tal-affidabbiltà tal-kontijiet. Għall-awditjar tar-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet, aħna komplejna naħdmu mal-Kummissjoni biex nistabilixxu l-kundizzjonijiet meħtieġa biex isir progress lejn dan l-approċċ. Madankollu, aħna ltqajna ma' diffikultajiet, bħal fir-rigward tad-disponibbiltà ta' informazzjoni f'waqtha u affidabbli, li attwalment qed ifixklu l-progress tagħna. Aħna rrapportajna f'aktar dettall dwar dawn ir-restrizzjonijiet fil-Kapitolu 4 (“Kompetittività”), fil-Kapitolu 5 (“Koeżjoni”) u fil-Kapitolu 8 (“Ewropa Globali”).

## L-istima mill-Kummissjoni tal-livell ta' żball hija fil-lat inferjuri tal-firxa indikata minna

**1.33.** Fl-AMPR, għat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet għall-2019, il-Kummissjoni tippreżenta l-valutazzjoni tagħha tar-riskju fil-waqt tal-pagament. Ir-riskju fil-waqt tal-pagament jirrappreżenta l-istima mill-Kummissjoni tal-ammont li, fil-

<sup>19</sup> L-Artikolu 317 tat-TFUE:

“Il-Kummissjoni għandha timplimenta l-baġit f'kooperazzjoni mal-Istati Membri, skont id-dispożizzjonijiet tar-regolamenti magħmula skont l-Artikolu 322, fuq ir-responsabbiltà tagħha stess u fil-limiti tal-appropriazzjonijiet, b'kunsiderazzjoni tal-prinċipji ta' tmexxija finanzjarja tajba. L-Istati Membri għandhom jikkooperaw mal-Kummissjoni sabiex jassiguraw li l-appropriazzjonijiet ikunu użati skont il-prinċipji ta' tmexxija finanzjarja tajba.”


<sup>20</sup> [https://ec.europa.eu/info/publications/annual-management-and-performance-report-2019\\_en](https://ec.europa.eu/info/publications/annual-management-and-performance-report-2019_en)

mument tal-pagament, kien tħallas mingħajr ma kien skont ir-regoli applikabbli. Dan il-kunċett huwa l-eqreb għall-istima tagħna tal-livell ta' żball.

**1.34.** Il-**Kaxxa 1.10** tippreżenta ċ-ċifri ppreżentati mill-Kummissjoni għar-riskju fil-waqt tal-pagament flimkien mal-firxa tal-livell ta' żball stmat minna. Fil-każ tal-Kummissjoni, ir-riskju fil-waqt tal-pagament għall-2019 huwa ta' 2,1 %, li huwa taħt il-livell ta' żball stmat minna ta' 2,7 % (2018: 2,6 %) u fil-lat inferjuri tal-firxa tagħna, li huwa bejn 1,8 % u 3,6 %.

### Kaxxa 1.10

#### L-istima mill-Kummissjoni tar-riskju fil-waqt tal-pagament bi tqabbil mal-livell ta' żball stmat minna



Sors: il-QEA.

### Hemm xi problemi bil-komponenti tal-istimi li jsiru mill-Kummissjoni

**1.35.** Il-Kummissjoni tuża d-dikjarazzjonijiet ta' assigurazzjoni li jsiru mid-diretturi ġenerali tagħha fir-*rapporti annwali tal-attività* (RAA) tagħhom bħala l-bażi għall-valutazzjoni kumplessiva tagħha tar-riskju fil-waqt tal-pagament għall-oqsma ta' politika differenti. Madankollu, ir-rwol partikolari tal-Kummissjoni, kif inhuwa rifless fil-metodoloġija tagħha, u d-dgħufijiet fil-kontrolli *ex post*, li huma parti kritika tas-sistema ta' kontroll, jolqtu l-istimi tagħha. Dawn huma ż-żewġ raġunijiet prinċipali għalfejn dawn ir-rati jistgħu jvarjaw mil-livelli ta' żball stmati. Il-**Kaxxa 1.11** turi l-bażi li

I-Kummissjoni użat għall-istabbiliment tar-riskju fil-waqt tal-pagament għall-oqsma prinċipali ta' nfiq, bi problemi korrispondenti<sup>21</sup>.

### Kaxxa 1.11

#### L-istima mill-Kummissjoni tar-riskju fil-waqt tal-pagament: bażi u problemi

Qasam ta' politika	Bażi għar-riskju fil-waqt tal-pagament	Problemi
Kompetittività	Is-Servizz tal-Awditjar Komuni (CAS) tal-Kummissjoni jislet kampjun rappreżentattiv tad-dikjarazzjonijiet tal-ispejjeż kull 18-il xahar bħala medja. Għall-2019, il-kampjun kopra l-infiq minn Jannar 2014 sa Frar 2018. Madwar 20 % tal-awditi <i>ex post</i> jitwettqu mill-CAS, u 80 % jitwettqu f'ismu minn ditti privati tal-awditjar.	L-awditi <i>ex post</i> ma jkoprox prinċipalment pagamenti jew approvazzjonijiet li jkunu saru fis-sena rieżaminata tad-Dikjarazzjoni ta' Assigurazzjoni, u mhux dejjem instab li kienu affidabbli <sup>(*)</sup> .
Riżorsi Naturali <sup>(**)</sup>	Statistika ta' kontroll, tal-aġenziji tal-pagamenti fl-Istati Membri, b'aġġustamenti biex jiġi vvalutat ir-riskju fil-waqt tal-pagament.	Il-kontrolli tal-Istati Membri li huma riflessi fl-istatistika ta' kontroll ma jaqbdux l-iżbalji kollha, u jinħtieġu aġġustamenti min-naħa tal-Kummissjoni <sup>(***)</sup> . Ġeneralment, l-aġġustamenti mill-Kummissjoni jkunu bbażati fuq rati fissi. Hemm xi limitazzjonijiet fl-affidabbiltà tar-riżultati tax-xogħol imwettaq mill-korpi taċ-ċertifikazzjoni.

<sup>21</sup> Aħna rrapportajna f'aktar dettall dwar dawn id-dgħufijiet fil-Kapitolu 4 ("Kompetittività"), fil-Kapitolu 5 ("Koeżjoni"), fil-Kapitolu 7 ("Riżorsi Naturali") u fil-Kapitolu 8 ("Ewropa Globali").



Koeżjoni	Ir-rata tal-iżball residwu aggregata, kif riveduta mill-Kummissjoni - l-indikatur ewlieni tal-prestazzjoni (KPI) 5 - għas-sena kontabilistika 2017-18 inkluż l-aġar xenarju possibbli rifless ukoll fl-AMPR.	Mhux dejjem instab li l-kontrolli mwettqa mill-awtoritajiet tal-awditjar kienu affidabbli <sup>(****)</sup> . Jenħtieġ li l-KPI jitqies bħala rata minima, li għadha mhijiex finali.
Ewropa Globali	Studju, ikkummissjonat ta' kull sena, dwar ir-Rata tal-Iżball Residwu (RER). Għall-2019, l-istudju kien ikopri kuntratti li kienu ngħalqu bejn l-1 ta' Settembru 2018 u l-31 ta' Awwissu 2019.	Għadd insuffiċjenti ta' kontrolli fuq il-post fil-pajjiżi fejn jiġu implimentati l-proġetti. Kopertura insuffiċjenti ta' aspetti rilevanti tal-proċeduri ta' akkwist. Ambitu wiesa' biex jiġi stmat l-impatt ta' żbalji individwali. Nuqqas ta' ttestjar sostantiv proprju għat-tranżizzjonijiet li diġà ġew ivverifikati minn oħrajn (dipendenza eċċessiva).

(\*) Aħna ma stajniex inserrġu fuq il-konklużjonijiet fi 17 mill-40 awditu *ex post* li kienu ġew rieżaminati fl-2018 u fl-2019.

(\*\*) Il-problemi ppreżentati taħt "Riżorsi Naturali" jirreferu għall-Politika Agrikola Komuni.

(\*\*\*) L-aġġustamenti bbażati kemm fuq il-kontrolli proprji tal-Kummissjoni kif ukoll fuq ix-xogħol imwettaq mill-korpi taċ-ċertifikazzjoni kienu jirrappreżentaw madwar 56 % tal-istima kumplessiva tagħha għar-"riskju fil-waqt tal-pagament".


(\*\*\*\*) Fit-tliet snin li konna qed neżaminaw l-infiq tal-perjodu 2014-2020, l-għadd ta' pakketti ta' aċċertament li għalihom l-awtoritajiet tal-awditjar irrappurtaw rati tal-iżball residwu mhux affidabbli taħt it-2 % kien konsistentement madwar 50 %, f'termini kemm tal-għadd tal-pakketti kif ukoll tal-infiq li għażilna għall-awditu.

**1.36.** Fil-*Kaxxa 1.12*, aħna nagħmlu tqabbil tal-livell ta' żball stmat minna għal dawk l-intestaturi tal-QFP li għalihom aħna nipprovdu valutazzjoni speċifika mal-istimi li jsiru mill-Kummissjoni<sup>22</sup>.

<sup>22</sup> Billi l-Kummissjoni ma tippreżentax ċifra kumplessiva għar-riskju fil-waqt tal-pagament fir-rigward tal-Intestatura 1a tal-QFP ("Kompetittività") fl-AMPR (il-Kummissjoni taqsamha f'żewġ oqsma ta' politika), aħna kellna niġbru fi gruppi ċ-ċifri li l-Kummissjoni kienet ippreżentat fir-rapporti annwali tal-attività.

## Kaxxa 1.12

### Il-livell ta' żball stmat minna għall-2019 bi tqabbil mar-riskju fil-waqt tal-pagament stmat mill-Kummissjoni għall-intestaturi tal-QFP<sup>(\*)</sup>(<sup>\*\*</sup>)



(\*) Ibbażat ukoll fuq evidenza oħra pprovduta mis-sistema ta' kontroll, aħna nsibu li l-livell ta' żball għal "Riżorsi naturali" huwa qrib is-soll ta' materjalità.

(\*\*) Għal "Amministrazzjoni", la aħna u lanqas il-Kummissjoni ma sibna livell materjali ta' żball.

(\*\*\*) Id-Direttorati Ġenerali u s-servizzi tal-Kummissjoni: ECFIN, GROW, MOVE, ENER, RTD, CNECT, JRC, FISMA, TAXUD, EAC, EASME, EACEA, INEA, ERCEA, REA. Ċerti Direttorati Ġenerali ġew allokati aktar minn intestatura waħda tal-QFP (EACEA, ECHO u INEA).

(\*\*\*\*) EMPL, REGIO, REFORM (ex-SRSS), INEA.

(\*\*\*\*\*) Id-DĠ AGRI, CLIMA, ENV u MARE.

Sors: il-QEA.

**1.37.** It-tqabbil juri li ċ-ċifri tal-Kummissjoni huma taħt l-istimi li wettaqna għal żewġ oqsma ta' politika, li jirrifletti d-dgħufijiet deskritti fil-qosor fil-*Kaxxa 1.11*. Aħna sibna li:

- għal “**Kompetittività**”, l-istima tar-riskju fil-waqt tal-pagament għal din l-intestatura tal-QFP f'rata ta' 1,7 %, li aħna kkalkulajna abbażi tal-informazzjoni fl-AMPR, hija taħt il-livell ta' materjalità u fil-lat inferjuri tal-firxa tal-livell ta' żball stmat minna (ara l-paragrafi 4.35 u 4.38).
- għal “**Koeżjoni**”, l-istima mill-Kummissjoni għal din l-intestatura tal-QFP<sup>23</sup> hija ta' 3,1 %, li jikkonferma li l-livell ta' żball f'dan il-qasam ta' politika huwa materjali. L-istima mill-Kummissjoni hija taħt il-firxa tal-livell ta' żball stmat minna, iżda fi ħdan in-nofs inferjuri tal-firxa ta' żball li użajna (ara l-paragrafi 5.59 u 5.66).

**1.38.** Għal “**Riżorsi naturali**”, l-istima mill-Kummissjoni tar-riskju fil-waqt tal-pagament (1,9 %) hija konsistenti mal-istima li wettaqna (ara l-paragrafi 6.32 u 6.42).

---

<sup>23</sup> Ara t-Tabella B fl-Anness 3 tar-Rapport Annwali dwar il-Ġestjoni u l-Prestazzjoni għall-Baġit tal-UE fl-2019, p. 236.

## Aħna nirrappurtaw każijiet ta' frodi suspettata lill-OLAF

**1.39.** Aħna nqisu li l-frodi hija kwalunkwe att jew ommissjoni intenzjonali relatati mal-użu jew il-preżentazzjoni ta' dikjarazzjonijiet jew dokumenti foloz, mhux korretti jew mhux kompluti, in-nuqqas ta' żvelar ta' informazzjoni meħtieġa u l-użu mhux xieraq tal-fondi tal-UE<sup>24</sup>. Il-frodi għandha l-effett li tagħmel ħsara jew li potenzjalment tagħmel ħsara lill-baġit tal-UE. Skont l-istandards tal-awditjar, ir-responsabbiltà primarja mill-prevenzjoni u d-detezzjoni ta' frodi hija kemm f'idejn il-maniġment kif ukoll f'idejn dawk inkarigati mill-governanza ta' entità. Aħna nieħdu kont tar-riskju ta' frodi qabel ma nniedu proċeduri tal-awditjar (ara l-paragrafi **(28)-(30)** fl-**Anness 1.1**).

**1.40.** Aħna nikkooperaw mill-qrib mal-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) fil-ġlieda kontra l-frodi fil-baġit tal-UE. Aħna ngħaddu lill-OLAF kwalunkwe suspett ta' frodi, korruzzjoni jew attività illegali oħra li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-UE, li nidentifikaw matul ix-xogħol tal-awditjar tagħna (inkluż ix-xogħol tagħna dwar il-prestazzjoni) jew fuq il-bażi tal-informazzjoni pprovduta lilna direttament minn partijiet terzi. L-OLAF imbagħad iwettaq segwitu ta' dawn il-każijiet, jiddeċiedi jekk għandhiex titnieda investigazzjoni u jikkoopera kif meħtieġ mal-awtoritajiet tal-Istati Membri.

**1.41.** FI-2019:

- (a) aħna vvalutajna r-regolarità ta' 747 tranżazzjoni fil-qafas tax-xogħol tal-awditjar li wettaqna għar-rapport annwali u ħriġna 36 rapport speċjali;
- (b) aħna rrapportajna lill-OLAF disa' każijiet ta' frodi suspettata li nstabu matul l-awditi tagħna (fl-2018: disgħa wkoll), li minnhom l-OLAF fetaħ ħames investigazzjonijiet. F'erba' każijiet, l-OLAF iddeċieda li ma jiftaħx investigazzjoni.

<sup>24</sup> L-Artikolu 1(a) tal-Anness tal-Att tal-Kunsill tas-26 ta' Lulju 1995 li jfassal il-Konvenzjoni dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet Ewropej (il-“Konvenzjoni PIF”).

**1.42.** Il-każijiet ta' frodi suspettata li rriżultaw mix-xogħol tagħna fl-2019 li għaddejna lill-OLAF spiss kienu jikkonċernaw suspetti ta' ħolqien artifiċjali tal-kundizzjonijiet meħtieġa biex jinkiseb finanzjament mill-UE, id-dikjarazzjoni ta' spejjeż li ma jissodisfawx il-kriterji ta' eliġibbiltà, jew l-irregolaritajiet fl-akkwist. Xi wħud mill-każijiet ta' frodi suspettata li aħna rrapportajna lill-OLAF kienu jinvolvu bosta irregolaritajiet.

**1.43.** Ibbażat fuq l-informazzjoni li ħarġet mix-xogħol tal-awditjar li wettaqna bejn l-2011 u l-2019, l-OLAF irrakkomanda l-irkupru ta' total ta' EUR 317,7 miljun relatati ma' 29 każ<sup>25</sup>.

---

<sup>25</sup> L-informazzjoni hija pprovdata mill-OLAF u ma tiġix eżaminata minna.

## Konklużjonijiet

**1.44.** Il-funzjoni ewlenija ta' dan il-kapitolu hija li jsostni l-opinjoni tal-awditjar ippreżentata fid-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni.

### Riżultati tal-awditjar

**1.45.** Aħna nikkonkludu li l-kontijiet ma kinux milquta minn dikjarazzjonijiet skorretti materjali.

**1.46.** Fir-rigward tar-regolarità tat-tranżazzjonijiet, aħna nikkonkludu li d-dħul kien ħieles minn żball materjali. Għall-infiq, ir-riżultati tal-awditjar tagħna juru li l-livell ta' żball stmat żdied meta mqabbel mas-sena li għaddiet u huwa ta' 2,7 % (2018: 2,6 %). L-infiq b'riskju għoli (prinċipalment dak ibbażat fuq rimborżi), li ta' sikwit ikun suġġett għal regoli kumplessi, kien milqut minn livell materjali ta' żball. Din is-sena, il-proporzjon ta' dan it-tip ta' nfiq żdied għal 53,1 %, rata li tirrappreżenta parti sostanzjali mill-popolazzjoni li awditjajna. Għall-kuntrarju tat-tliet snin preċedenti, l-iżball għalhekk huwa pervażiv, u din hija l-bażi għal "opinjoni avversa".

# Annessi

## Anness 1.1 – Approċċ u metodoloġija tal-awditjar

1. Dan l-anness jiddeskrivi fil-qosor l-approċċ u l-metodoloġija tal-awditjar tagħna, li jikkonformaw mal-istandards internazzjonali tal-awditjar u jiżguraw li l-opinjoni tal-awditjar tagħna jkunu appoġġati minn evidenza għall-awditjar li tkun suffiċjenti u xierqa. Dan l-anness jirreferi wkoll għad-differenzi prinċipali bejn l-approċċ tal-awditjar tagħna u l-mod kif il-Kummissjoni tistma u tirrapporta dwar il-livell ta' irregolaritajiet<sup>26</sup>, filwaqt li teżerċita dmirietha bħala l-maniġer tal-baġit tal-UE. Għal dan il-fini, aħna nikkjarifikaw kif aħna:
  - nestrapolaw l-iżbalji misjuba (il-paragrafu (6));
  - nistrutturaw il-kapitoli tagħna madwar l-intestaturi tal-QFP (il-paragrafu (8));
  - napplikaw regoli tal-UE u regoli nazzjonali (il-paragrafu (9)) u
  - nikkwantifikaw l-iżbalji fl-akkwist (il-paragrafu (19)).
2. L-approċċ tal-awditjar tagħna huwa deskritt fil-Manwal għall-Awditu Finanzjarju u tal-Konformità, li huwa disponibbli fuq is-sit web tagħna<sup>27</sup>. Aħna nużaw mudell ta' aċċertament biex nippjanaw ix-xogħol tagħna. Fl-ippjanar tagħna, aħna nqisu r-riskju li jseħħu l-iżbalji (riskju inerenti) u r-riskju li l-iżbalji ma jiġux ipprevenuti jew maqbuda u kkoreġuti (riskju tal-kontroll).

### PARTI 1 – Approċċ u metodoloġija tal-awditjar għall-affidabbiltà tal-kontijiet

3. Aħna neżaminaw il-kontijiet konsolidati tal-UE biex niddeterminaw l-affidabbiltà tagħhom. Dawn jikkonsistu:
  - (a) fir-rapporti finanzjarji konsolidati; u
  - (b) fir-rapporti dwar l-implimentazzjoni tal-baġit.
4. Il-kontijiet konsolidati jridu jippreżentaw b'mod xieraq, fl-aspetti materjali kollha:
  - (a) il-pożizzjoni finanzjarja tal-Unjoni Ewropea fi tmiem is-sena;

<sup>26</sup> Ara l-pp. 51-53 tal-AMPR 2019 tal-Kummissjoni.

<sup>27</sup> <https://www.eca.europa.eu/mt/Pages/AuditMethodology.aspx>

- (b) ir-riżultati tal-operazzjonijiet tagħha u l-flussi tal-flus tagħha; u
  - (c) il-bidliet fl-assi netti għas-sena li tkun intemmet.
5. Fl-awditu tagħna, aħna:
- (a) nevalwaw l-ambjent tal-kontroll kontabilistiku;
  - (b) nivverifikaw il-funzjonament ta' proċeduri kontabilistiċi ewlenin u l-proċess ta' għeluq fi tmiem is-sena;
  - (c) nanalizzaw id-*data* kontabilistika prinċipali għall-konsistenza u r-raġonevolezza;
  - (d) nanalizzaw u nirrikonċiljaw il-kontijiet u/jew il-bilanċi;
  - (e) inwettqu testijiet sostantivi ta' impenji, pagamenti u entrati speċifiċi fil-karta tal-bilanċ, ibbażat fuq kampjuni rappreżentattivi;
  - (f) nagħmlu użu minn xogħol ta' awdituri oħra fejn possibbli, skont l-istandards internazzjonali tal-awditjar, partikolarment waqt l-awditjar ta' attivitajiet mutwatarji u mutwanti mmaniġġjati mill-Kummissjoni, u li għalihom ikun hemm disponibbli ċertifikati tal-awditjar estern.

## **PARTI 2 – Approċċ u metodoloġija tal-awditjar għar-regolarità tat-tranżazzjonijiet**

6. L-approċċ attwali tagħna biex neżaminaw jekk it-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet jikkonformawx mar-regoli u r-regolamenti tal-UE huwa li nibbażaw prinċipalment fuq l-ittejtjar dirett tal-konformità għal kampjun kbir u rappreżentattiv ta' tranżazzjonijiet magħżulin b'mod aleatorju. Skont prattiki tal-istatistika aċċettati, l-estrapolazzjoni tar-riżultati ta' kampjun statistiku tipprovdi l-aħjar stima għar-rata ta' żball. Aħna naqsmu l-kampjun tagħna fi nfiq b'riskju għoli u nfiq b'riskju baxx u safef differenti għall-intestaturi tal-QFP li nirrappurtaw dwarhom. Permezz ta' din il-proċedura, aħna nistgħu nestrapolaw l-iżbalji li naqbd, mal-oqsma kkonċernati.
7. Madankollu, aħna nqisu jekk inkunux nistgħu nagħmlu użu effiċjenti mill-kontrolli fuq ir-regolarità li jkunu diġà twettqu minn ħaddieħor. Jekk inkunu nixtiequ nużaw ir-riżultati ta' dawn il-kontrolli fix-xogħol tal-awditjar tagħna, f'konformità mal-istandards tal-awditjar, aħna nivvalutaw l-indipendenza u l-kompetenza tal-parti l-oħra kif ukoll l-ambitu u l-adegwatezza ta' xogħolha.



### Kif nittestjaw it-tranżazzjonijiet

8. Aħna norganizzaw ix-xogħol tal-awditjar tagħna u nirrappurtaw ir-riżultati tiegħu madwar id-diversi intestaturi tal-QFP, f'konformità mal-istruttura tal-baġit deċiża mil-leġiżlatur. Taħt kull intestatura tal-QFP, fejn nipprovdu valutazzjoni speċifika (il-Kapitoli 4, 5, 6 u 9), aħna nittestjaw kampjun rappreżentattiv ta' tranżazzjonijiet sabiex nistmaw is-sehem ta' tranżazzjonijiet irregolari fil-popolazzjoni kumplessiva.
9. Għal kull tranżazzjoni magħżula, aħna niddeterminaw jekk it-talba jew jekk il-pagament ikunx sar għall-iskop approvat fil-baġit u speċifikat fil-leġiżlazzjoni, jew le. Il-valutazzjoni li nwettqu tiegħu kont dovut tal-interpretazzjoni tad-dritt tal-UE u dak nazzjonali li tkun ingħatat minn qrati ġudizzjarji nazzjonali jew minn korpi indipendenti u awtoritattivi nazzjonali u mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea. Aħna neżaminaw kif l-ammont tat-talba jew tal-pagament ikun ġie kkalkulat (għal talbiet li jkunu akbar: nibbażaw fuq għażla li tkun rappreżentattiva tal-elementi kollha fit-tranżazzjoni). Dan jinvolvi l-ittraċċar tat-tranżazzjoni mill-kontijiet baġitarji sar-riċevitur finali (eż. bidwi, jew l-organizzatur ta' kors ta' taħriġ jew proġett tal-għajjnuna għall-iżvilupp), filwaqt li nwettqu testijiet tal-konformità f'kull livell.
10. Waqt l-ittestjar tat-tranżazzjonijiet għad-dħul, l-eżaminar li nwettqu tar-riżorsi proprji bbażati fuq it-taxxa fuq il-valur miżjud u fuq l-ING jieħu bħala punt tat-tluq l-aggregati makroekonomiċi li fuq il-bażi tagħhom dawn jiġu kkalkulati. Aħna neżaminaw il-kontrolli tal-Kummissjoni fuq dawn il-kontribuzzjonijiet mill-Istati Membri sal-punt meta l-kontribuzzjonijiet ikunu ġew riċevuti u rreġistrati fil-kontijiet konsolidati. Għar-riżorsi proprji tradizzjonali, aħna neżaminaw il-kontijiet tal-awtoritajiet doganali u l-fluss tad-dazji — hawn ukoll sal-punt meta dawn ikunu ġew riċevuti u rreġistrati mill-Kummissjoni.
11. F'dak li jirrigwarda l-infiq, aħna neżaminaw il-pagamenti ladarba l-infiq ikun ġie mġarrab, irreġistrat u aċċettat. Dan japplika għall-kategoriji kollha ta' pagamenti (inklużi dawk li jkunu saru għax-xiri ta' assi). Aħna ma neżaminawx il-pagamenti bil-quddiem fil-punt meta jkunu saru, iżda pjuttost ladarba:
  - (a) ir-riċevitur finali tal-fondi tal-UE (eż. bidwi, istitut ta' riċerka, kumpanija li tipprovdi xogħlijiet jew servizzi wara proċeduri ta' akkwist pubbliku) ikun ipprovda evidenza dwar l-użu tagħhom; u
  - (b) il-Kummissjoni (jew istituzzjoni jew korp ieħor li jimmaniġġja l-fondi tal-UE) tkun aċċettat l-użu finali tal-fondi billi tapprova l-pagament bil-quddiem.

12. Il-kampjun tal-awditjar tagħna huwa maħsub biex jipprovdi stima tal-livell ta' żball għall-infiq fl-intier tiegħu aktar milli għal tranżazzjonijiet individwali (eż. proġett partikolari). Aħna nużaw kampjunar f'unitajiet monetarji biex nagħżlu talbiet jew pagamenti u, f'livell aktar baxx, elementi individwali fi ħdan tranżazzjoni (eż. fatturi ta' proġetti, irqajja' art f'talba li ssir minn bidwi). Ir-rati ta' żball li jiġu rrapportati għal dawn l-elementi ma għandhomx jitqiesu bħala konklużjoni dwar it-tranżazzjonijiet rispettivi tagħhom, iżda aktar bħala li jikkontribwixxu direttament għal-livell kumplessiv ta' żball għall-infiq tal-UE fl-intier tiegħu.
13. Aħna ma neżaminawx tranżazzjonijiet li jsiru f'kull Stat Membru, stat benefiċjarju u reġjun f'sena partikolari. Filwaqt li nistgħu nsemmu ċerti Stati Membri, stati benefiċjarji u/jew reġjuni, dan ma jfissirx li l-eżempji ma jseħħux bnadi oħra wkoll. L-eżempji illustrattivi ppreżentati f'dan ir-rapport ma jiffurmawx bażi biex jinsiltu konklużjonijiet dwar l-Istati Membri, l-istati benefiċjarji u/jew ir-reġjuni speċifiċi kkonċernati.
14. L-approċċ tagħna mhuwiex maħsub biex jiġbor *data* dwar il-frekwenza ta' żbalji fil-popolazzjoni kollha. Għalhekk, iċ-ċifri ppreżentati dwar l-għadd ta' żbalji li jkunu nqabdu f'intestatura tal-QFP, fl-infiq immaniġġjat minn DĠ jew fl-infiq fi Stat Membru partikolari mhumiex indikazzjoni tal-frekwenza ta' żbalji fi tranżazzjonijiet iffinanzjati mill-UE jew fi Stati Membri individwali.
15. Mill-2017 'il hawn, aħna emendajna l-approċċ tal-awditjar tagħna għal "Koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali" biex nieħdu kont tal-bidliet fit-tfassil tas-sistemi ta' kontroll għall-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020. L-oġettiv tagħna huwa li mhux biss nikkontribwixxu għad-Dikjarazzjoni ta' Assigurazzjoni 2019, iżda wkoll li nirrieżaminaw ix-xogħol imwettaq mill-awtoritajiet tal-awditjar u nikkonkludu dwar l-affidabbiltà tal-indikatur ewlieni tar-regolarità rrapportat mill-Kummissjoni għal dan il-qasam – ir-rata tal-iżball residwu.
16. Għall-pagamenti diretti taħt il-FAEG f'"Riżorsi naturali", aħna qed nagħmlu progress fit-tiżni tal-użu li nagħmlu minn teknoloġiji ġodda; għall-iżvilupp rurali, bdejna nirrieżaminaw/inwettqu mill-ġdid ix-xogħol li sar mill-korpi taċ-ċertifikazzjoni fl-2019.

### Kif nevalwaw u nippreżentaw ir-riżultati tal-ittestjar tat-tranżazzjonijiet

17. Żball jista' jikkonċerna l-ammont kollu involut fi tranżazzjoni individwali, jew parti minnu. Aħna nqisu jekk l-iżbalji jkunux kwantifikabbli jew mhux kwantifikabbli, jiġifieri jekk ikunx possibbli li jitkejjel kemm mill-ammont eżaminat kien milqut mill-iżball. Żbalji li jkunu nqabdu u ġew ikkoreġuti qabel it-twettiq tal-kontrolli tagħna u indipendentement minnhom jiġu esklużi mill-kalkolu u l-frekwenza ta' żbalji, peress li l-fatt li nqabdu u ġew ikkoreġuti juri li s-sistemi ta' kontroll ikunu ħadmu b'mod effettiv.
18. Il-kriterji tagħna għall-kwantifikazzjoni ta' żbalji fl-akkwist pubbliku huma deskritti fid-dokument intitolat "Non-compliance with the rules on public procurement – types of irregularities and basis for quantification"<sup>28</sup>.
19. Il-kwantifikazzjoni tagħna tista' tkun differenti minn dik użata mill-Kummissjoni jew mill-Istati Membri meta jkunu qed jiddeċiedu x'għandu jkun ir-rispons tagħhom għall-applikazzjoni skorretta tar-regoli dwar l-akkwist pubbliku. Aħna nikkwantifikaw biss ksur serju tar-regoli dwar l-akkwist. Nikkwantifikaw bħala 100 % żbalji fl-akkwist dak il-ksur biss li jkun ippreviena l-aħjar offerta milli tirbaħ il-proċedura ta' sejħa għal offerti, u b'hekk l-infiq taħt dan il-kuntratt isir ineliġibbli. Aħna ma nużawx rati fissi għat-tipi differenti ta' ksur tar-regoli dwar l-akkwist bħalma tagħmel il-Kummissjoni<sup>29</sup>. Nibbażaw il-kwantifikazzjoni li nagħmlu tal-iżbalji fl-akkwist pubbliku fuq l-ammonti ta' nfiq ineliġibbli fit-tranżazzjonijiet eżaminati.

---

<sup>28</sup> Quantification of public procurement errors (pdf)  
<https://www.eca.europa.eu/en/Pages/AuditMethodology.aspx>.

<sup>29</sup> Il-Linji Gwida tal-2019 tal-Kummissjoni dwar il-korrezzjonijiet finanzjarji fil-każ ta' irregolaritajiet fl-akkwist pubbliku fl-anness għad-deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-14.5.2019 li tistabbilixxi l-linji gwida għad-determinazzjoni tal-korrezzjonijiet finanzjarji li għandhom isiru għan-nefqa ffinanzjata mill-Unjoni għal nuqqas ta' konformità mar-regoli applikabbli dwar l-akkwist pubbliku, C(2019) 3452.

### **Livell ta' żball stmat**

20. Għall-biċċa l-kbira mill-intestaturi tal-QFP u għall-baġit kumplessiv tal-UE, aħna nippreżentaw “livell ta' żball stmat” (ELE), li jieħu kont tal-iżbalji kwantifikabbli biss u jiġi espress bħala perċentwal. Eżempji ta' żbalji huma l-ksur kwantifikabbli tar-regolamenti, tar-regoli jew tal-kuntratti jew tal-kundizzjonijiet ta'għotjiet, li jkunu japplikaw. Aħna nistmaw ukoll il-limitu inferjuri tal-iżball (LEL) u l-limitu superjuri tal-iżball (UEL).
21. Nużaw il-livell ta' 2,0 % bħala s-soll ta' materjalità għall-opinjoni tagħna. Nieħdu wkoll kont tan-natura, l-ammont u l-kuntest tal-iżbalji kif ukoll ta' informazzjoni oħra li tkun disponibbli.
22. Aħna ma għadniex nibbażaw id-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni unikament fuq l-istima kumplessiva ta' żball li ssir minna. Mill-2016 'il hawn, aħna komplejna nidentifikaw l-oqsma ta' riskju baxx tal-baġit tal-UE, fejn nistennew li nsibu livell mhux materjali ta' żball fl-infiq aċċettat, u oqsma ta' riskju għoli, fejn aħna assumejna li jkun hemm livell materjali ta' żball. Għal dan l-iskop, aħna nqisu, minbarra r-riskji inerenti u r-riskji tal-kontroll, il-valutazzjoni li nwettqu tas-sistemi ta' ġestjoni u kontroll flimkien mar-riżultati tal-awditjar preċedenti. Pereżempju, nittrattaw parti min-nefqa għall-iżvilupp rurali bbażata fuq drittijiet bħala nefqa b'riskju għoli, ibbażat fuq l-esperjenza tal-awditjar preċedenti tagħna. Dan il-qsim jippermettilna biex niddeterminaw b'mod kemm jista' jkun effiċjenti jekk l-iżbalji materjali li nstabu humiex pervażivi.

### **Kif neżaminaw is-sistemi u nirrappurtaw ir-riżultati**

23. Il-Kummissjoni, l-istituzzjonijiet u l-korpi l-oħra tal-UE, l-awtoritajiet tal-Istati Membri, il-pajjiżi u r-reġjuni beneficijarji jstabilixxu sistemi biex jimmaniġġjaw ir-riskji għall-baġit u biex jissorveljaw/jiżguraw ir-regolarità tat-tranżazzjonijiet. Huwa utli li dawn is-sistemi jiġu eżaminati sabiex jiġu identifikati oqsma fejn jista' jsir titjib.
24. Kull intestatura tal-QFP, inkluż id-dħul, tinvolvi ħafna sistemi individwali. Aħna nippreżentaw ir-riżultati tax-xogħol li wettaqna fuq is-sistemi b'rakkomandazzjonijiet għal titjib.

### **Kif naslu għall-opinjoni tagħna fid-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni**

25. Aħna nippjanaw ix-xogħol tagħna biex niksbu evidenza għall-awditjar li tkun suffiċjenti, rilevanti u affidabbli għall-formulazzjoni tal-opinjoni tagħna dwar ir-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet konsolidati tal-UE. Rapport ta' dan ix-xogħol jingħata fil-Kapitoli 3 sa 9. L-opinjoni tagħna tingħata fid-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni. Ix-xogħol li nwertqu jippermettilna naslu għal opinjoni infurmata dwar jekk l-iżbalji fil-popolazzjoni jaqbżux jew jaqgħux fi ħdan il-limiti ta' materjalità.
26. Fejn insibu livell materjali ta' żball u niddeterminaw l-impatt tiegħu fuq l-opinjoni tal-awditjar, irridu niddeterminaw jekk l-iżbalji, jew in-nuqqas ta' evidenza għall-awditjar, ikunux "pervażivi" jew le. Meta nagħmlu dan, aħna napplikaw il-gwida li tinsab fl-ISSAI 1705<sup>30</sup> (filwaqt li nestendu din il-gwida biex tapplika għal kwistjonijiet ta' legalità u regolarità, skont il-mandat tagħna). Fejn l-iżbalji jkunu materjali u pervażivi, aħna noħorġu opinjoni avversa.
27. Żball jew nuqqas ta' evidenza għall-awditjar jitqies "pervażiv" jekk, fil-ġudizzju tal-awditur, ma jkunx ristrett għall-elementi, kontijiet jew entrati speċifiċi tar-rapporti finanzjarji (jiġifieri jkunu mifruxa fil-kontijiet jew fit-tranżazzjonijiet ittestjati), jew, jekk ikunu limitati b'dan il-mod, huma jkunu jirrappreżentaw jew jistgħu jirrappreżentaw proporzjon sostanzjali tar-rapporti finanzjarji, jew ikunu relatati ma' divulgazzjonijiet li jkunu fundamentali għall-fehim mill-utenti tar-rapporti finanzjarji.

### **PARTI 3 – Proċeduri tal-awditjar fir-rigward ta' frodi**

28. Aħna nidentifikaw u nivvalutaw ir-riskji ta' dikjarazzjoni skorretta materjali tal-kontijiet konsolidati u ta' nuqqas ta' konformità materjali mit-tranżazzjonijiet ta' bażi mar-rekwiżiti tal-liġi tal-UE, sew jekk minħabba frodi u sew jekk minħabba xi żball.

---

<sup>30</sup> ISSAI 1705 – Communicating Key Audit Matters in the Independent Auditor's Report.

29. Aħna nfasslu u nwettqu proċeduri tal-awditjar li jirrispondu għal dawk ir-riskji, u niksbu evidenza għall-awditjar li tkun suffiċjenti u adegwata biex tipprovdi bażi għall-opinjoni tagħna. Każijiet ta' dikjarazzjoni skorretta materjali jew ta' nuqqas ta' konformità b'riżultat ta' frodi huma aktar diffiċli biex jinqabdu minn dawk li jkunu b'riżultat ta' żball, billi frodi tista' tinvolvi kollużjoni, falsifikazzjoni, ommissjonijiet intenzjonali, rappreżentazzjonijiet żbaljati, jew li jinqabeż il-kontroll intern. B'konsegwenza ta' dan, hemm riskju akbar li dawn il-każijiet ma jinqabdux.
30. Jekk ikollna raġuni biex nissuspettaw li tkun twettqet attività frodulenti, aħna nirrappurtaw dan lill-OLAF, l-uffiċċju tal-UE ta' kontra l-frodi. L-OLAF huwa responsabbli mit-twettiq ta' kull investigazzjoni li tirriżulta. Aħna nirrappurtaw bosta każijiet kull sena lill-OLAF.

**PARTI 4 — Rabta bejn l-opinjoni tal-awditjar dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet u dwar ir-regolarità tat-tranżazzjonijiet**

31. Aħna ħriġna:
- (a) opinjoni tal-awditjar dwar il-kontijiet konsolidati tal-UE għas-sena finanzjarja li ntemmet; kif ukoll
  - (b) opinjonijiet tal-awditjar dwar ir-regolarità tad-dħul u l-infiq li fuqhom huma bbażati dawk il-kontijiet.
32. Ix-xogħol li nwettqu u l-opinjoni li noħorġu jsegwu l-Istandards Internazzjonali tal-Awditjar u l-Kodiċijiet tal-Etika tal-IFAC u l-Istandards Internazzjonali tal-Istituzzjonijiet Supremi tal-Awditjar tal-INTOSAI.
33. Fejn l-awdituri joħorġu opinjonijiet tal-awditjar kemm dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet kif ukoll dwar ir-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati dawk il-kontijiet, dawn l-istandards jiddikjaraw li opinjoni modifikata dwar ir-regolarità tat-tranżazzjonijiet, fiha nfisha, ma twassalx għal opinjoni modifikata dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet.

## **Kapitolu 2**

**Ġestjoni baġitarja u finanziaja**

# Werrej

	Paragrafu
<b>Introduzzjoni</b>	2.1.
<b>Ġestjoni baġitarja fl-2019</b>	2.2.-2.9.
<b>Il-baġit disponibbli ġie implimentat kważi kompletament</b>	2.2.-2.6.
<b>L-impenji pendenti qed ikomplu jiżdiedu</b>	2.7.-2.9.
<b>Riskji u sfidi għall-baġit tal-UE</b>	2.10.-2.13.
<b>Bidliet fil-baġit tal-UE minħabba l-pandemija tal-COVID-19</b>	2.10.-2.11.
<b>Ir-Renju Unit ħareġ mill-UE</b>	2.12.-2.13.
<b>Kwistjonijiet ta' ġestjoni finanzjarja</b>	2.14.-2.45.
<b>L-assorbiment tal-FSIE aċċellera, iżda xorta għadu aktar baxx milli kien taħt il-QFP preċedenti</b>	2.14.-2.17.
<b>L-istrumenti finanzjarji taħt ġestjoni kondiviża jiffaċċjaw ukoll problemi ta' assorbiment</b>	2.18.-2.21.
<b>Il-baġit tal-UE huwa espost għal riskji finanzjarji</b>	2.22.-2.34.
<b>Il-baġit tal-UE jkopri tipi differenti ta' operazzjonijiet finanzjarji</b>	2.22.-2.26.
<b>L-UE għandha diversi mezzi disponibbli biex jiġi mmitigat l-esponiment tal-baġit</b>	2.27.-2.33.
<b>Jeħtieġ li jiġi vvalutat mill-ġdid l-esponiment futur tal-baġit tal-UE</b>	2.34.
<b>Il-baġit tal-UE u l-Grupp tal-BEI huma marbuta mill-qrib ma' xulxin</b>	2.35.-2.45.
<b>Il-Grupp tal-BEI jikkontribwixxi għall-oġġettivi tal-UE</b>	2.35.-2.36.
<b>Parti sinifikanti mill-operazzjonijiet tal-BEI hija appoġġata mill-baġit tal-UE</b>	2.37.-2.40.
<b>Il-Grupp tal-BEI se jkompli jkollu rwol importanti</b>	2.41.-2.43.
<b>Il-mandat tal-awditjar tagħna jkopri biss parti mill-operazzjonijiet tal-BEI</b>	2.44.-2.45.



**Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet** 2.46.-2.53.

**Konklużjonijiet** 2.46.-2.51.

**Rakkomandazzjonijiet** 2.52.-2.53.

## **Annessi**

**Anness 2.1 – L-assorbiment mill-Istat Membru fi tmiem l-2019 bi tqabbil mal-2012**

**Anness 2.2 Strumenti finanzjarji mmaniġġjati mill-Grupp tal-BEI taħt il-mandat tal-UE fi tmiem l-2019 (f' miljun EUR)**

# Introduzzjoni

**2.1.** Dan il-kapitolu jippreżenta r-rieżaminar li wettaqna tal-kwistjonijiet baġitarji u finanzjarji prinċipali li nħolqu fl-2019. Huwa jidentifika wkoll ir-riskji u l-isfidi li l-baġit tal-UE jista' jiffaċċja fis-snin li ġejjin. Il-kapitolu huwa bbażat fuq rieżaminar taċ-ċifri baġitarji għall-2019 u tad-dokumenti li ġew ippubblikati mill-Kummissjoni u mill-partijiet ikkonċernati l-oħra, kif ukoll fuq ix-xogħol proprju tagħna li wettaqna għar-rapport annwali, ir-rapporti speċjali, ir-rapporti analitiċi u l-opinjoni.

# Ġestjoni baġitarja fl-2019

## Il-baġit disponibbli ġie implimentat kważi kompletament

**2.2.** Ir-Regolament dwar il-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP)<sup>1</sup> jistabbilixxi ammonti massimi għal kull waħda mis-seba' snin tal-QFP ("limiti massimi tal-QFP"). Il-limiti massimi japplikaw għall-obbligi finanzjarji l-ġodda tal-UE (approprjazzjonijiet ta' impenn) u għall-pagamenti li jistgħu jsiru mill-baġit tal-UE (approprjazzjonijiet ta' pagament). Il-limiti massimi tal-QFP għall-2019 kienu ta' EUR 164,1 biljun għall-approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' EUR 166,7 biljun għall-approprjazzjonijiet ta' pagament<sup>2</sup>.

**2.3.** Għall-2019, l-awtorità baġitarja approvat EUR 166,2 biljun f'approprjazzjonijiet ta' impenn u EUR 148,5 biljun f'approprjazzjonijiet ta' pagament (ara l-**Kaxxa 2.1**). Il-baġit finali kien qrib ħafna tal-baġit inizjali adottat. Il-baġit inizjali kien jinkludi EUR 165,8 biljun f'approprjazzjonijiet ta' impenn u EUR 148,2 biljun f'approprjazzjonijiet ta' pagament. Fl-2019 ġew adottati biss tliet baġits emendatorji, li żiedu EUR 0,4 miljun mal-approprjazzjonijiet ta' impenn u EUR 0,3 miljun mal-approprjazzjonijiet ta' pagament.

---

<sup>1</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1311/2013 tat-2 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020 – ĠU L 347, 20.12.2013, p. 884.

<sup>2</sup> COM(2018) 282 final – Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew – Aġġustament tekniku tal-qafas finanzjarju għall-2019 f'konformità mal-movimenti fl-ING (ESA 2010) (l-Artikolu 6 tar-Regolament tal-Kunsill Nru 1311/2013 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju multiannwali għas-snin 2014-2020).

**2.4.** L-appropriazzjonijiet ta' impenn kienu kważi ntużaw kompletament. L-ammont impenjat kien ta' EUR 165,2 biljun (99,4 %) (ara l-**Kaxxa 2.1**). Dawn l-appropriazzjonijiet u l-użu tagħhom kienu kemxejn ogħla mil-limitu massimu tal-QFP, minħabba strumenti speċjali li jistgħu jaqbżu l-limitu massimu<sup>3</sup>.

**2.5.** L-użu tal-appropriazzjonijiet ta' pagament disponibbli kien kemxejn inqas (98.5 %) minn dak tal-appropriazzjonijiet ta' impenn. FI-2019, kienu tħallsu EUR 146,2 biljun (ara l-**Kaxxa 2.1**)<sup>4</sup>, jiġifieri EUR 19-il biljun (11,5 %) inqas mill-ammont li ġie impenjat.

**2.6.** Dan iżid l-impenji pendenti u l-ħtiġijiet ta' pagament fil-futur, kif osservajna fir-rapport annwali tagħna s-sena li għaddiet<sup>5</sup>.

---


<sup>3</sup> Ara l-Artikolu 3(2) tar-Regolament dwar il-QFP.

<sup>4</sup> It-total tal-pagamenti fl-2019 ammonta għal EUR 159,1 biljun, u kien magħmul minn pagamenti mill-baġit finali tal-2019 ta' EUR 146,2 biljun, minn *riporti* ta' EUR 1,7 biljun u minn *dħul assenjat* ta' EUR 11,2 biljun. Minn din l-analiżi, aħna neskludu r-riporti u d-dħul assenjat minħabba li dawn ma jiffurkaw parti mill-baġit adottat u jsegwu regoli differenti. Għal aktar informazzjoni, ara l-parti A4 tar-“Report on budgetary and financial management of the European Commission – for the financial year 2019”.


<sup>5</sup> Ir-Rapport Annwali għas-sena finanzjarja 2018, il-paragrafi 2.12-2.21.

## Kaxxa 2.1

## Implimentazzjoni tal-baġit fl-2019



## Fokus fuq id-differenzi




Sors: Il-kontijiet annwali konsolidati tal-Unjoni Ewropea – Sena finanzjarja 2019, ir-Rapporti dwar l-implimentazzjoni tal-baġit u n-noti ta' spjegazzjoni – in-Noti 4.1-4.3 u l-aġġustament tekniku għall-2019.

## L-impenji pendenti qed ikomplu jżiedu

**2.7.** L-impenji pendenti komplew jżiedu, u kienu laħqu EUR 298,0 biljun fi tmiem l-2019 (ara l-*Kaxxa 2.2*). Fl-2019, dawn kienu jikkorrispondu għal 2,7 snin ta' approporzjonijiet ta' impenn b'durata ta' aktar minn sena, u jirrappreżentaw żieda meta mqabbla ma' 2,3 snin fl-2012, is-sena korrispondenti tal-QFP preċedenti.

### Kaxxa 2.2

#### Impenji, pagamenti u impenji pendenti



Sors: il-kontijiet annwali konsolidati tal-UE għall-perjodu 2007-2019.

**2.8.** Fl-analiżi rapida dwar każ speċifiku intitolata “Impenji pendenti fil-baġit tal-UE – Ħarsa aktar mill-qrib”<sup>6</sup>, aħna identifikajna r-raġunijiet prinċipali għaż-żieda kontinwa fl-impenji pendenti. Filwaqt li parti miż-żieda tirrifletti ż-żieda kumplessiva fid-daqs tal-baġit tal-UE matul iż-żmien, prinċipalment minħabba żieda fl-għadd ta’ Stati Membri u fl-aġġustamenti annwali<sup>7</sup>, hemm żewġ raġunijiet oħra għal-livell storikament għoli tal-impenji pendenti: id-differenza annwali bejn l-appropriazzjonijiet ta’ impenn u l-appropriazzjonijiet ta’ pagament, kif ukoll l-implimentazzjoni ġeneralment bil-mod tal-*Fondi Strutturali u ta’ Investiment Ewropej* (FSIE). Aħna għidna l-attenzjoni għal dawn il-kwistjonijiet f’rapporti annwali preċedenti<sup>8</sup>. Minħabba dan id-dewmien fl-implimentazzjoni, l-impenji li oriġinarjament kienu previsti li jitħallsu fil-QFP attwali se jkunu jridu jitħallsu fil-QFP li jmiss.

**2.9.** Aħna analizzajna l-iżvilupp ta’ impenji pendenti sa tmiem l-2019. Diversi fatturi marbuta mal-kriżi tal-COVID-19 se jkollhom impatt fuq l-ammont ta’ impenji pendenti mill-2020 ‘il quddiem. Xi wħud minn dawn il-fatturi, bħal dewmien fl-implimentazzjoni minħabba r-restrizzjonijiet matul il-pandemija tal-COVID-19, se jżidu dan l-ammont. Fatturi oħra se jnaqqsu: pereżempju, żidiet fil-kamp ta’ applikazzjoni tar-regoli ta’ eliġibbiltà biex tiġi koperta n-nefqa relatata mal-COVID-19<sup>9</sup>. L-impatt kumplessiv tagħhom għadu ma jistax jiġi vvalutat.

---

<sup>6</sup> Ippubblikati f’April 2019.

<sup>7</sup> L-Artikolu 6 tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1311/2013 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020 jipprevedi aġġustament tekniku annwali ta’ 2 %.

<sup>8</sup> Ara l-paragrafi 2.44 sa 2.48 tar-Rapport Annwali 2018 tagħna, il-paragrafu 2.48 tar-Rapport Annwali 2017 tagħna, u l-paragrafi 2.36-2.39 u 2.48 tar-Rapport Annwali 2016 tagħna.

<sup>9</sup> Ir-Regolament (UE) 2020/460 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta’ Marzu 2020 li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013 u (UE) Nru 508/2014 fir-rigward ta’ miżuri speċifiċi biex jiġu mmobilizzati investimenti fis-sistemi tal-kura tas-saħħa tal-Istati Membri u f’setturi oħra tal-ekonomija tagħhom b’reazzjoni għat-tifqigħa COVID-19 (Inizjattiva ta’ Investiment b’reazzjoni għall-Coronavirus) u r-Regolament (UE) 2020/558 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta’ April 2020 li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1301/2013 u (UE) Nru 1303/2013 rigward miżuri speċifiċi biex tingħata flessibbiltà eċċezzjonali għall-użu tal-Fondi Strutturali u ta’ Investiment Ewropej b’reazzjoni għat-tifqigħa ta’ COVID-19.

## Riskji u sfidi għall-baġit tal-UE

### Bidliet fil-baġit tal-UE minħabba l-pandemija tal-COVID-19

**2.10.** Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill adottaw bidliet sostanzjali għall-baġit tal-UE għall-2020 u emendi leġiżlattivi oħra b'reazzjoni għall-pandemija tal-COVID-19. Huma adottaw ukoll miżuri<sup>10</sup> li jipprovdu likwidità addizzjonali u flessibbiltà eċċezzjonali għan-nefqa relatata mal-COVID-19 taħt il-FSIE. Aħna kkomentajna dwar xi wħud minn dawn f'Opinjoni separata<sup>11</sup>. Il-Kummissjoni tistma li impatt sinifikanti ta' waħda minn dawn il-miżuri huwa l-frontloading ta' EUR 14,6 biljun f'pagamenti addizzjonali magħmula lill-Istati Membri fl-2020 u fl-2021, li minnhom EUR 8,5 biljun se jsiru disponibbli fl-2020. Meta jitqies l-ammont ta' fondi tal-FSIE disponibbli fl-2020 li jistgħu jiġu impenjati u mħallsa għan-nefqa relatata mal-COVID-19, hemm riskju li l-appropriazzjonijiet ta' pagament jistgħu ma jkunux biżżejjed biex ikopru l-ħtiġijiet kollha. Aħna nosservaw li l-Kummissjoni biħsiebha "tissorvelja mill-qrib l-impatt tal-modifika proposta dwar l-appropriazzjonijiet ta' pagament fl-2020 u tqis kemm l-implimentazzjoni tal-baġit kif ukoll it-tbassir tal-Istati Membri"<sup>12</sup>.

**2.11.** Fis-27 ta' Mejju 2020, il-Kummissjoni ppreżentat emendi kbar għall-proposta tagħha għall-QFP 2021-2027 biex jiġu indirizzati l-effetti tal-pandemija tal-COVID-19. Dawn l-emendi jinkludu Strument Ewropew għall-Irkupru ġdid ("Next Generation EU") li jkun jagħmel disponibbli EUR 750 biljun oħra fuq perjodu ta' erba' snin (2021-2024) kif ukoll aġġustament fil-QFP 2021-2027, fejn huwa propost ammont totali ġdid li jitnaqqas għal EUR 1 100 biljun. Jekk, sa tmiem l-2020, il-Kunsill ma jadottax il-QFP 2021-2027, jew jekk il-Parlament Ewropew ma jagħtix il-kunsens, se jkunu meħtieġa dispożizzjonijiet tranżizzjonali biex tiġi evitata d-diskontinwità ta' ħafna programmi ta' nfiq tal-UE. Fit-13 ta' Mejju 2020, il-Parlament Ewropew adotta riżoluzzjoni li titlob lill-Kummissjoni biex tippreżenta proposta għal pjan ta' kontinġenza għall-QFP biex tiġi garantita l-kontinwità tal-finanzjament f'każ li ma jkunx jista' jintlaħaq qbil f'waqtu dwar il-QFP 2021-2027. Fid-dawl tal-kriżi tal-COVID-19, il-

<sup>10</sup> Ara n-Nota 9 f'qiegħ il-paġna.

<sup>11</sup> L-Opinjoni Nru 3/2020 tal-QEA (2020/C 159/01).

<sup>12</sup> Il-Memorandum ta' Spjegazzjoni, li jakkumpanja l-Proposta COM(2020) 138 final tal-Kummissjoni (il-Proċedura Nru 2020/0054(COD)) għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1303/2013 u r-Regolament (UE) Nru 1301/2013 rigward miżuri speċifiċi biex tingħata flessibbiltà eċċezzjonali għall-użu tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej b'reazzjoni għat-tifqigħa tal-COVID-19.



Parlament talab lill-Kummissjoni biex fil-pjan ta' kontinġenza tinkludi kemm proposti għal rinforzi mmirati kif ukoll revizzjonijiet tar-regoli biex tiġi indirizzata l-kriżi u jiġi appoġġat l-irkupru ekonomiku tal-UE.

## Ir-Renju Unit ħareġ mill-UE

**2.12.** Fil-31 ta' Jannar 2020, ir-Renju Unit ħareġ uffiċjalment mill-UE u daħal f'"perjodu ta' tranżizzjoni". Dan il-perjodu huwa mistenni li jintemm fil-31 ta' Diċembru 2020. Ir-relazzjoni futura wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni tiddependi minn kwalunkwe ftehim li jista' jintlaħaq bejn ir-Renju Unit u l-UE fl-2020.

**2.13.** Matul l-2020, ir-Renju Unit se jkompli jikkontribwixxi għall-baġit tal-UE, u jibbenefika minnu, skont l-istess regoli daqslikieku kien għadu Stat Membru. Il-kontribuzzjoni tar-Renju Unit għal wara l-2020 għall-obbligi li huwa kien daħal għalihom bħala Stat Membru se tiġi stabbilita abbażi tad-dispożizzjonijiet tal-ftehim dwar il-ħruġ<sup>13</sup>, bħala proporzjon bejn l-ammont ta' riżorsi proprji pprovduti mir-Renju Unit fil-perjodu mill-2014 sal-2020 u l-ammont ta' riżorsi proprji pprovduti mill-Istati Membri kollha (inkluż ir-Renju Unit) fl-istess perjodu.

---

<sup>13</sup> Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, ĠU L 29, 31.01.2020, p. 7.


## Kwistjonijiet ta' ġestjoni finanzjarja

### L-assorbiment tal-FSIE aċċellera, iżda xorta għadu aktar baxx milli kien taħt il-QFP preċedenti

**2.14.** Fl-2019, ir-ritmu tal-*assorbiment* tal-FSIE kien kważi eżattament l-istess bħalma kien fl-2018. Kif jintwera fiċ-ċart fil-**Kaxxa 2.3**, sa tmiem l-2019, mill-ammont tal-allokkazzjoni totali tal-FSIE għall-QFP attwali (EUR 465 biljun), 40 % biss kienu tħallsu lill-Istati Membri, meta mqabbla ma' 46 % sa tmiem l-2012, is-sena korrispondenti tal-QFP preċedenti. Matul l-2019, kienu tħallsu 12 % tal-allokkazzjonijiet totali, l-istess bħall-proporzjon tal-allokkazzjonijiet li tħallsu fl-2012, is-sena korrispondenti tal-QFP preċedenti (13 %). Iċ-ċart turi wkoll li disa' Stati Membri biss kellhom rati ta' assorbiment li kienu oġġla taħt il-QFP attwali milli taħt dak preċedenti.

## Kaxxa 2.3

## Assorbiment ta' Fondi SIE, skont l-Istat Membru u l-QFP



Sors: il-QEA, ibbażat fuq informazzjoni mill-Kummissjoni.

**2.15.** Il-*Kaxxa 2.4* turi l-livell ta' assorbiment għal kull Fond SIE f'termini kemm relattivi kif ukoll assoluti. Ir-rati ta' assorbiment ivarjaw b'mod konsiderevoli minn Fond għal ieħor. Pereżempju, ir-rata ta' assorbiment tal-*Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali* (FAEŻR) (allokazzjoni ta' EUR 100 biljun) laħqet il-50 %, li kienet ogħla minn dik tal-Fondi SIE l-oħra, filwaqt li r-rata ta' assorbiment tal-*Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd* (FEMS) (allokazzjoni ta' EUR 5,7 biljun) laħqet id-29 %. Ir-rata ta' assorbiment kumplessiva fl-2019 kienet aktar mgħaġġla milli fi kwalunkwe sena oħra tal-QFP attwali. Madankollu, ir-rata ta' assorbiment kumplessiva fil-Fondi SIE kollha kienet aktar baxxa fl-2019 milli fl-2012, is-sena korrispondenti tal-QFP preċedenti.


**2.16.** F'rapporti preċedenti, aħna analizzajna r-raġunijiet sottostanti għar-rata ta' assorbiment baxxa<sup>14</sup>. Ir-raġunijiet prinċipali huma l-bidu tardiv tal-programmi ta' nfiq u ż-żmien addizzjonali permess għad-dikjarazzjoni tal-ispejjeż (ir-regola “n+3”)<sup>15</sup>. Fi tmien l-2019, l-ammont ta' impenji pendenti relatati mal-FSIE kien ta' EUR 211-il biljun (li EUR 208 biljun minnhom huma relatati mal-QFP attwali).

<sup>14</sup> Ir-Rapport Annwali għas-sena finanzjarja 2017, il-paragrafi 2.13-2.19 (2018/C 357/01, 4.10.2018) u r-Rapport Analitiku Nru 5/2019: Impenji pendenti fil-baġit tal-UE – Ħarsa aktar mill-qrib, April 2019.

<sup>15</sup> Fil-QFP 2014-2020, l-Istati Membri għandhom tliet snin biex jużaw il-fondi impenjati u biex jiddikjaraw l-ispejjeż lill-Kummissjoni għar-rimborż (ir-regola “n+3”). Wara dan iż-żmien, sistema ta' “diżimpenji awtomatiċi” hija intenzjonata li tikklerja l-fondi li ma jkunux intużaw.

## Kaxxa 2.4

## Assorbiment tal-Fondi SIE skont il-Fond



*Nota:* L-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażaġħ hija inkluża taħt l-FSE.

*Sors:* il-QEA, ibbażat fuq informazzjoni mill-Kummissjoni.

**2.17.** Is-sena li għaddiet, aħna osservajna<sup>16</sup> li fl-2017 u fl-2018, ammonti sostanzjali ta' prefinanzjamenti annwali li ma ntużawx kienu ntraddu lura lill-baġit tal-UE<sup>17</sup>. Dan kien prinċipalment dovut għad-dewmien fl-implimentazzjoni. Fl-2019, l-Istati Membri raddew lura prefinanzjamenti annwali li jammontaw għal EUR 7,7 biljun lill-baġit tal-UE bħala *dħul assenjat*. Minn dan l-ammont, EUR 5,0 biljun intużaw biex isiru pagamenti fuq talbiet ippreżentati mill-Istati Membri lil hinn mill-baġit approvat għas-sena. Din il-faċilità mhux se tkun disponibbli fl-2020 minħabba li l-prefinanzjamenti annwali li ma jkunux intużaw mhux se jiġu rkuprati u jistgħu jintużaw għan-nefqa relatata mal-COVID-19<sup>18</sup>.

## L-istrumenti finanzjarji taħt ġestjoni kondiviża jiffaċċjaw ukoll problemi ta' assorbiment

**2.18.** *Strumenti finanzjarji taħt ġestjoni kondiviża* (FISMs) huma għodda ta' twassil biex jiġi pprovdut appoġġ finanzjarju mill-baġit tal-UE. Taħt din l-iskema, il-programmi li jużaw finanzjament tal-FSIE jistgħu jistabbilixxu Fondi awtonomi jew sottofondi ta' Fond ta' parteċipazzjoni. Dawn il-Fondi jipprovdu appoġġ *lir-riċevituri finali*. Dan l-appoġġ jista' jieħu l-forma ta' self, garanziji u *investimenti fil-kapital*. Jekk jiġu implimentati b'mod xieraq, il-FISMs jistgħu jipprovdu benefiċċji speċifiċi meta mqabbla mal-*għotjiet*. B'mod partikolari, huma jistgħu jintużaw għall-ingranaġġ ta' fondi pubbliċi u privati: fi kliem ieħor, biex jiġu mmobilizzati fondi privati u pubbliċi addizzjonali biex jikkomplementaw il-finanzjament pubbliku inizzjali. Barra minn hekk, id-dotazzjoni kapitali tagħhom hija rinnovabbli: l-istess fondi jistgħu jerġgħu jintużaw f'bosta ċikli<sup>19</sup>.

<sup>16</sup> Ir-Rapport Annwali għas-sena finanzjarja 2018, il-paragrafi 2.9-2.11 (ĠU C 340/02, 8.10.2019).

<sup>17</sup> Għall-FAEŻR, ma hemm l-ebda prefinanzjament annwali.


<sup>18</sup> Ir-Regolament (UE) 2020/460 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Marzu 2020 li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013 u (UE) Nru 508/2014 fir-rigward ta' miżuri speċifiċi biex jiġu mmobilizzati investimenti fis-sistemi tal-kura tas-saħħa tal-Istati Membri u f'setturi oħra tal-ekonomija tagħhom b'reazzjoni għat-tifqigħa COVID-19 (Inizjattiva ta' Investiment b'Reazzjoni għall-Coronavirus).

<sup>19</sup> Ir-Rapport Speċjali Nru 19/2016 "L-implimentazzjoni tal-baġit tal-UE permezz ta' strumenti finanzjarji — tagħlimiet li għandhom jinsiltu mill-perjodu tal-programm 2007-2013", is-sommarju u l-paragrafu 7 (ĠU: JOC 2016 250 R 0002, 9.7.2016).

**2.19.** Mis-EUR 16,9 biljun li ġew impenjati mill-FSIE għall-FISMs taħt il-QFP 2014-2020, EUR 7,0 biljun kienu tħallsu lill-FISMs sal-bidu tal-2019. Minn dan l-ammont, EUR 2,8 biljun kienu waslu għand ir-riċevitur finali tagħhom. Għalhekk, sal-bidu tal-2019, wara li l-QFP attwali kien ilu stabbilit għal 5 snin, madwar 17 % biss tal-finanzjament totali mill-Fondi SIE li ġie impenjat permezz tal-FISMs kien wasal għand ir-riċevitur finali tiegħu (ara l-*Kaxxa 2.5*).

## Kaxxa 2.5

### Impenji u pagamenti għall-FISMs



*Nota:* L-informazzjoni għall-2015 tikkonċerna s-snin 2014 u 2015 b'mod kumulattiv.

*Sors:* il-QEA, ibbażat fuq ir-rapporti tal-Kummissjoni "Financial instruments under the European Structural and Investment Funds Summaries of the data on the progress made in financing and implementing the financial instruments for the programming period 2014-2020 in accordance with Article 46 of Regulation (EU) No 1303/2013 of the European Parliament and of the Council", 2015 – 2018.

**2.20.** Bħalma kien il-każ għall-QFP 2007-2013, il-Kummissjoni hija meħtieġa li tfassal rapport annwali dwar il-FISMs matul il-QFP 2014-2020. Skont ir-Regolament rilevanti<sup>20</sup>, ir-rapport annwali għall-2018 kellu jiġi ppreżentat sa Diċembru 2019. Il-Kummissjoni ppubblikat ir-rapport<sup>21</sup> f'Jannar 2020. Kif osservajna fir-Rapport Annwali 2017 tagħna<sup>22</sup>, aħna nqisu li l-medda ta' żmien bejn tmiem il-perjodu tar-rapportar u r-rapport korrispondenti għadha twila, u dan inaqqas ir-rilevanza tal-informazzjoni li hemm fih.

**2.21.** Fil-proposta tal-RDK<sup>23</sup> għall-QFP 2021-2027, id-dispożizzjoni li tirrikjedi li l-Kummissjoni tirrapporta kull sena dwar strumenti finanzjarji individwali tneħħiet. Barra minn hekk, l-awtoritajiet maniġerjali huma meħtieġa jipprovdu lill-Kummissjoni *data* dwar l-istrumenti finanzjarji fil-livell ta' prijorità biss. Aħna nqisu li r-raġunijiet li għalihom kienu meħtieġa rapporti separati fil-QFP 2007-2013 għadhom rilevanti: “titjeb it-trasparenza tal-proċess ta' implementazzjoni u jkun żgurat monitoraġġ xieraq, [...] tal-implimentazzjoni tal-istrumenti [finanzjarji]”<sup>24</sup>. Dan jimplika wkoll il-ħtieġa li titnaqqas il-medda ta' żmien bejn il-pubblikazzjoni tar-rapport annwali tal-Kummissjoni dwar l-istrumenti finanzjarji individwali u l-perjodu li jkopri<sup>25</sup>.

<sup>20</sup> Ara l-Artikolu 46 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 (ĠU L 347, 20.12.2013).

<sup>21</sup> Financial instruments under the European Structural and Investment Funds: Summaries of the data on the progress made in financing and implementing the financial instruments for the programming period 2014-2020 in accordance with Article 46 of Regulation (EU) No 1303/2013 of the European Parliament and of the Council – Situation as at 31 December 2018.

<sup>22</sup> Ir-Rapport Annwali għas-sena finanzjarja 2017, il-paragrafu 2.35 (ĠU C357/02, 4.10.2018).

<sup>23</sup> Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstipula dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew Plus, il-Fond ta' Koeżjoni, u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u r-regoli finanzjarji għalihom u għall-Fond għall-Ażil u l-Migrazzjoni, il-Fond għas-Sigurtà Interna u l-Istrument għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u tal-Viżi, COM(2018) 375 final.

<sup>24</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 1310/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, (ĠU L 337, 20.12.2011).

<sup>25</sup> L-Opinjoni Nru 6/2018 tal-QEA (2019/C 17/01).



## Il-baġit tal-UE huwa espost għal riskji finanzjarji

### Il-baġit tal-UE jkopri tipi differenti ta' operazzjonijiet finanzjarji

**2.22.** Fi tmiem l-2019, ir-riskji finanzjarji prinċipali li għalihom huwa espost il-baġit tal-UE kienu assoċjati mat-tipi ta' operazzjonijiet li ġejjin: operazzjonijiet finanzjarji fil-forma ta' self kopert direttament mill-baġit tal-UE u operazzjonijiet finanzjarji koperti minn fond ta' garanzija tal-UE<sup>26</sup>.

**2.23.** L-operazzjonijiet finanzjarji li huma koperti direttament mill-baġit tal-UE jinkludu:

- o Self taħt il-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbilizzazzjoni Finanzjarja (EFSM) li jagħti appoġġ lil kwalunkwe Stat Membru taż-żona tal-euro fil-każ ta' tfixkil ekonomiku jew finanzjarju gravi;
- o Self għall-Bilanċ tal-Pagamenti (BtP) lil Stati Membri li mhumiex fiż-żona tal-euro u li qed jesperjenzaw diffikultajiet fil-bilanċ tal-pagamenti; u
- o Self tal-Euratom lill-Istati Membri<sup>27</sup>.

**2.24.** L-operazzjonijiet finanzjarji li huma koperti minn fond ta' garanzija jinkludu:

- o Self taħt l-Assistenza Makrofinanzjarja (MFA) li jingħata lil pajjiżi terzi u li huwa pprovdut fil-Fond ta' Garanzija għall-Azzjonijiet Esterni (GFEA);
- o Self tal-Euratom li jingħata lil pajjiżi terzi u li huwa kopert b'garanziji riċevuti minn partijiet terzi u pprovdut addizzjonalment fil-GFEA;

---

<sup>26</sup> Minbarra dawn l-operazzjonijiet finanzjarji, il-baġit tal-UE juża wkoll strumenti finanzjarji. Skont l-Artikolu 210 tar-Regolament Finanzjarju, l-obbligazzjoni finanzjarja tal-UE u t-total ta' pagamenti mill-baġit tal-UE marbuta ma' strument finanzjarju ma jistgħux jaqbużu "l-ammont tal-impenn baġitarju rilevanti li sar għalihom", u b'hekk jiġu esklużi l-obbligazzjonijiet kontinġenti għall-baġit tal-UE.

<sup>27</sup> Sabiex tiffinanzja l-operazzjonijiet ta' teħid b'self, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tissellef fondi f'isem l-UE. L-attivitajiet ta' għoti u teħid b'self relatati ma' self tal-EFSM u ma' dak għall-BtP jitwettqu spalla ma' spalla, it-teħid b'self pendenti jikkorrispondu għas-self pendenti.

- L-operazzjonijiet li jitwettqu fl-Istati Membri u li huma koperti mill-garanzija tal-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi (FEIS) (immaniġġjata mill-Grupp tal-BEI<sup>28</sup>);
- L-operazzjonijiet li jitwettqu fi Stati mhux Membri li huma koperti mill-garanzija ta' Mandat ta' Self Estern (ELM) (immaniġġjata mill-BEI);
- L-operazzjonijiet tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Sostenibbli (EFSD) li huma koperti mill-garanzija tal-EFSD (inizjattiva li għandha l-għan li tappoġġa l-investiment sostenibbli barra mill-UE.

**2.25.** Kull sena, il-Kummissjoni tirrapporta dwar il-garanziji, inkluż dwar ir-riskju totali u r-riskju annwali mġarrba mill-baġit tal-UE. “Riskju totali” huwa l-ammont totali pendenti (kapital u imgħax) fir-rigward tal-operazzjonijiet koperti. Fil-31 ta' Diċembru 2019, dan l-ammont kien ta' EUR 72,7 biljun<sup>29</sup>. “Riskju annwali” huwa l-ammont massimu ta' pagamenti annwali dovuti (kapital u imgħax) li l-UE jkollha tħallas f'sena finanzjarja jekk il-pagamenti kollha ta' self garantit kienu inadempjenti; fil-31 ta' Diċembru 2019, dan l-ammont kien ta' EUR 4,5 biljun<sup>30</sup>.

**2.26.** L-ammont tar-riskju totali rrapportat mill-Kummissjoni ma jinkludix l-operazzjonijiet relatati mal-FEIS. Fil-31 ta' Diċembru 2019, l-esponiment tal-baġit tal-UE għal pagamenti futuri possibbli fir-rigward tal-garanzija tal-FEIS kien jammonta għal EUR 22 biljun f'operazzjonijiet iffirmati, li minnhom EUR 17,7 biljun kienu ġew żborżati. Iż-żieda ta' dan l-ammont żborżat mar-riskju totali kkalkulat mill-Kummissjoni tkun iżżid b'mod sinifikanti r-riskju totali għal EUR 90,5 biljun (31 ta' Diċembru 2018: EUR 90,3 biljun)<sup>31</sup> (ara l-**Kaxxa 2.6**).

<sup>28</sup> Il-Grupp tal-BEI huwa magħmul mill-Bank Ewropew tal-Investment (BEI) u mill-Fond Ewropew tal-Investment (FEI).


<sup>29</sup> Filwaqt li l-Kummissjoni ma tinkludi l-ebda ammont għar-“riskju totali”, aħna stmajnieh abbażi tal-ammonti li ġew iddivulgati fid-dokument COM(2019) 484 – Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-garanziji koperti mill-baġit ġenerali. Is-sitwazzjoni fil-31 ta' Diċembru 2018.

<sup>30</sup> Stima bbażata fuq COM(2019) 484 – Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-garanziji koperti mill-baġit ġenerali. Is-sitwazzjoni fil-31 ta' Diċembru 2018, kif ukoll fuq il-kontijiet konsolidati tal-UE għall-2019.

<sup>31</sup> Dan jinkludi l-ammont ta' EUR 0,3 biljun (31 ta' Diċembru 2018: EUR 0,2 biljun) relatat mal-FEIS u mal-ELM, li ġie ddivulgat bħala provvedimenti jew obbligazzjonijiet finanzjarji fil-kontijiet annwali tal-UE.

## Kaxxa 2.6

## Distribuzzjoni tar-riskju totali mġarrab mill-baġit tal-UE fil-31 ta' Diċembru 2019



Sors: il-QEA, ibbażat fuq il-kontijiet konsolidati tal-UE għall-2019 u r-rapport tal-Kummissjoni dwar il-garanziji koperti mill-baġit ġenerali, 2018.

## L-UE għandha diversi mezzi disponibbli biex jiġi mmitigat l-esponiment tal-baġit

**2.27.** L-UE għandha għadd ta' mezzi fis-seħħ biex tiżgura li hija tkun tista' tissodisfa l-obbligi legali tagħha fir-rigward ta' self u garanziji. Dawn jinkludu l-fondi ta' garanzija, il-flus disponibbli fit-teżor tal-Kummissjoni, l-abbiltà li jiġu prijoritizzati l-pagamenti ta' obbligi legali, u l-abbiltà li jintalbu rizersi addizzjonali mill-Istati Membri.

## Fondi ta' garanzija

**2.28.** Il-fondi ta' garanzija jirrappreżentaw riżerva ta' likwidità għall-pagament ta' talba għal ħlas ta' garanzija minħabba inadempjenzi potenzjali. Jekk l-ammonti meħtieġa biex jitħallsu t-talbiet jaqbżu l-ammonti li jkunu disponibbli fil-fondi ta' garanzija, dawn iridu jiġu koperti mill-baġit tal-UE. Il-garanziji baġitarji tal-UE huma impenji legali li jsiru mill-UE biex tappoġġa programm billi ddaħħal obbligu finanzjarju fil-baġit<sup>32</sup>. Attwalment, hemm tliet garanziji baġitarji: il-garanzija tal-FEIS, li hija appoġġata mill-fond ta' garanzija tal-FEIS; il-garanzija tal-ELM, li hija appoġġata mill-GFEA; u l-garanzija tal-EFSD, li hija appoġġata mill-fond ta' garanzija tal-EFSD (ara t-*Tabella 2.1*).

**2.29.** Il-fond ta' garanzija tal-FEIS ikopri operazzjonijiet taħt il-garanzija tal-FEIS. Attwalment, ir-rata ta' proviżjonament (perċentwal ta' fondi li għandhom jitwarrbu fil-fond ta' garanzija biex jiġu koperti talbiet għal ħlas ta' garanzija futuri) hija ta' 35 % (din tnaqqset minn 50 % fl-2015)<sup>33</sup>. Fl-2019, ma kien hemm l-ebda talba li tħallset mill-fond ta' garanzija.

**2.30.** Il-GFEA jkopri obligazzjonijiet li jirriżultaw mill-inadempjenza ta' benefiċjarji ta' self li sar lil pajjiżi terzi mill-BEI (self tal-ELM) jew mill-Kummissjoni (self tal-MFA u self tal-Euratom lil pajjiżi terzi). Ir-rata ta' proviżjonament għall-GFEA hija stabbilita għal 9 % tat-total tal-obbligazzjonijiet pendenti. Matul l-2019, il-fond kien ħallas EUR 55 miljun biex ikopri talbiet għall-ħlas tal-garanzija tal-ELM.

**2.31.** Il-Fond ta' garanzija tal-EFSD ikopri l-operazzjonijiet taħt il-garanzija baġitarja tal-EFSD, li hija mfassla biex timmobilizza investiment privat fil-pajjiżi sħab fl-Afrika u fil-viċinat tal-UE<sup>34</sup>. Ir-rata ta' proviżjonament fil-mira hija stabbilita għal 50 % tal-obbligi totali. Sat-31 ta' Diċembru 2019, kien hemm ftehim ta' garanzija wieħed tal-EFSD li kien effettiv, għal limitu ta' kopertura totali ta' EUR 50 miljun.

<sup>32</sup> Ara l-Artikolu 2(9) tar-Regolament Finanzjarju.

<sup>33</sup> Ir-Regolament (UE) 2017/2396 tat-13 ta' Diċembru 2017 li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1316/2013 u (UE) 2015/1017 fir-rigward tal-estensjoni tad-durata tal-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi kif ukoll l-introduzzjoni ta' titjib tekniku għal dak il-Fond u għaċ-Ċentru Ewropew ta' Konsulenza għall-Investimenti (ĠU L 345, 27.12.2017, pp. 34–52).

<sup>34</sup> Ir-Regolament (UE) 2017/1601 li jstabbilixxi l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Sostenibbli (EFSD), il-Garanzija tal-EFSD u l-Fond ta' Garanzija tal-EFSD.

**Tabella 2.1 – Garanziji baġitarji – 31 ta’ Diċembru 2019**

	Limitu massimu (biljun EUR)	Rata ta’ proviżjonament fil-mira	Ammont fil-fond ta’ garanzija (biljun EUR)	Ammont iffirmit (sehem tal-UE)	Mira tal-investment
FEIS	26	35 %	6,7 <sup>(*)</sup>	22	500
ELM	32,3	9 %	2,6	31,7	-
EFSD	1,5	50 %	0,6 <sup>(**)</sup>	0	17,5

(\*) Il-fond ta’ garanzija tal-FEIS jiġi pprovdut progressivament sakemm jintlaħaq l-ammont fil-mira ta’ EUR 9,1 biljun sal-2022.

(\*\*) Il-fond ta’ garanzija tal-EFSD jiġi pprovdut progressivament sakemm jintlaħaq l-ammont fil-mira ta’ EUR 750 miljun.

*Nota:* Sabiex jiġi kkalkulat l-esponiment massimu possibbli tal-baġit tal-UE għal pagamenti futuri marbuta ma’ garanziji baġitarji, l-operazzjonijiet awtorizzati, iżda li għadhom ma ġewx iffirmati, iridu jiżdiedu maċ-ċifra ta’ hawn fuq. Fil-31 ta’ Diċembru 2019, dawn kienu jammontaw għal EUR 10,4 biljun.

*Sors:* il-QEA, ibbażat fuq il-kontijiet konsolidati tal-UE, ir-rapport tal-Kummissjoni dwar il-garanziji koperti mill-baġit ġenerali u r-rapport tal-Kummissjoni dwar il-ġestjoni tal-fond ta’ garanzija għall-FEIS.

## Riżervi ta’ flus

**2.32.** Il-Kummissjoni tista’ tuża wkoll ir-riżervi ta’ flus tagħha biex tkopri l-ammonti dovuti jekk id-debituri jonqsu milli jħallsu lura l-obbligi tagħhom fil-ħin. L-ammont ta’ flus disponibbli fit-teżor tal-Kummissjoni jvarja minn sena għal sena. L-ammont ta’ flus disponibbli fi tmiem l-2019 kien ta’ EUR 15,6 biljun (fil-perjodu 2010-2019 l-ammont ta’ flus disponibbli fi tmiem is-sena kien ivarja bejn madwar EUR 2 biljun u EUR 25 biljun).

## Prijoritizzazzjoni u talba għal riżorsi addizzjonali

**2.33.** Jekk l-ammonti meħtieġa biex jiġu koperti tali ħtiġijiet ta’ ħlas lura jaqbu l-fondi disponibbli fil-kont tat-teżor tal-Kummissjoni, din tal-aħħar tista’ tuża r-riżorsi baġitarji disponibbli tal-UE u tagħti prijorità lill-pagament ta’ obbligi legali fuq infig ieħor mhux obligatorju (eż. pagamenti taħt il-Fondi SIE lill-Istati Membri). Jekk jirriżulta li dan ukoll ma jkunx suffiċjenti, il-Kummissjoni tista’ titlob riżorsi addizzjonali mill-Istati Membri, sabiex tissodisfa l-obbligi legali tagħha, lil hinn mil-limiti massimi tal-QFP, sa massimu ta’ 1.20 % tal-ING tal-UE<sup>35</sup>.

<sup>35</sup> Ara l-Artikolu 14 tar-Regolament tal-Kunsill Nru 609/2014 dwar il-metodi u l-proċedura li jintużaw biex jitqiegħdu għad-dispożizzjoni r-riżorsi proprji tradizzjonali, dawk ibbażati fuq il-VAT u dawk ibbażati fuq l-ING u dwar il-miżuri li jissodisfaw il-ħtiġijiet fi flus kontanti.

## Jeħtieġ li jiġi vvalutat mill-ġdid l-esponiment futur tal-baġit tal-UE

**2.34.** L-Artikolu 210(3) tar-Regolament Finanzjarju jiddikjara li l-*obbligazzjonijiet kontinġenti* li jirriżultaw mill-garanziji baġitarji jew mill-assistenza finanzjarja mġarrba mill-baġit jistgħu jitqiesu bħala sostenibbli, dment li l-evoluzzjoni pluriennali prevista tagħhom tkun kompatibbli mal-limiti ffissati mir-Regolament li jistabbilixxi l-QFP u l-limitu massimu fuq approprjazzjonijiet ta' pagament annwali. Ibbażat fuq dan, il-mezzi disponibbli biex jiġi indirizzat l-esponiment tal-baġit tal-UE fil-31 ta' Diċembru 2019 jistgħu jitqiesu bħala sostenibbli (ara l-paragrafi **2.22-2.33**). Madankollu, il-kriżi tal-COVID-19 tista' twassal għal żieda fl-użu ta' strumenti eżistenti u ta' dawk maqbula reċentement biex jiġi mmitigat it-tnaqqis mistenni fir-ritmu ekonomiku. Hija tintroduċi wkoll ir-riskju li l-kapaċitajiet ta' ħlas lura tal-benefiċjarji finali attwali tas-self u tal-garanziji baġitarji jistgħu jiġu milquta b'mod negattiv. Dan se jkollu impatt fuq l-ammonti u l-mekkaniżmi disponibbli biex jiġi mmitigat l-esponiment futur, inklużi r-rati ta' proviżjonament.

## Il-baġit tal-UE u l-Grupp tal-BEI huma marbuta mill-qrib ma' xulxin

### Il-Grupp tal-BEI jikkontribwixxi għall-oġġettivi tal-UE

**2.35.** Il-Grupp tal-BEI jikkontribwixxi għall-oġġettivi tal-UE bl-użu ta' taħlita ta' operazzjonijiet iffinanzjati jew appoġġati minn fondi mill-baġit tal-UE, u r-riżorsi proprji tal-Grupp tal-BEI. Matul l-aħħar QFP, f'konformità maż-żieda fl-użu ta' strumenti finanzjarji, ir-rwol tal-Grupp tal-BEI fl-appoġġ tal-politiki tal-UE żdied b'mod sinifikanti.

**2.36.** L-oġġettivi tal-Grupp tal-BEI huma allinjati ħafna ma' dawk tal-UE. Mill-2011 'il hawn, il-BEI stabbilixxa għalih innifsu l-oġġettiv li jenħtieġ li 30 % tal-proġetti ffirmati tiegħu kull sena jikkontribwixxu għall-koeżjoni ekonomika u soċjali u għall-konverġenza. Parti sinifikanti mill-operazzjonijiet tal-Grupp tal-BEI huma ddedikati wkoll għall-azzjoni klimatika u s-sostenibbiltà ambjentali. Aktar reċentement, il-BEI ħabbar li l-proporzjon fil-mira tiegħu ta' proġetti relatati mal-klima se jirdoppja, minn dak attwali ta' 25 % għal 50 % sal-2025<sup>36</sup>.


<sup>36</sup> Ara l-pjan operazzjonali tal-Grupp tal-BEI għall-2020.

Parti sinifikanti mill-operazzjonijiet tal-BEI hija appoġġata mill-baġit tal-UE

**2.37.** Il-Grupp tal-BEI jikkontribwixxi lejn l-implimentazzjoni tal-oġġettivi tal-UE bl-użu ta' varjetà ta' strumenti (ara l-**Kaxxa 2.7**).

### Kaxxa 2.7

#### Kooperazzjoni bejn il-baġit tal-UE u l-Grupp tal-BEI




Sors: il-QEA, ibbażat fuq ir-rapport annwali tal-Kummissjoni għall-2018 dwar l-arkitettura finanzjarja tal-UE.

**2.38.** Filwaqt li partijiet mill-attivitajiet finanzjarji tal-Grupp tal-BEI jitwettqu bl-użu biss tar-riżorsi proprji tal-Grupp tal-BEI u għar-riskju proprju tiegħu, parti sinifikanti tiġi implimentata bl-użu ta' fondi magħmula disponibbli minn partijiet terzi, inkluża l-Kummissjoni, permezz ta' "mandati". Mandati huma sħubijiet li saru mill-Grupp tal-BEI ma' parti terza għall-iskop li jintlaħqu oġġettivi komuni. Huma bbażati fuq appoġġ finanzjarju mwieġhed minn parti terza.

**2.39.** L-użu ta' din is-sistema ta' mandati min-naħa tal-BEI żdied u ddiversifika rapidament matul dawn l-aħħar 15-il sena. Il-FEI jimplementa wkoll fondi bl-użu ta' mandati tal-UE. Billi l-ammont ta' mandati tal-BEI huwa ogħla, l-analiżi tagħna tiffoka prinċipalment fuq il-BEI. Sa tmiem l-2019, madwar terz tal-attività ta' teħid b'self tal-BEI u aktar minn tliet kwarti tal-attività konsultattiva tiegħu kienu qed jitwettqu taħt mandati, b'madwar 50 mandat fis-seħħ. Il-biċċa l-kbira minn dawn il-mandati jieħdu l-forma ta' ftehimiet mal-Kummissjoni.

### Kaxxa 2.8

#### Evoluzzjoni tal-attività tal-BEI mwettqa taħt mandat mill-2003 sal-2019




Sors: il-QEA, ibbażat fuq ir-rapport tal-BEI "Evaluation of EIB's mandate activity", Diċembru 2019.



**2.40.** Il-*Kaxxa 2.9* turi l-attività annwali ta' teħid b'self tal-BEI maqsuma bejn finanzjament taħt mandat u dak mhux taħt mandat.

### Kaxxa 2.9

**Attività ta' finanzjament tal-BEI mwettqa taħt mandat bi tqabbil ma' finanzjament ieħor mhux taħt mandat, skont is-sena**



*Nota:* Lċ-ċart turi iċ-ċifri reali għall-2017, l-2018 u l-2019, kif ukoll iċ-ċifri mbassra għall-2020.

*Sors:* il-QEA, ibbażat fuq *data* mill-BEI.

## Il-Grupp tal-BEI se jkompli jkollu rwol importanti

**2.41.** L-akbar mandati tal-BEI huma dawk appoġġati mill-garanzija tal-FEIS (b'limitu massimu ta' EUR 26 biljun) u l-garanzija tal-ELM (b'limitu massimu ta' EUR 32,3 biljun). Fir-rapport speċjali tagħna dwar il-FEIS<sup>37</sup>, aħna kkonkludjuna li l-FEIS kien għen lill-BEI biex jipprovdi aktar finanzjament b'riskju oġġla għal investimenti u attira investment pubbliku u privat addizzjonali. Madankollu, aħna sibna wkoll li parti mill-appoġġ tal-FEIS issostitwiet finanzjament ieħor mill-BEI u mill-UE, li parti mill-finanzjament tal-FEIS kienet marret għal proġetti li setgħu użaw sorsi oħra ta' finanzjament pubbliku jew

<sup>37</sup> Ir-Rapport Speċjali Nru 3/2019 "Il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi: Jeħtieġ li tittieħed azzjoni biex il-FEIS ikun suċċess totali".

privat, li l-istimi tal-investment addizzjonali attirat mill-FEIS xi kultant kienu ġew iddikjarati b'mod eċċessiv, u li l-biċċa l-kbira mill-investimenti kienu marru fi fteit mill-Istati Membri l-kbar tal-EU-15 li għandhom banek promozzjonali nazzjonali stabbiliti sew. Fl-evalwazzjoni tal-ELM li hija wettqet fl-2019<sup>38</sup>, il-Kummissjoni osservat għadd ta' nuqqasijiet. Dawn kienu jinkludu dgħufijiet fil-kondiviżjoni ta' informazzjoni mill-BEI, u diffikultajiet fil-valutazzjoni tar-riżultati u l-impatti reali tal-intervent tal-UE. Skont l-istess rapport ta' evalwazzjoni, il-Kummissjoni bdiet ukoll rieżaminar kumplessiv tal-proċedura tal-Artikolu 19<sup>39</sup> bil-ħsieb li ttejjeb is-sorveljanza tal-allinjament tal-operazzjonijiet tal-BEI mal-prijoritajiet ta' politika tal-UE, inklużi l-operazzjonijiet barra mill-UE.

**2.42.** Matul l-10 snin li ġejjin, il-Kummissjoni impenjat lilha nfisha li timmobilizza mill-inqas EUR 1 triljun ta' investimenti b'appoġġ għal tranżizzjoni sostenibbli, ekwa u ekoloġika<sup>40</sup>. Il-Programm InvestEU<sup>41</sup> se jkun l-istrument prinċipali ta' dan il-pjan. Il-Grupp tal-BEI se jikkontribwixxi għal din il-mira ta' investment taħt il-Programm InvestEU, inkluż l-iskema ddedikata għal Tranżizzjoni Ġusta, kif ukoll taħt il-faċilità ta' self għas-settur pubbliku tal-Mekkaniżmu għal Tranżizzjoni Ġusta<sup>42</sup>. Il-kontribut tal-Grupp tal-BEI għall-Pjan ta' Investment għall-Patt Ekoloġiku Ewropew tal-Kummissjoni

---

<sup>38</sup> Evalwazzjoni tad-Deċiżjoni Nru 466/2014/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 li tagħti garanzija tal-UE lill-Bank Ewropew tal-Investment kontra telf minn operazzjonijiet ta' finanzjament li jappoġġaw proġetti ta' investment barra mill-Unjoni Ewropea – SWD(2019) 334 final, 13.9.2019.

<sup>39</sup> Skont l-Artikolu 19 tal-Istatut tal-BEI, trid tintalab l-opinjoni tal-Kummissjoni għall-operazzjonijiet kollha tal-BEI li jiġu ffinanzjati mir-riżorsi proprji, qabel ma dawn jiġu ppreżentati lill-Bord tad-Diretturi tal-BEI għall-approvazzjoni. Ir-rwol tal-Kummissjoni huwa li tipprovdi opinjoni dwar il-konformità tal-investimenti proposti mal-leġiżlazzjoni u l-politiki rilevanti tal-UE. Aspetti bħall-profittabbiltà tal-proġetti u r-riskju finanzjarju jaqgħu barra mill-kamp ta' applikazzjoni tal-proċedura tal-Artikolu 19 u jibqgħu taħt ir-responsabbiltà unika tal-BEI.

<sup>40</sup> COM(2020) 21, Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-Pjan ta' Investment għal Ewropa Sostenibbli u l-Pjan ta' Investment tal-Patt Ekoloġiku Ewropew.

<sup>41</sup> COM(2018) 439, Proposta għal "Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Programm InvestEU".

<sup>42</sup> COM(2020) 22, Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropea u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta.

huwa mistenni li jammonta għal madwar EUR 250 biljun f'investimenti mmobilizzati taħt il-mandati tal-UE<sup>43</sup>.

**2.43.** Il-Grupp tal-BEI se jikkontribwixxi wkoll għar-reazzjoni tal-UE għall-pandemija tal-COVID-19. Wara rakkomandazzjoni li saret mill-Grupp tal-Euro fid-9 ta' April 2020<sup>44</sup>, il-Grupp tal-BEI qed joħloq fond ta' garanzija pan-Ewropew sa massimu ta' EUR 25 biljun, b'enfasi fuq l-intrapriżi żgħira u medji (SMEs) fl-UE kollha. Preċedentement, il-Grupp tal-BEI ħabbar sett ta' miżuri intenzjonati biex jimmobilizzaw sa EUR 40 biljun għall-finanzjament tal-ħtiġijiet ta' finanzjament fuq terminu qasir tal-SMEs milquta, li jinkludu l-appoġġ ta' ammont massimu ta' EUR 8 biljun f'finanzjament imwassal permezz tal-FEI u appoġġat minn garanzija tal-UE ta' EUR 1 000 000 000 li ġew allokatu mill-ġdid taħt il-FEIS biex jinċentivaw lill-intermedjarji finanzjarji sabiex jipprovdu likwidità lill-SMEs u lill-kumpaniji b'kapitalizzazzjoni medja, kif ukoll EUR 5 biljun disponibbli għal investimenti fis-settur tal-kura tas-saħħa. Bl-appoġġ tal-finanzjament mill-UE, inklużi l-garanziji tal-UE, il-BEI ħabbar ukoll li se jipprovdi sa EUR 5,2 biljun fix-xhur li ġejjin lis-sħab barra mit-territorju tal-UE.

## Il-mandat tal-awditjar tagħna jkopri biss parti mill-operazzjonijiet tal-BEI

**2.44.** Attwalment, parti kbira mill-operazzjonijiet tal-BEI – l-operazzjonijiet li mhumiex iffinanzjati jew appoġġati mill-baġit tal-UE – ma jaqgħux fil-mandat tal-awditjar tagħna. B'kont meħud tal-fatt li dawn l-operazzjonijiet jikkontribwixxu b'mod sinifikanti lejn l-ilħuq tal-oġġettivi tal-UE, kif ukoll li l-BEI qed jintuża dejjem aktar għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-UE, aħna nqisu li jkun ta' benefiċċju li r-regolarità u l-prestazzjoni ta' dawn l-operazzjonijiet ikunu suġġetti għal eżaminar estern indipendenti. Il-QEA twettaq l-awditi tagħha relatati mal-operazzjonijiet tal-BEI abbażi tal-ftehim tripartitiku bejn il-Kummissjoni, il-QEA u l-BEI. Dan japplika kemm għall-operazzjonijiet ta' self taħt il-mandat mogħti lill-Bank mill-Unjoni Ewropea kif ukoll għall-operazzjonijiet immaniġġjati mill-Bank li jiddaħħlu fil-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea u li jiġu garantiti minn dan tal-aħħar<sup>45</sup>. Dan il-ftehim attwali se jiskadi fl-2020, u qed jiġi nnegożjat wieħed ġdid.

<sup>43</sup> L-aspetti baġitarji tal-Programm InvestEU u l-Mekkaniżmu għal Tranżizzjoni Ġusta għadhom suġġetti għall-ftehim kumplessiv dwar il-QFP li jmiss.

<sup>44</sup> Ara l-ittra ta' sinteżi tal-Grupp tal-Euro, is-17 ta' April 2020.

<sup>45</sup> Ftehim Tripartitiku bejn il-Kummissjoni Ewropea, il-Qorti Ewropea tal-Awdituri, u l-Bank Ewropew tal-Investment, 2016.

**2.45.** Fl-2020, il-Parlament Ewropew tenna t-talba tiegħu “li l-QEA tingħata s-setgħa li twettaq awditu tal-operazzjonijiet kollha tal-BEI, inkluż li tagħmel evalwazzjoni tal-kosteffettività tal-isforzi ta’ investiment tiegħu u tal-addizzjonalità tal-proġetti tiegħu, u li dawn l-awditi jkunu ppubblikati”. Huwa appella wkoll lill-QEA biex “tfassal rakkomandazzjonijiet dwar ir-riżultati tal-attivitajiet ta’ self estern tal-BEI”<sup>46</sup>.

---

<sup>46</sup> Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta’ Lulju 2020 dwar l-attivitajiet finanzjarji tal-Bank Ewropew tal-Investiment – rapport annwali 2019 (2019/2126 (INI)) u r-Rapport dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2018, Taqsima III – Il-Kummissjoni u l-aġenziji eżekuttivi (2019/2055 (DEC)).

## Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

### Konklużjonijiet

**2.46.** FI-2019, l-appropriazzjonijiet ta' impenn u l-appropriazzjonijiet ta' pagament disponibbli fil-baġit finali kienu kważi ntużaw kompletament. FI-aħħar erba' snin, il-pagamenti kienu notevolment taħt il-limiti massimi tal-QFP, u dan se jwassal għal ħtiġijiet ta' pagament ogħla fil-futur (ara l-paragrafi [2.2-2.6](#)).

**2.47.** Fi tmiem l-2019, l-impenji pendenti laħqu l-ogħla livell li qatt intlaħaq. Aħna identifikajna żewġ raġunijiet prinċipali għal din iż-żieda: l-appropriazzjonijiet ta' impenn li sistematikament jaqbru l-appropriazzjonijiet ta' pagament, u l-ħtiġijiet ta' pagament li qed jiġu posposti għall-QFP li jmiss (ara l-paragrafi [2.7-2.9](#)).

**2.48.** Għalkemm ir-ritmu tal-implimentazzjoni tal-FSIE aċċellera, l-assorbiment kumplessiv għadu aktar baxx milli kien fis-sena korrispondenti tal-QFP preċedenti. Jenħtieġ li r-regoli riveduti għall-implimentazzjoni tal-Fondi SIE, li ġew skattati mill-kriżi tal-COVID-19, ikomplu jżidu r-ritmu tal-implimentazzjoni. Hemm ir-riskju li dan it-tibdil joħloq pressjoni fuq l-appropriazzjonijiet ta' pagament disponibbli mill-2020 'il quddiem (ara l-paragrafi [2.14-2.17](#)).

**2.49.** Mill-fondi li ġew impenjati fil-FISMs, 17 % biss kienu waslu għand ir-riċevitur finali tagħhom sal-5 sena tal-QFP attwali. Ir-rilevanza tar-rappurtar tal-Kummissjoni dwar il-FISMs titnaqqas minħabba li r-rapport annwali tagħha dwar il-FISMs jiġi ppubblikat tard wisq. Fil-QFP 2021-2027, il-Kummissjoni mhux se tibqa' tipproduċi rapport annwali fil-livell tal-FISMs individwali (ara l-paragrafi [2.18-2.21](#)).

**2.50.** Fi tmiem l-2019, l-UE kellha diversi strumenti għad-dispożizzjoni tagħha biex tindirizza l-esponiment tal-baġit tal-UE għal riskji finanzjarji li jirriżultaw minn self u garanziji baġitarji. Madankollu, l-impatt tal-kriżi tal-COVID-19 se jirrikjedi valutazzjoni mill-ġdid tal-ammonti u tal-mekkaniżmi disponibbli biex jiġi mmitigat l-esponiment futur, inkluża reviżjoni tar-rati ta' proviżjonament. Għalhekk, huwa importanti li jkun hemm stampa kompleta tar-"riskju totali" li għalih huwa espost il-baġit tal-UE, inkluż ir-riskju ġġenerat mill-garanziji baġitarji bħall-FEIS (ara l-paragrafi [2.22-2.34](#)).

**2.51.** Il-Grupp tal-BEI huwa sieħeb importanti f’dak li jirrigwarda l-implimentazzjoni tal-baġit tal-UE u l-ilħuq tal-obiettivi tal-UE, u r-rwol tiegħu se jkompli jkun sinifikanti fil-QFP li jmiss. Partijiet kbar mill-operazzjonijiet tiegħu jitwettqu bl-użu ta’ mandati, li l-biċċa l-kbira minnhom jieħdu l-forma ta’ ftehimiet mal-Kummissjoni. Skont il-mandat tal-awditjar tagħna, aħna nistgħu biss neżaminaw l-operazzjonijiet tal-BEI li huma ffinanzjati jew garantiti mill-baġit tal-UE. Ir-rapporti speċjali tagħna identifikaw kwistjonijiet u pproponew titjib relatat mal-prestazzjoni ta’ tali operazzjonijiet. Għalhekk, aħna nqisu li jkun ta’ benefiċċju li r-regolarità u l-prestazzjoni tal-parti tal-operazzjonijiet tal-BEI li mhumiex appoġġati mill-baġit tal-UE jkunu suġġetti għal eżaminar estern indipendenti (ara l-paragrafi [2.35-2.45](#)).

## Rakkomandazzjonijiet

**2.52.** Aħna nirrakkomandaw li jenħtieġ li l-Kummissjoni tieħu l-azzjoni li ġejja.

### Rakkomandazzjoni 2.1

---

Issegwi mill-qrib il-ħtiġijiet ta’ pagament u tieħu azzjoni, fl-ambitu tal-mandat istituzzjonali tagħna, bil-għan li tiżgura d-disponibbiltà tal-appropriazzjonijiet ta’ pagament filwaqt li tieħu kont kemm tar-riskju li l-appropriazzjonijiet ta’ pagament ma jkunux suffiċjenti kif ukoll tal-ħtiġijiet straordinarji li jirriżultaw mill-pandemija tal-COVID-19.

**Data mmirata għall-implimentazzjoni: mill-2020 ’il quddiem**

### Rakkomandazzjoni 2.2

---

Tkompli tipproduċi rapport annwali dwar il-FISMs, inkluż fil-livell tal-istrumenti finanzjarji individwali, fil-QFP li jmiss.

**Data mmirata għall-implimentazzjoni: kull sena, mir-rapport tal-2021 ’il quddiem**

### Rakkomandazzjoni 2.3

---

Tippreżenta stampa kompleta tal-esponiment tal-baġit tal-UE fir-Rapport annwali dwar il-garanziji koperti mill-baġit ġenerali, inkluż tar-riskju ġġenerat mill-garanzija tal-FEIS kif ukoll mill-operazzjonijiet finanzjarji futuri kollha kkonċernati.

**Data mmirata għall-implimentazzjoni: kull sena, mill-2021 'il quddiem**

### Rakkomandazzjoni 2.4

---

Tivvaluta mill-ġdid, fil-kuntest tal-kriżi tal-COVID-19, jekk il-mekkaniżmi eżistenti biex jiġi mmitigat l-esponiment tal-baġit tal-UE għar-riskju humiex suffiċjenti u xierqa, u tirreżamina r-rati ta' proviżjonament fil-mira tal-fondi ta' garanzija li jkopru l-garanziji mogħtija mill-baġit tal-UE.

**Data mmirata għall-implimentazzjoni: mill-2020 'il quddiem**

**2.53.** Aħna nirrakkomandaw li jenħtieġ li l-Parlament Ewropew u l-Kunsill jieħdu l-azzjoni li ġejja:

### Rakkomandazzjoni 2.5

---

Jappellaw lill-BEI biex il-Qorti tkun tista' tawditja r-regolarità kif ukoll l-aspetti tal-prestazzjoni tal-attività ta' finanzjament tagħha, li ma jaqgħux taħt mandat speċifiku tal-UE.

**Data mmirata għall-implimentazzjoni: mill-2020 'il quddiem**

# Annessi

## Anness 2.1 – L-assorbiment mill-Istat Membru fi tmiem I-2019 bi tqabbil mal-2012

	Total tal-pagamenti mħallsa fl-2014 sal-2019 (miljun EUR)	Rata ta' assorbiment fi tmiem I-2019	Rata ta' assorbiment fi tmiem I-2012
Il-Belġju	1 120	39,7 %	49,1 %
Il-Bulgarija	3 648	36,6 %	36,2 %
Iċ-Ċekja	9 651	40,4 %	37,9 %
Id-Danimarka	622	40,1 %	45,3 %
Il-Ġermanja	11 518	41,1 %	54,1 %
L-Estonja	2 164	48,8 %	61,3 %
L-Irlanda	2 050	60,6 %	60,3 %
Il-Greċja	9 266	42,8 %	49,2 %
Spanja	13 291	32,8 %	51,7 %
Franza	12 566	44,8 %	43,3 %
Il-Kroazja	3 231	30,0 %	
L-Italja	13 885	30,7 %	30,7 %
Ċipru	443	48,1 %	44,3 %
Il-Latvja	2 509	44,2 %	52,2 %
Il-Litwanja	3 481	40,9 %	62,9 %
Il-Lussemburgu	82	57,0 %	51,8 %
L-Ungerija	10 737	42,8 %	44,2 %
Malta	288	34,6 %	37,2 %
In-Netherlands	742	38,0 %	45,6 %
L-Awstrija	2 790	56,5 %	52,2 %
Il-Polonja	36 200	41,8 %	52,3 %
Il-Portugall	12 231	47,0 %	59,2 %
Ir-Rumanija	11 163	35,6 %	22,4 %



	Total tal-pagamenti mħallsa fl-2014 sal- 2019 (miljun EUR)	Rata ta' assorbiment fi tmiem l-2019	Rata ta' assorbiment fi tmiem l-2012
Is-Slovenja	1 569	39,7 %	50,3 %
Is-Slovakkja	5 079	33,4 %	41,0 %
Il-Finlandja	2 506	66,2 %	54,7 %
L-lżvezja	1 694	46,6 %	53,3 %
Ir-Renju Unit	6 886	42,0 %	50,9 %
Kooperazzjoni transfruntiera	2 767	29,4 %	40,1 %
<b>Medja tal-UE</b>	<b>184 179</b>	<b>39,6 %</b>	<b>46,4 %</b>

Sors: il-QEA, ibbażat fuq informazzjoni mill-Kummissjoni.

## Anness 2.2 Strumenti finanzjarji mmaniġġjati mill-Grupp tal-BEI taħt il-mandat tal-UE fi tmiem l-2019 (f' miljun EUR)

Strument finanzjarju	Immaniġġjati minn	Pakkett finanzjarju disponibbli	Total tal-pagamenti mill-baġit tal-UE sa tmiem l-2019
Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (FNE) – Strumenti ta' Dejn	BEI	2 536 <sup>(*)</sup>	697
Faċilità ta' Strumenti ta' Finanzjament Privat għall-Effiċjenza fl-Enerġija (PF4EE)	BEI	105	48
Faċilità ta' Finanzjament tal-Kapital Naturali (NCCF)	BEI	60	13
InnovFin Dejn – Servizzi ta' Self ta' Orizzont 2020 għall-Faċilità tar-Riċerka u l-Innovazzjoni	BEI	1 686	1 275
Faċilità ta' Finanzjament għall-Kondiviżjoni tar-Riskji (RSFF)	BEI	961	961
Faċilità ta' garanzija pilota għal SMEs u kumpaniji żgħar b' kapitalizzazzjoni medja xprunati mir-Riċerka u l-Innovazzjoni – RSI	FEI	270	270
Mikrofinanzjament u Intrapriżi Soċjali tal-EaSI (EaSI)	FEI	110	84
Investimenti għall-Bini tal-Kapaċità tal-EaSI	FEI	26	23
Faċilità Ewropea ta' Garanzija ta' Mikrofinanzjament Progress (EPMF – G)	FEI	25	24
Fond Ewropew ta' Mikrofinanzjament Progress (EPMF – FCP-FIS)	FEI	80	80
Sottofond għall-Impjiegi u l-Innovazzjoni Soċjali (EaSI FIS)	FEI	67	25
Faċilità ta' Garanzija ta' Self lill-Istudanti (Erasmus+) – SLGF	FEI	50	22
Faċilità ta' Garanzija ta' Self taħt COSME (COSME-LGF)	FEI	1 161	563
Faċilità ta' Ekwità għat-Tkabbir taħt COSME (COSME-EFG)	FEI	394	94
InnovFin SMEG – Servizz ta' Self għar-Riċerka u l-Innovazzjoni għal SMEs u Kumpaniji Żgħar b' kapitalizzazzjoni medja taħt Orizzont 2020	FEI	1 389	1 101

Strument finanzjarju	Immaniġġjati minn	Pakkett finanzjarju disponibbli	Total tal-pagamenti mill-baġit tal-UE sa tmiem l-2019
InnovFin Ekwità – Faċilità ta' Ekwità għar-Riċerka u l-Innovazzjoni taħt Orizzont 2020	FEI	785	534
Inizjattiva għall-SMEs (kontribuzzjoni minn COSME u Orizzont 2020)	FEI	32	21
Faċilità ta' Garanzija tas-Setturi Kulturali u Kreattivi – CCS GF	FEI	122	42
Faċilità ta' Garanzija għall-SMEs taħt is-CIP (SMEG 07)	FEI	532	451
Faċilità ta' Ekwità għall-SMEs Innovattivi u b'Rata Għolja ta' Tkabbir taħt is-CIP (GIF)	FEI	561	538
Faċilità ta' Garanzija tal-Balkani tal-Punent EDIF I	FEI	22	22
Faċilità ta' Garanzija tal-Balkani tal-Punent EDIF II	FEI	48	19
Fond ta' Espansjoni tal-Intrapriżi – ENEF tal-Balkani tal-Punent	FEI	11	11
Fond ta' Innovazzjoni tal-Intrapriżi – ENIF tal-Balkani tal-Punent	FEI	21	21
Fond "Green for Growth" (GGF)	FEI	59	20
Fond Ewropew għax-Xlokk tal-Ewropa (EFSE) tal-Balkani tal-Punent	FEI	88	0
Fond Globali għall-Effiċjenza Enerġetika u l-Enerġija Rinnovabbli (GEEREF)	FEI	81	80
Appoġġ għall-Faċilità għall-FEMIP	BEI	224	224
<b>Total</b>		<b>11 506</b>	<b>7 263</b>

(\*) Dan l-ammont jirrappreżenta l-limitu massimu tal-kontribuzzjoni mill-baġit tal-UE għall-istrumenti finanzjarji tal-FNE. Fil-31 ta' Diċembru 2019, il-kontribuzzjoni mill-UE li ġiet impenjata għal dan l-istrument finanzjarju hija ta' EUR 755 miljun.

Sors: il-QEA, ibbażat fuq l-Abbozz ta' baġit ġenerali li ħejjet il-Kummissjoni għas-sena finanzjarja 2020 – Dokument ta' ħidma, il-Parti X.

## Kapitolu 3

Dħul

# Werrej

	Paragrafu
<b>Introduzzjoni</b>	3.1.-3.5.
Deskrizzjoni qasira	3.2.-3.3.
Ambitu u approċċ tal-awditjar	3.4.-3.5.
<b>Regolarità tat-tranżazzjonijiet</b>	3.6.
<b>Eżaminar ta' elementi tas-sistemi ta' kontroll intern</b>	3.7.-3.21.
Jeżistu dgħufijiet persistenti fil-ġbir tal-RPT mill-Istati Membri	3.8.-3.10.
Il-kontrolli mwettqa mill-Istati Membri biex jitnaqqas in-nuqqas doganali fihom dgħufijiet importanti li jeħtieġu azzjoni mill-UE	3.11.-3.15.
Ir-riżoluzzjoni ta' riżervi tal-VAT u ta' punti miftuħa tal-RPT tiegħu ħafna ħin	3.16.-3.18.
Verifikazzjonijiet pluriennali tal-ING li ġew ikkompletati, iżda l-impatt tal-globalizzazzjoni għadu ma ġiex ivvalutat bis-sħiħ	3.19.-3.21.
<b>Rapporti annwali tal-attività</b>	3.22.-3.23.
<b>Konklużjoni u rakkomandazzjonijiet</b>	3.24.-3.26.
Konklużjoni	3.24.
Rakkomandazzjonijiet	3.25.-3.26.

## **Annessi**

**Anness 3.1 — Riżultati tal-ittestjar tat-tranżazzjonijiet**

**Anness 3.2 — Riskji doganali prinċipali u tipi ta' kontrolli doganali**

**Anness 3.3 Għadd ta' riżervi tal-ING, ta' riżervi tal-VAT u ta' punti miftuħa tal-RPT, li kienu pendenti fil-31/12/2019, skont l-Istat Membru**


**Anness 3.4 — Segwitu tar-rakkomandazzjonijiet preċedenti relatati mad-dħul**

## Introduzzjoni

**3.1.** Dan il-kapitolu jippreżenta s-sejbiet tagħna relatati mad-dħul, li jinkludi kemm *riżorsi proprji* kif ukoll dħul ieħor. Il-*Kaxxa 3.1* tagħti ripartizzjoni tad-dħul fl-2019.

### Kaxxa 3.1

#### Dħul – Ripartizzjoni fl-2019<sup>(\*)</sup>



**Total tad-dħul fl-2019<sup>(\*\*)</sup>: EUR 163,9 biljun**

<sup>(\*)</sup> F'konformità mad-definizzjoni armonizzata tat-tranżazzjonijiet ta' bażi (għad-dettalji ara l-**Annex 1.1**, il-paragrafu 9).

<sup>(\*\*)</sup> Dan l-ammont jirrappreżenta d-dħul effettiv fil-baġit tal-UE. Fir-rapport tal-prestazzjoni finanzjarja, l-ammont ta' EUR 163,1 biljun huwa kkalkulat bl-użu tal-kontabbiltà bbażata fuq id-dovuti.

Sors: il-kontijiet konsolidati tal-Unjoni Ewropea għall-2019.

## Deskrizzjoni qasira

### 3.2. Il-biċċa l-kbira mid-dħul (88 %) jirriżulta mit-tliet kategoriji ta' riżorsi proprji:

- (a) **ir-riżorsa proprja bbażata fuq l-introjtu nazzjonali gross (ibbażata fuq l-ING)** tipprovdi 64 % tad-dħul tal-UE, u tibbilanċja l-baġit tal-UE wara li d-dħul mis-sorsi l-oħra kollha jkun ġie kkalkulat. Kull Stat Membru jikkontribwixxi b'mod proporzjonali skont l-ING tiegħu<sup>1</sup>;
- (b) **ir-riżorsi proprji tradizzjonali (RPT)** jipprovdu 13 % tad-dħul tal-UE. Huma jinkludu d-dazji doganali fuq l-importazzjonijiet li jinġabru mill-Istati Membri. Il-baġit tal-UE jirċievi 80 % tal-ammont totali; l-Istati Membri jżommu l-20 % li jifdal biex ikopru l-ispejjeż tal-ġbir;
- (c) **ir-riżorsa proprja bbażata fuq it-taxxa fuq il-valur miżjud (ibbażata fuq il-VAT)** tipprovdi 11 % tad-dħul tal-UE. Il-kontribuzzjonijiet taħt din ir-riżorsa proprja jiġu kkalkulati bl-użu ta' rata uniformi<sup>2</sup> għall-bażijiet ta' valutazzjoni armonizzati tal-VAT tal-Istati Membri.

**3.3.** Id-dħul jinkludi wkoll ammonti li jiġu riċevuti minn sorsi oħra. Minn dawn is-sorsi, dawk l-aktar sinifikanti huma l-kontribuzzjonijiet u r-rifużjonijiet li huma marbuta mal-ftehimiet u l-programmi tal-UE (8 % tad-dħul tal-UE), bħal dħul relatat mal-approvazzjoni tal-FAEG u l-FAEŻR, u l-parteċipazzjoni ta' pajjiżi terzi fi programmi ta' riċerka.

<sup>1</sup> Il-kontribuzzjoni inizjali tiġi kkalkulata fuq il-bażi tal-ING previst. Id-differenzi bejn l-ING previst u dak finali jiġu aġġustati fis-sinifkanti u jiġu riflessi fid-distribuzzjoni tar-riżorsi proprji bejn l-Istati Membri, aktar milli l-ammont totali li jinġabar.

<sup>2</sup> Rata mnaqqsa ta' 0,15 % għall-ġbir tal-VAT tapplika għall-Ġermanja, in-Netherlands u l-Iżvezja, meta mqabbla ma' dik ta' 0,3 % għall-Istati Membri l-oħra.



## Ambitu u approċċ tal-awditjar

**3.4.** Filwaqt li applikajna l-approċċ u l-metodi tal-awditjar ippreżentati fl-**Annex 1.1**, aħna ksibna aċċertament għall-opinjoni tal-awditjar tagħna dwar id-dħul billi wettaqna valutazzjoni tas-sistemi ewlenin magħżula, ikkomplementata minn ittestjar tat-tranżazzjonijiet. L-objettiv tagħna kien li nikkontribwixxu għad-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni kumplessiva kif deskritt fl-**Annex 1.1**. Aħna eżaminajna dan li ġej fir-rigward tal-2019:

- (a) kampjun ta' 55 ordni ta' rkupru<sup>3</sup> tal-Kummissjoni, maħsub biex ikun rappreżentattiv tas-sorsi kollha ta' dħul;
- (b) is-sistemi tal-Kummissjoni:
  - (i) biex jiġi żgurat li d-*data* tal-Istati Membri dwar l-ING u l-VAT tikkostitwixxi bażi xierqa għall-kalkolu u l-ġbir tal-kontribuzzjonijiet tar-riżorsi proprji<sup>4</sup>
  - (ii) għall-ġestjoni tal-RPT u biex jiġi żgurat li l-Istati Membri jkollhom sistemi effettivi biex jiġbru u jirrapportaw l-ammonti korretti tal-RPT u jagħmluhom disponibbli
  - (iii) għall-ġestjoni tal-multi u l-penali
  - (iv) għall-kalkolu tal-ammonti li jirriżultaw mill-mekkaniżmi ta' korrezzjoni;
- (c) is-sistemi għall-kontabilizzazzjoni tal-RPT fi tliet Stati Membri (il-Belġju, il-Ġermanja u l-Polonja)<sup>5</sup>;
- (d) l-affidabbiltà tal-informazzjoni dwar ir-regolarità, li tinsab fir-*rapporti annwali tal-attività* tad-DĠ BUDG u tal-Eurostat.

---

<sup>3</sup> Ordni ta' rkupru hija dokument li fih il-Kummissjoni tirreġistra l-ammonti li jkunu dovuti lilha.

<sup>4</sup> Il-punt tat-tluq tagħna kien id-*data* maqbula dwar l-ING u l-bażi armonizzata tal-VAT imħejjija mill-Istati Membri. Aħna ma ttestjajniex direttament l-istatistika u d-*data* li l-Kummissjoni u l-Istati Membri pproduċew.

<sup>5</sup> Dawn it-tliet Stati Membri ntgħażlu fuq il-bażi kemm tad-daqs tal-kontribuzzjoni tagħhom tal-RPT kif ukoll tal-valutazzjoni tar-riskju tagħna.

**3.5.** Hemm riskju li d-dazji doganali jew ma jiġux iddikjarati jew inkella jiġu ddikjarati b'mod skorrett lill-awtoritajiet doganali nazzjonali min-naħa tal-importaturi. In-“nuqqas doganali”<sup>6</sup>, jiġifieri l-ammonti evażi li ma jkunux inqabdu mis-sistemi kontabilistiċi tal-RPT tal-Istati Membri, ma jaqax fi ħdan l-ambitu tal-opinjoni tal-awditjar tagħna dwar id-dħul. Madankollu, peress li n-nuqqas doganali jista' jaffettwa l-ammonti ta' dazji stabbiliti mill-Istati Membri, din is-sena aħna vvalutajna l-azzjoni li ttieħdet mill-UE biex jitnaqqas id-distakk u jiġi mmitigat ir-riskju li l-RPT ma jkunux kompleti billi:

- (a) eżaminajna r-riżultati tal-ispezzjonijiet tal-RPT li twettqu mill-Kummissjoni fuq l-istrateġiji ta' kontroll doganali tal-Istati Membri kollha għall-indirizzar tar-riskju ta' importazzjonijiet sottovalwati, u
- (b) eżaminajna jekk għadx hemm limitazzjonijiet fil-proċeduri tal-Istati Membri għall-identifikazzjoni u l-għażla tal-importaturi l-aktar riskjużi għall-awditi ta' wara r-rilaxx<sup>7</sup>, kif ġie rrappurtat fir-Rapport Annwali 2013 u fir-Rapport Annwali 2014 tagħna<sup>8</sup>. L-importaturi l-aktar riskjużi huma dawk li għalihom il-probabbiltà kkombinata ta' irregolarità u l-livell ta' impatt ta' din l-irregolarità hija l-ogħla<sup>9</sup>.

---

<sup>6</sup> Id-differenza bejn il-livell teoretiku tad-dazji tal-importazzjoni li jenħtieġ li jinġabru għall-ekonomija fl-intier tagħha u d-dazji tal-importazzjoni reali li jkunu nġabru.

<sup>7</sup> Awditu ta' wara r-rilaxx jinvolti eżaminar ġenerali tan-negozju, il-proċessi, is-sistemi u l-kontrolli interni ta' operatur ekonomiku, kif ukoll valutazzjoni dettaljata mwettqa permezz ta' ttestjar speċifiku.

<sup>8</sup> Ara l-paragrafi 2.13-2.14 tar-Rapport Annwali 2013 tagħna, u l-paragrafi 4.18-4.20 tar-Rapport Annwali 2014 tagħna.

<sup>9</sup> Ara l-Artikolu 5(7) tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ir-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013, ĠU L 269, 10.10.2013, p. 1, kif emendat).

## Regolarità tat-tranżazzjonijiet

**3.6.** Din it-taqsimha tippreżenta l-osservazzjonijiet tagħna dwar ir-*regolarità* tat-*tranżazzjonijiet*. Aħna bbażajna l-konklużjoni tagħna dwar ir-*regolarità* tat-*tranżazzjonijiet* tad-dħul li fuqhom huma bbażati l-kontijiet tal-UE kemm fuq il-valutazzjoni li wettaqna tas-sistemi tal-Kummissjoni għall-kalkolu u l-ġbir tad-dħul<sup>10</sup> kif ukoll fuq l-eżaminar li wettaqna ta' kampjun ta' 55 ordni ta' rkupru, li l-ebda waħda minnhom ma kienet milquta minn *żball kwantifikabbli*. L-**Anness 3.1** jagħti stampa ġenerali tar-risultati tal-ittestjar tat-*tranżazzjonijiet*.

---

<sup>10</sup> Ara l-paragrafu 9 fl-**Anness 1.1**.

## Eżaminar ta' elementi tas-sistemi ta' kontroll intern

**3.7.** L-osservazzjonijiet dwar is-sistemi li ġew eżaminati ma jaffettwawx l-opinjoni mhux modifikata u kumplessiva tagħna dwar ir-*regolarità* tad-dħul tal-UE (ara l-Kapitolu 1). Madankollu, huma tassew jiġbdu l-attenzjoni għal dgħufijiet persistenti f'kategoriji individwali ta' riżorsi proprji, inkluża l-azzjoni li ttieħdet mill-UE biex jitnaqqas in-nuqqas doganali u jiġi mmitigat ir-riskju li r-RPT ma jkunux kompleti.


### Jeżistu dgħufijiet persistenti fil-ġbir tal-RPT mill-Istati Membri

**3.8.** Aħna żorna tliet Stati Membri (il-Belġju, il-Ġermanja u l-Polonja) biex neżaminaw kif huma jfasslu r-rapporti tagħhom dwar id-dazji li nġabru u dawk li għadhom ma nġabru<sup>11</sup>, kif ukoll il-proċeduri tagħhom għall-ġbir tal-ammonti tal-RPT dovuti lill-baġit tal-UE (ara l-*Figura 3.1*).

---

<sup>11</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, EURATOM) Nru 609/2014 tas-26 ta' Mejju 2014 dwar il-metodi u l-proċedura li jintużaw biex jitqiegħdu għad-dispożizzjoni r-riżorsi proprji tradizzjonali, dawk ibbażati fuq il-VAT u dawk ibbażati fuq l-ING u dwar il-miżuri li jissodisfaw il-ħtiġijiet fi flus kontanti (ĠU L 168, 7.6.2014, p. 39), l-Artikolu 6 (3) u l-Artikolu 6 (4), u d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE, Euratom) 2018/194 tat-8 ta' Frar 2014 li tistabbilixxi mudelli għad-dikjarazzjonijiet tal-kontijiet għall-intitolamenti ta' riżorsi proprji u formola għar-rapporti dwar ammonti li ma jstgħux jiġu rkuprati korrispondenti għall-intitolamenti għar-riżorsi proprji skont ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 609/2014 (ĠU L 36, 9.2.2018, p. 20).

**Figura 3.1 – Il-proċess tat-tfassil tar-rapporti dwar id-dazji (kemm dawk li nġabru kif ukoll dawk li għadhom ma nġabru) u d-dħul tagħhom fil-kontijiet u fil-baġit tal-UE**



Sors: il-Qorti Ewropea tal-Awdituri, ibbażat fuq il-leġislazzjoni u r-regoli attwali tal-UE.

**3.9.** Aħna ma identifikkajniex xi problemi sinifikanti fit-tfassil tar-rapporti ta' kull xahar dwar id-dazji doganali li nġabru fit-tliet Stati Membri li żorna. Bħal fi snin preċedenti<sup>12</sup>, aħna osservajna dgħufijiet fil-ġestjoni tad-dazji stabbiliti li kienu għadhom ma nġabru mill-awtoritajiet nazzjonali<sup>13</sup>. Fl-Istati Membri li żorna, aħna sibna b'mod partikolari dewmien fin-notifika ta' djun doganali (fil-Polonja), infurzar tardiv tal-irkupru ta' dawn id-djun (fil-Belġju, il-Ġermanja u l-Polonja), u dokumentazzjoni insuffiċjenti biex tiġi kkonfermata l-korrettezza tad-dazji mniżżla fil-kontijiet (fil-Ġermanja).

**3.10.** Il-Kummissjoni kompliet ukoll taqbad u tirrapporta nuqqasijiet fil-ġestjoni, min-naħa tal-Istati Membri, tad-dazji li jkunu għadhom ma nġabru, kif ġie rrapportat fi 15 mis-27 rapport ta' spezzjoni tal-RPT li hija ħarġet fl-2019. Is-sejbiet f'10 minn dawn il-15-il rapport ġew ikklassifikati bħala li huma ta' natura sistematika. Is-sena li għaddiet<sup>14</sup>, aħna rakkomandajna li l-Kummissjoni ttejjeb il-valutazzjoni tar-riskju fil-kuntest tal-ippjanar tal-ispezzjonijiet tagħha sabiex tiżgura kopertura xierqa ta' oqsma bl-ogħla riskju. L-implimentazzjoni ta' din ir-rakkomandazzjoni tinsab għaddejja.

## **Il-kontrolli mwettqa mill-Istati Membri biex jitnaqqas in-nuqqas doganali fihom dgħufijiet importanti li jeħtieġu azzjoni mill-UE**

**3.11.** L-ispezzjonijiet tal-RPT li twettqu mill-Kummissjoni u x-xogħol preċedenti li wettaqna relatat mal-azzjoni li ttieħdet mill-UE biex jitnaqqas in-nuqqas doganali (ara l-paragrafu 3.5) ġibdu l-attenzjoni għal żewġ dgħufijiet prinċipali. Waħda minnhom tikkonċerna n-nuqqas ta' armonizzazzjoni fil-livell tal-UE f'dak li jirrigwarda l-prestazzjoni ta' kontrolli doganali għall-mitigazzjoni tar-riskju ta' importazzjonijiet sottovalwati fl-Unjoni Doganali kollha kemm hi. Id-dgħufija l-oħra hija relatata mal-fatt li l-Istati Membri ma jkunux jistgħu jidentifikaw l-operaturi ekonomiċi l-aktar riskjużi fil-livell tal-UE għall-awditi ta' wara r-rilaxx.

<sup>12</sup> Ara r-rapporti annwali li ppubblikajna mill-2012 'il hawn, pereżempju, il-paragrafu 4.10 tar-Rapport Annwali 2018 tagħna, il-paragrafu 4.15 tar-Rapport Annwali 2017 tagħna u l-paragrafu 4.15 tar-Rapport Annwali 2016 tagħna, eċċ.

<sup>13</sup> Aħna ma qbadna l-ebda impatt materjali fuq l-ammonti rekuperabbli mill-Istati Membri, li ġew irrappurtati fil-kontijiet konsolidati tal-Unjoni Ewropea.

<sup>14</sup> Ara r-Rakkomandazzjoni 4.1 tar-Rapport Annwali 2018 tagħna.

**3.12.** Fir-Rapport Annwali 2017 tagħna<sup>15</sup>, aħna rrapportajna li l-Kummissjoni kienet niedet proċedura ta' ksur<sup>16</sup> kontra r-Renju Unit minħabba li ma kienx ħa miżuri adegwati biex jimmitiga r-riskju ta' importazzjonijiet sottovalwati ta' tessuti u żraben miċ-Ċina. Il-Kummissjoni stmat li t-telf tal-RPT jammonta għal EUR 2,1 biljun<sup>17</sup>. Billi r-Renju Unit irrifjuta li jkopri t-telf stmat, il-Kummissjoni rreferiet il-każ quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja f' Marzu 2019. Il-proċedimenti jinsabu għaddejnin (ara l-paragrafu **3.23**).

**3.13.** Il-Kummissjoni ilha mill-2018 twettaq spezzjonijiet tal-RPT fuq l-istrateġija ta' kontroll doganali għall-indirizzar tar-riskju ta' importazzjonijiet sottovalwati fl-Istati Membri kollha. Ir-riżultati għibdu l-attenzjoni għal dgħufijiet fid-diversi strateġiji ta' kontroll kif ukoll differenzi fosthom, u indikaw li l-protezzjoni tal-baġit tal-UE ma kinitx aċċertata b'mod adegwat f'ċerti Stati Membri.

**3.14.** Skont il-valutazzjoni mwettqa mill-Kummissjoni, 24 mit-28 Stat Membru kellhom strateġiji ta' kontroll li jew kienu parzjalment sodisfaċenti jew inkella ma kinux sodisfaċenti għall-immirar tar-riskji ta' sottovalwazzjoni. Wara seba' spezzjonijiet ta' segwitu li twettqu fl-2019, is-sitwazzjoni ma kinitx tgiebet sinifikattivament għall-biċċa l-kbira mill-Istati Membri li ġew spezzjonati (ara t-**Tabella 3.1**). Din il-valutazzjoni se tiġi rieżaminata b'kont meħud tar-riżultati tal-ispezzjonijiet ta' segwitu mwettqa fl-2020. Il-Kummissjoni għad trid tikkwantifika t-telf potenzjali tal-RPT. Fit-tliet Stati Membri li żorna, kienet qed tittieħdet azzjoni biex jiġu indirizzati s-sejbiet tal-Kummissjoni.

---

<sup>15</sup> Ara l-paragrafu 4.17 tar-Rapport Annwali 2017 tagħna.

<sup>16</sup> Din hija l-azzjoni ta' infurzar prinċipali li l-Kummissjoni tista' tieġu meta l-Istati Membri ma japplikawx id-dritt tal-UE.

<sup>17</sup> It-telf stmat tal-RPT mitlub mir-Renju Unit, flimkien mal-ammont stmat tal-imgħax ta' inadempjenza (li jammonta għal EUR 3,2 biljun), huma mniżżla bħala ammonti riċevibbli fil-kontijiet konsolidati tal-Unjoni Ewropea għall-2019.

**Tabella 3.1 – Il-valutazzjoni mwettqa mill-Kummissjoni fir-rigward tal-istrateġiji ta' kontroll tal-Istati Membri għall-indirizzar tar-riskju ta' importazzjonijiet sottovalwati**

Valutazzjoni	Valutazzjoni inizjali	Valutazzjoni wara seba' spezzjonijiet ta' segwitu
	Għadd ta' Stati Membri	Għadd ta' Stati Membri
Ġeneralment	4	5
Parzjalment sodisfaċenti	15	16
Mhux sodisfaċenti	9	7
	<b>28</b>	<b>28</b>

Sors: ir-rapporti tad-DĠ BUDG dwar l-ispezzjonijiet tal-RPT.

**3.15.** Aħna sibna wkoll li l-azzjoni biex jiġu identifikati u jintgħażlu l-importaturi l-aktar riskjużi għall-awditi ta' wara r-rilaxx hija limitata fl-Unjoni Doganali kollha minħabba li għad ma hemmx database għall-UE kollha li tkopri l-importazzjonijiet kollha mwettqa mill-operaturi ekonomiċi. Minkejja l-progress li ġie osservat, l-osservazzjonijiet li rrapportajna fi snin preċedenti għadhom ma ġewx indirizzati bis-sħiħ (ara l-*Kaxxa 3.2*).



## Kaxxa 3.2

### Nuqqas kontinwu fis-sistema ta' kontroll doganali fl-UE kollha

Fi ħdan l-Unjoni Doganali, l-operaturi ekonomiċi jistgħu jimportaw merkanzija fis-sug tal-UE billi jgħaddu minn Stat Membru wieħed jew aktar, irrISPETTIVAMENT minn fejn tinsab is-sede tagħhom (ara l-[Anness 3.2](#)).

Fir-Rapport Annwali 2013 u r-Rapport Annwali 2014, aħna kkonkludejna li l-importaturi l-aktar riskjużi jistgħu ma jintgħażlux u li ċerti importaturi ma jistgħu qatt jiġu spezzjonati f'awditi ta' wara r-rilaxx. Dan kien dovut prinċipalment għan-nuqqas ta' database għall-UE kollha li tipprovdi informazzjoni dwar l-importazzjonijiet li jsiru minn operatur ekonomiku fil-livell tal-UE. Skont il-Kummissjoni, dan in-nuqqas fis-sistema ta' kontroll doganali se jgħib biss meta s-sistema l-għdida tal-IT doganali "Surveillance III" tkun operazzjonali (Jannar 2023).

Sa dak iż-żmien, il-proċess fil-livell nazzjonali għall-identifikazzjoni u l-għażla tal-importaturi l-aktar riskjużi għall-awditi ta' wara r-rilaxx ma jistax jaqbad b'mod effettiv lill-operaturi li jimportaw merkanzija fi Stati Membri oħra li mhumiex dak li fih tinsab is-sede tagħhom. Aħna kkonfermajna din il-limitazzjoni fit-tliet Stati Membri li żorna. Il-Kummissjoni jista' jkollha rwol ewlieni fl-identifikazzjoni ta' dawn l-importaturi billi tiġbor u tanalizza d-*data* rilevanti dwar l-importazzjonijiet fil-livell tal-UE, u tikkondividi r-riżultati tal-analiżi tagħha mal-Istati Membri.

B'riżultat ta' din il-limitazzjoni, id-dazji doganali jistgħu jiġu evażi. Ma hemm l-ebda *data* reċenti dwar il-volum ta' importazzjonijiet li mhumiex koperti mill-Istati Membri fil-popolazzjoni li huma awditjaw. L-informazzjoni l-aktar reċenti disponibbli ġejja mill-istħarriġ, imwettaq mill-Kummissjoni, li jkopri d-*data* tal-2015. Hija stmat li 20 % tal-importazzjonijiet totali fl-UE (EUR 283,5 biljun) jistgħu jitħallew barra mill-popolazzjoni tal-awditi ta' wara r-rilaxx fl-Istati Membri.


## Ir-riżoluzzjoni ta' riżervi tal-VAT u ta' punti miftuħa tal-RPT tiegħu ħafna ħin

**3.16.** Il-[Figura 3.2](#) turi l-proċess tal-verifikazzjoni mwettqa mill-Kummissjoni tal-kalkolu tal-bażi tal-VAT kif ukoll tal-RPT, u tipprovdi stampa ġenerali tar-riżervi pendenti u l-punti miftuħa stabbiliti għad-dgħufijiet li jinqabdu (ara l-[Anness 3.3](#)). Aħna eżaminajna r-riżervi tal-VAT li kienu żammew il-kalkolu tal-bażi tal-VAT miftuħ għal perjodu li jmur lura 10 snin jew aktar<sup>18</sup>, u l-punti tal-RPT li kienu baqgħu miftuħa għal aktar minn 5 snin miż-żmien meta kienet saret l-ispezzjoni tal-Kummissjoni. Mill-

<sup>18</sup> Riżerva tal-VAT tiġi stabbilita biss biex tkopri s-snin li se jiġu preskritti (> N-4). Il-kalkolu tal-bażi tal-VAT għall-erba' snin l-aktar reċenti jista' jinbidel awtomatikament.

ammont totali, 15 % tar-riżervi tal-VAT u 34 % tal-punti miftuħa tal-RPT kienu ilhom pendenti għal żmien twil.

### Figura 3.2 – Il-proċess ta' ssettjar ta' riżervi tal-VAT u ta' punti miftuħa tal-RPT



Sors: il-Qorti Ewropea tal-Awdituri, ibbażat fuq id-*data* tal-Kummissjoni.

**3.17.** Aħna rrieżaminajna l-ġestjoni ta' riżervi tal-VAT li ilhom pendenti għal żmien twil u li ġew stabbiliti mill-Kummissjoni (8 minn 15), u sibna li 5 minnhom kienu relatati ma' proċeduri ta' ksur kontra Stati Membri għal raġunijiet ta' nuqqas ta' konformità possibbli mad-Direttiva tal-VAT<sup>19</sup>. Osservajna li l-proċeduri ħadu ħafna żmien minħabba djalogu fit-tul bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri. L-impatt finanzjarju ta' tlieta mit-tmien każijiet li ġew eżaminati, li għalihom ir-riżervi kienu ġew stabbiliti aktar

<sup>19</sup> Id-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 347, 11.12.2006, p. 1).

minn seba' snin qabel, kien għadu mhux magħruf u, f'żewġ każijiet, fejn ir-riżervi kienu ġew stabbiliti aktar minn sitt snin qabel, l-impatt kien biss parzjalment magħruf u kien għadu ma ġiex ikkonfermat mill-Kummissjoni.

**3.18.** Minn 122 punt miftuħ tal-RPT li kienu ilhom pendenti għal żmien twil, aħna rrieżaminajna 54 u dawn żvelaw li s-segwitu mogħti mill-Kummissjoni u l-għeluq ta' dawn il-punti ħadu żmien eċċessiv (ara l-**Kaxxa 3.3**). Aħna rrappurtajna dwar dawn il-problemi fir-Rapport Annwali 2018 tagħna<sup>20</sup>. Filwaqt li l-problema għadha tippersisti, aħna osservajna li kien hemm tnaqqis fl-għadd ta' punti miftuħa tal-RPT. Aħna sibna wkoll li l-Kummissjoni ma kinitx stabbiliet sistema ta' segwitu li tagħti prijorità lil punti miftuħa tal-RPT skont is-sinifikat (f'termini jew tal-impatt finanzjarju, jew inkella tas-sinifikat sistemiku fil-każ ta' nuqqasijiet mhux finanzjarji). Barra minn hekk, il-proċeduri interni ma stabbilewx dati ta' skadenzi għas-segwitu ta' dawn il-punti.

### Kaxxa 3.3

#### Dgħufijiet fis-segwitu ta' nuqqasijiet fir-rigward tal-RPT li jinqabdu fl-Istati Membri

Fl-2019, il-Kummissjoni għalqet 15 mill-54 punt miftuħ tal-RPT li kienu ilhom pendenti għal żmien twil u li konna għażilna. F'7 mill-15-il każ, hija kienet ivvalutat u għalqet il-punt bejn 10 xhur u aktar minn sentejn wara li l-Istat Membru kien indirizza bis-sħiħ in-nuqqas. Dan joħloq distorsjoni tal-istampa ġenerali tal-punti miftuħa tal-RPT li għadhom ma ġewx indirizzati.

Fil-biċċa l-kbira mill-każijiet fil-kampjun li għadhom miftuħa, aħna osservajna li l-Kummissjoni kienet ħadet bejn sena u erba' snin biex tagħti segwitu tagħhom, u rreġistrat tard l-ammonti dovuti fis-sistema kontabilistika tal-UE, kif ukoll iddifferiet in-notifika tal-imgħax ta' inadempjenza lill-Istati Membri.

Aħna osservajna li erba' Stati Membri ma qablux mal-pożizzjoni tal-Kummissjoni fil-każ ta' ħamsa mill-punti miftuħa tal-RPT li ġew eżaminati, iżda l-Kummissjoni kienet għadha ma ddeċidietx jekk għandhiex tnedi proċedura ta' ksur. Dawn jinkludu każ relatat mal-Greċja, li kien inqabad fl-2011 matul is-segwitu tar-rapport ta' spezzjoni tal-RPT tal-2002. Il-każijiet l-oħra huma relatati ma' nuqqasijiet li nqabdu fl-2014 fiċ-Ċekja, il-Greċja u n-Netherlands.

<sup>20</sup> Ara l-paragrafu 4.16 tar-Rapport Annwali 2018 tagħna.

## Verifikazzjonijiet pluriennali tal-ING li ġew ikkompletati, iżda l-impatt tal-globalizzazzjoni għadu ma ġiex ivvalutat bis-sħiħ

**3.19.** Fi ħdan iċ-ċiklu ta' verifikazzjoni pluriennali tal-ING, il-Kummissjoni teżamina jekk il-proċeduri li jintużaw mill-Istati Membri biex jikkompilaw il-kontijiet nazzjonali tagħhom jikkonformawx mal-ESA 2010<sup>21</sup>, u jekk id-*data* dwar l-ING hijiex komparabbli, affidabbli u eżawrjenti<sup>22</sup>. Biex id-*data* dwar l-ING tkun tista' tiġi aġġustata u vverifikata wara d-*data* ta' skadenza regolatorja ta' erba' snin<sup>23</sup>, il-Kummissjoni stabbiliet riżerva għad-*data* kollha ta' kull Stat Membru mill-2010<sup>24</sup> 'l quddiem. Aħna sibna li dan il-proċess ta' verifikazzjoni kien ġie kkompletat sa tmiem l-2019.

<sup>21</sup> L-ESA 2010 (is-Sistema Ewropea tal-kontijiet nazzjonali u reġjonali) hija l-qafas kontabilistiku tal-UE, li huwa kompatibbli fuq livell internazzjonali. Hija tintuża biex tinholq deskrizzjoni sistematika u dettaljata ta' ekonomija. Ara r-Regolament (UE) Nru 549/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2013 dwar is-sistema Ewropea tal-kontijiet nazzjonali u reġjonali fl-Unjoni Ewropea (ĠU L 174, 26.6.2013, p. 1).

<sup>22</sup> Ara l-Artikolu 5 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1287/2003 tal-15 ta' Lulju 2003 fuq l-armonizzazzjoni tad-dħul gross nazzjonali bi prezzijiet tas-suq (Regolament GNI) (ĠU L 181, 19.7.2003, p. 1). Dan ġie sostitwit bir-Regolament (UE) 2019/516 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Marzu 2019 dwar l-armonizzazzjoni tad-dħul nazzjonali gross bi prezzijiet tas-suq u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 89/130/KEE, Euratom u r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1287/2003 (Regolament GNI), b'mod partikolari l-Artikolu 5(2) tiegħu (ĠU L 91, 29.3.2019, p. 19).

<sup>23</sup> Il-leġiżlazzjoni tal-UE dwar il-kalkolu tar-riżorsi proprji tippermetti l-aġġustament tad-*data* dwar l-ING għal sena finanzjarja partikolari sas-sena n+4. Din ir-regola ta' erba' snin tista' tiġi estiża f'każijiet fejn ikun meħtieġ titjib fil-kwalità tad-*data*.

<sup>24</sup> Ħlief għall-Kroazja, fejn il-perjodu li matulu d-*data* tibqa' miftuħa jibda mill-2013.

**3.20.** L-għeluq taċ-ċiklu ta' verifikazzjoni wassal għal riżervi ġodda u aktar speċifiċi. F'April 2020, il-Kummissjoni stabbiliet riżervi tal-ING<sup>25</sup> għal proċeduri ta' kompilazzjoni magħżula fl-Istati Membri li appellaw biex isir titjib. Waħda minn dawn ir-riżervi tippermetti li d-*data* dwar l-ING tal-Istati Membri kollha tiġi riveduta biex tinkorpora stima aktar preċiża tal-assi tar-riċerka u l-iżvilupp (R&Ż) ta' kumpaniji multinazzjonali, stima li ssir kkomplicata minħabba l-globalizzazzjoni u minħabba l-fatt li dawn l-assi jistgħu jiġu faċilment ittrasferiti minn naħa għal oħra tal-fruntiera. Il-Kummissjoni, flimkien mal-Istati Membri, se tkompli sa Settembru 2022 tivvaluta jekk l-assi tal-R&Ż ta' kumpaniji multinazzjonali humiex jiġu valwati b'mod xieraq fil-kontijiet nazzjonali tal-Istati Membri. Konsegwentement, ir-rakkomandazzjonijiet preċedenti tagħna dwar din il-kwistjoni għadhom ma ġewx implimentati bis-sħiħ (ara l-[Anness 3.4](#)).

**3.21.** Il-Kummissjoni għadha ma neħħietx ir-riżerva ġenerali relatata ma' Franza minħabba l-kwalità mhux sodisfaċenti tad-deskrizzjoni fl-Inventarju tal-ING tagħha tal-proċeduri ta' kompilazzjoni għad-*data* dwar l-ING mill-2010 'l quddiem. Aħna rrapportajna dwar dan, is-sena li għaddiet<sup>26</sup>. Osservajna li Franza pprovdiet l-Inventarju rivedut tal-ING tagħha f'Marzu 2020, u b'hekk ippermettiet li l-Kummissjoni tibda l-verifikazzjoni tagħha tal-ING Franċiż. L-impatt ta' din il-verifikazzjoni fuq il-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet futuri ta' Franza u tal-Istati Membri l-oħra għadu mhux magħruf.

---

<sup>25</sup> Riżervi speċifiċi għat-tranżazzjoni u riżervi speċifiċi b'mod trażversali li jissostitwixxu r-riżervi speċifiċi għall-proċess. Għar-riżerva ġenerali, ara l-paragrafu [3.21](#).

<sup>26</sup> Ara l-paragrafu 4.18 tar-Rapport Annwali 2018 tagħna.

## Rapporti annwali tal-attività

**3.22.** B' mod kumplessiv, l-informazzjoni pprovduta fir-Rapporti Annwali tal-Attività 2019 ippublikati mid-DĠ BUDG u mill-Eurostat kienet tikkorrobora s-sejbiet u l-konklużjonijiet tagħna.

**3.23.** Għar-raba' sena konsekuttiva, id-DĠ BUDG żamm ir-*riżerva* li l-ammonti tal-RPT li ġew ittrasferiti għall-baġit tal-UE mhumiex preċiżi minħabba s-sottovalwazzjoni ta' tessuti u żraben importati miċ-Ċina. Ir-*riżerva* ġiet stabbilita għall-ewwel darba fl-2016, meta kien ġie kkwantifikat it-telf tal-RPT attribwibbli għar-Renju Unit (ara l-paragrafu [3.12](#)), u mbagħad ġiet estiża għal Stati Membri oħra fl-2018, mingħajr kwantifikazzjoni.

# Konklużjoni u rakkomandazzjonijiet

## Konklużjoni

**3.24.** L-evidenza kumplessiva għall-awditjar tindika li l-livell ta' żball fid-dħul ma kienx materjali. Is-sistemi relatati mad-dħul li eżaminajna kienu kumplessivament effettivi. Il-kontrolli interni ewlenin tal-RPT li vvalutajna fi ħdan il-Kummissjoni (ara l-paragrafi **3.10** u **3.18**) u f'ċerti Stati Membri (ara l-paragrafi **3.8-3.9**) kienu parzjalment effettivi. Aħna sibna wkoll li l-kontrolli mwettqa mill-Istati Membri biex jitnaqqas in-nuqqas doganali fihom dgħufijiet importanti li jeħtieġu azzjoni mill-UE (ara l-paragrafi **3.11-3.15**).

## Rakkomandazzjonijiet

**3.25.** L-**Anness 3.4** juri s-sejbiet tal-analiżi ta' segwitu li wettaqna għaż-żewġ rakkomandazzjonijiet li għamilna fir-Rapport Annwali 2016 tagħna. Il-Kummissjoni implimentat dawn ir-rakkomandazzjonijiet fil-biċċa l-kbira mill-aspetti.

**3.26.** Ibbażat fuq din l-analiżi, kif ukoll fuq is-sejbiet u l-konklużjonijiet tagħna fir-rigward tal-2019, aħna nirrakkomandaw li l-Kummissjoni:

## Rakkomandazzjoni 3.1 – Dazji doganali (RPT) li ma nqabdux

---

Tipprovdi lill-Istati Membri appoġġ regolari fl-għażla tal-importaturi l-aktar riskjużi għall-awditi ta' wara r-rilaxx (ara l-paragrafu **3.15**) billi:

- (a) tiġbor u tanalizza d-*data* rilevanti dwar l-importazzjonijiet fil-livell tal-UE, u tikkondividi r-riżultati tal-analiżi tagħha mal-Istati Membri;
- (b) iadarba s-sistema Surveillance III tkun operazzjonali, tipprovdi gwida dwar kif għandha titwettaq l-analiżi tad-*data* fi ħdan din is-sistema l-għdida.

**Data mmirata għall-implimentazzjoni: (a) sa tmiem l-2021, (b) Ġunju 2023**

## Rakkomandazzjoni 3.2 – Punti miftuħa tal-RPT

---

Tirrevedi l-proċeduri tagħha billi:

- (a) tistabbilixxi sistema għall-monitoraġġ ta' punti miftuħa tal-RPT abbażi ta' kriterji kwantitattivi u kwalitattivi li jikklassifikaw in-nuqqasijiet li nqabdu fl-Istati Membri f'ordni ta' prijorità, u
- (b) tissettja dati ta' skadenza għall-Istati Membri biex jindirizzaw dawn in-nuqqasijiet, u għal azzjonijiet ta' segwitu, inkluż il-kalkolu tal-impjazz ta' inadempjenza u l-irkupru ta' ammonti li għandhom isiru disponibbli għall-baġit tal-UE (ara l-paragrafu [3.18](#)).

**Data mmirata għall-implimentazzjoni: sa tmiem l-2021**




# Annessi

## Anness 3.1 — Riżultati tal-ittestjar tat-tranżazzjonijiet


	2019	2018
<b>DAQS U STRUTTURA TAL-KAMPJUN</b>		
Total tat-tranżazzjonijiet:	55	55
<b>IMPATT STMAT TA' ŻBALI KWANTIFIKABBLI</b>		
Livell ta' żball stmat:	<b>Ħieles minn żball materjali</b>	Ħieles minn żball materjali

## Anness 3.2 — Riskji doganali prinċipali u tipi ta' kontrolli doganali



\* Ir-rapporti annwali tal-Istati Membri dwar ir-riżorsi proprji tradizzjonali, is-sena finanzjarja 2018 (l-Artikolu 6(1) tar-Regolament Nru 608/2014).

### Anness 3.3 Għadd ta' riżervi tal-ING, ta' riżervi tal-VAT u ta' punti miftuħa tal-RPT, li kienu pendenti fil-31/12/2019, skont l-Istat Membru



	Punti miftuħa tal-RPT	Riżervi tal-VAT	Riżervi tal-ING
<b>TOTAL fil-31/12/2019</b>	<b>356</b>	<b>95</b>	<b>29</b>
TOTAL fil-31/12/2018	402	96	9

Sors: il-Qorti Ewropea tal-Awdituri, ibbażat fuq id-*data* tal-Kummissjoni<sup>27</sup>.

<sup>27</sup> Iċ-ċifri għar-riżerva tal-ING jirrappreżentaw biss ir-riżervi speċifiċi għat-tranżazzjoni (li jkopru l-kompilazzjoni ta' komponenti tal-kontijiet nazzjonali speċifiċi fi Stat Membru). Hemm ukoll riżervi tal-ING speċifiċi għall-proċess li għadhom pendenti għall-Istati Membri kollha, u li jkopru l-kompilazzjoni tad-*data* mill-2010 'il quddiem (ħlief għall-Kroazja, fejn dawn ir-riżervi jkopru l-perjodu mill-2013 'il quddiem), kif ukoll seba' riżervi speċifiċi b'mod trażversali relatati mar-Renju Unit, u riżerva ġenerali waħda għal Franza.

### Anness 3.4 — Segwitu tar-rakkomandazzjonijiet preċedenti relatati mad-dħul

Sena	Rakkomandazzjoni tal-QEA	Analiżi mill-QEA tal-progress li sar					
		Implimentata bis-sħiħ	Qed tiġi implimentata		Mhux implimentata	Mhux applikabbli	Evidenza insuffiċjenti
			Fil-biċċa l-kbira mill-aspetti	F'xi wħud mill-aspetti			
2016	<p>Jenħtieġ li l-Kummissjoni:</p> <p><b>Rakkomandazzjoni 1:</b></p> <p>tanalizza, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri, l-implikazzjonijiet potenzjali kollha tal-attivitajiet multinazzjonali fuq l-istima tal-ING, u ttiprovdihom gwida dwar kif dawn l-attivitajiet għandhom jiġu ttrattati fil-kompilazzjoni tal-kontijiet nazzjonali.</p>		X				
	<p><b>Rakkomandazzjoni 2:</b></p> <p>tikkonferma, matul iċ-ċiklu ta' verifikazzjoni tal-ING li għaddej bħalissa, li l-assi tal-R&amp;Ż ġew koperti b'mod korrett fil-kontijiet nazzjonali tal-Istati Membri, filwaqt li tagħti attenzjoni partikolari għall-valwazzjoni tal-assi tal-R&amp;Ż u għall-kriterji ta' residenza f'każijiet fejn l-attivitajiet multinazzjonali jkunu ġew rilokati.</p>		X				

**Noti dwar l-analiżi li wettaqna tal-progress li sar:**

**Rakkomandazzjoni 1:** Il-Kummissjoni ħadet azzjoni xierqa biex tanalizza l-implikazzjonijiet potenzjali kollha tal-attivitajiet tal-intrapriżi multinazzjonali fuq l-istima tal-ING permezz ta' għadd ta' task forces, gruppi ta' ħidma u eżerċizzju pilota. Madankollu, il-Kummissjoni għad trid toħroġ linji gwida rilevanti biex tassisti lill-Istati Membri sabiex iwettqu x-xogħol marbut mar-riżerva trażversali dwar il-globalizzazzjoni.

**Rakkomandazzjoni 2:** Il-Kummissjoni stabbiliet ir-riżerva trażversali dwar il-globalizzazzjoni b'data ta' skadenza għall-implimentazzjoni ta' Settembru 2022 biex tikkonferma li l-Istati Membri jirreġistraw l-assi tar-riċerka u l-iżvilupp (R&Ż) fil-kontijiet nazzjonali tagħhom b'mod korrett. Ir-riżerva speċifika b'mod trażversali se żżomm id-*data* dwar l-ING tal-Istati Membri miftuħa għar-reviżjoni sakemm il-Kummissjoni tkun tista' tikkonferma li l-Istati Membri għamlu l-aġġustamenti meħtieġa fil-kontijiet nazzjonali tagħhom biex jirriflettu l-impatt tal-attivitajiet tal-intrapriżi multinazzjonali.

## **Kapitolu 4**

**Kompetittività għat-*tkabbir* u l-impjegi – Intestatura 1a tal-QFP**

# Werrej


	Paragrafu
<b>Introduzzjoni</b>	4.1.-4.5.
Deskrizzjoni qasira	4.2.-4.4.
Ambitu u approċċ tal-awditjar	4.5.
<b>Regolarità tat-tranżazzjonijiet</b>	4.6.-4.21.
L-ispejjeż għall-persunal jibqgħu jikkostitwixxu s-sors prinċipali ta' żball, notevolment fin-nefqa għar-riċerka	4.11.-4.15.
Entitajiet privati, b'mod partikolari l-SMEs, huma aktar suxxettibbli għal żball	4.16.
Ineliġibbiltà tal-ispejjeż kollha ddikjarati mill-benefiċjarju fil-perjodu awditjat	4.17.-4.19.
Żbalji spissi fi spejjeż diretti oħra	4.20.
Frekwenza għolja ta' żbalji fir-rati tal-kambju	4.21.
<b>Rieżaminar tal-informazzjoni dwar ir-regolarità pprovduta mill-partijiet awditjati</b>	4.22.-4.30.
<b>Rapporti annwali tal-attività u arranġamenti oħra ta' governanza</b>	4.31.-4.35.
<b>Konklużjoni u rakkomandazzjonijiet</b>	4.36.-4.40.
Konklużjoni	4.36.-4.38.
Rakkomandazzjonijiet	4.39.-4.40.
<b>Annessi</b>	
Anness 4.1 — Riżultati tal-ittestjar tat-tranżazzjonijiet għal Kompetittività għat-tkabbir u l-impjiegi	
Anness 4.2 – Segwitu tar-rakkomandazzjonijiet preċedenti rigward "KOMPETITTIVITÀ GĦAT-TKABBIR U L-IMPJIEGI"	


## Introduzzjoni

**4.1.** Dan il-kapitolu jippreżenta s-sejbiet tagħna għas-Subintestatura 1a "Kompetittività għat-tkabbir u l-impjegi" tal-QFP (QFP1a). Il-**Kaxxa 4.1** tagħti stampa ġenerali tal-attivitajiet u l-infiq prinċipali taħt din is-subintestatura fl-2019.

### Kaxxa 4.1

#### Subintestatura 1a "Kompetittività għat-tkabbir u l-impjegi" tal-QFP – ripartizzjoni fl-2019





## Deskrizzjoni qasira

**4.2.** Il-programmi li huma ffinanzjati taħt “Kompetittività għat-tkabbir u l-impjiegi” huma diversi u għandhom l-għan li jrawmu soċjetà inklużiva, jstimulaw it-tkabbir, jagħtu spinta lir-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni, u joħolqu l-impjiegi fl-UE.

**4.3.** Il-programmi prinċipali huma Orizzont 2020<sup>1</sup> (H2020) għar-riċerka u l-innovazzjoni (u l-predeċessur tiegħu, is-Seba' Programm Kwadru<sup>2</sup>, l-FP7) kif ukoll Erasmus+ għall-edukazzjoni, it-taħriġ, iż-żgħażaġħ u l-isport. Is-subintestatura tħaddan ukoll proġetti kbar ta' infrastruttura, bħalma huma l-programmi spazjali Galileo (is-sistema globali ta' navigazzjoni bis-satellita, tal-UE) u EGNOS (is-Sistema Ewropea ta' Navigazzjoni b'Kopertura Ġeostazzjonarja), kif ukoll il-kontribut mill-UE għar-Reattur Termonukleari Sperimentali Internazzjonali (ITER) u l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (FNE). Is-Subintestatura 1a tal-QFP tinkludi wkoll kwalunkwe sejħa fuq il-fond ta' garanzija tal-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi (FEIS).

**4.4.** Il-biċċa l-kbira mill-infiq fuq dawn il-programmi jiġi mmaniġġjat b'mod dirett mill-Kummissjoni, inkluż permezz ta' Aġenziji Eżekuttivi, u jieħu l-għamla ta' għotjiet lil benefiċjarji pubbliċi jew privati li jipparteċipaw fi proġetti. Il-Kummissjoni ttipprovdi

<sup>1</sup> Il-Programm Qafas tal-UE għar-Riċerka u l-Innovazzjoni għall-perjodu 2014-2020 (Orizzont 2020).

<sup>2</sup> Is-Seba' Programm Kwadru għar-Riċerka u l-Iżvilupp Teknoloġiku (2007-2013).



pagamenti bil-quddiem lill-benefiċjarji mal-iffirmar ta' ftehim ta' għotja jew ta' deċiżjoni ta' finanzjament, u tirrimborża l-ispejjeż iffinanzjati mill-UE li huma jikkomunikaw, mingħajr ma tinkludi l-pagamenti bil-quddiem. Fil-każ ta' Erasmus+, l-infiq jiġi mmaniġġjat l-aktar minn aġenziji nazzjonali f'isem il-Kummissjoni (madwar 80 % tal-għotjiet).

## Ambitu u approċċ tal-awditjar

**4.5.** Filwaqt li applikajna l-approċċ u l-metodi tal-awditjar ippreżentati fl-**Anness 1.1**, aħna eżaminajna dan li ġej għal din is-subintestatura tal-QFP fir-rigward tal-2019:

- (a) kampjun ta' 130 tranżazzjoni, f'konformità mal-paragrafu 9 tal-**Anness 1.1**. Il-kampjun kien maħsub biex ikun rappreżentattiv tal-firxa sħiħa ta' nfiq taħt din is-subintestatura tal-QFP<sup>3</sup>. Huwa kien jikkonsisti fi 80 tranżazzjoni fil-qasam tar-riċerka u l-innovazzjoni (70 għal Orizzont 2020 u 10 għall-FP7) u 50 tranżazzjoni taħt programmi u attivitajiet oħra, notevolment Erasmus+, l-FNE u l-programmi spazjali. Il-benefiċjarji li ġew awditjati kienu bbażati f'19-il Stat Membru u f'4 pajjiżi terzi. L-oġettiv tagħna kien li nipprovdur valutazzjoni speċifika għal din is-subintestatura tal-QFP u li nikkontribwixxu għad-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni kumplessiva, kif deskritt fl-**Anness 1.1**.
- (b) sistemi magħżula, li kienu jikkonċernaw l-affidabbiltà tax-xogħol tal-awditjar *ex post* li twettaq mill-Kummissjoni rigward ir-regolarità tat-tranżazzjonijiet taħt H2020. Aħna wettaqna dan ix-xogħol fid-dawl tal-istrateġija tagħna li għandha l-għan li fil-futur jiġi applikat approċċ ta' attestazzjoni. Għal dan l-iskop, aħna għażilna 6 awditi li kienu twettqu mis-Servizz tal-Awditjar Komuni (CAS) tal-Kummissjoni u 14-il awditu li l-Kummissjoni kienet ikkuntrattat lil żewġ awdituri privati esterni. Għalkemm ma inkludejniex ir-riżultati ta' dan ix-xogħol fl-ittestjar li wettaqna fuq it-tranżazzjonijiet tal-infiq għall-2019, aħna użajna dan l-eżerċizzju biex nistabbilixxu jekk stajniex inserrġu fuq ir-riżultati ta' dawn l-awditi.
- (c) l-informazzjoni dwar ir-regolarità li tingħata fir-rapporti annwali tal-attività (RAA) tad-DĠ RTD, id-DĠ EAC u d-DĠ GROW, u l-inklużjoni tagħha fir-Rapport Annwali dwar il-Ġestjoni u l-Prestazzjoni (AMPR) tal-Kummissjoni.


<sup>3</sup> Dan il-kampjun kien maqsum f'żewġ strati prinċipali fuq il-bażi tal-valutazzjoni li wettaqna tar-riskju għal-legalità u r-regolarità. L-ewwel strat kien jinkludi oqsma ta' riskju għoli (notevolment l-FP7 u H2020) fejn il-kopertura tal-awditjar ġiet intensifikata.

## Regolarità tat-tranżazzjonijiet

**4.6.** L-*Anness 4.1* jagħti stampa ġenerali tar-riżultati tal-ittestjar tat-tranżazzjonijiet. Mill-130 tranżazzjoni li eżaminajna, 51 (39 %) kien fihom żbalji. Ibbażat fuq it-28 żball li kkwantifikajna, aħna nistmaw li l-livell ta' żball huwa ta' 4,0 %<sup>4</sup>. Il-*Kaxxa 4.2* tagħti ripartizzjoni tal-livell ta' żball stmat minna għall-2019, b'distinzzjoni bejn ir-riċerka u tranżazzjonijiet oħra.

### Kaxxa 4.2

#### Ripartizzjoni tal-livell ta' żball stmat skont it-tip ta' żball



Sors: il-Qorti Ewropea tal-Awdituri.

**4.7.** L-infiq taħt l-FP7 u H2020 jibqa' qasam ta' riskju ogħla kif ukoll is-sors prinċipali tal-iżbalji li naqdbdu. Aħna sibna żbalji kwantifikabbli li kienu relatati ma' spejjeż ineliġibbli f'24 mit-80 tranżazzjoni li kkampjunajna fil-qasam tar-riċerka u l-innovazzjoni (3 minn 10 taħt l-FP7 u 21 minn 70 taħt H2020). Dan jirrappreżenta 78 % tal-livell ta' żball stmat minna għal din is-subintestatura fl-2019.

<sup>4</sup> Aħna nibbażaw il-kalkolu tagħna tal-livell ta' żball fuq kampjun rappreżentattiv. Iċ-ċifra kkwotata hija l-aħjar stima possibbli li nistgħu nagħtu. Aħna nistgħu naffermaw, bi grad ta' fiduċja ta' 95 %, li l-livell ta' żball stmat fil-popolazzjoni jinsab bejn 1,5 % u 6,4 % (il-limiti inferjuri u superjuri tal-iżball rispettivament).

**4.8.** Preċedentement, aħna rrapportajna dwar it-titjib fit-tfassil tal-programm u fl-istrateġija ta' kontroll użata mill-Kummissjoni fir-rigward ta' H2020<sup>5</sup>. Is-simplifikazzjoni ffaċilitat aktar il-ħajja tal-benefiċjarji u kkontribwiet biex jitnaqqas ir-riskju ta' żball, pereżempju billi ġiet stabbilita rata fissa ġenerali għal spejjeż indiretti. Madankollu, ir-riżultati tagħna juru li l-infiq fuq ir-riċerka xorta għadu milqut minn żball materjali. Il-Kummissjoni stess tistma li r-rata ta' żball għal H2020 għadha ogħla mis-soll ta' materjalità ta' 2 % (ara l-paragrafu 4.32).

**4.9.** Fil-każ ta' programmi u attivitajiet oħra, aħna qbadna żbalji kwantifikabbli f'4 mill-50 tranżazzjoni li kkampjunajna. L-iżbalji kienu jikkonċernaw proġetti taħt il-programmi Erasmus+ u FNE, u kienu jinkludu:

- (a) benefiċjarji li jużaw ir-rata tal-ispiża unitarja skorretta u li jiddikjaraw spejjeż ineliġibbli (Erasmus+);
- (b) żewġ każijiet ta' irregolaritajiet fil-proċeduri ta' akkwist (FNE), u
- (c) sottokuntrattar ineliġibbli (FNE).

**4.10.** Il-prestazzjoni tal-proċeduri ta' kontroll tal-Kummissjoni hija mħallta. Il-Kummissjoni kienet applikat miżuri korrettivi li affettwaw direttament tmien tranżazzjonijiet li kkampjunajna. Dawn il-miżuri kienu rilevanti għall-kalkoli tagħna, billi naqqsu l-livell ta' żball stmat minna għal dan il-kapitolu b'0,65 punt perċentwali. Fi tmien każijiet ta' żbalji kwantifikabbli li saru minn benefiċjarji finali, il-proċeduri ta' kontroll li ġew stabbiliti mill-Kummissjoni<sup>6</sup> ma rnexxilhomx jipprevienu, jew jaqdbu u jikkoreġu, l-iżball qabel ma ġie aċċettat l-infiq. Li kieku l-Kummissjoni għamlet użu xieraq mill-informazzjoni kollha li kellha għad-dispożizzjoni tagħha, il-livell ta' żball stmat għal dan il-kapitolu kien ikun aktar baxx b'1,1 punt perċentwali<sup>7</sup>.

<sup>5</sup> Pereżempju fil-paragrafu 5.13 tar-Rapport Annwali 2018 u fir-Rapport Speċjali Nru 28/2018: "Il-maġġoranza tal-miżuri ta' simplifikazzjoni integrati f'Orizzont 2020 iffaċilitaw il-ħajja tal-benefiċjarji, iżda għad hemm lok għal titjib".

<sup>6</sup> Ċertifikati dwar ir-rapporti finanzjarji jew l-awditi *ex post*. Aħna nkomplu nsibu dgħufijiet f'dawn iż-żewġ proċeduri ta' kontroll. Ħamsa minn dawn it-tmien każijiet kienu jikkonċernaw żbalji li ma nqabdux fl-ispejjeż għall-persunal taħt H2020.

<sup>7</sup> F'erbgħa minn dawn il-każijiet, il-Kummissjoni ma kinitx konxja mill-iżbalji, minħabba li ma nqabdux mill-awdituri indipendenti.

## L-ispejjeż għall-persunal jibqgħu jikkostitwixxu s-sors prinċipali ta' żball, notevolment fin-nefqa għar-riċerka

**4.11.** Ir-regoli għad-dikjarazzjoni tal-ispejjeż għall-persunal taħt H2020 huma kumplessi, minkejja li saru sforzi għas-simplifikazzjoni, u l-kalkolu tagħhom jibqa' sors prinċipali ta' żball fit-talbiet dwar l-ispejjeż. Kif irrappurtajna fir-Rapport Annwali 2018<sup>8</sup> u fir-Rapport Speċjali Nru 28/2018 tagħna, il-metodoloġija għall-kalkolu tal-ispejjeż għall-persunal saret aktar kumplessa taħt l-H2020 f'xi aspetti u dan żied ir-riskju ta' żball. Mill-24 tranżazzjoni milquta minn żbalji kwantifikabbli fil-kampjun tagħna ta' tranżazzjonijiet ta' riċerka, 23 kienu jinvolvu l-applikazzjoni skorretta tal-metodoloġija għall-kalkolu tal-ispejjeż għall-persunal. Fi kważi dawn it-23 każ kollha, ir-rata fis-siegħa (jew ir-rata ta' kull xahar) kienet għet ikkalkulata b'mod skorrett.

**4.12.** Fir-Rapport Annwali 2018<sup>9</sup>, aħna rrappurtajna li r-regola li tirrikjedi l-użu tar-rata annwali ta' kull siegħa mis-sena finanzjarja li tkun għalqet l-aktar reċentement, meta jiġu ddikjarati l-ispejjeż relatati mas-sena sussegwenti (mhux magħluqa) tar-rappurtar, tista' twassal għal żbalji. Aħna sibna li dan kien evidenti, għal darb'oħra, fl-2019.

**4.13.** Eżempju ta' dawn iż-żewġ tipi ta' żbalji, li jseñhu fl-istess proġett awditjat, jinsab fil-[Kaxxa 4.3](#).

---

<sup>8</sup> Il-paragrafu 5.16.

<sup>9</sup> Il-paragrafu 5.17.

### Kaxxa 4.3

#### Eżempju ta' żball fil-kalkolu tar-rata fis-siegħa u eżempju tan-nuqqas ta' użu tas-sena finanzjarja li tkun għalqet l-aktar reċentement

##### Żball fil-kalkolu tar-rata fis-siegħa

Fi proġett taħt H2020 fil-Ġermanja, sabiex jikkalkula r-rata fis-siegħa, il-benefiċjarju uża s-salarju gross annwali, immultiplikat b'perċentwal statistiku li jkopri l-kontribuzzjonijiet medji tas-sigurtà soċjali. Dan il-perċentwal medju jiġi kkomunikat mill-uffiċċju nazzjonali tal-istatistika. Għaldaqstant, ir-rata fis-siegħa mhijiex ibbażata fuq l-ispejjeż li fil-fatt iġġarrbu, li huwa rekwiżit.

##### Nuqqas ta' użu tas-sena finanzjarja li tkun għalqet l-aktar reċentement

Fl-istess proġett, il-benefiċjarju uża rata fis-siegħa mhux ibbażata fuq is-sena finanzjarja li għalqet l-aktar reċentement (2018) iżda fuq l-2019, sabiex jikkalkula l-ispejjeż għall-persunal ta' membru tal-persunal.

Flimkien ma' żbalji oħra fl-ispejjeż għall-persunal, f'dan il-każ l-iżball gross kien ta' EUR 13 400.

**4.14.** Żball ieħor (għalkemm inqas ta' spiss) kien in-nuqqas ta' osservanza tar-regola tal-"limitu massimu doppju". Din ir-regola tistipula li l-għadd totali ta' sigħat li jkunu nħadmu u li huma ddikjarati fir-rigward tal-għotjiet tal-UE u tal-Euratom għal kwalunkwe persuna għas-sena ma jistax jaqbeż l-għadd annwali ta' sigħat produttivi użati biex tiġi kkalkulata r-rata fis-siegħa. Barra minn hekk, l-ammont totali tal-ispejjeż għall-persunal li jiġu ddikjarati (għal rimborż bħala spejjeż reali) għal kwalunkwe persuna għas-sena ma jistax jaqbeż l-ammont totali tal-ispejjeż għall-persunal irreġistrat fil-kontijiet tal-benefiċjarju għall-persuna kkonċernata għal dik l-istess sena. Il-**Kaxxa 4.4** tiddekrivi eżempju bħal dan.

### Kaxxa 4.4

#### Eżempju ta' nuqqas ta' osservanza tar-regola tal-limitu massimu doppju

Fi proġett taħt H2020 fin-Netherlands il-benefiċjarju talab spejjeż għall-persunal għal 1 742 siegħa li nħadmu minn membru tal-persunal fuq il-proġett. Dan huwa aktar mill-għadd standard ta' sigħat produttivi annwali użat biex tiġi kkalkulata r-rata fis-siegħa (1 650 siegħa) u għalhekk ma jikkonformax mar-regola tal-limitu massimu doppju u, għaldaqstant, it-92 siegħa ta' surplus huma ineliġibbli.

**4.15.** Aħna qed inkomplu nsibu dgħufijiet fir-reġistrazzjoni tal-ħin. Għalkemm ma kkwantifikajniex l-iżball f'dawn il-każijiet, il-kwalità baxxa tas-sistemi żżid ir-riskju li r-reġistri ta' bażi tas-sigħat li nħadmu fuq il-proġetti ffinanzjati ma jkunux affidabbli.

### **Entitajiet privati, b'mod partikolari l-SMEs, huma aktar suxxettibbli għal żball**

**4.16.** Waħda mill-istrategġji biex tingħata spinta lir-riċerka Ewropea hija li tiżdied il-parteċipazzjoni tas-settur privat, speċjalment permezz ta' negozji ġodda u SMEs. Aktar minn nofs l-iżbalji kwantifikabbli li nstabu (17 minn 28) kienu jnvolvu finanzjament għal beneficijarji privati, għalkemm it-tranżazzjonijiet inkwistjoni kienu jirrappreżentaw 42 (32 %) biss mill-130 tranżazzjoni li kkampjunajna. L-SMEs kienu jikkostitwixxu 12 % tal-kampjun, iżda kienu jirrappreżentaw 21 % tal-iżbalji kwantifikabbli. Dawn ir-riżultati jindikaw li l-SMEs huma aktar suxxettibbli għal żball minn beneficijarji oħra, kif huwa kkonfermat ukoll mill-awditi mwettqa mill-Kummissjoni u fir-rapporti annwali preċedenti tagħna.

### **Ineliġibbiltà tal-ispejjeż kollha ddikjarati mill-benefiċjarju fil-perjodu awditjat**

**4.17.** Din is-sena qbadna żbalji f'erba' proġetti taħt H2020, fejn aħna nixħtu dubju fuq l-eliġibbiltà tal-ispejjeż kollha ddikjarati mill-benefiċjarju fir-rigward tal-perjodu awditjat.

**4.18.** F'żewġ każijiet il-benefiċjarju kien is-sussidjarja, bi sjieda 100 %, ta' kumpanija oħra, li ħallset u kkontabilizzat is-salarji kif ukoll l-ispejjeż l-oħra kollha. Il-membri tal-persunal kollha involuti fil-proġett kienu impjegati jew mill-kumpanija omm jew inkella minn sussidjarja oħra. Għall-kuntrarju tar-regoli ta' Orizzont 2020 li jipprevedu li l-ispejjeż iridu jiġġarrbu mill-benefiċjarju u jiġu rreġistrati fis-sistema kontabilistika tal-benefiċjarju, dan ma kienx il-każ u aħna nqisu li l-ispejjeż kollha ddikjarati mill-benefiċjarju fir-rigward tal-perjodu awditjat kienu ineliġibbli. Fiż-żewġ każijiet, il-benefiċjarji ma kinux familjari biżżejjed mar-regoli ta' H2020.

**4.19.** Għal każ ieħor ingħatat għotja lil istitut ta' riċerka li ma kienx intitolat li jagħti lawrji ta' dottorat. Din kienet kundizzjoni bażika ta' eliġibbiltà li kienet stipulata b'mod espliċitu għall-benefiċjarji potenzjali ta' dik is-sejħa speċifika għal proposti. Fir-raba' każ tħallset għotja fir-rigward ta' riċerkatur li kien impjegat part-time. Ix-xogħol part-time huwa permess biss għal raġunijiet personali jew ta' familja, għal perjodu ta' żmien

limitat, u jirrikjedi l-approvazzjoni tal-Aġenzija tal-UE responsabbli. L-ebda waħda minn dawn il-kundizzjonijiet ma ġiet issodisfata f'dan il-każ.

### **Żbalji spissi fi spejjeż diretti oħra**

**4.20.** Bħal fi snin preċedenti, aħna qbadna żbalji fi spejjeż diretti oħra relatati man-nefqa għar-riċerka. Żbalji ta' dan it-tip kienu jinkludu, notevolment, ir-rimborż ta' spejjeż tal-ivvjaġġar li jew ma kinux relatati mal-proġett tal-UE awditjat jew inkella fil-fatt ma ġġarrbux.

### **Frekwenza għolja ta' żbalji fir-rati tal-kambju**

**4.21.** Mill-proġetti ta' riċerka li awditjajna, 22 kienu twettqu f'muniti li mhumiex l-euro. Aħna sibna li r-rata tal-kambju li ġiet applikata f'10 minn dawn il-proġetti ma kinitx dik stipulata fir-regoli. L-effett finanzjarju ta' dawn l-iżbalji mhuwiex fih innifsu materjali, iżda l-frekwenza tagħhom turi nuqqas ta' sensibilizzazzjoni dwar ir-regoli.

## Rieżaminar tal-informazzjoni dwar ir-regolarità pprovduta mill-partijiet awditjati

**4.22.** Il-Kummissjoni tuża r-riżultati tax-xogħol tal-awditjar *ex post* tagħha bħala bażi għall-kalkolu tal-ammont f'riskju fil-waqt tal-pagament. Madwar 20 % tal-awditi *ex post* tas-servizzi kollha għal H2020 jitwettqu mis-Servizz tal-Awditjar Komuni (CAS) tad-DĠ RTD, u 80 % jitwettqu f'isem l-istess DĠ minn ditti privati tal-awditjar<sup>10</sup> li jintgħażlu taħt proċedura ta' sejħa għal offerti. Is-CAS jieħu l-kampjun rappreżentattiv tiegħu ta' dikjarazzjonijiet tal-ispejjeż li ġew approvati għal awditu *ex post* f'intervalli ta' madwar 18-il xahar.

**4.23.** Għar-Rapport Annwali 2018, aħna rieżaminajna kampjun aleatorju ta' 20 fajl tal-awditjar *ex post* mill-kampjun rappreżentattiv ta' pagamenti li saru mill-Kummissjoni taħt H2020. Aħna wettaqna dan ix-xogħol bħala parti mill-Istrateġija tagħna għall-2018-2020 sabiex nivvalutaw il-fattibbiltà tal-approċċ ta' impenn ta' attestazzjoni fis-Subintestatura 1a tal-QFP. Ir-rieżaminar li wettaqna ppermettielna naslu għall-konklużjoni li, f'10 mill-20 fajl tal-awditjar, ma stajniex inserrħu fuq il-konklużjonijiet tal-awditjar<sup>11</sup>.

**4.24.** FI-2019, aħna rieżaminajna, għal darb' oħra, kampjun aleatorju ta' 20 fajl tal-awditjar *ex post* li kienu ngħalqu bejn l-1 ta' Mejju 2018 u l-1 ta' Settembru 2019. Dawn koprew il-pagamenti li saru mill-Kummissjoni fil-perjodu minn Jannar 2014 sa Frar 2018. Għaldaqstant, l-ambitu ta' dawn l-awditi *ex post* l-aktar reċenti disponibbli ma kien jinkludi l-ebda pagament tal-2019.

**4.25.** Bħala parti mill-valutazzjoni li wettaqna, aħna rieżaminajna d-dokumenti tax-xogħol tal-awditjar u d-dokumentazzjoni ta' sostenn fil-bini kemm tas-CAS kif ukoll tad-ditti privati tal-awditjar. Ibbażat fuq dan ir-rieżaminar, aħna identifikajna 10 awditi fejn kellna nwettqu proċeduri addizzjonali tal-awditjar, prinċipalment minħabba l-ħtieġa li tinkiseb dokumentazzjoni addizzjonali ta' sostenn u/jew minħabba diskrepanzi fid-dokumenti ta' ħidma, li minħabba fihom ma stajniex nikkonfermaw il-konklużjonijiet tal-awditjar. Aħna wettaqna dawn il-proċeduri addizzjonali tal-awditjar jew permezz ta' analiżi mhux fuq il-post (dokumenti addizzjonali li ntalbu mingħand il-

<sup>10</sup> Bl-użu tal-istess metodoloġija tal-awditjar tas-CAS.

<sup>11</sup> Il-paragrafu 5.33.



benefiċjarji f'ħames każijiet) jew inkella permezz ta' żjara tal-awditjar li saret fil-bini tal-benefiċjarju (ħames każijiet).

**4.26.** Aħna sibna dgħufijiet fid-dokumentazzjoni tax-xogħol tal-awditjar li sar, fil-konsistenza tal-ikkampjunar u fir-rappurtar, kif ukoll fil-kwalità tal-proċeduri tal-awditjar f'xi wħud mill-fajls irrieżaminati. Pereżempju, aħna sibna ammonti ineliġibbli li ma nqabdux mill-awdituri minħabba ttestjar insuffiċjenti fl-awditu tagħhom, prinċipalment fir-rigward ta' spejjeż għall-persunal. Osservajna wkoll interpretazzjoni żbaljata tar-regola tal-limitu massimu doppju u żbalji fil-kalkolu sottostanti tal-ispejjeż għall-persunal li ma kinux inqabdu.

**4.27.** Għalkemm, f'xi każijiet, l-impatt finanzjarju ma kienx materjali, f'7 mill-20 fajl tal-awditjar li kkampjunajna, aħna ma stajniex inserrħu fuq il-konklużjonijiet tal-awditjar. Għaldaqstant, b'mod kumulattiv max-xogħol li wettaqna s-sena li għaddiet (il-paragrafu **4.23** ta' hawn fuq), fi 17 mill-40 awditu rrieżaminat, ma nistgħux inserrħu fuq il-konklużjonijiet.

**4.28.** Fir-Rapport Annwali 2018, aħna rrappurtajna dwar problema relatata mal-metodoloġija li l-Kummissjoni applikat għall-kalkolu tar-rata ta' żball għal H2020, li rriżultat f'dikjarazzjoni insuffiċjenti sistematika ta' din ir-rata<sup>12</sup>. L-awditi *ex post* għandhom l-għan li jilħqu kopertura massima tal-ispejjeż aċċettati, iżda rarament ikopru l-ispejjeż kollha. Ir-rata ta' żball ġiet ikkalkulata bħala sehem tal-ispejjeż aċċettati kollha, aktar milli l-ammont li tassew ġie awditjat. Dan ifisser li d-denominatur fil-kalkolu tal-iżball kien ogħla, u għalhekk ir-rata ta' żball ġiet iddikjarata b'mod insuffiċjenti.

**4.29.** Il-Kummissjoni ħadet xi passi biex tiġi indirizzata din il-problema. Wara l-analiżi tagħha tal-40 awditu *ex post* li rrieżaminajna bħala parti mill-valutazzjoni tagħna, hija kkalkulat mill-ġdid ir-rati ta' żball. B'rriżultat ta' dan, ir-rata ta' żball rappreżentattiva rrappurtata għal H2020 ġiet ikkoreġuta b'żieda ta' 0,34 punt perċentwali.

---

<sup>12</sup> Il-paragrafu 5.34.

**4.30.** Aħna nilqgħu din l-azzjoni ta' rimedju fil-pront u l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tkompli tindirizza l-kwistjoni. Madankollu, din il-korrezzjoni ma tiħux inkunsiderazzjoni l-problemi deskritti fil-paragrafi **4.23** u **4.26-4.27** ta' hawn fuq, u r-rata ta' żball għadha ddikjarata b'mod insuffiċjenti. Barra minn hekk, mhuwiex possibbli li jiġi ddeterminat il-livell ta' sinifikanza tal-impatt tagħha, minħabba li xi wħud mill-iżbalji ma jistgħux jiġu kkwantifikati.

## Rapporti annwali tal-attività u arranġamenti oħra ta' governanza

**4.31.** Ir-RAA li eżaminajna<sup>13</sup> taw valutazzjoni ġusta tal-ġestjoni finanzjarja eżerċitata mid-DĠ rispettivi f'dak li jirrigwarda r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi.

**4.32.** Ir-RAA tad-DĠ RTD jinkludi riżerva għal pagamenti għar-rimborż ta' talbiet dwar l-ispejjeż taħt l-FP7<sup>14</sup>, minħabba li r-rata tal-iżball residwu hija ogħla minn 2 %<sup>15</sup>. Id-DĠ GROW ma esprima l-ebda riżerva ta' dan it-tip<sup>16</sup>, minħabba li l-pagamenti taħt l-FP7 ma għadhomx jirrappreżentaw volum materjali. Fil-każ ta' H2020, ibbażat fuq l-awditi proprji tagħha, il-Kummissjoni rrapportat rata ta' żball rappreżentattiva mistennija ta' 3,3 %<sup>17</sup> u rata tal-iżball residwu ta' 2,15 %. Dawn l-awditi koprew biss il-pagamenti li saru matul il-perjodu 2014-2018.

**4.33.** Fir-Rapport Annwali 2018, aħna rrapportajna li r-rata ta' implimentazzjoni għal korrezzjonijiet ta' żbalji sistemiċi relatati mal-FP7 kienet biss ta' 57.6 %<sup>18</sup>. Sa tmiem l-2019, din ir-rata kienet żdiedet għal 72 %, u qabżet il-mira ta' 70 % tad-DĠ RTD. Dan huwa riżultat tajjeb. Ir-RAA jiddikjara wkoll li r-riżorsi meħtieġa biex jiġu indirizzati l-1 904 każijiet li jifdal ma għandhomx jiġu stmati b'mod insuffiċjenti.

**4.34.** Fi tmiem l-2019, id-DĠ RTD kellu 13-il rakkomandazzjoni tal-IAS li kienu pendenti, u 3 minnhom kienet għadditilhom id-data mmirata għall-implimentazzjoni. Dan huwa titjib meta mqabbel mas-sena preċedenti meta kien hemm 26 rakkomandazzjoni li kienu pendenti, inklużi 9 li kienet għadditilhom id-data mmirata għall-implimentazzjoni. Mir-rakkomandazzjonijiet li kienu ġew ikklassifikati bħala "importanti ħafna", 3 kienu pendenti u 1 kienet għadditilha d-data mmirata għall-implimentazzjoni. Ir-rakkomandazzjoni kklassifikata bħala "importanti ħafna", li kienet għadditilha d-data mmirata għall-implimentazzjoni, u li għaliha kienet ġiet iffissata data mmirata ġdida għall-implimentazzjoni għat-30 ta' Ġunju 2020, kienet tikkonċerna

<sup>13</sup> Ara l-paragrafu 4.5 (c).

<sup>14</sup> Ir-riżerva tfisser li d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni tad-Direttur Ġenerali hija kkwalfikata billi l-effettività tas-sistemi ta' kontroll fl-FP7 ma tilħaqx il-livell mistenni.

<sup>15</sup> Din tammonta għal 3,52 %.

<sup>16</sup> Ibbażat fuq soll *de minimis* għar-riżervi.

<sup>17</sup> B'kont meħud tar-riżultati tal-abbozzi ta' rapporti tal-awditjar.

<sup>18</sup> Il-paragrafu 5.29.

I-monitoraġġ tal-konformità tal-benefiċjarji mal-obbligi kuntrattwali u mar-rekwiżiti ta' rappurtar dwar id-disseminazzjoni u l-isfruttament tar-risultati tal-proġett.

**4.35.** Aħna rrieżaminajna l-informazzjoni fl-AMPR 2019 tal-Kummissjoni rigward ir-riskju stmat fil-waqt tal-pagament fl-oqsma ta' politika taħt is-Subintestatura 1a tal-QFP. Il-Kummissjoni ma tikkalkulax rata unika għas-subintestatura iżda tnejn – waħda għal Riċerka, Industrija, Spazju, Enerġija u Trasport (2,0 %), u oħra għal Politiki Interni Oħra (1,0 %). Ibbażat fuq iċ-ċifri tal-Kummissjoni, aħna kkalkulajna li r-rata għas-Subintestatura 1a tal-QFP fl-intier tagħha kieku tkun ta' 1,7 %. Dan il-perċentwal huwa taħt is-soll ta' materjalità u jinsab fil-limiti inferjuri tal-firxa indikata minna tal-livell ta' żball stmat. Madankollu, fil-fehma tagħna, minkejja l-miżuri li ġew applikati diġà mill-Kummissjoni, din ir-rata għadha ddikjarata b'mod insuffiċjenti, minħabba l-problemi deskritti fil-paragrafi [4.23](#) u [4.26-4.27](#) ta' hawn fuq.

# Konklużjoni u rakkomandazzjonijiet

## Konklużjoni

**4.36.** L-evidenza kumplessiva għall-awditjar li ksibna u li ppreżentajna f'dan il-kapitolu tindika li l-livell ta' żball fl-infiq fuq "Kompetittività għat-*tkabbir* u l-impjegi", fl-intier tiegħu, kien materjali. Għal din is-subintestatura tal-QFP, l-ittestjar li wettaqna fuq it-tranżazzjonijiet indika li l-livell kumplessiv ta' żball stmat kien ta' 4,0 % (ara l-*Annex 4.1*). Dan il-perċentwal huwa qrib ir-rati li sibna fl-2015, fl-2016 u fl-2017. Ir-riżultati tagħna jindikaw li l-livell ta' żball kien persistentement għoli għall-infiq fuq ir-riċerka u l-innovazzjoni, li kien is-sors prinċipali ta' żball, u ferm aktar baxx għall-bqija tas-subintestatura.

**4.37.** Minkejja s-simplifikazzjonijiet li ġew introdotti għal H2020, ir-regoli għad-dikjarazzjoni tal-ispejjeż għall-persunal ifissru li r-rata ta' żball għadha ogħla mis-soll ta' materjalità.

**4.38.** Ir-riskju stmat fil-waqt tal-pagament ippreżentat fl-AMPR (1.7 %, kif ikkalkulat mill-ġdid minna) jinsab fil-limiti inferjuri tal-firxa indikata minna tal-livell ta' żball stmat u huwa taħt is-soll ta' materjalità.

## Rakkomandazzjonijiet

**4.39.** L-*Annex 4.2* juri s-sejbiet tal-analiżi ta' segwitu li wettaqna għat-tliet rakkomandazzjonijiet li għamilna fir-Rapport Annwali 2016 tagħna. Il-Kummissjoni kienet implimentat żewġ rakkomandazzjonijiet bis-siġġ, filwaqt li waħda kienet ġiet implimentata fil-biċċa l-kbira mill-asperti.

**4.40.** Ibbażat fuq din l-analiżi u fuq is-sejbiet u l-konklużjonijiet tagħna għall-2019, aħna nirrakkomandaw li l-Kummissjoni:

### Rakkomandazzjoni 4.1

---

Twettaq kontrolli aktar immirati fuq it-talbiet dwar l-ispejjeż li jiġu ppreżentati mill-SMEs u ssaħħaħ il-kampanja ta' informazzjoni tagħha dwar ir-regoli ta' finanzjament ta' H2020, b'fokus partikolari fuq dawn il-benefiċjarji importanti.

**Data mmirata għall-implimentazzjoni: nofs l-2021.**

### Rakkomandazzjoni 4.2

---

Twettaq kampanja biex tfakkar lill-benefiċjarji kollha ta' H2020 dwar ir-regoli għall-kalkolu u għad-dikjarazzjoni tal-ispejjeż għall-persunal, filwaqt li tagħti attenzjoni speċifika lit-tipi ta' żbalji deskritti fil-paragrafi [4.11-4.15](#) ta' dan il-kapitolu.

**Data mmirata għall-implimentazzjoni: 2021**

### Rakkomandazzjoni 4.3

---

Tissimplifika aktar ir-regoli dwar l-ispejjeż għall-persunal taħt il-Programm Qafas għar-Riċerka li jmiss (Orizzont Ewropa).

**Data mmirata għall-implimentazzjoni: tmiem l-2020**

### Rakkomandazzjoni 4.4

---

Għall-H2020:

- tindirizza l-osservazzjonijiet li saru b'segwitu tar-rieżaminar li wettaqna tal-awditi *ex post* fir-rigward tad-dokumentazzjoni, il-konsistenza tal-ikkampjunar u l-kwalità tal-proċeduri tal-awditjar, u
- għat-tielet fażi tal-awditi kkuntrattati, tiegħu miżuri xierqa biex tiżgura li l-awdituri jkunu kompletament konxji mir-regoli ta' H2020, u tivverifika l-kwalità tax-xogħol tagħhom.

**Data mmirata għall-implimentazzjoni: nofs l-2021**

# Annessi

## Anness 4.1 — Riżultati tal-ittestjar tat-tranżazzjonijiet għal Kompetittività għat-**tkabbir** u l-impjegi

	2019	2018
<b>DAQS U STRUTTURA TAL-KAMPJUN</b>		
Total tat-tranżazzjonijiet:	130	130
<b>IMPATT STMAT TA' ŻBALJI KWANTIFIKABBLI</b>		
Livell ta' żball stmat	4,0 %	2,0 %
Limitu Superjuri tal-lżball (UEL)	6,4 %	
Limitu Inferjuri tal-lżball (LEL)	1,5 %	

## Anness 4.2 Segwitu tar-rakkomandazzjonijiet preċedenti rigward "KOMPETITTIVITÀ GĦAT-TKABBIR U L-IMPJIEGI"

Sena	Rakkomandazzjoni tal-Qorti	Analiżi mill-QEA tal-progress li sar					
		Implimentata bis-sħiħ	Qed tiġi implimentata		Mhux implimentata	Mhux applikabbli	Evidenza insuffiċjenti
			Fil-biċċa l-kbira mill-aspetti	F'xi wħud mill-aspetti			
2016	Aħna nirrakkomandaw li l-Kummissjoni: <b>Rakkomandazzjoni 1:</b> tirrazzjonalizza ulterjorment ir-regoli u l-proċeduri tal-programm Orizzont 2020 biex tnaqqas l-inċertezza legali billi tiegħu aktar inkunsiderazzjoni l-opzjonijiet ta' spejjeż simplifikati fir-Regolament Finanzjarju rivedut b'hal kostijiet (spejjeż) unitarji, somom f'daqqa, finanzjamenti b'rata fissa u premjijiet.	X					
	<b>Rakkomandazzjoni 2:</b> tiżgura li s-servizzi tagħha jadottaw approċċ konsistenti għall-kalkolu ta' rati ta' żball u tal-ammonti kumplessivi f'riskju.	X					
	<b>Rakkomandazzjoni 3:</b> tindirizza fil-pront id-dgħufijiet fl-awditi <i>ex post</i> tagħha li jkunu ġew identifikati mill-IAS, billi tnaqqas iż-żmien li jittieħed biex jingħalqu l-awditi <i>ex post</i> u billi ttejjeb il-proċessi interni għall-ippjanar, il-monitoraġġ u r-rappurtar tal-awditi.		X				



## **Kapitolu 5**

**Koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali – Intestatura 1b tal-QFP**

# Werrej

	Paragrafu
<b>Introduzzjoni</b>	5.1.-5.12.
<b>Deskrizzjoni qasira</b>	5.2.-5.5.
Objettivi ta' politika u strumenti ta' nfiq	5.2.
Implimentazzjoni u qafas ta' kontroll u ta' aċċertament	5.3.-5.5.
<b>Ambitu u approċċ tal-awditjar</b>	5.6.-5.12.
<b>Regolarità tat-tranżazzjonijiet</b>	5.13.-5.62.
<b>Riżultati tal-ittestjar li wettaqna tat-tranżazzjonijiet u r-rieżaminar/it-twettiq mill-ġdid tax-xogħol tal-awditjar</b>	5.14.-5.35.
Proġetti ineliġibbli	5.18.-5.20.
Ksur tar-regoli tas-suq intern	5.21.-5.27.
Infiq ineliġibbli	5.28.-5.29.
Ebda dokument essenzjali ta' sostenn	5.30.
Nuqqas ta' konformità mar-regoli li jirregolaw l-użu ta' strumenti finanzjarji	5.31.-5.35.
<b>Il-valutazzjoni li wettaqna fir-rigward tax-xogħol tal-awtoritajiet tal-awditjar</b>	5.36.-5.47.
<b>Ix-xogħol ta' aċċertament tal-Kummissjoni u r-rappurtar dwar ir-rata tal-iżball residwu fir-rapporti annwali tal-attività tagħha</b>	5.48.-5.62.
<b>Konklużjoni u rakkomandazzjonijiet</b>	5.63.-5.69.
<b>Konklużjoni</b>	5.63.-5.67.
<b>Rakkomandazzjonijiet</b>	5.68.-5.69.
<b>Annessi</b>	
<b>Anness 5.1 — Riżultati tal-ittestjar tat-tranżazzjonijiet</b>	
<b>Anness 5.2 — Informazzjoni dwar l-azzjoni tal-UE fl-Istati Membri</b>	
<b>Anness 5.3 — Segwitu tar-rakkomandazzjonijiet preċedenti għal "Koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali"</b>	


## Introduzzjoni


**5.1.** Dan il-kapitolu jippreżenta s-sejbiet tagħna għas-Subintestatura 1b “Koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali” tal-QFP. Il-**Kaxxa 5.1** tagħti stampa ġenerali tal-attivitajiet u l-infiq prinċipali taħt din is-subintestatura fl-2019. Għal aktar dettalji dwar il-popolazzjoni li awditjajna għall-2019 ara l-paragrafu **5.9**.

### Kaxxa 5.1

#### Subintestatura 1b “Koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali” tal-QFP – ripartizzjoni fl-2019

Pagamenti tal-2019 bħala sehem tal-baġit tal-UE u ripartizzjoni skont





## Deskrizzjoni qasira

### Objettivi ta' politika u strumenti ta' nfiq

**5.2.** L-infiq taħt din is-subintestatura jiffoka fuq it-tnaqqis tad-diverġenzi fl-iżvilupp bejn l-Istati Membri u r-reġjuni differenti tal-UE, u fuq it-tisħiħ tal-kompetittività tar-reġjuni kollha<sup>1</sup>. Dawn l-objettivi jiġu implimentati:

- (a) permezz tal-fondi/tal-istrumenti li ġejjin taħt ġestjoni kondiviża:
- *il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR)*, li għandu l-għan li jnaqqas l-iżbilanċi reġjonali prinċipali permezz ta' appoġġ finanzjarju għall-ħolqien ta' infrastruttura u ta' investiment produttiv li joħloq l-impjegi, prinċipalment għan-negozji;
  - *il-Fond ta' Koeżjoni (FK)*, li bil-għan li jippromwovi l-iżvilupp sostenibbli, jiffinanzja proġetti relatati mal-ambjent u t-trasport fl-Istati Membri li għandhom *ING per capita* ta' inqas minn 90 % tal-medja tal-UE;
  - *il-Fond Soċjali Ewropew (FSE)*, li għandu l-għan li jħeġġeġ livell għoli ta' impjieg u l-ħolqien ta' aktar impjegi u impjegi aħjar, u jinkludi miżuri li jitwasslu permezz tal-*inizzjattiva favur l-impjieg taż-Żgħażaġħ (YEI)* immirata lejn reġjuni b'rata għolja ta' qgħad fost iż-żgħażaġh<sup>2</sup>;
  - skemi oħra li huma iżgħar, bħall-*Fond għal Għajjuna Ewropea għall-Persuni l-Aktar fil-Bżonn (FEAD)*:
- (b) permezz ta' kontribuzzjoni għall-*Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (FNE)*, li hija mmaniġġjata direttament mill-Kummissjoni u tiffinanzja proġetti li jappartjenu għan-*networks trans-Ewropej*<sup>3</sup>.

<sup>1</sup> Ara l-Artikoli 174 sa 178 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (ĠU C 326, 26.10.2012, p. 47).

<sup>2</sup> Il-FEŻR, l-FK u l-FSE huma tlieta mill-ħames *Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej*, li flimkien huma s-suġġett tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ir-Regolament dwar *Dispożizzjonijiet Komuni*). Iż-żewġ fondi SIE l-oħra huma koperti mill-Kapitolu 6 ta' dan ir-rapport.

<sup>3</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 1316/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa, li jemenda r-Regolament (UE) Nru 913/2010 u jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 680/2008 u (KE) Nru 67/2010 (ĠU L 348, 20.12.2013, p. 129).

## Implimentazzjoni u qafas ta' kontroll u ta' aċċertament

**5.3.** Taħt din is-subintestatura tal-QFP, l-Istati Membri ġeneralment jippreżentaw *programmi operazzjonali* (PO) pluriennali fil-bidu ta' kull perjodu ta' programmazzjoni għad-durata kollha ta' QFP. Wara li l-Kummissjoni tkun tat l-approvazzjoni tagħha, ir-responsabbiltà għall-implimentazzjoni ta' PO tiġi kondiviża bejn il-Kummissjoni (id-DĠ Politika Reġjonali u Urbana (DĠ REGIO) u d-DĠ Impjiegi, Affarijiet Soċjali u Inklużjoni (DĠ EMPL)) u l-Istat Membru. Il-*benefiċjarji* jirċievu rimborż permezz tal-awtoritajiet fl-Istat Membru, filwaqt li l-baġit tal-UE jikkofinanzja l-ispejjeż eliġibbli tal-operazzjonijiet approvati f'konformità mat-termini tal-PO. L-awtoritajiet maniġerjali jwettqu verifikazzjonijiet biex jipprevienu li l-infiq ineliġibbli jiġi ċċertifikat lill-Kummissjoni.

**5.4.** Il-qafas ta' kontroll u ta' aċċertament, stabbilit għall-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020<sup>4</sup>, għandu l-għan li jiżgura li *r-rata tal-iżball residwu*<sup>5</sup> fil-kontijiet annwali tal-PO tibqa' taħt is-*soll ta' materjalità* ta' 2 % ssettjat fir-regolament applikabbli<sup>6</sup>. Biex jiġi żgurat li ma jkun jifdal l-ebda livell materjali ta' irregolaritajiet fil-kontijiet li għandhom jiġu ċċertifikati lill-Kummissjoni wara l-verifikazzjonijiet tal-awtoritajiet maniġerjali, il-qafas ta' kontroll u ta' aċċertament jipprevedi t-tliet elementi li ġejjin:

- Ix-xogħol li twettaq minn *awtoritajiet tal-awditjar* fir-rigward tal-infiq inkluż fil-kontijiet annwali. Dan ix-xogħol jirriżulta f'rapport annwali ta' kontroll li l-Istati Membri jippreżentaw lill-Kummissjoni bħala parti mill-“pakketti ta' aċċertament” tagħhom<sup>7</sup>. Ir-rapport fih ir-rata tal-iżball residwu għall-PO (jew grupp ta' PO) kif

<sup>4</sup> Aħna tajna d-dettalji kollha dwar il-qafas ta' kontroll u ta' aċċertament għall-fondi SIE, inkluża skeda ta' żmien, fir-Rapporti Annwali 2017 (il-paragrafi 6.5-6.15) u r-Rapport Annwali 2018 (il-Figura 6.1) tagħna.

<sup>5</sup> Fir-RAA tagħha, il-Kummissjoni tirreferi għar-“rata tar-riskju residwu” (RRR) meta tittratta l-għeluq għall-perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013 u għar-“rata tal-iżball residwu totali” (RTER) meta tittratta l-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020. F'dan il-kapitolu, aħna nirreferu għat-tnejn li huma bħala “rata/i tal-iżball residwu”.

<sup>6</sup> L-Artikolu 28(11) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni Nru 480/2014 tat-3 ta' Marzu 2014 li jissupplimenta r-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni (ĠU L 138, 13.5.2014, p. 5).

<sup>7</sup> Il-pakketti ta' aċċertament huma magħmulin minn dikjarazzjoni ta' ġestjoni, sommarju annwali, il-kontijiet annwali ċċertifikati, rapport annwali ta' kontroll u opinjoni tal-awditjar.

ukoll opinjoni tal-awditjar dwar ir-regolarità tal-infiq iddikjarat u l-funzjonament effettiv ta' sistemi ta' ġestjoni u kontroll.

- L-aċċettazzjoni annwali tal-kontijiet. Għal dan l-iskop, il-Kummissjoni twettaq prinċipalment kontrolli amministrattivi dwar il-kompletezza u l-preċiżjoni tal-kontijiet biex b'hekk tkun tista' taċċettahom, u tirrilaxxa l-ammont ta' 10 % li jkun inżamm preċedentement bħala garanzija<sup>8</sup>.
- Analiżijiet mhux fuq il-post li l-Kummissjoni twettaq fir-rigward ta' kull pakkett ta' aċċertament u tal-awditi tal-*konformità* magħżula fl-Istati Membri. Il-Kummissjoni twettaq dawn il-kontrolli biex tikkonkludi dwar ir-rati tal-iżball residwu rrapportati mill-awtoritajiet tal-awditjar, u biex tivvalidahom; hija tippubblikahom, flimkien ma' medja ponderata biex isservi bħala indikatur ewlieni tal-prestazzjoni, fir-*rapporti annwali tal-attività* (RAA) tagħha għas-sena ta' wara.

**5.5.** Il-proċess li jwassal għall-*għeluq* tal-PO mill-perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013 huwa fil-biċċa l-kbira kumparabbli ma' dak deskritt fil-paragrafu 5.4.

## Ambitu u approċċ tal-awditjar

**5.6.** L-objettiv tagħna kien li nikkontribwixxu għad-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni kumplessiva kif deskritt fl-**Annex 1.1**. B'kont meħud tal-karatteristiċi tal-qafas ta' kontroll u ta' aċċertament għal dan il-qasam ta' nfiq, aħna kellna wkoll l-għan li nivvalutaw il-punt sa fejn ix-xogħol imwettaq mill-awtoritajiet tal-awditjar u mill-Kummissjoni huwa affidabbli. Aħna wettaqna dan bil-ħsieb li possibbilment isir aktar użu mix-xogħol tagħhom fil-futur u, f'dak il-kuntest, li nidentifikaw fejn jeħtieġ isir aktar titjib.

**5.7.** Filwaqt li applikajna l-approċċ u l-metodi tal-awditjar ippreżentati fl-**Annex 1.1**, aħna eżaminajna dan li ġej għal din is-subintestatura tal-QFP:

- (a) kampjun ta' 236 tranżazzjoni, li kien maħsub biex ikun statistikament rappreżentattiv tal-firxa sħiħa ta' nfiq taħt is-Subintestatura 1b tal-QFP. Il-kampjun kien jikkonsisti f'223 tranżazzjoni, li għalihom l-infiq kien ġie ċċertifikat fil-pakketti ta' aċċertament u ta' għeluq (inklużi 220 li kienu ġew ivverifikati

<sup>8</sup> L-Artikolu 130 tar-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni jillimita r-rimborż ta' pagamenti *interim* għal 90 %. L-10 % li jifdal jiġu rilaxxati wara l-aċċettazzjoni tal-kontijiet.

preċedentement minn awtorità tal-awditjar<sup>9</sup>), kif ukoll 8 strumenti finanzjarji u 5 proġetti tal-FNE li ġew immaniġġjati direttament mill-Kummissjoni;

- (b) ix-xogħol imwettaq mill-awtoritajiet tal-awditjar għall-validazzjoni tal-informazzjoni li tinsab fl-24 pakkett ta' aċċertament/ta' għeluq relatati ma' 220 tranżazzjoni li huma kienu vverifikaw preċedentement;
- (c) ix-xogħol imwettaq mill-Kummissjoni biex tirrieżamina u tivvalida r-rati tal-iżball residwu li ġew irrappurtati fil-pakketti ta' aċċertament għall-2014-2020, u x-xogħol tal-awditjar tagħha fuq aspetti li jirrigwardaw ir-regolarità ta' dawn il-pakketti;
- (d) l-informazzjoni dwar ir-regolarità li tingħata fir-rapporti annwali tal-attività tad-DĠ HOME u tad-DĠ EMPL, u l-inklużjoni tagħha fir-*Rapport Annwali dwar il-Ġestjoni u l-Prestazzjoni (AMPR)* tal-Kummissjoni.

**5.8.** Il-popolazzjoni li awditjajna (EUR 28,4 biljun) kienet tikkonsisti f'inqi mill-perjodu 2014-2020 li kien inkluż fil-pakketti ta' aċċertament aċċettati għas-sena kontabilistika 2017/2018, inqas mill-perjodu 2007-2013 li kien inkluż fil-pakketti ta' għeluq għall-PO li l-Kummissjoni għalqet fl-2019, u allokkazzjonijiet mill-Fond ta' Koeżjoni għall-FNE.

**5.9.** Fl-2019, il-Kummissjoni aċċettat kontijiet li kienu jinkludu nfiq għal 351 minn 420 PO approvati (EUR 24,3 biljun). Dawn il-kontijiet kienu ġejjin minn pakketti ta' aċċertament li ġew ippreżentati mit-28 Stat Membru kollha għall-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020. L-Istati Membri rrappurtaw żborżi favur ir-riċevituri finali permezz ta' strumenti finanzjarji, fis-sena kontabilistika 2017/2018, għal 60 minn dawn il-PO (EUR 0,6 biljun). Barra minn hekk, il-Kummissjoni għalqet kompletament jew parzjalment<sup>10</sup> 54 PO (billi llikwidat EUR 2,2 biljun) mill-perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013. Il-kontribuzzjoni għall-FNE ammontat għal madwar EUR 1 000 000 000.

<sup>9</sup> Ara l-paragrafu 5.41.

<sup>10</sup> Jekk kwistjonijiet b'impatt materjali jibqgħu miftuħa, il-Kummissjoni tillikwida biss l-ammont li ma jkunx ikkontestat. Il-bilanċ jiġi llikwidat u l-PO jingħalaq ladarba dawn il-kwistjonijiet pendenti kollha jiġu riżolti.



**5.10.** Aħna qsamna, f'żewġ stadji, il-kampjun tagħna ta' 223 tranżazzjoni li jikkorrispondu għal inċertifikat fil-pakketti ta' aċċertament u ta' għeluq. L-ewwel, għażilna 24 pakkett (20 mill-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020 u 4 mill-perjodu 2007-2013) li kienu jkopru 40 mit-394 PO li għalihom il-Kummissjoni pproċediet għal likwidazzjoni mill-baġit tal-UE fl-2019. Minn dawn l-24 pakkett, aħna mbagħad għażilna tranżazzjonijiet li l-awtoritajiet tal-awditjar kienu vverifikaw preċedentement.

**5.11.** Parti mill-kampjun tagħna kienet tikkonsisti fi tmien strumenti finanzjarji mill-perjodu 2014-2020. Għal din il-parti, aħna għażilna strumenti li minnhom kienu saru pagamenti lil riċevituri finali fis-sena kontabilistika 2017/2018. Fejn l-awtorità tal-awditjar ma kinitx awditjat l-ammonti li ġew żborżati favur ir-riċevituri finali, aħna għażilna dawn l-iżborżi direttament.

**5.12.** L-*Anness 5.2* fih ripartizzjoni tal-kampjun tagħna u l-għadd ta' żbalji kwantifikabbli li sibna skont l-Istat Membru.

## Regolarità tat-tranżazzjonijiet

**5.13.** Din il-parti tal-kapitolu fiha tliet sottotaqsimiet. L-ewwel waħda tikkonċerna l-ittejtjar li wettaqna tal-kampjun ta' 236 tranżazzjoni li ħadna din is-sena, bil-ħsieb li nipprovdu fehim approfondit dwar is-sorsi prinċipali tal-iżbalji. It-tieni sottotaqsimia tikkonċerna l-valutazzjoni li wettaqna tax-xogħol tal-awtoritajiet tal-awditjar, u t-tielet waħda hija relatata max-xogħol tal-Kummissjoni. Is-sejbiet fis-sottotaqsimiet kollha jipprovdu bażi biex nifformulaw konklużjonijiet dwar l-informazzjoni relatata mar-regolarità li tinsab fir-RAA taż-żewġ DG responsabbli u fl-AMPR tal-Kummissjoni.

### Riżultati tal-ittejtjar li wettaqna tat-tranżazzjonijiet u r-rieżaminar/it-twettiq mill-ġdid tax-xogħol tal-awditjar

**5.14.** L-*Anness 5.1* jagħti stampa ġenerali tar-riżultati tal-ittejtjar tat-tranżazzjonijiet li wettaqna. Fil-236 tranżazzjoni li eżaminajna, aħna identifikajna u kkwantifikajna 29 żball li ma kinux inqabdu mill-awtoritajiet tal-awditjar. B'kont meħud tal-64 żball li nstabu preċedentement mill-awtoritajiet tal-awditjar u tal-korrezzjonijiet applikati mill-awtoritajiet inkarigati mill-programmi (b'valur totali ta' EUR 334 miljun għaż-żewġ perjodi ta' programmazzjoni flimkien), aħna nistmaw li l-livell ta' żball huwa ta' 4,4 %<sup>11</sup>.

**5.15.** L-awtoritajiet tal-awditjar kienu rrapportaw 64 żball kwantifikabbli fil-pakketti ta' aċċertament/ta' għeluq għall-236 tranżazzjoni li kkampjunajna. Dawn l-iżbalji kienu jikkonċernaw spejjeż ineliġibbli (39), akkwist pubbliku (24), u dokumentazzjoni ta' sostenn nieqsa (żball wieħed)<sup>12</sup>. L-Istati Membri kienu applikaw korrezzjonijiet finanzjarji, u estrapolawhom kif kien meħtieġ, bil-ħsieb li jġibu r-rati tal-iżball residwu taħt is-soll ta' materjalità ta' 2 %.


<sup>11</sup> Aħna nibbażaw il-kalkolu tagħna tal-livell ta' żball fuq kampjun rappreżentattiv. Iċ-ċifra kkwotata hija l-aħjar stima possibbli li nistgħu nagħtu. Aħna nistgħu naffermaw, bi grad ta' fiduċja ta' 95 %, li l-livell ta' żball stmat fil-popolazzjoni jinsab bejn 2,1% u 6,7 % (il-limiti inferjuri u superjuri tal-iżball rispettivament).

<sup>12</sup> Tranżazzjoni waħda tista' tiġi milquta minn aktar minn tip wieħed ta' żball.

**5.16.** Il-*Kaxxa 5.2* turi r-ripartizzjoni tal-iżbalji li sibna skont il-kategorija (qabel ma ttieħed kont tal-korrezjonijiet). Proġetti ineliġibbli u ksur tar-regoli tas-suq intern (b'mod partikolari nuqqas ta' konformità mar-regoli dwar l-akkwist pubbliku) ikkontribwew l-aktar għal-livell ta' żball stmat minna. Il-paragrafi *5.18* sa *5.35* jipprovdu aktar informazzjoni dwar dawn l-iżbalji.

## Kaxxa 5.2

### Ripartizzjoni tal-iżbalji li sibna



Sors: il-QEA.

**5.17.** L-għadd u l-impatt tal-iżbalji li nqabdu juru li hemm riskju inerenti għoli ta' żball f'dan il-qasam u li l-kontrolli tal-awtoritajiet manijerjali għadhom ħafna drabi ineffettivi biex jipprevienu jew jaqbdur irregolaritajiet fl-infiq li jiġi ddikjarat mill-benefiċjarji.

### Proġetti ineliġibbli

**5.18.** Aħna identifikajna ħames proġetti taħt il-FEŻR, mill-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020, li għalihom ingħatat għajnuna lill-benefiċjarji jew għall-operazzjonijiet li ma ssodisfawx il-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà stabbiliti fir-regolament applikabbli u fil-PO. Dawn il-każijiet jirrappreżentaw 17 % tat-total ta' *żbalji kwantifikabbli* li qbadna, jew madwar 2,2 punti perċentwali tal-livell ta' żball stmat.

**5.19.** Skont l-Artikolu 65(6) tar-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni (RDK), l-awtoritajiet maniġerjali ma jistgħux jipprovdu finanzjament mill-UE għal operazzjonijiet li jkunu tlestew fiżikament jew ġew implimentati bis-sħiħ fid-data tal-applikazzjoni għall-finanzjament<sup>13</sup>. Din ir-regola teżisti minħabba li kien hemm tendenza matul il-perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013 li l-proġetti jiġu ppreżentati b'mod retroattiv, u dan ma jirrappreżentax l-aħjar użu tal-fondi tal-UE. Aħna nqisu li tlieta mill-ħames proġetti ineliġibbli ma kinux f'konformità ma' din ir-regola.

**5.20.** L-operazzjonijiet li eżaminajna ġew oriġinarjament iffinanzjati minn riżorsi nazzjonali, u kienu ġew fiżikament ikkompletati qabel ma ġew approvati għal finanzjament mill-UE. L-awtoritajiet inkarigati mill-programm interpretaw ir-regola bħala li tfisser li, sakemm operazzjoni ma tkunx ingħalqet finanzjarjament jew amministrattivament, din mhijiex fiżikament ikkompletata. Madankollu, l-ikkompletar fiżiku jirreferi għall-ikkompletar ta' xogħolijiet jew attivitajiet li huma meħtieġa għall-*output* tal-proġett, li ġeneralment jitwettqu qabel il-pagament finali u l-għeluq amministrattiv. Il-**Kaxxa 5.3** tagħti eżempju ta' proġett ineliġibbli.

### Kaxxa 5.3

#### Eżempju ta' proġett ineliġibbli

Fil-Portugall, awtorità lokali talbet kofinanzjament mill-UE għall-ispejjeż tal-bini ta' mogħdija urbana. Hija kienet tat il-kuntratt fl-2015, filwaqt li stabbiliet perjodu ta' erba' xhur għall-ikkompletar, iżda applikat għall-*għotja* fl-2017, u ddikjarat li l-biċċa l-kbira mix-xogħlijiet kienu ġew ikkompletati. Madankollu, abbażi tal-informazzjoni pprovduta, aħna kkonkludejna li, fost irregolaritajiet oħra, il-proġett kien diġà ġie kkompletat fiżikament meta ġiet ippreżentata l-applikazzjoni.

Aħna sibna żewġ każijiet oħra ta' nuqqas ta' konformità mal-Artikolu 65(6) tal-RDK fl-Italja.

<sup>13</sup> L-RDK ma jagħtix spjegazzjoni dwar it-tifsira ta' "tlestew fiżikament jew ġew implimentati bis-sħiħ". Il-Kummissjoni pprovdiet kjarifika lill-Istati Membri, u spjegat li l-ikkompletar fiżiku huwa relatat ma' proġetti li jkollhom oġġett fiżiku. L-implimentazzjoni sħiħa tintuża bħala alternattiva għall-ikkompletar fiżiku. Din hija relatata ma' operazzjonijiet li jkollhom oġġett li ma jkunx fiżiku, jew li ma jkunx esklużivament fiżiku, iżda tinkludi wkoll elementi jew partijiet oħra li jeħtieġ ukoll li jitwettqu sabiex l-operazzjoni titqies bħala li tkun ġiet implimentata.

## Ksur tar-regoli tas-suq intern

**5.21.** Din is-sena, aħna sibna 23 każ ta' ksur tar-regoli tas-suq intern, u kkwantifikajna 3 minnhom. Il-biċċa l-kbira mill-każijiet ta' ksur kienu relatati mal-akkwist pubbliku.

### Minkejja ħafna korrezzjonijiet, l-akkwist pubbliku jibqa' sors sinifikanti ta' żbalji

**5.22.** Il-proċeduri tal-akkwist pubbliku huma strument ewlieni biex il-fondi pubbliċi jintefqu b'mod ekonomiku u effiċjenti u biex jiġi stabbilit is-suq intern. Aħna eżaminajna 165 proċedura għal xogħlijiet, servizzi u provvisti. Il-maġġoranza l-kbira ta' dawn il-proċeduri kienu għal proġetti kkofinanzjati mill-PO taħt il-FEŻR/l-FK.

**5.23.** L-awtoritajiet tal-awditjar kienu qabdu 24 każ ta' nuqqas ta' konformità mar-regoli dwar l-akkwist pubbliku fit-tranżazzjonijiet li eżaminajna, u kienu imponew korrezzjonijiet b'rata fissa li jvarjaw minn 5 % għal 100 %, kif previst fid-deċiżjonijiet rilevanti tal-Kummissjoni<sup>14</sup>.

**5.24.** F'19-il proċedura ta' akkwist pubbliku, aħna identifikajna każijiet ta' nuqqas ta' konformità mar-regoli dwar l-akkwist pubbliku tal-UE u/jew dawk nazzjonali li l-awtoritajiet tal-awditjar ma kinux qabdu (ara l-*Kaxxa 5.4*). Il-biċċa l-kbira mill-iżbalji li qbadna kienu relatati ma' kuntratti b'valur ogħla mis-sollijiet mogħtija fid-direttivi tal-UE dwar l-akkwist<sup>15</sup>, li normalment ifisser li jiġu segwiti proċeduri aktar komprensivi. Tnejn minnhom kienu jinvolvu ksur serju li rriżulta biex l-offerta jkollha eżitu differenti, u aħna rrapportajna dawn il-każijiet bħala żbalji kwantifikabbli. Dawn kienu jirrappreżentaw 7 % tat-total tal-iżbalji kwantifikabbli li sibna, jew madwar 0,6 punti perċentwali tal-livell ta' żball stmat. Żbalji oħra relatati mal-proċedura tal-offerti kienu jinkludu n-nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti tal-pubblikazzjoni u tat-trasparenza, kif ukoll speċifikazzjonijiet tekniċi diskriminatorji. Aħna ma kkwantifikajniex dawn l-iżbalji.

<sup>14</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2013) 9527 final, tad-19.12.2013 dwar l-istabbiliment u l-approvazzjoni tal-linji gwida għad-determinazzjoni tal-korrezzjonijiet finanzjarji li għandhom jitwettqu mill-Kummissjoni rigward in-nefqa ffinanzjata mill-Unjoni taħt ġestjoni kondiviża, għal nuqqas ta' konformità mar-regoli dwar l-akkwist pubbliku; id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2019) 3452 final tal-14.5.2019 li tistabbilixxi l-linji gwida għad-determinazzjoni tal-korrezzjonijiet finanzjarji li għandhom isiru fin-nefqa ffinanzjata mill-Unjoni għan-nuqqas ta' konformità mar-regoli applikabbli dwar l-akkwist pubbliku.

<sup>15</sup> Id-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist pubbliku (ĠU L 94, 28.3.2014).

## Kaxxa 5.4

### Applikazzjoni skorretta tal-kriterji tal-għażla

Benefiċjarju Rumien organizza proċedura ta' akkwist pubbliku miftuħa u internazzjonali għal proġett ta' riabilitazzjoni ta' landfill. Kriterju tal-għażla kien jirrikjedi esperjenza professjonali li tintwera permezz ta' volum minimu ta' proġetti simili. L-analiżi li wettaqna wriet li l-volum ta' esperjenza ta' xogħol simili tal-offerent rebbieħ kien insuffiċjenti. L-awtorità kontraenti kien imissha teskludi l-offerta rebbieħa, u għaldaqstant in-nefqa ddikjarata għal dan il-kuntratt hija ineliġibbli.

Fir-Rumanija, aħna sibna żball wieħed ieħor relatat mal-akkwist pubbliku.

### Proġett wieħed kien ineliġibbli minħabba ksur tar-regoli dwar l-għajjnuna mill-Istat

**5.25.** Fil-prinċipju, l-għajjnuna mill-Istat, sakemm ma tkunx taħt limitu massimu “*de minimis*”, hija inkompatibbli mas-suq intern billi tista' tirriżulta fid-distorsjoni tal-kummerċ bejn l-Istati Membri. Madankollu, hemm xi eċċezzjonijiet għal din ir-regola, b'mod partikolari jekk il-proġett ikun kopert mir-Regolament għall-Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa (GBER)<sup>16</sup>. L-Istati Membri jridu jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar każijiet oħra ta' għajjnuna mill-Istat sabiex tkun tista' tiffirma opinjoni dwar il-kompatibbiltà tagħhom.

**5.26.** Din is-sena, aħna identifikajna tliet proġetti taħt il-FEŻR u wieħed taħt l-FSE, li ma rrispettawx ir-regoli tal-UE dwar l-għajjnuna mill-Istat. Aħna nqisu li wieħed mill-proġetti taħt il-FEŻR ma kellu jirċievi l-ebda finanzjament pubbliku mill-UE u/jew mill-Istati Membri. Aħna ma kkwantifikajniex it-tliet żbalji l-oħra, fejn, għalkemm l-Istat Membru ma kienx ivvaluta (b'mod korrett) l-eżistenza ta' għajjnuna mill-istat, dawn il-każijiet ma kellhom l-ebda *impatt* fuq il-livell tal-finanzjament pubbliku.

**5.27.** Għal *tranżazzjoni* waħda li saret fil-Portugall, aħna sibna l-istess dgħufija sistemika relatata mal-għajjnuna mill-istat (l-ebda effett ta' inċentiv), li identifikajna u rrapportajna dwarha s-sena li għaddiet. Matul l-2019, il-Kummissjoni talbet lill-awtoritajiet Portugiżi biex jidentifikaw l-operazzjonijiet kollha affettwati għas-snin kontabilistiċi 2017/2018 u 2018/2019, u biex jagħmlu l-korrezzjonijiet meħtieġa biex b'hekk jeskludu l-infiq irregolari mill-kontijiet. L-awtoritajiet Portugiżi kkoreġew EUR 48 miljun mis-sena kontabilistika 2018/2019 u EUR 65 miljun mis-sena kontabilistika 2017/2018 (is-sena li fiha saret l-operazzjoni li eżaminajna).

<sup>16</sup> Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 651/2014 tas-17 ta' Ġunju 2014 li jiddikjara li ċerti kategoriji ta' għajjnuna huma kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat (ĠU L 187, 26.6.2014, p. 1-78).

## Infiq ineliġibbli

**5.28.** Meta l-awtoritajiet tal-Istati Membri jiddikjaraw l-infiq lill-Kummissjoni, huma jiċċertifikaw li dan ikun iġġarrab f'konformità mar-regoli applikabbli tal-UE u dawk nazzjonali. Aħna sibna nfiq ineliġibbli fi 15 mit-tranżazzjonijiet li eżaminajna, u dawn il-każijiet kienu jirrappreżentaw 52 % tal-għadd ta' żbalji kwantifikabbli li sibna, jew madwar 0,6 punti perċentwali tal-livell ta' żball stmat.

**5.29.** Il-kawżi prinċipali tal-infiq ineliġibbli kienu relatati ma' parteċipanti tal-proġetti jew elementi ta' spejjeż li ma kinux jissodisfaw ir-regoli ta' eliġibbiltà. Il-**Kaxxa 5.5** tagħti eżempju ta' dan. Aħna sibna wkoll ftit każijiet ta' żbalji relatati ma' opzjonijiet ta' spejjeż simplifikati.

### Kaxxa 5.5

#### Eżempju ta' parteċipanti li ma jikkonformawx mar-regoli ta' eliġibbiltà

Operazzjoni waħda tal-YEI fi Spanja ssussidjat kuntratti ta' impjieg għal xogħol ta' riċerka f'università. L-università ħarġet sejħa għal applikazzjonijiet għall-postijiet tar-riċerka. Biex ikunu eliġibbli għar-reklutaġġ, il-kandidati kellhom ikunu konformi mar-rekwiżiti tal-YEI (attwalment ikunu barra mill-impjieg, edukazzjoni jew taħriġ) u jkunu rreġistrati fis-sistema nazzjonali ta' garanzija għaż-żgħażaġħ. Aħna identifikajna bosta parteċipanti (8 minn 30 kandidat li ġew ivverifikati) li, meta ppreżentaw l-applikazzjoni tagħhom, kienu jew impjegati minn università oħra jew inkella kienu fi studju post-graduate fl-università li kienet qed tirrekluta, u dan kien jagħmilhom ineliġibbli għall-appoġġ mill-YEI.

Aħna sibna wkoll żbalji li kienu relatati ma' parteċipanti ineliġibbli f'operazzjoni waħda fil-Greċja u oħra fil-Polonja.

## Ebda dokument essenzjali ta' sostenn

**5.30.** Il-benefiċjarji u l-awtoritajiet tal-Istati Membri li huma inkarigati mill-programmi jridu jżommu sistemi u proċeduri li jiżguraw rendikont adegwat tal-entrati. Dan jinkludi l-ħtieġa li jinżammu reġistri ta' dokumenti. L-aktar żball komuni li jaffettwa l-infiq taħt l-FSE u li ġie rrapportat mill-awtoritajiet tal-awditjar huwa n-nuqqas ta' dokumenti essenzjali ta' sostenn. Aħna sibna li kien hemm informazzjoni jew dokumentazzjoni ta' sostenn nieqsa f'ħames operazzjonijiet li eżaminajna (tlieta taħt il-FEŻR u tnejn taħt l-FSE). F'erba' każijiet, fejn la l-awtoritajiet tal-Istati Membri inkarigati mill-programmi u lanqas il-benefiċjarji ma setgħu jipprovdu dokumenti li juru l-konformità mal-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà, aħna konna kostretti li nikkwantifikaw

dawn l-iżbalji. Ir-riżultat kien jirrappreżenta madwar 14 % tat-tranżazzjonijiet li kkwantifikajna, u 0,2 punti perċentwali tal-livell ta' żball stmat.

## Nuqqas ta' konformità mar-regoli li jirregolaw l-użu ta' strumenti finanzjarji

**5.31.** Sa tmiem is-sena kontabilistika 2017/2018, l-Istati Membri rrapportaw EUR 4,1 biljun f'kontribuzzjonijiet mill-UE għal *strumenti finanzjarji*, li minnhom huma ddikjaraw madwar EUR 1 000 000 000 bejn l-1 ta' Lulju 2017 u t-30 ta' Ġunju 2018. Fit-30 ta' Ġunju 2018, l-iżborżi lil jew favur ir-riċevituri finali jew li saru għall-benefiċċju ta' dawn tal-aħħar matul il-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020 ammontaw għal total ta' EUR 1,2 biljun, inkluż EUR 0,6 biljun li ġew żborżati fis-sena kontabilistika 2017/2018.

**5.32.** L-awditu tagħna kopra tmien strumenti finanzjarji mill-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020. Aħna eżaminajna 69 selfa, 8 *investimenti ta' ekwità* u 2 elementi ta' spejjeż relatati ma' tariffi ta' ġestjoni imposti minn intermedjarji finanzjarji.

**5.33.** L-eżaminar li wettaqna kopra żewġ programmi tal-*Inizjattiva għall-SMEs* – fi Spanja u fir-Rumanija. Aħna sibna żborżi ineliġibbli favur ir-riċevituri finali f'4 mill-10 investimenti li eżaminajna fil-programm Spanjol. B'mod partikolari, l-intermedjarji finanzjarji kienu approvaw self għal 3 investimenti mingħajr ma kkonfermaw l-istatus ta' SME tar-riċevituri. L-attività li ntużat biex jiġi ġġustifikat is-self għal investment ieħor kienet ġiet implimentata bis-sħiħ u tħallset qabel l-iffirmar tas-self.

**5.34.** Aħna eżaminajna wkoll l-*Inizjattiva għall-SMEs* Spanjola għar-Rapport Annwali 2017 tagħna, meta rrapportajna, bl-istess mod, livell għoli ta' nfiq ineliġibbli u kkonkludejna li kien hemm riskju serju ta' irregolaritajiet<sup>17</sup>. Għal din ir-raġuni, din is-sena aħna eżaminajna wkoll 13-il selfa taħt il-programm Spanjol, li kellhom valur prinċipali ta' mill-inqas EUR 2 miljun. Aħna sibna li 9 minn dan is-self ma kellux jiġi ggarantit permezz tal-istrumenti, billi ma kienx hemm prova suffiċjenti tal-istatus ta' SME. Is-sitwazzjoni kienet differenti fil-programm tal-*Inizjattiva għall-SMEs* Rumena, fejn il-valur prinċipali tas-self kien ġeneralment żgħir u aħna ma identifikajna l-ebda investment ineliġibbli.

<sup>17</sup> Ara l-paragrafi 6.36-6.39 tar-Rapport Annwali 2017 tagħna.



**5.35.** Fir-rapport 2017 tagħna, aħna għidna l-attenzjoni għall-ħtieġa li jsir titjib sinifikanti fl-arranġamenti tal-awditjar għall-istrumenti finanzjarji mmaniġġjati mill-Grupp tal-BEI. Il-*Fond Ewropew tal-Investment* (FEI) ħa l-miżuri biex jindirizza din il-kwistjoni, billi tejjeb is-sistemi ta' monitoraġġ u kontroll tiegħu. Il-FEI eskluda aktar minn 4 000 investment ineliġibbli (madwar 7 % tal-volum totali tal-portafoll) mill-programm Spanjol. Sa mis-sena kontabilistika 2018/2019, il-FEI estenda wkoll b'mod volontarju l-użu ta' rapporti ta' "aċċertament raġonevoli"<sup>18</sup>. Madankollu, għadu kmieni wisq biex jiġi vvalutat l-impatt u l-effettività sħiħa ta' dawn il-miżuri, billi ma kinux japplikaw għall-perjodu kontabilistiku 2017/2018, li kien is-suġġett tal-awditu tagħna.

## Il-valutazzjoni li wettaqna fir-rigward tax-xogħol tal-awtoritajiet tal-awditjar

**5.36.** Ix-xogħol tal-awtoritajiet tal-awditjar huwa parti kruċjali tal-qafas għall-aċċertament u l-kontroll tal-infiq fil-qasam tal-Koeżjoni. Ir-rieżaminar tagħna tax-xogħol tagħhom jagħmel parti minn proċess li jista' jfisser li fil-futur aħna nagħmlu użu akbar mill-mudell ta' aċċertament tal-Kummissjoni. Din is-sena, aħna vvalutajna x-xogħol ta' 18 minn 116-il awtorità tal-awditjar.

**5.37.** Fil-pakketti kollha ta' aċċertament u ta' għeluq li eżaminajna, l-awtoritajiet tal-awditjar kienu rrapportaw rata tal-*iżball* residwu daqs jew taħt it-2 %. L-iżbalji li l-awtoritajiet tal-awditjar ikunu naqsu milli jaqdbu jżidu ma' dawn ir-rati.


**5.38.** L-iżbalji addizzjonali li qbadna fil-kampjun tagħna ta' tranżazzjonijiet li ġew i-verifikati preċedentement mill-awtoritajiet tal-awditjar, u r-risultati tar-rieżaminar u tax-xogħol tal-awditjar imwettqa mill-Kummissjoni, jindikaw li r-rati tal-iżball residwu li l-awtoritajiet tal-awditjar jirrapportaw mhux dejjem ikunu affidabbli. Ix-xogħol tagħna provvidelna evidenza suffiċjenti biex nikkonkludu li r-rata tal-iżball residwu kienet ogħla minn 2 % f'9 mill-20 pakkett ta' aċċertament (45 %) li eżaminajna għall-perjodu 2014-2020. Dawn id-9 pakketti kienu jirrappreżentaw 55 % tal-infiq ikkonċernat. Fir-RAA tagħha, b'kont meħud tax-xogħol tal-awditjar proprju tagħha u tar-risultati preliminari tal-awditi tagħna, il-Kummissjoni aġġustat ir-rata tal-iżball residwu għal 8 mid-9 pakketti ta' aċċertament fil-kampjun tagħna għal aktar minn 2 %.

<sup>18</sup> F'konformità mal-Istandard Internazzjonali dwar l-*Inkarigi ta' Aċċertament* (ISAE) 3000 tal-IFAC, "Assurance Engagements Other than Audits or Reviews of Historical Financial Information" (Federazzjoni Internazzjonali tal-Kontabilisti).

**5.39.** Fit-tliet snin li konna qed neżaminaw l-infiq tal-perjodu 2014-2020, l-għadd ta' pakketti ta' aċċertament li għalihom l-awtoritajiet tal-awditjar irrappurtaw rati tal-iżball residwu mhux affidabbli taħt it-2 % kien konsistentement madwar 50 %, f'termini kemm tal-għadd tal-pakketti kif ukoll tal-infiq li għażilna għall-awditu (ara l-**Kaxxa 5.6**)

### Kaxxa 5.6

**Xejra ta' tliet snin għal pakketti ta' aċċertament li għalihom ir-riżultati tal-awditjar li wettaqna u dawk tal-Kummissjoni wrew li r-rati tal-iżball residwu kienu oġġla minn 2 %**




Sors: il-QEA.

**5.40.** Mis-sena li għaddiet 'l hawn, l-awtoritajiet tal-awditjar irrappurtaw żbalji bl-użu ta' tipoloġija komuni maqbula mal-Kummissjoni<sup>19</sup>. Il-**Kaxxa 5.7** turi tqabbil bejn it-tipi ta' żball rappurtati l-aktar frekwentement mill-awtoritajiet tal-awditjar u l-iżbalji addizzjonali li aħna u l-Kummissjoni qbadna l-aktar frekwentement. Ir-riżultati juru li t-tipi l-aktar komuni ta' irregolaritajiet ikomplu jkunu relatati ma' nfiq ineliġibbli u l-akkwist pubbliku. L-aktar żball komuni li jolqot l-infiq taħt l-FSE huwa n-nuqqas ta' dokumentazzjoni essenzjali ta' sostenn. Minkejja l-ħafna irregolaritajiet li l-awtoritajiet tal-awditjar diġà rappurtaw għall-proġetti li eżaminajna, ħafna żbalji jibqgħu ma jinqabdux jew ma jiġux ikkoreġuti mill-attivitajiet kollha ta' kontroll intern fi stadju aktar bikri.

### Kaxxa 5.7

#### Tipi ta' żball l-aktar frekwenti li jinqabdu mill-awdituri



Sors: il-QEA.

<sup>19</sup> Ara l-paġna 27 tar-RAA 2019 tad-DĠ REGIO u l-paġna 41 tar-RAA 2019 tad-DĠ EMPL.

## Dgħufijiet fil-metodi ta' kampjunar ta' xi wħud mill-awtoritajiet tal-awditjar affettwaw ir-rappreżentattività

**5.41.** Minħabba l-għadd kbir ta' operazzjonijiet ikkofinanzjati minn kull PO, l-awtoritajiet tal-awditjar iridu jużaw il-kampjunar biex jiffurmaw opinjoni dwar l-eliġibbiltà tal-infiq. Biex jagħtu riżultati affidabbli, il-kampjuni jridu jkunu rappreżentattivi tal-popolazzjoni li awditjajna, u bħala regola ġenerali, iridu jkunu bbażati fuq metodu statistikament validu<sup>20</sup>.

**5.42.** Aħna sibna dgħufijiet, bħar-rappreżentanza baxxa ta' ċerti operazzjonijiet, l-użu skorrett ta' parametri ta' kampjunar, u n-nuqqas ta' rendikont tal-entrati f'dak li jirrigwarda l-kampjunar f'5 mill-24 pakkett (inkluż 4 minnhom għall-perjodu 2014-2020) li eżaminajna. Sa ċertu punt, 2 minn dawn id-dgħufijiet affettwaw ir-rappreżentattività tal-kampjuni. Konsegwentement, kellna nieħdu kampjun addizzjonali ta' 3 tranżazzjonijiet biex niżguraw kopertura xierqa tal-popolazzjoni li awditjajna.

## Għad hemm nuqqasijiet fil-mod kif l-awtoritajiet tal-awditjar iwettqu u jiddokumentaw ix-xogħol tagħhom

**5.43.** L-Istandards Internazzjonali tal-Awditjar jirrikjedu li l-awdituri jiddokumentaw il-kontrolli tagħhom, u jinkludu referenzi ċari għad-dokumenti kollha li jkunu l-aktar rilevanti għall-infiq awditjat<sup>21</sup>. Dan jippermetti li l-awdituri jagħtu rendikont ta' xogħolhom u jgħin lill-eżaminaturi interni jew esterni biex jiformulaw konklużjonijiet dwar l-estent u s-suffiċjenza tal-kontrolli. Mistoqsijiet jew risposti li ma jkunux suffiċjenti jew adegwati fil-listi ta' kontroll iżidu r-riskju li l-infiq ineliġibbli ma jinqabadx.

**5.44.** Għal 120 mit-tranżazzjonijiet ikkampjunati (55 %), aħna stajna niformulaw konklużjoni fuq il-bażi tar-rieżaminar li wettaqna fir-rigward tax-xogħol tal-awtoritajiet tal-awditjar. Aħna identifikajna nuqqasijiet fl-ambitu, fil-kwalità u/jew fid-dokumentazzjoni ta' dan ix-xogħol f'100 tranżazzjoni (45 %), li htigulna nerġgħu nwertqu l-proċeduri tal-awditjar korrispondenti. In-nuqqasijiet kienu relatati ma' 17 mill-24 pakkett ta' aċċertament/ta' għeluq li eżaminajna. Għal 25 tranżazzjoni (15 % mit-total), in-nuqqasijiet htigulna li nżuru lill-benefiċjarji fuq il-post. Fi 23 mill-100 tranżazzjoni (fi 11-il pakkett ta' aċċertament) li erġajna awditjajna, aħna sibna żbalji kwantifikabbli li ma kinux ġew identifikati qabel mill-awtorità tal-awditjar. Dawn

<sup>20</sup> L-Artikolu 127 tal-RDK.

<sup>21</sup> ISA 230 Dokumentazzjoni tal-Awditjar.

in-nuqqasijiet juru l-importanza ta' dokumentazzjoni xierqa tal-fajls tal-awditjar u t-twettiq ta' rieżaminar ta' kwalità.

**5.45.** Aħna wettaqna mill-ġdid kemxejn aktar tranżazzjonijiet mis-sena li għaddiet, meta l-proporzjon kien inqas minn terz tal-proċeduri tal-awditjar kollha. Madankollu, din is-sena aħna stajna nikkjarifikaw aktar kwistjonijiet mingħajr ma żorna l-bini tal-benefiċjarji. F'dan il-kuntest, aħna nilqgħu l-inizjattiva konġunta tal-Kummissjoni u tal-awtoritajiet tal-awditjar biex titjeb id-dokumentazzjoni tax-xogħol tal-awtoritajiet tal-awditjar (ara l-**Kaxxa 5.8**).

### Kaxxa 5.8

#### Sforzi kkoordinati biex titjeb id-dokumentazzjoni tal-awditjar

B'kont meħud tar-riżultati tal-awditjar tagħna tal-2017 u tal-2018, li juru nuqqasijiet fil-listi ta' kontroll tal-awtoritajiet tal-awditjar u fid-dokumentazzjoni tal-fajls tal-awditjar tagħhom, l-awtoritajiet tal-awditjar u l-Kummissjoni ffurmaw grupp ta' ħidma biex ifassal nota ta' prattika tajba għall-awdituri. L-objettiv kien li jiġi stabbilit fehim komuni dwar il-mod kif l-awdituri għandhom jiddokumentaw ix-xogħol tal-awditjar tagħhom u liema dokumenti ta' sostenn għandhom iżommu fil-fajls tal-awditjar, anki meta ma jkunx hemm sejbiet. F'Diċembru 2019, il-grupp ta' ħidma ppreżenta dokument intitolat "Reflection paper on audit documentation". Dan mhuwiex manwal eżawrjenti, u l-użu tiegħu mhuwiex obbligatorju, iżda tassew jirrappreżenta l-ewwel pass fit-titjeb tal-mod kif l-awtoritajiet tal-awditjar iwettqu u jiddokumentaw ix-xogħol tagħhom.

#### It-trattament skorrett tal-korrezzjonijiet min-naħa ta' awtorità tal-awditjar waħda kellu impatt fuq żewġ rati tal-iżball residwu rrappurtati

**5.46.** Il-kalkolu korrett u l-affidabbiltà tar-rati tal-iżball residwu jiddependu, fost affarijiet oħra, fuq il-mod kif imbagħad l-iżballi maqbuda u l-*korrezzjonijiet finanzjarji* relatati jiġu ttrattati.

**5.47.** Fi 2 mill-20 pakkett ta' aċċertament li eżaminajna, l-awtorità tal-awditjar kienet ikkalkulat ir-rata tal-iżball residwu b'mod skorrett. Hija kienet naqqset il-korrezzjonijiet individwali li ġew applikati mill-awtorità maniġerjali, iżda li ma kinux relatati max-xogħol tal-awditjar imwettaq mill-awtorità tal-awditjar. Minħabba dan it-tnaqqis eċċessiv fl-ammont f'riskju, l-awtorità tal-awditjar rrappurtat b'mod skorrett ir-rati tal-iżball residwu taħt 2 %. Il-Kummissjoni identifikat wieħed minn dawn iż-żewġ każijiet fir-rieżaminar tagħha tal-pakketti ta' aċċertament.

## Ix-xogħol ta' aċċertament tal-Kummissjoni u r-rappurtar dwar ir-rata tal-iżball residwu fir-rapporti annwali tal-attività tagħha

**5.48.** Ir-RAA huma l-għodda prinċipali tad-DĠ tal-Kummissjoni biex jirrappurtaw jekk ikollhomx aċċertament raġonevoli li l-proċeduri ta' kontroll tal-Istati Membri jiżguraw il-legalità u r-regolarità tal-infiq.

**L-awditi tal-konformità bbażati fuq ir-riskju ġibdu l-attenzjoni fuq irregolaritajiet li ma jinqabdux mill-awtoritajiet tal-awditjar.**

**5.49.** L-affidabbiltà tal-informazzjoni dwar il-legalità rrappurtata fir-RAA tiddependi fil-biċċa l-kbira mill-kwalità tax-xogħol imwettaq mill-awtoritajiet tal-awditjar. Il-Kummissjoni twettaq awditi tal-konformità li fihom hija tirrieżamina u tivvaluta dan ix-xogħol. L-objettiv huwa li jinkiseb aċċertament raġonevoli li fis-sistemi ta' ġestjoni u kontroll ma jkunx hemm dgħufijiet serji li jibqgħu ma jinqabdux, ma jiġux irrappurtati, u għaldaqstant ma jiġux ikkoreġuti, ladarba l-kontijiet ikunu ġew ippreżentati lill-Kummissjoni.

**5.50.** Il-Kummissjoni tagħżel prinċipalment il-PO għall-awditi tal-konformità tagħha fuq il-bażi ta' valutazzjoni annwali tar-riskju. Il-programmi li jkollhom punteġġ ta' riskju għoli u, għaldaqstant, potenzjal għoli għal żball materjali jingħataw prijorità.

**5.51.** Fl-2019, il-Kummissjoni wettqet 26 awditu tal-konformità (14 mid-DĠ REGIO u 12 mid-DĠ EMPL) fi 11-il Stat Membru. Fl-abbozzi tar-rapporti tagħha dwar dawn l-awditi tal-konformità kollha, il-Kummissjoni kkonkludiet li r-rati tal-iżball residwu rrappurtati fir-rapporti annwali ta' kontroll tal-awtoritajiet tal-awditjar għas-sena kontabilistika 2017/2018 kienu ġew stmati b'mod insuffiċjenti, għaldaqstant il-Kummissjoni żiedet dawn ir-rati. Fi 15-il każ, dan wassal biex ir-rata tal-iżball residwu tkun ogħla mis-soll ta' materjalità ta' 2 %.

**5.52.** Sa Mejju 2020, 13 mill-awditi tal-konformità (5 mid-DĠ REGIO u 8 mid-DĠ EMPL) kienu finali. Għaldaqstant, għal nofs minn dawn l-awditi, ir-rati tal-iżball residwu kienu għadhom mhumiex finali.

**5.53.** F'awditu li għadu għaddej, aħna qed nanalizzaw ir-rilevanza, l-affidabbiltà u l-konsistenza tal-livell annwali ta' żball għan-nefqa għal Koeżjoni, li l-Kummissjoni tikkalkula b'riżultat tal-awditi tagħha.

#### **Il-Kummissjoni tuża rati tal-iżball residwu kkonfermati meta tirrapporta dwar ir-regolarità**

**5.54.** Il-Kummissjoni tikkalkula rata medja ponderata ta' żball ibbażata fuq ir-rati individwali tal-iżball residwu rrapportati, fuq ir-riżultati tax-xogħol proprju tagħha relatat mar-regolarità u fuq informazzjoni oħra disponibbli. Hija tirrapporta din ir-rata bħala indikatur ewlieni tal-*prestazzjoni* (KPI) dwar ir-regolarità. Fir-RAA 2019, il-KPI huwa bbażat fuq ir-rati individwali rrapportati għas-sena kontabilistika 2017/2018. Id-DĠ REGIO jeskludi l-impatt tal-pagamenti bil-quddiem li jsiru għall-istrumenti finanzjarji.

**5.55.** Kif meħtieġ mir-*Regolament Finanzjarju*, iż-żewġ diretturi-ġenerali kull wieħed taw *dikjarazzjoni ta' assigurarazzjoni* għal infigq rilevanti mġarrab matul l-2019, li kien għadu ma għaddiex miċ-ċiklu ta' kontroll sħiħ. F'dawn l-aħħar sentejn, id-DĠ stmaw l-ammont f'riskju għal dan l-infigq billi użaw ir-rata tal-iżball residwu kkonfermata għas-sena kontabilistika preċedenti jew ir-rata tal-iżball residwu l-aktar reċenti rrapportata mill-awtoritajiet tal-awditjar għas-sena kontabilistika attwali, skont liema waħda kienet l-oġhla. Fir-RAA 2019, iż-żewġ DĠ biddlu l-metodoloġija tagħhom u applikaw il-KPI għas-sena kontabilistika 2017/2018 għall-infigq "rilevanti" mġarrab fl-2019.


**5.56.** Id-DĠ REGIO rrapporta KPI oġhla, u d-DĠ EMPL rrapporta KPI taħt il-livell ta' materjalità ta' 2 %. Peress li r-riżultati tal-awditjar għal bosta PO kienu għadhom qed jiġu diskussi (ara l-paragrafu 5.52), iż-żewġ DĠ irrappurtaw ukoll "rata massima"<sup>22</sup>. Din ir-rata għandha l-għan li tieħu kont ta' żbalji addizzjonali possibbli fl-infigq fuq operazzjonijiet li ma ġewx inklużi fl-awditi tal-Kummissjoni, kif ukoll kwalunkwe informazzjoni addizzjonali li tista' ssir disponibbli wara l-adozzjoni tar-RAA. Aħna nqisu li din ir-rata hija aktar adatta, minħabba li tieħu kont tal-impatt potenzjali tax-xogħol tal-awditjar li għadu għaddej.

<sup>22</sup> Ir-Rapport Annwali 2018 tagħna uża t-terminu l-"aġħar xenarju possibbli" għal din ir-rata.

**5.57.** Fil-*Kaxxa 5.9* aħna nagħtu stampa ġenerali tal-KPIs irrappurtati mill-Kummissjoni fir-RAA 2019.

### Kaxxa 5.9

#### Stampa ġenerali tal-informazzjoni dwar il-KPIs fir-RAA



Sors: il-QEA, ibbażat fuq ir-RAA 2019 tad-DĠ REGIO u d-DĠ EMPL.

**5.58.** Fir-Rapport 2018 annwali tagħna, aħna kkonkludjuna li, għal diversi raġunijiet<sup>23</sup>, jenħtieġ li r-rata kumplessiva tal-iżball residwu ppreżentata bħala KPI titqies bħala rata minima. Barra minn hekk, fir-RAA 2019 tagħhom, id-DĠ jiddikjaraw li fis-snin sussegwenti jista' jsir xogħol addizzjonali biex tiġi vvalutata l-affidabbiltà tar-rati tal-iżball residwu.

<sup>23</sup> Il-paragrafi 6.62 u 6.63 tar-Rapport Annwali 2018.



**5.59.** Il-Kummissjoni użat l-ammonti f'riskju u l-KPIs li ġew stmati miż-żewġ DG biex tipprovdi informazzjoni għal din is-subintestatura tal-QFP fl-AMPR 2019. Hija rrapportat riskju kumplessiv fil-waqt tal-pagament ta' bejn 2,2 % u ta' 3,1 %<sup>24</sup>. Ir-rati rrapportati kemm fir-RAA kif ukoll fl-AMPR huma taħt il-*livell ta' żball stmat* minna.

#### **Ir-riżervi mhux neċessarjament ikopru r-riskji materjali kollha**

**5.60.** Id-DG huma mitluba jiddikjaraw ir-riżervi<sup>25</sup> fir-RAA tagħhom fir-rigward tal-PO li għalihom id-dgħufijiet ta' ġestjoni u kontroll ikunu jfissru riskju materjali għall-baġit tal-UE. Għal dan il-għan, jenħtieġ li huma jieħdu inkunsiderazzjoni l-informazzjoni kollha disponibbli fiż-żmien meta ssir il-valutazzjoni tagħhom. Il-kriterji prinċipali biex tiġi ddikjarata riżerva huma:<sup>26</sup>

- kwistjonijiet materjali f'dak li jirrigwarda l-kompletezza, l-eżattezza u l-veraċità tal-kontijiet;
- dgħufijiet f'aspetti ewlenin tas-sistemi ta' ġestjoni u kontroll li jiskattaw korrezzjoni b'rata fissa ta' 10 %;
- rata ta' żball totali rrapportata mill-awtorità tal-awditjar li tkun ogħla minn 10 % u/jew rata tal-iżball residwu li tkun ogħla minn 2 % għall-kontijiet annwali ppreżentati fis-sena ta' referenza għar-RAA (għas-sena 2019 dawn kienu l-kontijiet li fuqhom hija bbażata s-sena kontabilistika 2018/2019). Il-Kummissjoni tista' taġġusta dawn ir-rati matul rieżaminar preliminari tal-konsistenza.

Il-Kummissjoni tqis ukoll in-nuqqasijiet kwalitattivi li għandhom impatt sinifikanti fuq ir-reputazzjoni tagħha.

<sup>24</sup> Il-paġna 58 tal-AMPR 2019.

<sup>25</sup> Permezz tar-riżervi tagħhom, id-diretturi ġenerali jillimitaw l-aċċertament li jiddikjaraw fir-rigward tal-użu tal-baġit taħt ir-responsabbiltà tagħhom (ara l-Artikolu 74(9) tar-Regolament Finanzjarju).

<sup>26</sup> Ara l-Anness IV tar-RAA tad-DG REGIO u tad-DG EMPL.

**5.61.** Fil-prattika, il-biċċa l-kbira mir-riżervi ddikjarati fir-RAA 2019 kienu bbażati prinċipalment fuq ir-rati ta' żball għall-kontijiet 2018/2019, li kienu għadhom ma ġewx aċċettati. Iż-żewġ DĠ irrappurtaw li r-rati ta' żball 2018/2019 ma jkunux ikkonfermati qabel mill-inqas ir-RAA 2020.

**5.62.** Hemm PO li għalihom ir-rati tal-iżball residwu kkonfermati mis-sena kontabilistika 2017/2018 jiżvelaw riskju materjali jew dgħufijiet sistemiċi serji fil-ġestjoni u l-kontroll. Fir-RAA 2019 tagħhom, iż-żewġ DĠ iddikjaraw li ma ssir l-ebda riżerva fejn ir-rata tal-iżball residwu kkonfermata għas-sena kontabilistika preċedenti kienet ogħla minn 2 %, minħabba li l-korrezzjonijiet finanzjarji addizzjonali jkunu jiġu applikati fil-futur<sup>27</sup>. Għaldaqstant, ir-riżervi tal-Kummissjoni huma fil-biċċa l-kbira bbażati fuq ir-rati proviżorji u mhux neċessarjament jistgħu jkopru r-riskji materjali kollha. Awditu li għaddej bħalissa jkopri, fost affarijiet oħra, din il-kwistjoni (ara l-paragrafu [5.53](#)).

---

<sup>27</sup> L-Annessi tar-RAA 2019 tad-DĠ REGIO, il-paġna 21, in-nota 8 f'qiegħ il-paġna; l-Annessi tar-RAA tad-DĠ EMPL, il-paġna 32, in-nota 16 f'qiegħ il-paġna.

# Konklużjoni u rakkomandazzjonijiet

## Konklużjoni

**5.63.** L-evidenza kumplessiva għall-awditjar li aħna ksibna u ppreżentajna f'dan il-kapitolu tindika li l-livell ta' żball fl-infiq fuq "Koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali" kien materjali. Għal din is-subintestatura tal-QFP, l-ittestjar li wettaqna fuq it-tranżazzjonijiet indika li l-livell kumplessiv ta' żball stmat kien ta' 4,4 % (ara l-[Anness 5.1](#)).

**5.64.** Id-dgħufijiet li nstabu fix-xogħol ta' bosta awtoritajiet tal-awditjar li kienu koperti mill-kampjun tagħna (ara l-paragrafi [5.36](#) sa [5.47](#)), attwalment jillimitaw il-fiduċja li tista' titqiegħed fuq dan ix-xogħol. Ir-rata li kkalkulajna mill-ġdid kienet oġġla mis-soll ta' materjalità ta' 2 % f'9 mill-20 pakkett ta' aċċertament għall-perjodu 2014-2020. Il-Kummissjoni aġġustat ir-rati tal-iżball residwu għal 8 pakketti ta' aċċertament għal ċifra ta' aktar minn 2 %. B'dan il-mod, hija ħadet kont ukoll tax-xogħol tal-awditjar tagħna. Dan jikkonferma dak li rrapportajna fi snin preċedenti, kif jidher fil-[Kaxxa 5.6](#).

**5.65.** Minħabba dan u minħabba l-problemi li identifikajna rigward ir-rati tal-iżball residwu rrapportati mill-Kummissjoni fir-RAA tagħha għas-sena kontabilistika 2017/2018 (ara l-paragrafi [5.58](#) u [5.59](#)), aħna nqisu li r-rati aggregati fl-AMPR huma stmati b'mod insuffiċjenti, u attwalment ma nistgħux noqogħdu fuqhom.

**5.66.** Iċ-ċifri relatati mal-informazzjoni dwar ir-regolarità ppreżentati fl-AMPR għas-sena kontabilistika 2017/2018 jikkonfermaw livell materjali ta' żball fil-qasam tal-politika ta' Koeżjoni. Madankollu, dawn ir-rati jaqgħu fil-parti tan-nofs t'isfel tal-firxa ta' żbalji tagħna. Barra minn hekk, ir-rata massima tal-Kummissjoni hija taħt il-livell ta' żball stmat minna (ara l-paragrafu [5.59](#)).

**5.67.** Il-qafas il-ġdid ta' kontroll u ta' aċċertament tfassal biex jiġi żgurat li r-rati annwali tal-iżball residwu jkunu taħt is-soll ta' 2 %. Madankollu, l-awditu tagħna wera li jeħtieġ isir aktar titjib fil-mod ta' kif jiġi applikat il-qafas, kemm mill-awtoritajiet maniġerjali kif ukoll mill-awtoritajiet tal-awditjar u mill-Kummissjoni.

## Rakkomandazzjonijiet

**5.68.** L-*Anness 5.3* juri s-sejbiet tal-analiżi ta' segwitu li wettaqna għat-tliet rakkomandazzjonijiet li għamilna fir-Rapport Annwali 2016 tagħna u għas-seba' rakkomandazzjonijiet li għamilna fir-Rapporti Annwali 2017 u 2018, li kienu jirrikjedu azzjoni immedjata jew li d-data mmirata għall-implimentazzjoni tagħhom kienet fl-2019. Il-Kummissjoni kienet implimentat rakkomandazzjoni waħda bis-sħiħ, filwaqt li seba' rakkomandazzjonijiet kienu ġew implimentati fil-biċċa l-kbira mill-aspetti, waħda f'xi wħud mill-aspetti u ma kienet ittiegħdet l-ebda azzjoni fir-rigward ta' rakkomandazzjoni oħra. Aħna nqisu li r-Rakkomandazzjonijiet 4(ii) u 6 mir-Rapport Annwali 2017 tagħna għadhom validi.

**5.69.** Ibażat fuq dan ir-rieżaminar u fuq is-sejbiet u l-konklużjonijiet tagħna għall-2019, aħna nirrakkomandaw li l-Kummissjoni:

### Rakkomandazzjoni 5.1 – Kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà tal-proġetti

---

Tikkjarifika xi jfissru operazzjonijiet li "tlestew fiżikament" u/jew li ġew "implimentati bis-sħiħ". Dan ikun jgħin lill-Istati Membri biex jivverifikaw li l-operazzjonijiet jikkonformaw mal-Artikolu 65(6) tal-RDK u jevitaw in-nuqqas ta' detezzjoni ta' operazzjonijiet ineliġibbli. Jenħtieġ li jġi kkjarifikat li din il-kundizzjoni tirrelata biss ma' xogħlijiet jew attivitajiet li huma meħtieġa biex jinkiseb l-output tal-operazzjoni, u mhux ma' aspetti finanzjarji u amministrattivi.

**Data mmirata għall-implimentazzjoni: immedjatament**

### Rakkomandazzjoni 5.2 – Azzjoni biex tiżdied l-affidabbiltà tar-rati tal-iżball residwu rrappurtati mill-awtoritajiet tal-awditjar

---

Tanalizza s-sorsi prinċipali tal-iżbalji li ma jinqabdux u tiżviluppa l-miżuri meħtieġa, flimkien mal-awtoritajiet tal-awditjar, biex ikun hemm titjib fl-affidabbiltà tar-rati tal-iżball residwu rrappurtati.


**Data mmirata għall-implimentazzjoni: Ġunju 2021**

# Annessi

## Anness 5.1 — Riżultati tal-ittestjar tat-tranżazzjonijiet

	2019	2018
<b>DAQS U STRUTTURA TAL-KAMPJUN</b>		
Total tat-tranżazzjonijiet:	236	220
<b>IMPATT STMAT TA' ŻBALI KWANTIFIKABBLI</b>		
Livell ta' żball stmat	4,4 %	5,0 %
Limitu Superjuri tal-Iżball (UEL)	6,7 %	
Limitu Inferjuri tal-Iżball (LEL)	2,1 %	

## Anness 5.2 — Informazzjoni dwar l-azzjoni tal-UE fl-Istati Membri



Sors: Sfond tal-mappa ©OpenStreetMap kontributori liċenzjati taħt il-liċenzja [Creative Commons Attribution-ShareAlike 2.0 \(CC BY-SA\)](https://creativecommons.org/licenses/by-sa/2.0/).

### Anness 5.3 — Segwitu tar-rakkomandazzjonijiet preċedenti għal "Koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali"

Sena	Rakkomandazzjoni tal-QEA	Analiżi mill-QEA tal-progress li sar					
		Implimentata bis-sħiħ	Qed tiġi implimentata		Mhux implimentata	Mhux applikabbli	Evidenza insuffiċjenti
			Fil-biċċa l-kbira mill-aspetti	F'xi wħud mill-aspetti			
2016	<p>Aħna nirrakkomandaw li l-Kummissjoni:</p> <p><b>Rakkomandazzjoni 1:</b></p> <p>tagħti attenzjoni partikolari, meta tkun qed tagħlaq il-programmi 2007-2013, għal oqsma li fihom hemm riskju akbar ta' nfiq ineliġibbli jew tad-divulgazzjoni ta' informazzjoni impreċiża li tista' twassal għal rimborż eċċessiv. B'mod partikolari, jenħtieġ li l-Kummissjoni tiffoka li:</p> <p>(a) tiżgura li ammonti eliġibbli rrapportati għall-istrumenti finanzjarji fl-għeluq ma jinżdidux artifiċjalment minħabba f'rappurtar eċċessiv tal-ammonti li jkunu ntużaw fil-livell tar-riċevituri finali. Ir-riskju huwa l-ogħla għall-fondi ta' garanzija, fejn multiplikatur artifiċjalment baxx ikun ifisser żieda mhux iġġustifikata fl-ispejjeż eliġibbli;</p> <p>(b) tivverifika li l-pagamenti bil-quddiem relatati mal-għajjnuna mill-Istat kienu ġew koperti minn infiq reali fil-livell tal-proġetti, li huwa l-uniku nfiq eliġibbli. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tiżgura li l-awtoritajiet maniġerjali jkunu wettqu verifikazzjonijiet suffiċjenti biex ikun jista' jsir rendikont xieraq tal-entrati għall-approvazzjoni tal-pagamenti bil-quddiem u għat-tnaqqis ta' ammonti mhux iġġustifikati;</p>	X					
		X					

Sena	Rakkomandazzjoni tal-QEA	Analiżi mill-QEA tal-progress li sar					
		Implimentata bis-sħiħ	Qed tiġi implimentata		Mhux implimentata	Mhux applikabbli	Evidenza insuffiċjenti
			Fil-biċċa l-kbira mill-aspetti	F'xi wħud mill-aspetti			
	(c) tiżgura li l-infiq għall- <i>proġetti l-kbar</i> kollha jkun appoġġat minn deċiżjoni tal-Kummissjoni li tapprova l-proġett u li, fin-nuqqas ta' dan, l-infiq iddikjarat isir ineliġibbli. Riskju partikolari jista' jirriżulta meta proġetti kbar jinqasmu f'sezzjonijiet iżgħar li jkunu taħt is-soll tal-proġetti l-kbar.	X					
	<p><b>Rakkommandazzjoni 2:</b></p> <p>tindirizza, għall-perjodu 2014-2020, kwistjonijiet li jistgħu jaffettwaw il-kalkolu affidabbli tar-rata tal-iżball residwu, billi tintroduċi kontrolli robusti u gwida dwar:</p> <p>(a) il-popolazzjoni tal-awditjar fir-rigward tal-istrumenti finanzjarji u tal-pagamenti bil-quddiem relatati mal-għajjnuna mill-Istat. Għall-istrumenti finanzjarji, jenħtieġ li l-popolazzjoni tiegħu kont xieraq tal-ammonti li jintużaw fil-livell tar-riċevituri finali u, għall-għajjnuna mill-Istat, tal-infiq reali li jsir fil-livell tal-proġetti, kif ġew irrappurtati fil-kontijiet;</p>		X <sup>28</sup>				

<sup>28</sup> Kif żvela fir-RAA 2019 tiegħu, id-DĠ REGIO ma neħħiex il-pagamenti bil-quddiem relatati mal-għajjnuna mill-Istat mill-kalkolu tar-rata tal-iżball residwu minħabba l-komplessità legali inerenti għall-indirizzar ta' tali pagamenti bil-quddiem fil-kalkolu tar-rata tal-iżball u l-impatt limitat stmat fi snin preċedenti. Anki r-RAA 2019 tad-DĠ EMPL jagħmel ukoll biss referenza għat-tneħħija tal-pagamenti bil-quddiem ta' strumenti finanzjarji mill-kalkolu tar-rata tal-iżball residwu.



Sena	Rakkomandazzjoni tal-QEA	Analiżi mill-QEA tal-progress li sar					
		Implimentata bis-sħiħ	Qed tiġi implimentata		Mhux implimentata	Mhux applikabbli	Evidenza insuffiċjenti
			Fil-biċċa l-kbira mill-aspetti	F'xi wħud mill-aspetti			
	<p>(b) il-kopertura tal-awditjar għall-istrumenti finanzjarji li huma mmaniġġjati mill-BEI. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tiżgura li l-arranġamenti tal-awditjar ikunu adegwati kemm fil-livell tal-intermedjarji finanzjarji kif ukoll f'dak tar-riċevituri finali. L-approvazzjoni finali għall-emendi għall-bażi legali eżistenti li l-Kummissjoni pproponiet għar-<i>Regolament Omnibus</i>, kif ukoll l-obbligu ta' twettiq ta' awditjar fil-livell tal-Istati Membri, ikollhom rwol essenzjali f'dan ir-rigward;</p> <p>(c) l-esklużjoni tal-ammonti li tkun qed issirilhom valutazzjoni kontinwa skont l-Artikolu 137(2) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013, mill-kalkolu tar-rata tal-iżball residwu kif irrappurtata mill-Istati Membri, peress li l-inklużjoni tagħhom tirriżulta f'dikjarazzjoni insuffiċjenti tar-rata tal-iżball residwu u tnaqqas it-trasparenza u l-affidabbiltà ta' dan l-indikatur ewlieni.</p>	X	X <sup>29</sup>				

<sup>29</sup> Ir-Regolament Omnibus introduċa rekwiżit biex l-awtoritajiet tal-awditjar iwettqu awditi tas-sistemi u awditi tal-operazzjonijiet fuq l-istrumenti finanzjarji fil-livell tal-intermedjarji finanzjarji, inkluż l-istrumenti finanzjarji mmaniġġjati mill-Grupp tal-BEI, iżda jeskludi l-programmi tal-Inizjattiva għall-SMEs, li ġew stabbiliti qabel it-2 ta' Awwissu 2018. Għaldaqstant, għadhom ma ġewx stabbiliti arranġamenti tal-awditjar adegwati għal dawn il-programmi.

Sena	Rakkomandazzjoni tal-QEA	Analiżi mill-QEA tal-progress li sar					
		Implimentata bis-sħiħ	Qed tiġi implimentata		Mhux implimentata	Mhux applikabbli	Evidenza insuffiċjenti
			Fil-biċċa l-kbira mill-aspetti	F'xi wħud mill-aspetti			
	<p><b>Rakkomandazzjoni 3:</b></p> <p>meta tkun qed terġa' tqis it-tfassil u l-mekkaniżmu ta' implimentazzjoni għall-fondi SIE wara l-2020, issaħħaħ il-fokus tal-programm fuq il-prestazzjoni u tissimplifika l-mekkaniżmu għall-pagamenti billi tteġġeg, kif xieraq, l-introduzzjoni ta' aktar miżuri li jorbtu l-livell ta' pagamenti mal-prestazzjoni, minflok ma sempliċiment tirrimborża l-ispejjeż.</p>		X <sup>30</sup>				
2017	<p>Aħna nirrakkomandaw li l-Kummissjoni:</p> <p><b>Rakkomandazzjoni 1:</b></p> <p>tiżgura li l-arranġamenti tal-awditjar fir-rigward tal-istrumenti finanzjarji mmaniġġjati mill-FEI jkunu adegwati fil-livell tal-intermedjarji finanzjarji. Meta l-BEI/il-FEI jirrikorru għal proċeduri miftiehma ma' awdituri esterni, jenħtieġ li l-Kummissjoni, filwaqt li tiegħu inkunsiderazzjoni l-ħtieġa li jiġi pprovdut aċċertament, tiddefinixxi l-kundizzjonijiet minimi ta' kuntratti ta' dan it-tip, b'mod partikolari l-obbligu li jitwettaq xogħol tal-awditjar suffiċjenti fil-livell tal-Istat Membru.</p>		X <sup>31</sup>				

<sup>30</sup> Minkejja sforz konsiderevoli min-naħa tal-Kummissjoni rigward is-simplifikazzjoni u l-orjentament tal-prestazzjoni, il-proposta tal-RDK għall-perjodu 2021-2027 ma tinkludix miżuri li jorbtu l-pagamenti mal-prestazzjoni. Barra minn hekk, kif enfasizzajna fl-Opinjoni Nru 6/2018 tagħna dwar il-proposta tal-Kummissjoni tad-29 ta' Mejju 2018 għall-RDK (COM(2018)375 final), il-proposta eliminat ħafna elementi mfassla biex jappoġġaw l-immirar

Sena	Rakkomandazzjoni tal-QEA	Analiżi mill-QEA tal-progress li sar					
		Implimentata bis-sħiħ	Qed tiġi implimentata		Mhux implimentata	Mhux applikabbli	Evidenza insuffiċjenti
			Fil-biċċa l-kbira mill-aspetti	F'xi wħud mill-aspetti			
	<b>Rakkomandazzjoni 2:</b> tipproponi li, għall-qafas finanzjarju wara l-2020, isiru bidliet leġiżlattivi li jkunu jeskludu l-possibbiltà li jsir rimborż tal-VAT lil korpi pubbliċi mill-fondi tal-UE.				X <sup>32</sup>		
	<b>Rakkomandazzjoni 3:</b> tindirizza d-dgħufijiet li identifikajna fil-verifikazzjoni li twettaq tax-xogħol tal-awtoritajiet tal-awditjar fil-kuntest tal-awditi tagħha tar-regolarità.		X <sup>33</sup>				

aħjar tal-fondi fuq ir-riżultati, bħall-evalwazzjoni *ex ante* tal-programmi, ir-riżerva ta' prestazzjoni, u l-istandards komuni ta' valutazzjoni għal proġetti kbar.

- <sup>31</sup> Ir-Regolament Omnibus introduċa rekwiżit biex l-awtoritajiet tal-awditjar iwettqu awditi tas-sistemi u awditi tal-operazzjonijiet fuq l-istrumenti finanzjarji fil-livell tal-intermedjarji finanzjarji, inkluż l-istrumenti finanzjarji mmaniġġjati mill-Grupp tal-BEI, iżda jeskludi l-programmi tal-Inizjattiva għall-SMEs, li ġew stabbiliti qabel it-2 ta' Awwissu 2018. Għaldaqstant, għadhom ma ġewx stabbiliti arranġamenti tal-awditjar adegwati għal dawn il-programmi.
- <sup>32</sup> Il-Kummissjoni ħarġet proposta alternattiva biex il-VAT tkun eliġibbli għal proġetti bi spiża totali ta' inqas minn EUR 5 miljun. Din ma tindirizzax il-problema, kif iddiskutejna fl-analiżi rapida tagħna dwar il-każ speċifiku tal-VAT, li ġiet ippubblikata fid-29.11.2018.
- <sup>33</sup> Ara l-paragrafi 6.58-6.64 tar-Rapport Annwali 2018. Il-Kummissjoni ma pprovdiet l-ebda element ġdid f'dan ir-rigward.

Sena	Rakkomandazzjoni tal-QEA	Analiżi mill-QEA tal-progress li sar					
		Implimentata bis-sħiħ	Qed tiġi implimentata		Mhux implimentata	Mhux applikabbli	Evidenza insuffiċjenti
			Fil-biċċa l-kbira mill-aspetti	F'xi wħud mill-aspetti			
	<p><b>Rakkomandazzjoni 4:</b></p> <p>tindirizza l-kumplessità tal-informazzjoni ppreżentata, fir-rapporti annwali tal-attività tad-DĠ REGIO u tad-DĠ EMPL, dwar il-qafas ta' kontroll u ta' aċċertament 2014-2020, billi:</p> <p>(i) tiffoka fuq l-infiq li jkun għadda miċ-ċiklu ta' kontroll, jiġifieri l-pakketti ta' aċċertament li jkopru l-infiq qabel it-30 ta' Ġunju tas-sena "n-1". Għal dan l-għan, jenħtieġ li l-Kummissjoni taġġusta r-rappurtar tagħha biex tiżgura li ma tippreżentax stimi proviżorji;</p> <p>(ii) tindika b' mod ċar liema nfiq ikun għadu ma ġiex eżaminat fil-fond (inkluż permezz ta' kontrolli tar-regolarità). Jenħtieġ li hija tindika liema azzjonijiet preventivi jipproteġu l-baġit tal-UE u jekk dawn l-azzjonijiet ikunux suffiċjenti biex jipprovdu aċċertament, iżda toqgħod lura milli tikkalkula rata tal-iżball residwu għal infiq li jkun għadu ma ġiex eżaminat.</p> <p>(iii) tiddivulga rata kumplessiva tal-iżball residwu għas-Subintestatura 1b tal-QFP għal kull sena kontabilistika.</p>		X <sup>34</sup>				
	<p><b>Rakkomandazzjoni 6:</b></p> <p>twettaq kontrolli tar-regolarità li jkunu suffiċjenti biex tkun tista' tiffirma konklużjonijiet dwar l-effettività tax-xogħol tal-awtoritajiet tal-awditjar u biex tikseb aċċertament raġonevoli dwar ir-regolarità tal-infiq sa mhux aktar tard milli fir-rapporti annwali tal-attività li tippublika s-sena ta' wara dik li fiha taċċetta l-kontijiet.</p>			X <sup>35</sup>			

Sena	Rakkomandazzjoni tal-QEA	Analiżi mill-QEA tal-progress li sar					
		Implimentata bis-sħiħ	Qed tiġi implimentata		Mhux implimentata	Mhux applikabbli	Evidenza insuffiċjenti
			Fil-biċċa l-kbira mill-aspetti	F'xi wħud mill-aspetti			
2018	<p>Aħna nirrakkomandaw li l-Kummissjoni:</p> <p><b>Rakkomandazzjoni 1:</b></p> <p>Arranġamenti tal-awditjar għall-programmi tal-<i>Inizjattiva għall-SMEs</i></p> <p>Tiżgura li:</p> <p>(a) kontrolli regolari, ibbażati fuq kampjun rappreżentattiv ta' żborżamenti favur ir-riċevituri finali, jitwettqu fil-livell tal-intermedjarji finanzjarji jew mill-awtorità tal-awditjar jew inkella minn awditur magħżul mill-Grupp tal-BEI;</p> <p>(b) fejn dawn il-kontrolli ma jkunux suffiċjenti, tiżviluppa u timplimenta miżuri ta' kontroll xierqa għall-prevenzjoni ta' nfiq irregolari materjali fl-għeluq.</p>		X <sup>36</sup>				

<sup>34</sup> Ara l-paragrafu 5.55.

<sup>35</sup> Ara l-paragrafu 6.64 tar-Rapport Annwali 2018. Il-Kummissjoni ma pprovdiet l-ebda element ġdid f'dan ir-rigward.

<sup>36</sup> Għalkemm matul l-awditu li wettaqna kkonfermajna li l-FEI implimenta jew qed jimplimenta titjib fis-sistemi ta' monitoraġġ u kontroll tiegħu u estenda b'mod volontarju l-użu ta' rapporti ta' aċċertament raġonevoli għall-programmi tal-*Inizjattiva għall-SMEs*, għadu kmieni wisq biex tiġi vvalutata l-effettività sħiħa ta' dawn il-miżuri. Ara wkoll il-paragrafu 5.35.

Sena	Rakkomandazzjoni tal-QEA	Analiżi mill-QEA tal-progress li sar					
		Implimentata bis-sħiħ	Qed tiġi implimentata		Mhux implimentata	Mhux applikabbli	Evidenza insuffiċjenti
			Fil-biċċa l-kbira mill-aspetti	F'xi wħud mill-aspetti			
	<p><b>Rakkomandazzjoni 2:</b>            Żamma irregolari ta' pagamenti            Tiegħu l-passi meħtieġa biex tiżgura li l-listi ta' kontroll użati mill-awtoritajiet maniġerjali u mill-awtoritajiet tal-awditjar ikunu jinkludu verifikazzjonijiet tal-konformità mal-Artikolu 132 tar-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni, li jiddikjara li l-benefiċjarji jridu jirċievu l-ammont totali ta' nfiq eliġibbli dovut mhux aktar tard minn 90 jum li fiha tiġi ppreżentata klejm għall-pagament korrispondenti. Fejn ikun rilevanti, tagħmel rakkomandazzjonijiet xierqa indirizzati lill-awtoritajiet inkarigati mill-programmi u tteġġighom biex isegwu prattiki korretti fil-futur.</p>		X <sup>37</sup>				

<sup>37</sup> Għalkemm nirrikonoxxu l-miżuri li ttiegħdu min-naħa tal-Kummissjoni f'dan ir-rigward, aħna ma nistgħux inqisu li r-rakkomandazzjoni ġiet implimentata bis-sħiħ, peress li l-awditi tagħna għall-2019 żvelaw dewmien fit-trasferiment ta' fondi lill-benefiċjarji.

## **Kapitolu 6**

**Riżorsi naturali – Intestatura 2 tal-QFP**

# Werrej

	Paragrafu
<b>Introduzzjoni</b>	6.1.-6.7.
<b>Deskrizzjoni qasira</b>	6.2.-6.6.
<b>Ambitu u approċċ tal-awditjar</b>	6.7.
<b>Regolarità tat-tranżazzjonijiet</b>	6.8.-6.27.
<b>Pagamenti diretti: sistema ta' kontroll effettiva tillimita r-riskju ta' żball</b>	6.11.-6.17.
Il-pagamenti diretti fl-intier tagħhom kienu ħielsa minn żball materjali	6.13.
Is-Sistema Integrata ta' Amministrazzjoni u Kontroll tillimita r-riskju ta' żball fil-pagamenti diretti	6.14.-6.17.
<b>Oqsma oħra ta' nfiq: kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà kumplessi jżidu r-riskju ta' żball</b>	6.18.-6.27.
Żvilupp rurali	6.19.-6.25.
Miżuri tas-suq	6.26.
Sajd, ambjent u azzjoni klimatika	6.27.
<b>Rapporti annwali tal-attività u arranġamenti oħra ta' governanza</b>	6.28.-6.41.
<b>Rappurtar, min-naħa tad-DĠ AGRI, dwar ir-regolarità tal-infiq taħt il-PAK</b>	6.28.-6.32.
<b>L-AMPR tal-Kummissjoni</b>	6.33.
<b>Politiki u proċeduri kontra l-frodi fir-rigward tal-PAK</b>	6.34.-6.41.
<b>Konklużjoni u rakkomandazzjonijiet</b>	6.42.-6.44.
<b>Konklużjoni</b>	6.42.
<b>Rakkomandazzjonijiet</b>	6.43.-6.44.



## **Annessi**

**Anness 6.1 — Riżultati tal-ittestjar tat-tranżazzjonijiet**

**Anness 6.2 — Informazzjoni dwar l-azzjoni tal-UE fl-Istati Membri**

**Anness 6.3 — Segwitu tar-rakkomandazzjonijiet preċedenti**

# Introduzzjoni


**6.1.** Dan il-kapitolu jippreżenta s-sejbiet tagħna għall-Intestatura 2 “Riżorsi naturali” tal-QFP. Il-**Kaxxa 6.1** tagħti stampa ġenerali tal-attivitàjiet u l-infiq prinċipali taħt din l-intestatura fl-2019.

## Kaxxa 6.1


### Intestatura 2 “Riżorsi naturali” tal-QFP – ripartizzjoni fl-2019


Pagamenti tal-2019 bħala sehem tal-baġit tal-UE u ripartizzjoni

(biljun EUR)



**Riżorsi naturali**  
59,5  
37,4 %





## Deskrizzjoni qasira

**6.2.** Il-*politika agrikola komuni* (PAK) tirrappreżenta 98 % tal-infiq fuq “Riżorsi naturali”. Il-leġiżlazzjoni tal-UE tistabbilixxi tliet objettivi ġenerali għall-PAK<sup>1</sup>:

- produzzjoni vijabbli tal-ikel, b’enfasi fuq l-introjtu agrikolu, il-produttività agrikola u l-istabbiltà tal-prezz;
- ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi naturali u l-azzjoni klimatika, b’enfasi fuq l-emissjonijiet ta’ gassijiet b’effett ta’ serra, il-bijodiversità, il-ħamrija u l-ilma;
- żvilupp territorjali bilanċjat.

<sup>1</sup> L-Artikolu 110(2) tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

**6.3.** Il-PAK taqa' taħt ir-responsabbiltà aħħarija tal-Kummissjoni, b'mod partikolari tad-Direttorat Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali (DĠ AGRI). L-*aġenziji tal-pagamenti* fl-Istati Membri jagħmlu u jivverifikaw il-pagamenti li jingħataw lill-benefiċjarji. Mill-2015 'il hawn, id-dritt tal-UE jirrikjedi li *korpi taċ-ċertifikazzjoni* indipendenti fl-Istati Membri jissupplimentaw ix-xogħol tagħhom fuq il-preċiżjoni tal-kontijet billi jagħtu opinjoni annwali dwar il-legalità u r-regolarità tal-infiq tal-aġenziji tal-pagamenti.

**6.4.** L-infiq taħt il-PAK jinqasam fi tliet kategoriji ġenerali:

- *pagamenti diretti* lill-bdiewa, li huma ffinanzjati kompletament mill-baġit tal-UE;
- *miżuri tas-suq* fis-settur agrikolu, li huma wkoll iffinanzjati kompletament mill-baġit tal-UE, bl-eċċezzjoni ta' ċertu miżuri kofinanzjati mill-Istati Membri, bħall-miżuri ta' promozzjoni u l-iskema ta' frott, ħxejjex u ħalib għall-iskejjel;
- programmi tal-iżvilupp rurali nazzjonali u reġjonali tal-Istati Membri, kofinanzjati mill-baġit tal-UE u mill-Istati Membri.

**6.5.** Din l-intestatura tal-QFP tkopri wkoll l-infiq tal-UE fuq il-*politika komuni tas-sajd*, kif ukoll parti mill-infiq tal-UE fuq l-ambjent u l-azzjoni klimatika.

**6.6.** L-*Anness 6.2* jippreżenta stampa ġenerali tal-pagamenti li saru fl-2019, għal kull Stat Membru, għall-infiq fuq "Riżorsi naturali" taħt ġestjoni kondiviża.

## Ambitu u approċċ tal-awditjar

**6.7.** Filwaqt li applikajna l-approċċ u l-metodi tal-awditjar ippreżentati fl-**Annex 1.1**, aħna eżaminajna:

- (a) Kampjun ta' 251 tranżazzjoni<sup>2</sup>, f'konformità mal-paragrafu 9 tal-**Annex 1.1**. Il-kampjun kien maħsub biex ikun rappreżentattiv tal-firxa sħiħa ta' nfiq taħt din l-intestatura tal-QFP. Huwa kien jikkonsisti fi tranżazzjonijiet minn 20 Stat Membru<sup>3</sup>. Il-kampjun kien jinkludi 30 tranżazzjoni tal-iżvilupp rurali li għalihom aħna wettaqna mill-ġdid il-kontrolli li kienu diġà twettqu minn 6 korpi taċ-ċertifikazzjoni<sup>4</sup>. L-objettiv tagħna kien li nikkontribwixxu għad-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni kumplessiva kif deskritt fl-**Annex 1.1**.
- (b) L-informazzjoni dwar ir-regolarità li tingħata fir-rapporti annwali tal-attività tad-DĠ AGRI u tad-Direttorat Ġenerali għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd (DĠ MARE), u l-inklużjoni tagħha fir-Rapport Annwali dwar il-Ġestjoni u l-Prestazzjoni (AMPR) tal-Kummissjoni.
- (c) Is-sistemi magħżula, li kienu jikkonċernaw:
  - (i) il-proċeduri tad-DĠ AGRI għall-kalkolu tar-rati ta' żball stmati tiegħu għall-infiq taħt il-PAK;
  - (ii) il-politiki u l-proċeduri tal-Kummissjoni kontra l-frodi fir-rigward tal-infiq taħt il-PAK.

---

<sup>2</sup> Il-kampjun kien jikkonsisti f'136 pagament favur il-programmi tal-iżvilupp rurali, 95 pagament dirett, 14-il miżura tas-suq u 6 pagamenti għas-sajd, l-ambjent u l-azzjoni klimatika.

<sup>3</sup> Il-Belġju, il-Bulgarija, iċ-Ċekja, id-Danimarka, il-Ġermanja, l-Irlanda, il-Greċja, Spanja, Franza, il-Kroazja, l-Italja, il-Litwanja, l-Ungerija, l-Awstrija, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovakkja, l-Iżvezja u r-Renju Unit. Il-kampjun kien jinkludi wkoll erba' tranżazzjonijiet taħt *ġestjoni diretta*.

<sup>4</sup> Il-Bulgarija, il-Ġermanja (Sachsen-Anhalt), l-Awstrija, il-Polonja, ir-Rumanija u s-Slovakkja.


## Regolarità tat-tranżazzjonijiet

**6.8.** L-*Anness 6.1* jagħti stampa ġenerali tar-riżultati tal-ittestjar tat-tranżazzjonijiet. Mill-251 tranżazzjoni li eżaminajna, 207 (82 %) kienu ħielsa minn żball, filwaqt li 44 (18 %) kien fihom żbalji. Ibbażat fuq is-36 żball<sup>5</sup> li kkwantifikajna u fuq evidenza oħra pprovduta mis-sistema ta' kontroll (ara t-taqsima dwar “Rapporti annwali tal-attività u arranġamenti oħra ta' governanza”), aħna nsibu li l-livell ta' żball għal “Riżorsi naturali” huwa qrib is-soll ta' materjalità. Minn hawn 'il quddiem, aħna nippreżentaw ir-riżultati tal-awditu li wettaqna għall-qasam ta' riskju baxx tal-pagamenti diretti (ara l-paragrafi *6.11-6.17*) u għall-qasam ta' riskju għoli li jikkonsisti mill-iżvilupp rurali, il-miżuri tas-suq, is-sajd, l-ambjent u l-azzjoni klimatika (ara l-paragrafi *6.18-6.27*).

**6.9.** Il-*Kaxxa 6.2* tagħti ripartizzjoni tat-tipi ta' żbalji li sibna fl-2019.

### Kaxxa 6.2

#### Riżorsi naturali: tipi ta' żbalji



Sors: il-QEA.

<sup>5</sup> Aħna sibna wkoll tmien każijiet ta' nuqqas ta' konformità mar-regoli, iżda li ma kellhom l-ebda impatt finanzjarju.

**6.10.** Il-Kummissjoni (għan-nefqa diretta) u l-awtoritajiet tal-Istati Membri kienu applikaw miżuri korrettivi li affettwaw direttament 51 mit-tranżazzjonijiet li kkampjunajna. Dawn il-miżuri kienu rilevanti għall-kalkoli tagħna, billi naqqsu l-livell ta' żball stmat minna għal dan il-kapitolu b'0,2 punti perċentwali.

### **Pagamenti diretti: sistema ta' kontroll effettiva tillimita r-riskju ta' żball**

**6.11.** Ix-xogħol tagħna jappoġġa l-konklużjoni li l-pagamenti diretti fl-intier tagħhom kienu ħielsa minn żball materjali. Dawn jirrappreżentaw 70 % tal-infiq taħt l-intestatura "Riżorsi naturali" tal-QFP. Il-pagamenti diretti lill-bdiewa huma bbażati fuq drittijiet: il-benefiċjarji jirċievu pagament jekk jissodisfaw ċertu kundizzjonijiet. Pagamenti bħal dawn jippreżentaw riskju aktar baxx ta' żball jekk il-kundizzjonijiet stabbiliti ma jkunux kumplessi żżejjed (ara l-paragrafu 1.19).

**6.12.** Erba' skemi prinċipali taħt il-FAEG jirrappreżentaw 90 % tal-pagamenti diretti kollha:

- (a) żewġ skemi li jipprovdu *appoġġ diżakkoppjat għall-introjt* bbażat fuq l-erja tal-art agrikola ddikjarata u mħallsa, irrISPETTIVAMENT minn jekk l-art tintużax għall-produzzjoni jew le: l-*"iskema ta' pagament bażiku"* (EUR 17,1 biljun fl-2019) u l-*"iskema ta' pagament uniku skont l-erja"* (EUR 4,3 biljun fl-2019);
- (b) pagament maħsub biex jappoġġa prattiki agrikoli li huma ta' benefiċċju għall-klima u għall-ambjent, komunement magħruf bħala l-*"pagament ta' ekoloġizzazzjoni"* (EUR 11,8 biljun fl-2019);
- (c) *appoġġ akkoppjat*, marbut ma' tipi speċifiċi ta' prodotti agrikoli (eż. iċ-ċanga u l-vitella, il-ħalib jew għelejjel li fihom il-proteini) (EUR 4 biljun fl-2019).

## Il-pagamenti diretti fl-intier tagħhom kienu ħielsa minn żball materjali

**6.13.** Aħna ttestjajna 95 pagament dirett, li jkopru l-iskemi prinċipali kollha. Aħna sibna li 81 tranżazzjoni ma kinux milquta minn żball. L-iżbalji kkwantifikati li sibna kienu ġeneralment jikkostitwixxu ksur minuri, ikkawżat minn bdiewa li ddikjaraw b'mod eċċessiv l-erja tal-art agrikola eliġibbli fit-talbiet tagħhom għall-għajjnuna. Tmienja mid-disa' żbalji li kkwantifikajna kienu inqas minn 5 % tal-ammont eżaminat. Għal ħames każijiet, aħna qbadna problemi ta' nuqqas ta' konformità li ma kellhom l-ebda impatt finanzjarju.

## Is-Sistema Integrata ta' Amministrazzjoni u Kontroll tillimita r-riskju ta' żball fil-pagamenti diretti

**6.14.** L-għodda prinċipali ta' ġestjoni għall-pagamenti diretti hija s-*Sistema Integrata ta' Amministrazzjoni u Kontroll* (SIK)<sup>6</sup> (ara l-*Kaxxa 6.3*), li tinkorpora s-*Sistema ta' Identifikazzjoni tal-Irqajja' tal-Art* (LPIS). Is-SIAK torbot flimkien id-databases tal-azjendi agrikoli, it-talbiet għall-għajjnuna, l-erjas agrikoli u r-reġistri tal-annimali, li l-aġenziji tal-pagamenti jużaw biex iwettqu kontroverifiki amministrattivi fir-rigward tal-applikazzjonijiet kollha għall-għajjnuna. L-LPIS hija sistema ta' informazzjoni ġeografika b'settijiet ta' *data* spazjali minn bosta sorsi, li flimkien jiffurmaw rekord ta' erjas agrikoli fl-Istati Membri.


---

<sup>6</sup> [https://ec.europa.eu/agriculture/direct-support/iacs\\_en](https://ec.europa.eu/agriculture/direct-support/iacs_en).



## Kaxxa 6.3

## Sistema Integrata ta' Amministrazzjoni u Kontroll



Sors: il-QEA.

**6.15.** Ix-xogħol tagħna jikkonferma l-osservazzjonijiet li għamilna preċedentement<sup>7</sup>, jiġifieri li s-SIAK, u l-LPIS b'mod partikolari, topera bħala sistema ta' ġestjoni u kontroll effettiva biex tiżgura li l-pagamenti ta' għajjnuna diretta fl-intier tagħhom ma jiġux milquta minn żball materjali.

**6.16.** Mill-2018 'il hawn, l-aġenziji tal-pagamenti tal-Istati Membri jistgħu jużaw "verifiki permezz tal-monitoraġġ"<sup>8</sup>. Dan l-approċċ juża proċessi awtomatizzati li huma bbażati fuq id-*data* tas-satelliti Sentinel tal-programm Copernicus tal-UE għall-verifikazzjoni tal-konformità mar-regoli tal-PAK. Għal skema partikolari, huwa jippermetti li l-aġenziji tal-pagamenti jimmonitorjaw il-popolazzjoni kollha tal-benefiċjarji tal-għajjnuna. L-aġenziji tal-pagamenti jistgħu jkabbli d-*data* tas-satelliti dwar it-tipi ta' għejejjel u l-attività agrikola mal-informazzjoni pprovduta mill-bdiewa fl-applikazzjonijiet tagħhom għall-għajjnuna. L-approċċ il-ġdid jippermetti li l-aġenziji tal-pagamenti jibagħtu twissijiet lill-bdiewa dwar ċerti rekwiżiti (pereżempju, biex jaqtgħu l-ħaxix ta' għalqa sa ċertu data), filwaqt li jħeġġeġ il-konformità mar-regoli tal-iskema<sup>9</sup>.

**6.17.** F'Mejju 2018, għall-ewwel darba fl-Italja, aġenzija tal-pagamenti bdiet tuża verifiki permezz tal-monitoraġġ fi provinċja waħda, fir-rigward ta' talbiet għall-għajjnuna pagabbli fl-2019. Fl-2019, 15-il aġenzija tal-pagamenti (fil-Belġju, id-Danimarka, Spanja, l-Italja u Malta) użaw verifiki permezz tal-monitoraġġ għal xi wħud mill-iskemi ta' pagament dirett tagħhom. Dawn se jkopru madwar 4.7 % tal-infiq tal-2020 għall-pagamenti ta' għajjnuna diretta. Il-verifiki permezz tal-monitoraġġ għandhom il-potenzjal li jnaqqsu l-piż amministrattiv u jtejbu l-kosteffettività<sup>10</sup>.

<sup>7</sup> Il-paragrafi 7.16 sa 7.18 tar-Rapport Annwali 2018 tagħna, il-paragrafu 7.16 tar-Rapport Annwali 2017 tagħna u l-paragrafu 7.13 tar-Rapport Annwali 2016 tagħna.

<sup>8</sup> Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/746 tat-18 ta' Mejju 2018 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 809/2014 fir-rigward ta' modifiki ta' applikazzjonijiet uniċi u talbiet u verifiki tal-ħlas.

<sup>9</sup> Ara r-Rapport Speċjali Nru 4/2020 "L-użu ta' teknoloġiji ġodda ta' immaġni għall-monitoraġġ tal-Politika Agrikola Komuni: b'mod ġenerali sar progress kostanti, iżda għall-monitoraġġ tal-klima u tal-ambjent dan seħħ aktar bil-mod", il-paragrafi 11, 12 u 16.

<sup>10</sup> Ara r-Rapport Speċjali Nru 4/2020 tagħna, il-paragrafi 17 u 18.

## Oqsma oħra ta' nfiq: kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà kumplessi jżidu r-riskju ta' żball

**6.18.** Aħna ttestjajna 136 tranżazzjoni taħt programmi tal-iżvilupp rurali, 14-il tranżazzjoni li kienu relatati ma' miżuri tas-suq, 4 tranżazzjonijiet taħt il-programm LIFE u 2 tranżazzjonijiet taħt il-FEMS. Il-biċċa l-kbira mill-infiq f'dawn l-oqsma (inkluż ir-rimborż tal-ispejjeż) huwa suġġett għal kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà kumplessi, u dan iżid ir-riskju ta' żball (ara l-paragrafu 1.19).

### Żvilupp rurali

**6.19.** Għall-perjodu 2014-2020, il-Kummissjoni approvat 118-il programm tal-iżvilupp rurali, kemm nazzjonali kif ukoll reġjonali, fl-Istati Membri<sup>11</sup>. Dawn il-programmi jinkludu 20 miżura u 67 sottomiżura, li jinqasmu f'żewġ kategoriji ġenerali ta' nfiq:

- (a) għajjnuna għall-proġetti ta' investiment maħsuba biex jagħtu appoġġ lill-iżvilupp soċjali u ekonomiku f'żoni rurali;
- (b) pagamenti lill-bdiewa, li huma bbażati fuq l-erja agrikola jew l-għadd ta' annimali fl-azjenda agrikola, kif ukoll fuq kriterji relatati mal-ambjent u l-klima.

**6.20.** L-ittestjar li wettaqna fuq it-tranżazzjonijiet kopra 15-il miżura, b'regoli ta' implimentazzjoni u kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà distinti, taħt 27 programm fi 19-il Stat Membru.

**6.21.** Mill-136 tranżazzjoni tal-iżvilupp rurali li ttestjajna, 114 ma kinux milquta minn żball. F'5 każijiet sibna żbalji li l-impatt tagħhom jaqbeż l-20 % u 15-il tranżazzjoni kien fihom żbalji li jirrappreżentaw inqas minn 20 % tal-ammont eżaminat. Għal 2 pagamenti, aħna qbadna problemi ta' nuqqas ta' konformità li ma kellhom l-ebda impatt finanzjarju. Qbadna tnaqqis fl-għadd ta' żbalji fl-iżvilupp rurali matul it-tliet snin li għaddew.

<sup>11</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 1305/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-iżvilupp Rurali (FAEŻR) u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1698/2005.

**6.22.** Aħna eżaminajna 68 pagament li saru favur proġetti ta' investiment, bħall-modernizzazzjoni tal-azjendi agrikoli, l-appoġġ għal servizzi bażiċi u għat-tiġdid ta' rħula f'żoni rurali, l-investimenti fil-ġestjoni tal-foresti, u l-appoġġ għal żvilupp lokali mmexxi mill-komunità. Aħna kkwantifikajna 9 żbalji, inklużi 2 każijiet fejn il-benefiċjarji u/jew il-proġett ma kinux issodisfaw il-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà (ara l-*Kaxxa 6.4*).

#### Kaxxa 6.4

##### Eżempju ta' proġett ineliġibbli fil-qasam tal-iżvilupp rurali

Fl-Ungerija, l-awtoritajiet nazzjonali approvaw proġett ta' investiment taħt miżura għall-iżvilupp ta' azjendi agrikoli tal-bhejjem u għall-użu ta' teknoloġiji tal-enerġija rinnovabbli. L-investiment approvat kien jikkonsisti fil-kostruzzjoni ta' faċilità ta' ħżin għall-għalf tal-annimali. Madankollu, aħna sibna li l-benefiċjarju, li l-attività primarja tiegħu hija l-kultivazzjoni tar-raba' f'azjenda agrikola ta' aktar minn 1 000 ettaru, kien uża l-għajjnuna biex jibni faċilità ta' ħżin għaċ-ċereali. Skont ir-regoli nazzjonali, l-appoġġ għall-kostruzzjoni ta' faċilitajiet ta' ħżin għall-għelejjel, kien disponibbli biss għal azjendi agrikoli iżgħar.

**6.23.** Aħna eżaminajna 68 pagament li kienu bbażati fuq l-erja jew l-għadd ta' annimali ddikjarati mill-bdiewa, kif ukoll fuq ir-rekwiżiti għall-konformità mal-kriterji relatati mal-ambjent u l-klima. Dawn jinkludu pagamenti ta' kumpens favur bdiewa f'żoni b'restrizzjonijiet naturali, u pagamenti għall-issodisfar ta' *impenji agroambjentali klimatiċi* jew għall-biedja organika.

**6.24.** L-aġenziji tal-pagamenti jużaw is-SIAK biex jivverifikaw l-element ibbażat fuq l-erja tat-talbiet għall-għajjnuna ppreżentati mill-bdiewa taħt dawn il-miżuri. B'mod simili għall-pagamenti diretti, l-iżbalji f'dawn it-tranżazzjonijiet l-aktar ta' spiss jikkonċernaw dikjarazzjonijiet eċċessivi minuri tal-erja eliġibbli. Aħna sibna 8 tranżazzjonijiet milquta minn żbalji żgħar li kienu inqas minn 5 % tal-ammont eżaminat, u każ wieħed ta' żball li kien bejn 5 % u 20 %.

**6.25.** F'2 każijiet oħra, aħna sibna li l-benefiċjarji kisru l-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà relatati mal-ambjent u l-klima, u dan wassal għal żbalji li jaqbżu l-20 % tal-ammont eżaminat fiż-żewġ każijiet (ara l-eżempju fil-*Kaxxa 6.5*).

### Kaxxa 6.5

#### Eżempju ta' benefiċjarji li ma jissodisfawx l-impenji agroambjentali klimatiċi

Fil-Belġju, aħna sibna żewġ każijiet ta' nuqqas ta' konformità mal-impenji agroambjentali klimatiċi. F'każ minnhom, l-UE kienet ħallset għajnuna lil bidwi għaż-żamma ta' bwar li għandhom valur ekoloġiku għoli, sabiex jiġi pprovdut ħabitat għal speċijiet fil-periklu, bħall-għasafar li jbejtu fl-art. Il-bidwi kien meħtieġ li jwarrab żona ta' rifuġju għall-organiżmi selvaġġi u li ma jaqtax il-ħaxix qabel ċertu data. Madankollu, fis-sena li eżaminajna, il-bidwi qata' tnejn mid-disa' rqajja' art li kienu koperti mill-proġett qabel id-data speċifikata u neħħa l-biċċa l-kbira miż-żona ta' rifuġju fuq iż-żewġ rqajja' art. L-awtoritajiet nazzjonali kellhom ortoritratti, li wrew il-ksur tar-regoli, iżda ma użawhomx meta kienu qed jivverifikaw il-pagament.

### Miżuri tas-suq

**6.26.** Il-miżuri tas-suq fis-settur agrikolu jikkostitwixxu għadd ta' skemi differenti, li huma suġġetti għal diversi kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà. Aħna ttesttajna 14-il tranżazzjoni u sibna 5 każijiet fejn l-aġenziji tal-pagamenti kienu rrimborżaw spejjeż ineliġibbli, inkluż 3 każijiet ta' nuqqas ta' konformità mar-regoli ta' eliġibbiltà li wasslu għal żbalji li jaqbżu l-20 % tal-ammont eżaminat.

### Sajd, ambjent u azzjoni klimatika

**6.27.** Il-kriterji tal-għażla u r-rekwiżiti tal-eliġibbiltà għal proġetti fil-qasam tas-sajd, l-ambjent u l-azzjoni klimatika jvarjaw ukoll. Dawn l-oqsma ta' politika jirrappreżentaw proporzjon żgħir mill-infiq fuq "Riżorsi naturali". Fost is-sitt tranżazzjonijiet li eżaminajna, aħna sibna elementi ineliġibbli fl-ispejjeż li ġew rimborżati għal żewġ proġetti.

## Rapporti annwali tal-attività u arranġamenti oħra ta' governanza

### Rappurtar, min-naħa tad-DĠ AGRI, dwar ir-regolarità tal-infiq taħt il-PAK

**6.28.** Id-direttur ta' kull aġenzija tal-pagamenti jipprovdi lid-DĠ AGRI dikjarazzjoni annwali ta' ġestjoni dwar l-effettività tas-sistemi ta' kontroll tal-aġenzija tiegħu, flimkien ma' rapport dwar il-kontrolli amministrattivi u l-kontrolli fuq il-post ("statistika ta' kontroll") mwettqa mill-aġenziji. Mill-2015 'il hawn, sabiex jipprovdu aċċertament addizzjonali, il-korpi taċ-ċertifikazzjoni kienu meħtieġa jagħtu opinjoni annwali għal kull aġenzija tal-pagamenti dwar il-legalità u r-regolarità tal-infiq li għalih l-Istati Membri jkunu talbu rimborż.

**6.29.** Id-DĠ AGRI jqis li l-korpi taċ-ċertifikazzjoni kisbu titjib sinifikanti fix-xogħol li wettqu fl-2019, u dan ippermetta li d-DĠ jiddependi aktar fuq ir-riżultati tax-xogħol imwettaq minn dawn il-korpi meta jiġi biex jislet konklużjonijiet dwar ir-regolarità tal-infiq taħt il-PAK. Madankollu, id-DĠ AGRI jirrikonoxxi wkoll xi limitazzjonijiet fl-affidabbiltà tar-riżultati tax-xogħol imwettaq mill-korpi taċ-ċertifikazzjoni, minħabba dgħufijiet li huwa identifika f'xi kontrolli u metodoloġiji ta' kampjunar tal-korpi taċ-ċertifikazzjoni. Fl-2015, ir-rwol tal-korpi taċ-ċertifikazzjoni ġie estiż biex jipprovdu opinjoni dwar ir-regolarità tal-infiq, u dan kien jikkostitwixxi żvilupp pożittiv. Meta erġajna wettaqna t-tranżazzjonijiet li diġà kienu ġew ivverifikati mill-korpi taċ-ċertifikazzjoni (ara l-paragrafu 6.7), aħna identifikajna xi oqsma fejn hemm lok għal aktar titjib, li huma simili għal dawk identifikati mill-Kummissjoni.

**6.30.** Id-DĠ AGRI juża l-istatistika ta' kontroll tal-aġenziji tal-pagamenti, jagħmel aġġustamenti bbażati fuq ir-riżultati tal-awditi li jitwettqu mill-korpi taċ-ċertifikazzjoni u fuq il-kontrolli proprji tiegħu tas-sistemi u l-infiq tal-aġenziji tal-pagamenti, biex jikkalkula ċifra għar-"riskju fil-waqt tal-pagament" għall-pagamenti diretti, l-iżvilupp rurali u l-miżuri tas-suq. Sussegwentement, id-DĠ AGRI jnaqqas l-istima tiegħu ta' *korrezzjonijiet finanzjarji* u ta' rkupri futuri minn dawn iċ-ċifri biex jistma l-"ammont finali f'riskju"<sup>12</sup>.

<sup>12</sup> Ara l-paġna 77 tar-rapport annwali tal-attività tad-DĠ AGRI.

**6.31.** L-istatistika ta' kontroll irrappurtata mill-aġenziji tal-pagamenti tindika livell ta' żball li huwa ekwivalenti għal 0,8 % tal-infiq tal-PAK fl-intier tiegħu. Fl-2019, id-DĠ AGRI kompli jżid id-dipendenza tiegħu fuq ix-xogħol imwettaq mill-korpi taċ-ċertifikazzjoni. L-aġġustamenti li applika, li kienu bbażati kemm fuq il-kontrolli proprji tiegħu kif ukoll fuq ix-xogħol imwettaq mill-korpi taċ-ċertifikazzjoni, kienu jirrappreżentaw madwar 56 % tal-istima kumplessiva tiegħu għar-“riskju fil-waqt tal-pagament”. L-aġġustamenti bbażati fuq ix-xogħol proprju tal-Kummissjoni ġeneralment ikkonsistew minn ammonti b'rata fissa, maħsuba biex jirriflettu s-sinifikanza u l-firxa tad-dgħufijiet identifikati fis-sistemi ta' ġestjoni u kontroll tal-Istati Membri, u jintużaw bħala stima inizjali għal korrezzjonijiet finanzjarji potenzjali.

**6.32.** Id-DĠ AGRI stima li r-riskju fil-waqt tal-pagament huwa ta' madwar 1,9% għall-infiq taħt il-PAK fl-intier tiegħu fl-2019. Huwa stima riskju fil-waqt tal-pagament ta' madwar 1,6 % għall-pagamenti diretti, 2,7 % għall-iżvilupp rurali u 2,8 % għall-miżuri tas-suq.

### L-AMPR tal-Kummissjoni

**6.33.** L-istimi tar-riskju fil-waqt tal-pagament, ippreżentati fl-AMPR tal-Kummissjoni, jirriflettu l-kwantifikazzjoni ppreżentata fir-rapporti annwali tal-attività individwali tad-DĠ AGRI u tad-DĠ MARE.

### Politiki u proċeduri kontra l-frodi fir-rigward tal-PAK

**6.34.** Il-frodi hija att jew ommissjoni mwettqa b'intenzjoni ta' qerq li jirriżulta f'pagamenti mhux dovuti<sup>13</sup>. Il-metodoloġija tagħna<sup>14</sup> hija mfassla biex tivverifika jekk it-tranżazzjonijiet awditjati humiex ħielsa minn irregolarità materjali, sew jekk minħabba frodi u sew jekk minħabba xi żball mhux intenzjonat. Fl-ittestjar li nwettqu fuq it-tranżazzjonijiet kull sena, aħna nidentifikaw regolarment każijiet ta' frodi suspettata fl-infiq taħt il-PAK.

<sup>13</sup> Għall-kunċett ta' frodi ara l-Artikolu 3(2) tad-Direttiva (UE) 2017/1371.

<sup>14</sup> Il-metodoloġija tagħna fir-rigward tal-frodi hija mfassla f'konformità mal-ISSAI 1240 u hija deskritta aktar fil-paragrafi 28 sa 30 tal-**Anness 1.1**.

**6.35.** Aħna nsibu relattivament ftit każijiet ta' frodi suspettata f'pagamenti diretti u f'pagamenti bbażati fuq l-erja fil-qasam tal-iżvilupp rurali li ma jkunux suġġetti għal impenji agroambjentali klimatiċi. F'dawn l-oqsma, aħna nsibu li ġeneralment il-bdiewa jippreżentaw talbiet korretti jew jagħmlu żbalji żgħar (ara l-paragrafi [6.13](#) u [6.24](#)).


**6.36.** Ir-riskju li l-frodi jkollha impatt materjali huwa akbar għall-pagamenti ta' appoġġ għas-suq, l-investimenti fil-qasam tal-iżvilupp rurali u l-pagamenti l-oħra, li b'mod ġenerali huma suġġetti għal kofinanzjament ibbażat fuq rimborżi. F'dawn l-oqsma, aħna sibna u kkwantifikajna regolarment każijiet ta' nfiq irregolari relatati mal-preżentazzjoni ta' dikjarazzjonijiet foloz, mhux korretti jew mhux kompluti, kif ukoll ma' kunflitti ta' interess potenzjali u mal-ħolqien suspettat ta' kundizzjonijiet artifiċjali.

**6.37.** Billi l-PAK taqa' taħt ġestjoni kondiviża, kemm il-Kummissjoni kif ukoll l-Istati Membri huma responsabbli milli jindirizzaw il-kwistjonijiet relatati mal-frodi. Il-[Kaxxa 6.6](#) turi l-arranġamenti fis-seħħ biex tiġi indirizzata l-frodi fir-rigward tal-PAK.



## Kaxxa 6.6

## Arranġamenti tal-Kummissjoni u tal-Istati Membri kontra l-frodi



**6.38.** L-OLAF huwa responsabli mit-twertiq ta' investigazzjonijiet fir-rigward tal-frodi, f'kooperazzjoni mal-korpi investigattivi nazzjonali. Id-DĠ AGRI jieħu firxa ta'

miżuri biex jimmitiga r-riskji ta' frodi fl-infiq taħt il-PAK, inklużi l-għoti ta' taħriġ u gwida għall-korpi ta' ġestjoni u kontroll tal-Istati Membri, is-sensibilizzazzjoni fost il-persunal proprju tiegħu dwar l-indikaturi tal-frodi, l-appoġġ għall-iżvilupp tas-SIAK u l-verifiki permezz tal-monitoraġġ, kif ukoll l-inkoraġġiment tal-użu, min-naħa tal-Istati Membri, ta' Arachne permezz ta' proġett pilota li tnedja fi Frar 2019. Ibbażata fuq database komprensiva u sett ta' indikaturi tar-riskju, Arachne hija għodda tal-IT li tista' tgħin lill-aġenziji tal-pagamenti biex jidentifikaw proġetti, beneficijarji u kuntratturi li jkunu esposti għal riskju ta' frodi, kunflitt ta' interess u irregolaritajiet, għall-fini ta' valutazzjoni ulterjuri.

**6.39.** Fil-bidu tal-2019, ippubblikajna rapport speċjali dwar miżuri kontra l-frodi fl-infiq tal-UE<sup>15</sup>. Aħna identifikajna diversi kwistjonijiet li jaffettwaw:

- o l-għarfien approfondit tal-Kummissjoni dwar l-iskala, in-natura u l-kawżi ta' frodi;
- o l-approċċ strateġiku tagħha għall-immaniġġjar tar-riskju ta' frodi;
- o l-attenzjoni li tingħata lill-prevenzjoni tal-frodi;
- o u r-rata ta' rkupru għal fondi li jkunu tħallsu indebitament.

**6.40.** Matul it-twettiq tal-awditu tad-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni ta' din is-sena, aħna sibna li:

- o l-aħħar darba li d-DĠ AGRI aġġorna l-analiżi tar-riskju ta' frodi tiegħu kienet fl-2016;
- o la l-OLAF u lanqas id-DĠ AGRI ma kienu vvalutaw il-miżuri tal-Istati Membri għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-frodi fl-infiq taħt il-PAK;
- o minkejja l-inkoraġġiment mogħti mid-DĠ AGRI (ara l-paragrafu **6.38**), il-biċċa l-kbira mill-aġenziji tal-pagamenti ftit li xejn għamlu użu mill-għodda Arachne biex jidentifikaw riskji potenzjali. Minn Marzu 2020, 12-il aġenzija tal-pagamenti f'9 Stati Membri kienu qed jipparteċipaw fil-proġett pilota "Arachne for AGRI".

---

<sup>15</sup> Ir-Rapport Speċjali Nru 1/2019: "Il-ġlieda kontra l-frodi fl-infiq tal-UE: jeħtieġ li tittieħed azzjoni."

**6.41.** Fl-Opinjoni reċenti tagħna dwar ir-regolament tranżitorju propost mill-Kummissjoni għall-PAK<sup>16</sup>, aħna osservajna l-attenzjoni akbar li qed tingħata lill-pagamenti lil bdiewa mhux ġenwini li akkwistaw art agrikola biex jirċievu pagamenti taħt il-PAK. Aħna ddikjarajna li l-Kummissjoni u l-leġiżlaturi jistgħu jużaw il-perjodu tranżitorju biex jivvalutaw jekk hemmx il-ħtieġa li r-rekwiżiti għad-definizzjonijiet ta' "bidwi ġenwin", "ettaru eliġibbli" u "attività agrikola" minima fil-proposti għall-PAK ta' wara l-2020 jiġu riveduti biex jindirizzaw dan ir-riskju, inkluż billi tiġi ċċarata t-tifsira ta' "art għad-dispożizzjoni tal-bidwi", mingħajr ma jizjed b'mod sproporzjonat il-piż amministrattiv għall-bdiewa.

---

<sup>16</sup> L-Opinjoni Nru 1/2020 rigward il-proposti tal-Kummissjoni għal regolamenti relatati mal-Politika Agrikola Komuni għall-perjodu wara l-2020, il-paragrafu 22.

# Konklużjoni u rakkomandazzjonijiet

## Konklużjoni

**6.42.** L-evidenza kumplessiva għall-awditjar li ksibna u li ppreżentajna f'dan il-kapitolu (ara l-paragrafu **6.8**) tindika li l-livell ta' żball ma kienx materjali għall-qasam ta' riskju baxx tal-pagamenti diretti, li jirrappreżenta 70 % tal-pagamenti fuq "Riżorsi naturali", u li kien materjali għall-oqsma ta' nfiq li konna identifikajna bħala li huma ta' riskju ogħla (l-iżvilupp rurali, il-miżuri tas-suq, is-sajd, l-ambjent u l-azzjoni klimatika), li jirrappreżentaw 30 % tal-pagamenti taħt din l-intestatura.

## Rakkomandazzjonijiet

**6.43.** L-**Anness 6.3** juri s-sejbiet tal-analiżi ta' segwitu li wettaqna għaż-żewġ rakkomandazzjonijiet li għamilna fir-Rapport Annwali 2016 tagħna u għat-tliet rakkomandazzjonijiet li għamilna fir-Rapport Annwali 2017, li kienu jirrikjedu azzjoni immedjata jew li d-data mmirata għall-implimentazzjoni tagħhom kienet fl-2019. Il-Kummissjoni kienet implimentat erba' rakkomandazzjonijiet bis-sħiħ, filwaqt li waħda kienet ġiet implimentata fil-biċċa l-kbira mill-aspetti.

**6.44.** Ibbażat fuq din l-analiżi u fuq is-sejbiet u l-konklużjonijiet tagħna għall-2019, aħna nagħmlu r-rakkomandazzjonijiet li ġejjin.

## Rakkomandazzjoni 6.1

---

Jenħtieġ li l-Kummissjoni taġġorna l-analiżi tagħha tar-riskji ta' frodi fir-rigward tal-PAK b'mod aktar frekwenti, twettaq analiżi tal-miżuri tal-Istati Membri għall-prevenzjoni tal-frodi, u tteggieg it-tixrid tal-aħjar prattika fl-użu tal-għodda Arachne biex tkompli tinkoraġġixxi lill-aġenziji tal-pagamenti biex jagħmlu użu minnha.

**Data mmirata għall-implimentazzjoni: 2021**

# Annessi

## Anness 6.1 — Riżultati tal-ittestjar tat-tranżazzjonijiet

	2019	2018
<b>DAQS U STRUTTURA TAL-KAMPJUN</b>		
Total tat-tranżazzjonijiet:	251	251
<b>IMPATT STMAT TA' ŻBALJI KWANTIFIKABBLI</b>		
Livell ta' żball stmat	1,9 %	2,4 %
Limitu Superjuri tal-lżball (UEL)	2,9 %	
Limitu Inferjuri tal-lżball (LEL)	0,8 %	

## Anness 6.2 — Informazzjoni dwar l-azzjoni tal-UE fl-Istati Membri

Stampa ġenerali tal-pagamenti li saru fl-2019, għal kull Stat Membru, għall-infiq fuq “Riżorsi naturali” taħt ġestjoni kondiviża

Ammonti f’miljun EUR

■ Stati Membri bi tranżazzjonijiet awditjati



Sors: Sfond tal-mappa ©OpenStreetMap kontributuri liċenzjati taħt il-liċenzja [Creative Commons Attribution-ShareAlike 2.0](https://creativecommons.org/licenses/by-sa/2.0/) (CC BY-SA).

Stat Membru	Total tar- “Riżorsi naturali”	Pagamenti diretti	Żvilupp rurali	Miżuri tas-Suq	Sajd
Franza	9 747	6 935	2 224	520	68
Spanja	7 017	5 101	1 166	588	162
Il-Ġermanja	6 214	4 794	1 274	116	30
L-Italja	5 772	3 634	1 449	631	58
Il-Polonja	4 563	3 387	1 092	28	56
Ir-Renju Unit	4 053	3 186	774	40	53
Ir-Rumanija	2 870	1 847	967	42	14
Il-Greċja	2 559	1 982	484	57	36
L-Ungerija	1 819	1 265	511	37	6
L-Irlanda	1 546	1 200	324	-3	25
Il-Portugall	1 360	671	523	103	63
Iċ-Ċekja	1 268	854	394	16	4
L-Awstrija	1 255	691	538	24	2
Il-Bulgarija	1 221	785	406	20	10
Id-Danimarka	975	822	101	11	41
L-Iżvezja	943	688	226	13	16
Il-Finlandja	890	523	351	5	11
In-Netherlands	811	680	90	24	17
Is-Slovakkja	665	445	209	11	0
Il-Litwanja	658	469	181	0	8
Il-Belġju	632	488	79	61	4
Il-Kroazja	619	279	300	9	31
Il-Latvja	475	253	206	1	15
L-Estonja	277	133	125	1	18
Is-Slovenja	264	135	120	7	2
Ċipru	80	49	21	6	4
Il-Lussemburgu	48	33	14	1	0
Malta	31	5	19	1	6

Sors: il-QEA, ibbażat fuq data tal-Kummissjoni.

### Anness 6.3 — Segwitu tar-rakkomandazzjonijiet preċedenti

Sena	Rakkomandazzjoni tal-QEA	Analiżi mill-QEA tal-progress li sar					
		Implimentat a bis-sħiħ	Qed tiġi implimentata		Mhux implimentata	Mhux applikabbli	Evidenza insuffiċjenti
			Fil-biċċa l-kbira mill-aspetti	F'xi wħud mill-aspetti			
2016	<p>Aħna nirrakkommandaw li l-Kummissjoni:</p> <p><b>Rakkomandazzjoni 1:</b> tirrevedi l-approċċ meħud mill-aġenziji tal-pagamenti biex jikklassifikaw u jaġġornaw il-kategoriji ta' art fl-LPISs tagħhom u biex iwettqu l-kontrolli reċiproċi meħtieġa, sabiex tnaqqas ir-riskju ta' żball fil-pagamenti ta' ekoloġizzazzjoni (ara l-paragrafi 7.17 u 7.18, kif ukoll il-Kaxxa 7.5).</p>	X					
	<p><b>Rakkomandazzjoni 2:</b> tipprovdi gwida u tteġġeg it-tixrid tal-aħjar prattika (eż. l-użu ta' teknoloġija ġdida tal-IT) fost l-awtoritajiet nazzjonali biex tiżgura li l-kontrolli tagħhom jidentifikaw rabtiet bejn l-applikanti u partijiet interessati oħra li jkunu involuti fil-proġetti appoġġati (ara l-paragrafu 7.26).</p>		X				

Sena	Rakkomandazzjoni tal-QEA	Analiżi mill-QEA tal-progress li sar					
		Implimentat a bis-sħiħ	Qed tiġi implimentata		Mhux implimentata	Mhux applikabbli	Evidenza insuffiċjenti
			Fil-biċċa l-kbira mill-aspetti	F'xi wħud mill-aspetti			
2017	<p>Aħna nirrakkommandaw li l-Kummissjoni:</p> <p><b>Rakkomandazzjoni 1:</b> tivvaluta l-effettività tal-azzjonijiet tal-Istati Membri li l-għan tagħhom huwa li jindirizzaw il-kawżi tal-iżbalji fil-pagamenti relatati mal-miżuri tas-suq u l-iżvilupp rurali, u toħroġ gwida ulterjuri fejn ikun meħtieġ (ara l-paragrafi 7.18 sa 7.24 u l-Anness 7.4).</p>	X					
	<p><b>Rakkomandazzjoni 2:</b> teżamina aktar mill-qrib il-kwalità tal-ittestjar tat-tranżazzjonijiet imwettaq mill-korpi taċ-ċertifikazzjoni (ara l-paragrafu 7.32).</p>	X					
	<p><b>Rakkomandazzjoni 3:</b> tivverifika l-implimentazzjoni tal-azzjoni ta' rimedju meħhuda mill-awtoritajiet tal-Istati Membri fejn il-Kummissjoni tkun sabet li ma setgħetx toqgħod fuq ix-xogħol tal-korp taċ-ċertifikazzjoni, jew setgħet toqgħod fuqu b' mod limitat biss (ara l-paragrafu 7.34).</p>	X					



## **Kapitolu 7**

**Sigurtà u ċittadinanza – Intestatura 3 tal-QFP**

# Werrej

	Paragrafu
<b>Introduzzjoni</b>	7.1.-7.6.
<b>Deskrizzjoni qasira</b>	7.2.-7.5.
<b>Ambitu u approċċ tal-awditjar</b>	7.6.
<b>Regolarità tat-tranżazzjonijiet</b>	7.7.-7.8.
<b>Eżaminar ta' elementi tas-sistemi ta' kontroll intern</b>	7.9.-7.13.
<b>Rieżaminar tax-xogħol tal-awtoritajiet tal-awditjar fir-rigward tar-rapporti annwali ta' kontroll u l-awditi tal-infiq tagħhom</b>	7.9.-7.11.
<b>Rieżaminar tal-valutazzjonijiet li twettqu mill-Kummissjoni fir-rigward tar-rapporti annwali ta' kontroll</b>	7.12.-7.13.
<b>Rapporti annwali tal-attività u arranġamenti oħra ta' governanza</b>	7.14.-7.15.
<b>Konklużjoni u rakkomandazzjonijiet</b>	7.16.-7.17.
<b>Rakkomandazzjonijiet</b>	7.17.


## Introduzzjoni


**7.1.** Dan il-kapitolu jippreżenta s-sejbiet tagħna għall-Intestatura 3 “Sigurtà u ċittadinanza” tal-QFP. Il-**Kaxxa 7.1** tagħti stampa ġenerali tal-attivitajiet u l-infiq prinċipali taħt din l-intestatura fl-2019.

### Kaxxa 7.1

#### Intestatura 3 “Sigurtà u ċittadinanza” tal-QFP – ripartizzjoni fl-2019

##### Pagamenti tal-2019 bħala sehem tal-baġit tal-UE u ripartizzjoni





## Deskrizzjoni qasira

**7.2.** Din l-intestatura tkopri firxa ta' politiki li l-objettiv komuni tagħhom huwa li jissahhañ il-kunċett ta' ċittadinanza Ewropea billi tinħoloq żona ta' libertà, ġustizzja u sigurtà mingħajr fruntieri interni.

**7.3.** Kif jidher fil-*Kaxxa 7.1*, il-qasam l-aktar sinifikanti ta' nfiq huwa dak tal-migrazzjoni u s-sigurtà. Għaldaqstant, il-biċċa l-kbira mill-infiq jirriżulta minn żewġ fondi biss – il-Fond għall-Asil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni<sup>1</sup> (AMIF), u l-Fond għas-Sigurtà Interna (FSI)<sup>2</sup>. Il-ġestjoni tal-biċċa l-kbira tal-finanzjament mill-AMIF u l-FSI hija kondiviża bejn l-Istati Membri (jew il-pajjiżi assoċjati) u d-DĠ għall-Migrazzjoni u l-Affarijiet Interni (DĠ HOME) tal-Kummissjoni. L-objettiv tal-AMIF huwa li jikkontribwixxi għall-ġestjoni effettiva tal-flussi migratorji u li jgħin fl-iżvilupp ta' approċċ komuni fil-livell tal-UE f'dak li jirrigwarda l-asil u l-immigrazzjoni. L-għan ġenerali tal-FSI huwa li jiżgura s-sigurtà fl-UE, filwaqt li jiġi ffaċilitat l-ivvjaġġar leġittimu u jiġu rrispettati l-libertajiet fundamentali u d-drittijiet tal-bniedem. Huwa għandu żewġ strumenti<sup>3</sup>: FSI - Fruntieri u Viżi u FSI - Pulizija. L-ewwel strument jipprovdi appoġġ għall-ġestjoni integrata tal-fruntieri u għall-iżvilupp tal-politika komuni dwar il-viżi, filwaqt li t-tieni wieħed jiffoka fuq il-kooperazzjoni fost l-aġenziji tal-infurzar tal-liġi u fuq it-titjib tal-kapaċità fil-ġestjoni ta' riskji u kriżijiet relatati mas-sigurtà.

**7.4.** Ħames snin wara l-bidu tal-perjodu ta' programmazzjoni ta' seba' snin, l-Istati Membri tejbju l-implimentazzjoni tal-programmi nazzjonali tagħhom. Hemm ammonti sinifikanti li għadhom ma ġewx żborżati, u l-fatt li tiġi evitata li tiżdied il-pressure fuq l-awtoritajiet nazzjonali hekk kif il-programmi joqorbu lejn l-għeluq tagħhom għadu importanti. Il-*Kaxxa 7.2* tagħti sommarju tal-infiq li l-Istati Membri rrappurtaw lill-Kummissjoni għar-rimborż minn meta beda l-perjodu ta' programmazzjoni.


<sup>1</sup> Ara r-Regolament (UE) Nru 516/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Fond għall-Asil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni.

<sup>2</sup> Iż-żewġ fondi ssostitwew il-programm SOLID li kien qed jintuża fil-perjodu ta' programmazzjoni preċedenti.

<sup>3</sup> Ara r-Regolament (UE) Nru 515/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi, bħala parti mill-Fond għas-Sigurtà Interna, l-istrument għall-appoġġ finanzjarju għall-fruntieri esterni u l-viża, u r-Regolament (UE) Nru 513/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi, bħala parti mill-Fond għas-Sigurtà Interna, l-istrument għal appoġġ finanzjarju għall-kooperazzjoni tal-pulizija, il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità, u l-ġestjoni tar-riskji.

## Kaxxa 7.2

### L-infiq fuq il-programmi nazzjonali taħt l-AMIF u l-FSI żdied fil-pass, iżda l-baġit disponibbli jibqa' jogħla wkoll



(\*) L-infiq taħt l-AMIF/FSI li jsir fil-livell tal-Istati Membri jiġi ddikjarat lill-Kummissjoni u approvat minnha fis-sena ta' wara li jkun iġġarrab. Għaldaqstant, il-kontijiet tal-Kummissjoni għall-2019 jinkludu l-infiq tal-Istati Membri mill-2018.

Sors: il-QEA.

**7.5.** Parti sinifikanti oħra mill-intestatura tal-baġit tinkludi l-finanzjament għal 14-il aġenzija deċentralizzata<sup>4</sup> li huma attivi fl-implimentazzjoni ta' prijoritajiet ewlenin tal-UE fl-oqsma tal-migrazzjoni u s-sigurtà, il-kooperazzjoni ġudizzjarja u s-saħħa. Minbarra dan hemm il-programm "Ikel u Għalf", li għandu l-għan li jiżgura s-saħħa tal-bnedmin, tal-annimali u tal-pjanti fl-istadji kollha tal-katina alimentari, u "Ewropa Kreattiva", il-programm qafas tal-UE li jipprovdi appoġġ għas-settur tal-kultura u dak awdjoviżiv. Fl-aħħar nett, il-baġit ikopri għadd ta' programmi li l-objettiv komuni tagħhom huwa li jissaħħaħ il-qasam ta' sigurtà u ċittadinanza fl-UE billi jkun hemm fokus fuq l-oqsma ta' ġustizzja, konsumaturi, drittijiet, ugwaljanza u ċittadinanza.

<sup>4</sup> Saħħa: ECDC, EFSA, EMA, ECHA. Affarjiet Interni: Frontex, EASO, Europol, CEPOL, eu-LISA, EMCDDA. Ġustizzja: Eurojust, FRA, EIGE, UPPE. Ir-rapporti annwali speċifiċi, li jinkludu l-opinjoni tagħna dwar il-legalità u r-regolarità ta' kull waħda mill-operazzjonijiet ta' dawn l-aġenziji, jistgħu jinstabu fuq is-sit web tal-QEA.

## Ambitu u approċċ tal-awditjar

**7.6.** Filwaqt li applikajna l-approċċ u l-metodi tal-awditjar ippreżentati fl-**Anness 1.1**, aħna eżaminajna dan li ġej għal din l-intestatura tal-QFP fl-2019:

- (a) kampjun ta' 19-il *tranżazzjoni*, li kien maħsub biex jikkontribwixxi għad-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni kumplessiva tagħna aktar milli biex ikun rappreżentattiv tal-infiq taħt din l-intestatura tal-QFP. Għalhekk, aħna ma għamilniex stima tar-rata ta' żball għal din l-intestatura tal-QFP. Il-kampjun kien jikkonsisti fi tmien tranżazzjonijiet taħt *ġestjoni kondiviża* mal-Istati Membri<sup>5</sup>, tmienja taħt *ġestjoni diretta* u waħda taħt *ġestjoni indiretta* mill-Kummissjoni, kif ukoll tnejn li kienu jinvolvu l-approvazzjoni ta' pagamenti bil-quddiem lil aġenziji.
- (b) is-sistemi magħżula, li kienu jikkonċernaw:
  - (i) jekk ir-rapporti annwali ta' kontroll ta' tmien awtoritajiet tal-awditjar<sup>6</sup> fir-rigward tal-kontijiet annwali tal-AMIF u l-FSI għall-2018 kinux konformi mal-leġislazzjoni<sup>7</sup>;
  - (ii) għall-istess awtoritajiet tal-awditjar, jekk ix-xogħol tagħhom b'rabta mal-awditi tal-infiq u l-proċeduri tagħhom għall-għoti ta' opinjonijiet tal-awditjar affidabbli kinux adegwati u f'konformità mar-regoli;
  - (iii) jekk il-valutazzjonijiet tal-konformità li twettqu mid-DĠ HOME fir-rigward tar-rapporti annwali ta' kontroll tal-awtoritajiet tal-awditjar li huma responsabbli mill-AMIF u mill-FSI kinux xierqa u kinux ikopru l-kwistjonijiet kollha ta' tħassib legali rilevanti.
- (c) l-informazzjoni dwar ir-regolarità li tingħata fir-rapporti annwali tal-attività tad-DĠ HOME u tad-DĠ għall-Ġustizzja u l-Konsumaturi (DĠ JUST), u l-inklużjoni tagħha fir-Rapport Annwali dwar il-Ġestjoni u l-Prestazzjoni (AMPR) tal-Kummissjoni.

<sup>5</sup> Fil-Ġermanja, il-Greċja, l-Italja, Ċipru, il-Litwanja, il-Polonja, is-Slovenja u r-Renju Unit.

<sup>6</sup> L-istess Stati Membri li minnhom aħna kkampjunajna 8 tranżazzjonijiet.

<sup>7</sup> Ir-**Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2018/1291** tas-16 ta' Mejju 2018 li jemenda r-Regolament ta' Delega (UE) Nru 042/2014 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 514/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-responsabbiltajiet tan-nomina u tal-ġestjoni u tal-kontroll ta' Awtoritajiet Responsabbli u fir-rigward tal-istatus u tal-obbligi tal-Awtoritajiet tal-Awditjar.

## Regolarità tat-tranżazzjonijiet

**7.7.** Mid-19-il tranżazzjoni li eżaminajna, 7 (37 %) kienu milquta minn *żbalji*. Aħna identifikajna tliet żbalji kwantifikabbli li kellhom impatt finanzjarju fuq l-ammonti ddebitati għall-baġit tal-UE. Eżempju wieħed huwa ppreżentat fil-**Kaxxa 7.3** hawn taħt.

### Kaxxa 7.3

#### Spejjeż tas-salarji li ġew iddikjarati b'mod eċċessiv

F'Ċipru, aħna awditjajna proġett iffinanzjat mill-AMIF li kien qed jiġi implimentat minn organizzazzjoni internazzjonali. Huwa kien jikkonsisti fl-għoti ta' informazzjoni, gwida individwali u appoġġ lill-migranti li xtaqu jirritornaw lejn il-pajjiż ta' oriġini tagħhom. Aħna vverifikajna l-payslips, l-iskedi tal-ħin, il-pagamenti u l-entrati kontabilistiċi li jikkorrispondu għal ħames persuni li ġew impjegati direttament għall-proġett. L-organizzazzjoni kienet talbet pagamenti supplimentari ta' 6 % tal-ammont totali gross tal-ispejjeż tas-salarji biex tkopri l-benefiċċji għall-iskadenza ta' kuntratt li l-impjegati fil-fatt ma kinux jikkwalifikaw għalihom. Għaldaqstant, dan l-ammont ma kienx spiża speċifika għall-proġett u ma kienx jissodisfa d-definizzjoni ta' nfiq dirett eliġibbli. Għalhekk, l-ispejjeż totali tal-proġett ġew iddikjarati b'mod eċċessiv.

**7.8.** Aħna sibna wkoll erba' każijiet ta' nuqqas ta' konformità mad-dispożizzjonijiet legali, iżda li ma kellhom l-ebda impatt finanzjarju fuq il-baġit tal-UE. Bħal fi snin preċedenti, dawn kienu relatati mal-għażla tal-proġetti u mar-regoli dwar l-akkwist pubbliku. In-nuqqas ta' osservanza ta' dawn ir-regoli jista' jdgħajjef il-ġestjoni finanzjarja tajba tal-infiq tal-UE u jista' potenzjalment jaffettwa l-eliġibbiltà tal-ispejjeż mitluba.



# Eżaminar ta' elementi tas-sistemi ta' kontroll intern

## Rieżaminar tax-xogħol tal-awtoritajiet tal-awditjar fir-rigward tar-rapporti annwali ta' kontroll u l-awditi tal-infiq tagħhom

**7.9.** Aħna awditjajna x-xogħol li sar minn tmien awtoritajiet li huma responsabbli kemm mill-awditjar tal-kontijiet annwali tal-AMIF/FSI tal-Istati Membri rispettivi tagħhom<sup>8</sup> kif ukoll mill-għoti ta' rapport annwali ta' kontroll lill-Kummissjoni. L-iskop tagħna kien li nikkonfermaw li dawn l-awtoritajiet tal-awditjar kienu:

- (a) ikopru t-tipi kollha ta' pagamenti li saru mill-korpi responsabbli mill-implimentazzjoni tal-fondi,
- (b) użaw metodu tal-kampjunar li kien xieraq,
- (c) ikkampjunaw biżżejjed tranżazzjonijiet biex jinsiltu konklużjonijiet dwar il-popolazzjoni totali,
- (d) ikkalkulaw ir-rata ta' żball b'mod korrett<sup>9</sup>, u
- (e) stabbilew proċeduri adegwati sabiex tingħata opinjoni affidabbli tal-awditi u għat-tnejn tar-rapporti<sup>10</sup>.

**7.10.** L-awtoritajiet tal-awditjar kollha żviluppaw u implimentaw proċeduri dettaljati u ta' kwalità suffiċjenti biex jirrapportaw kif meħtieġ skont ir-regoli. Aħna identifikajna ċerti nuqqasijiet, li l-impatt tagħhom fuq il-kontijiet ma kienx materjali biżżejjed biex inaqqas mill-konklużjonijiet tal-awtoritajiet tal-awditjar. Aħna nippreżentaw is-sejbiet tagħna fil-**Kaxxa 7.4** hawn taħt.

<sup>8</sup> Il-Ġermanja, il-Greċja, l-Italja, Ċipru, il-Litwanja, il-Polonja u r-Renju Unit għall-AMIF; is-Slovenja għall-FSI.

<sup>9</sup> Kif meħtieġ mir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2018/1291.

<sup>10</sup> F'konformità mar-Rekwiżit Prinċipali 14 tas-sistemi ta' ġestjoni u kontroll – ara l-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/646.

## Kaxxa 7.4

## Nuqqasijiet fir-rapporti annwali ta' kontroll

Nuqqasijiet	Stat Membru tal-awtorità tal-awditjar	Impatt potenzjali
Problemi fil-kampjunar: l-użu ta' metodoloġija bbażata fuq ir-riskju aktar milli waħda aleatorja; intużaw valuri mhux preċiżi biex jiġi ddeterminat id-daqs tal-kampjun.	Is-Slovenja	Id-data rrapportata mhijiex affidabbli Ix-xogħol tal-awtorità tal-awditjar jipprovdi aċċertament limitat
L-awtorità responsabbli ppreżentat l-abbozz ta' kontijiet lill-awtorità tal-awditjar qabel ma kkompletat il-kontrolli fuq il-post proprji tagħha. Dan ippreżenta riskju li l-awtorità tal-awditjar twettaq l-awditi tagħha fuq is-sett żbaljat ta' kontijiet.	L-Italja, is-Slovenja	
Kalkolu u preżentazzjoni mhux preċiżi tar-rati tal-iżball totali u/jew residwu	Il-Ġermanja, l-Italja	
L-assistenza teknika ġiet eskluża mill-popolazzjoni li awditjajna u dan ma ġiex irrappurtat fir-rapport annwali ta' kontroll	Is-Slovenja	
Il-pagamenti bil-quddiem ġew parzjalment esklużi mill-popolazzjoni li awditjajna u dan ma ġiex irrappurtat fir-rapport annwali ta' kontroll	Il-Ġermanja	
Għal raġunijiet ta' kampjunar, il-proġetti ġew allokati f'żewġ sottogruppi (il-pagamenti bil-quddiem u l-infiq imġarrab). Din l-allokkazzjoni mhux dejjem kienet korretta.	Ċipru	

**7.11.** Aħna għażilna 62 fajl tal-awditjar mill-istess tmien awtoritajiet tal-awditjar, u użajnihom biex nivverifikaw li l-proċeduri tal-awditjar kienu adegwati u kienu jkopru l-kriterji kollha ta' eliġibbiltà stabbiliti fir-regolamenti dwar l-AMIF/il-FSI<sup>11</sup>. B' mod ġenerali, aħna sibna li l-awtoritajiet tal-awditjar kellhom programmi tal-awditjar u listi ta' kontroll dettaljati biex jappoġġaw il-konklużjonijiet tagħhom. Madankollu, ix-xogħol tagħna żvela n-nuqqasijiet ippreżentati fil-**Kaxxa 7.5**.

### Kaxxa 7.5

#### Nuqqasijiet fix-xogħol tal-awtoritajiet tal-awditjar

Nuqqasijiet	Stat Membru tal-awtorità tal-awditjar	Impatt potenzjali
L-awdituri mhux dejjem ivverifikaw il-kriterji kollha tal-għażla u/jew għall-għoti ta' proġetti	L-Italja, Ċipru	Ma jinqabdux każijiet ta' nfiq ineliġibbli Il-konklużjonijiet tal-awditjar mhumiex affidabbli
Rendikont tal-entrati insuffiċjenti jew dokumentazzjoni mhux tajba tax-xogħol tal-awditjar	Il-Greċja, Ċipru, il-Litwanja, ir-Renju Unit	
L-awdituri mhux dejjem ivverifikaw l-evidenza rilevanti kollha disponibbli biex jikkonfermaw l-eliġibbiltà tal-gruppi fil-mira u tal-infiq iddikjarat jew ir-raġonevolezza tal-ispejjeż	L-Italja, Ċipru	Ix-xogħol tal-awtorità tal-awditjar jipprovdi aċċertament limitat

<sup>11</sup> Ara r-Rekwiżit Prinċipali 12 fl-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/646.

## Rieżaminar tal-valutazzjonijiet li twettqu mill-Kummissjoni fir-rigward tar-rapporti annwali ta' kontroll

**7.12.** Aħna rrieżaminajna l-valutazzjonijiet tal-konformità li twettqu mid-DĠ HOME fir-rigward tar-rapporti annwali ta' kontroll tal-awtoritajiet tal-awditjar, filwaqt li eżaminajna l-mod kif huwa għamel użu minn dawn ir-rapporti għall-approvazzjoni tal-kontijiet nazzjonali tal-AMIF/FSI għall-2018. Għal dan il-għan, aħna għażilna 12-il rapport<sup>12</sup> u rrieżaminajna l-kontrolli korrispondenti li twettqu mid-DĠ HOME. Aħna sibna li l-valutazzjonijiet individwali kienu strutturati tajjeb u puntiljużi, u li huma kienu jkopru l-aspetti legali kollha rilevanti. Id-DĠ HOME uża l-informazzjoni inkluża fir-rapporti ta' kontroll b'mod xieraq għad-deċiżjonijiet ta' approvazzjoni tiegħu.

**7.13.** Madankollu, l-awditu li wettaqna żvela żewġ nuqqasijiet, li jidhru fil-[Kaxxa 7.6](#), li jistgħu jillimitaw il-fiduċja li l-Kummissjoni jista' jkollha fir-rapporti annwali ta' kontroll.

---

<sup>12</sup> Mill-Bulgarija, iċ-Ċekja, Franza, in-Netherlands, l-Awstrija, il-Portugall u s-Slovakkja għall-AMIF; l-Estonja, Spanja, l-Iżlanda, Malta u l-Finlandja għall-FSI.

## Kaxxa 7.6

## Nuqqasijiet li jirriżultaw mill-valutazzjonijiet li twettqu mill-Kummissjoni fir-rigward tar-rapporti annwali ta' kontroll

Nuqqasijiet	Impatt potenzjali
L-awtoritajiet responsabbli mhux kollha jużaw l-istess definizzjoni ta' "pagament <i>interim</i> " <sup>13</sup> .	Il-valur u l-kompletezza tad- <i>data</i> rrappurtata jistgħu jiġu kompromessi
Il-Kummissjoni ma ħarġitx gwida għall-awtoritajiet tal-awditjar, dwar il-mod kif għandhom jikkalkulaw il-kopertura minima tal-awditjar ta' 10 % <sup>14</sup> jekk huma japplikaw sottokampjunar. F'ċerti każijiet, il-Kummissjoni sabet li x-xogħol tal-awtoritajiet tal-awditjar kien insuffiċjenti.	L-affidabbiltà tal-konklużjonijiet tal-awditjar hija inċerta

<sup>13</sup> Il-mudell għat-talbiet għall-pagamenti tal-bilanċ annwali tal-fondi AMIF/FSI jiddefinixxi l-pagamenti *interim* bħala rimborżi għal infig imġarrab mill-benefiċjarji ta' proġett li jkun għaddej. Xi Stati Membri jqisu wkoll li l-pagamenti bil-quddiem jistgħu jkunu pagamenti *interim*, u sibna li oħrajn kienu għamli bosta pagamenti *interim* mingħajr ma l-ewwel approvaw il-pagamenti bil-quddiem.

<sup>14</sup> L-Artikolu 14(4) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2018/1291.

## Rapporti annwali tal-attività u arranġamenti oħra ta' governanza

**7.14.** Aħna rrieżaminajna r-rapporti annwali tal-attività tad-DĠ HOME u d-DĠ JUST u ma sibna l-ebda informazzjoni li għandha mnejn tikkontradixxi s-sejbiet tagħna. Madankollu, il-kampjun limitat tagħna għall-2019 (19-il tranżazzjoni) mhuwiex suffiċjenti biex inkunu nistgħu nqabblu r-riżultati tal-awditjar tagħna mal-informazzjoni dwar ir-regolarità tal-infiq, li ġiet irrappurtata miż-żewġ DĠ.

**7.15.** Aħna rrieżaminajna l-istimi li ġew prodotti mid-DĠ HOME u d-DĠ JUST, kemm għar-riskji fil-waqt tal-pagament kif ukoll għal dawk fil-waqt tal-għeluq. Aħna sibna li dawn ġew ikkalkulati skont il-metodoloġija interna u li ġew irrappurtati b'mod korrett fl-AMPR.

## Konklużjoni u rakkomandazzjonijiet

**7.16.** L-ambitu tal-awditjar għall-Intestatura 3 “Sigurtà u ċittadinanza” tal-QFP (ara l-paragrafu 7.6) kien maħsub biex jikkontribwixxi għad-dikjarazzjoni ta’ assigurazzjoni kumplessiva tagħna, aktar milli biex ikun rappreżentattiv tal-infiq taħt din l-intestatura. Għalhekk, aħna ma għamilniex stima tar-rata ta’ żball għal din l-intestatura tal-QFP. Minkejja dan, l-eżaminar li wettaqna tat-tranżazzjonijiet u tas-sistemi ġibed l-attenzjoni għal tliet oqsma fejn jista’ jsir titjib (ara l-paragrafi 7.10-7.13).

### Rakkomandazzjonijiet

**7.17.** Ibbażat fuq is-sejbiet tagħna għall-2019, aħna nirrakkomandaw li l-Kummissjoni:

#### Rakkomandazzjoni 7.1 – Kopertura tal-awditjar

---

Toħroġ gwida għall-awtoritajiet tal-awditjar tal-Istati Membri li huma responsabbli mill-AMIF u mill-FSI, dwar il-mod kif għandhom jikkalkulaw il-kopertura tal-awditjar jekk huma japplikaw sottokampjunar. Jenħtieġ li jingħataw pariri biex jiġi żgurat li l-kampjunar ikun suffiċjenti u xieraq biex l-awditur ikollu bażi raġonevoli sabiex jislet konklużjonijiet dwar il-popolazzjoni, kollha kemm hi, li jkun qed jawditja.

**Data mmirata għall-implimentazzjoni: matul l-2021**

#### Rakkomandazzjoni 7.2 – Kampjunar

---

Ittenni lill-awtoritajiet tal-awditjar tal-Istati Membri li huma responsabbli mill-AMIF u mill-FSI li jridu jsegwu l-istruzzjonijiet tal-Kummissjoni dwar il-kampjunar u l-kalkolu tar-rata ta’ żball. B’mod speċifiku, jenħtieġ li l-kampjunar ikun aleatorju u li kull unità tal-kampjunar fil-popolazzjoni jkollha l-possibbiltà li tintgħażel u, fejn ikun applikabbli, jenħtieġ li l-iżbalji kollha jiġu estrapolati għall-popolazzjoni rilevanti.

**Data mmirata għall-implimentazzjoni: matul l-2021**

### **Rakkomandazzjoni 7.3 – Rendikont tal-entrati**

---

Toħroġ gwida għall-awtoritajiet tal-awditjar tal-Istati Membri li huma responsabbli mill-AMIF u mill-FSI biex jiddokumentaw in-natura, it-twaqqit u l-firxa tal-proċeduri tal-awditjar tagħhom, ir-riżultati tagħhom, u l-evidenza għall-awditjar li nġabret, b'mod suffiċjenti u xieraq.

**Data mmirata għall-implimentazzjoni: matul I-2021**



## **Kapitolu 8**

**Ewropa Globali – Intestatura 4 tal-QFP**

# Werrej

	Paragrafu
<b>Introduzzjoni</b>	8.1.-8.5.
<b>Deskrizzjoni qasira</b>	8.2.-8.4.
<b>Ambitu u approċċ tal-awditjar</b>	8.5.
<b>Regolarità tat-tranżazzjonijiet</b>	8.6.-8.10.
<b>Rapporti annwali tal-attività u arranġamenti oħra ta' governanza</b>	8.11.-8.22.
L-istudju tal-2019 dwar ir-RER imwettaq mid-DĠ NEAR	8.11.-8.18.
Rapport annwali tal-attività tad-DĠ NEAR	8.19.-8.21.
Rapport annwali tal-attività u studju dwar ir-RER tad-DĠ DEVCO	8.22.
<b>Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet</b>	8.23.-8.25.
<b>Konklużjonijiet</b>	8.23.
<b>Rakkomandazzjonijiet</b>	8.24.-8.25.
<b>Annessi</b>	
<b>Anness 8.1 — Pagamenti mid-DĠ NEAR u d-DĠ DEVCO skont id-delegazzjoni</b>	
<b>Anness 8.2 — Segwitu tar-rakkomandazzjonijiet preċedenti</b>	

## Introduzzjoni


**8.1.** Dan il-kapitolu jippreżenta s-sejbiet tagħna għall-Intestatura 4 “Ewropa Globali” tal-QFP. Il-**Kaxxa 8.1** tagħti stampa ġenerali tal-attivitàjiet u l-infiq prinċipali taħt din l-intestatura fl-2019

### Kaxxa 8.1

#### Intestatura 4 “Ewropa Globali” tal-QFP – ripartizzjoni fl-2019


##### Pagamenti tal-2019 bħala sehem tal-baġit tal-UE u ripartizzjoni

(biljun EUR)



##### Popolazzjoni li awditjajna għall-2019 imqabbla mal-pagamenti

(biljun EUR)



(\*) F'konformità mad-definizzjoni armonizzata tat-tranżazzjonijiet ta' bażi (għad-dettalji ara l-**Annex 1.1**, il-paragrafu 11).

Sors: il-kontijiet konsolidati tal-Unjoni Ewropea għall-2019.

## Deskrizzjoni qasira

**8.2.** “Ewropa Globali” tkopri n-nefqa fuq l-azzjoni esterna kollha (politika barranija) ifffinanzjata mill-baġit ġenerali tal-UE. Dawn il-politiki għandhom l-għan li:

- jippromwovu l-valuri tal-UE lil hinn mit-territorju tagħha, bħad-demokrazija, l-istat tad-dritt u r-rispett tad-drittijiet tal-bniedem u tal-libertajiet fundamentali;
- jindirizzaw l-isfidi globali ewlenin, bħat-tibdil fil-klima u t-telf tal-biodiversità;
- iżidu l-impatt tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp tal-UE, bl-għan li jgħinu biex jinqered il-faqar u jippromwovu l-prosperità;
- irawmu l-istabbiltà u s-sigurtà fil-pajjiżi kandidati u f’dawk tal-viċinat;
- isaħħu s-solidarjetà Ewropea wara li jkunu seħħew diżastri naturali jew diżastri kkawżati mill-bniedem;
- itejbu l-prevenzjoni ta’ kriżijiet u r-risoluzzjoni ta’ kunflitti, jippreservaw il-paċi, isaħħu s-sigurtà internazzjonali u jippromwovu l-kooperazzjoni internazzjonali;
- jippromwovu l-interessi tal-UE u dawk reċiproċi f’pajjiżi barranin billi jappoġġaw id-dimensjoni esterna tal-politiki tal-UE.

**8.3.** Id-direttorati ġenerali u s-servizzi prinċipali li huma involuti fl-implimentazzjoni tal-baġit għall-azzjoni esterna huma d-Direttorat Ġenerali għall-Kooperazzjoni Internazzjonali u l-Iżvilupp (DĠ DEVCO), id-Direttorat Ġenerali għall-Viċinat u n-Negożjati għat-Tkabbir (DĠ NEAR), id-Direttorat Ġenerali għall-Protezzjoni Ċivili u l-Operazzjonijiet tal-Għajnuna Umanitarja Ewropej (DĠ ECHO), id-Direttorat Ġenerali għall-Politika Reġjonali u Urbana (DĠ REGIO) u s-Servizz tal-Istrumenti tal-Politika Barranija (FPI).

**8.4.** Fl-2019, il-pagamenti għal “Ewropa Globali” ammontaw għal EUR 10,1 biljun<sup>1</sup> u ġew żborżati bl-użu ta’ bosta strumenti (ara l-**Kaxxa 8.1**) u metodi ta’ twassil bħal pereżempju kuntratti ta’ xogħlijiet/provvisti/servizzi, għotjiet, self speċjali, garanziji ta’ self u assistenza finanzjarja, appoġġ baġitarju u forom immirati oħra ta’ għajnuna baġitarja f’iktar minn 150 pajjiż (ara l-**Annex 8.1**).

---

<sup>1</sup> Implimentazzjoni finali tal-pagamenti, inkluż id-dħul assenjat.

## Ambitu u approċċ tal-awditjar

**8.5.** Filwaqt li applikajna l-approċċ u l-metodi tal-awditjar ippreżentati fl-**Annex 1.1**, aħna eżaminajna dan li ġej għal din l-intestatura tal-QFP fl-2019:

- (a) kampjun ta' 68 tranżazzjoni, flimkien ma' 7 tranżazzjonijiet li ħadna mill-istudji dwar ir-rata tal-iżball residwu (RER)<sup>2</sup> u li aġġustajna<sup>3</sup> biex nikkompensaw għal-limitazzjonijiet metodoloġiċi tagħhom. Il-kampjun tat-tranżazzjonijiet kien maħsub biex jikkontribwixxi għad-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni kumplessiva tagħna aktar milli biex ikun rappreżentattiv tal-infiq taħt l-Intestatura 4 "Ewropa Globali" tal-QFP. Għalhekk, aħna ma għamilniex stima tar-rata ta' żball għal din l-intestatura tal-QFP. Aħna kkampjunajna 22 tranżazzjoni tad-DĠ NEAR, 25 tad-DĠ DEVCO, 10 tad-DĠ ECHO u 11-il tranżazzjoni oħra. Għall-parti mill-popolazzjoni tagħna li kienet koperta mill-istudji tal-2019 dwar ir-RER imwettqa mid-DĠ NEAR u d-DĠ DEVCO (10 %), aħna inkludejna 7 tranżazzjonijiet oħra fil-kampjun tagħna.
- (b) l-informazzjoni dwar ir-regolarità li tingħata fir-rapporti annwali tal-attività tad-DĠ NEAR u tad-DĠ DEVCO<sup>4</sup>, u l-inklużjoni tagħha fir-Rapport Annwali dwar il-Ġestjoni u l-Prestazzjoni (AMPR) tal-Kummissjoni.

<sup>2</sup> Kull sena, id-DĠ NEAR u d-DĠ DEVCO jikkuntrattaw studji dwar ir-RER biex jistmaw il-livell ta' żball li jkun fadal wara l-ikkompletar tal-kontrolli kollha ta' ġestjoni għall-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u l-korrezzjoni ta' żbalji fil-qasam intier tar-responsabbiltà tagħhom. Studju dwar ir-RER ma jikkostitwix inkarigu ta' aċċertament jew awditu; huwa bbażat fuq il-metodoloġija relatata mar-RER u fuq il-manwali rispettivi tad-Direttorati Ġenerali kkonċernati.

<sup>3</sup> Ir-rieżaminar li wettaqna tal-istudji dwar ir-RER wera li, meta mqabbla max-xogħol tal-awditjar tagħna, il-metodoloġija li fuqha huwa bbażat l-istudju dwar ir-RER tad-DĠ DEVCO tinkludi ferm inqas kontrolli fuq il-post. Barra minn hekk, kemm l-istudju dwar ir-RER tad-DĠ DEVCO kif ukoll dak tad-DĠ NEAR jagħtu inqas lok għall-eżaminar tal-proċeduri ta' akkwist. Għalhekk, bħalma għamilna s-sena li għaddiet, aħna aġġustajna r-riżultati tal-istudju dwar ir-RER biex jirriflettu l-livell ta' nuqqas ta' konformità mar-regoli tal-akkwist pubbliku. Aħna bbażajna dan l-aġġustament fuq is-sejbiet tagħna fir-rigward tad-DAS 2014-2019 għal "Ewropa Globali" u fuq l-ittestjar li wettaqna tat-tranżazzjonijiet li ntgħażlu mill-istudji dwar ir-RER tas-snin preċedenti (ara l-paragrafu **8.18**).

<sup>4</sup> Ix-xogħol li twettaq fuq ir-RAA tad-DĠ DEVCO huwa ppreżentat fid-dettall fir-Rapport Annwali tagħna dwar it-8, id-9, l-10 u l-11-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp.

## Regolarità tat-tranżazzjonijiet

**8.6.** Mit-68 tranżazzjoni li eżaminajna, 22 (32,4 %) kienu milquta minn żbalji. Aħna identifikajna 11-il żball kwantifikabbli li kellhom impatt finanzjarju fuq l-ammonti ddebitati għall-baġit tal-UE. Sibna wkoll 11-il każ fejn kien hemm nuqqas ta' konformità mad-dispożizzjonijiet legali u finanzjarji. Billi l-kampjun ma kienx intenzjonat li jkun rappreżentattiv tal-infiq taħt din l-intestatura, aħna ma għamilniex stima tar-rata kumplessiva ta' żball. Fl-eżaminar ta' dawn it-tranżazzjonijiet, aħna identifikajna eżempji fejn is-sistemi ta' kontroll intern kienu effettivi, bħal dak deskritt fil-**Kaxxa 8.2**. Is-sejbiet tagħna dwar l-infiq ineliġibbli huma ppreżentati fil-**Kaxxa 8.3** u fil-**Kaxxa 8.4**.

### Kaxxa 8.2

#### Kontrolli effettivi mill-Kummissjoni fuq it-talbiet għall-pagamenti taħt ġestjoni indiretta

DĠ NEAR

L-UE ffinanzjat azzjoni li tiswa EUR 4,5 miljun biex tappoġġa l-kompetittività tal-SMEs taħt il-programm għall-Adattament taż-Żona ta' Kummerċ Fieles Approfondita u Komprensiva fil-Georgia. Il-Kummissjoni ffirmat ftehim ta' delega ma' bank għall-iżvilupp u implimentat l-azzjoni taħt ġestjoni indiretta. Hija pproċessat talba għall-pagament mill-bank li kien talab l-approvazzjoni ta' spejjeż irrappurtati diġà mġarrba. Aħna awditjajna l-approvazzjoni tal-Kummissjoni b'rabta ma' din it-talba għall-pagament.

Il-Kummissjoni kienet analizzat ir-rapport finanzjarju u sabet li l-benefiċjarju kien inkluda l-prefinanzjament flimkien mal-ispejjeż diġà mġarrba. Minħabba li l-prefinanzjament ma jistax jitqies bħala spiża mġarrba, jenħtieġ li ma jiġix inkluż fl-ammont mitlub. Wara analiżi approfondita, il-Kummissjoni kienet naqqset iktar minn EUR 80 000 mill-ammont mitlub.

### Kaxxa 8.3

#### L-ebda sistema ta' reġistrazzjoni tal-ħin

FPI

Aħna awditjajna l-infiq iddikjarat minn organizzazzjoni mingħajr skop ta' qligħ taħt kuntratt ta' għotja ffirmit mal-Kummissjoni. L-azzjoni kienet immirata biex tipprevieni estremiżmu vjolenti mal-fruntieri tan-Nofsinhar tat-Tuneżija. L-ispiża totali stmata tal-azzjoni kienet ta' EUR 1,2 miljun, iffinanzjata kollha kemm hi mill-baġit tal-UE.

Id-dokumenti ta' sostenn li eżaminajna wrew li ma kienx hemm sistema ta' reġistrazzjoni tal-ħin biex tiġġustifika l-allokkazzjoni tal-ispejjeż bejn il-proġetti differenti u tissostanzja l-ħin reali ta' ħidma fuq il-proġett awditjat. Dan in-nuqqas ta' rendikont tal-entrati kien ifisser li, minn ammont totali awditjat ta' EUR 970 000, aħna ma stajniex nivverifikaw il-preċiżjoni ta' EUR 12 800 fi nfiq, u għalhekk dan l-aħħar ammont kien irregolari. In-nuqqas ta' sistema ta' reġistrazzjoni tal-ħin kien qed jikser ukoll it-termini kuntrattwali u l-politiki interni tal-benefiċjarju.

FI-2019, qbadna problemi ta' reġistrazzjoni tal-ħin ukoll fi tliet tranżazzjonijiet oħra mmaniġġjati mid-DĠ NEAR, id-DĠ CLIMA u d-DĠ ECHO.

### Kaxxa 8.4

#### Pagamenti tal-VAT ineliġibbli li ntalbu għall-proġett

DĠ DEVCO

Aħna awditjajna l-infiq li kien ġie ddikjarat minn bank internazzjonali għall-iżvilupp taħt ftehim ta' delega ffirmit mal-Kummissjoni għal azzjoni li kienet immirata għall-appoġġ tal-programm ta' investiment fl-infrastruttura għall-Afrika t'Isfel. Il-baġit totali stmat għall-proġett kien ta' iktar minn EUR 99 miljun, iffinanzjat kollu kemm hu mill-baġit tal-UE.

Id-dokumenti ta' sostenn awditjati wrew li l-infiq totali awditjat ta' EUR 3,6 miljun kien jinkludi VAT ineliġibbli ta' aktar minn EUR 300 000.

FI-2019, qbadna problemi ta' VAT fi tranżazzjoni oħra mmaniġġjata mid-DĠ ECHO.

**8.7.** Hemm żewġ oqsma ta' nfiq fejn it-tranżazzjonijiet huma inqas suxxettibbli għal żball minħabba l-kundizzjonijiet tal-pagament. Dawn l-oqsma huma (i) l-appoġġ baġitarju u (ii) il-proġetti implimentati minn organizzazzjonijiet internazzjonali u suġġetti għall-“approċċ nozzjonali”. Fl-2019, aħna awditjajna 2 tranżazzjonijiet tal-appoġġ baġitarju u 25 proġett immaniġġjat minn organizzazzjonijiet internazzjonali, inklużi 8 tranżazzjonijiet tal-approċċ nozzjonali (ara l-paragrafu **8.10**). Ma qbadna l-ebda żbalji f'dawn l-oqsma.

**8.8.** L-appoġġ baġitarju huwa kontribuzzjoni għall-baġit ġenerali ta' Stat jew għall-baġit tiegħu għal politika speċifika jew objettiv speċifiku. Il-pagamenti relatati mal-appoġġ baġitarju li ġew iffinanzjati mill-baġit ġenerali tal-UE fl-2019 ammontaw għal EUR 824 miljun. Aħna eżaminajna jekk il-Kummissjoni kinitx irrispettat il-kundizzjonijiet li jirregolaw il-pagamenti relatati mal-appoġġ baġitarju li saru favur pajjiżi sħab u jekk kinitx ivverifikat jekk kinux ġew irrispettati l-kundizzjonijiet ġenerali ta' eliġibbiltà (bħal titjib sodisfaċenti fil-ġestjoni finanzjarja tas-settur pubbliku).

**8.9.** Madankollu, minħabba li hemm marġni wiesa' għall-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet legali, il-Kummissjoni għandha flessibbiltà konsiderevoli biex tiddeċiedi jekk dawn il-kundizzjonijiet ġenerali jkunux ġew irrispettati. L-awditu tar-regolarità li wettaqna ma jistax ikopri dak li jiġri wara l-mument meta l-Kummissjoni tħallas l-għajjnuna lill-pajjiż *riċevitur*, peress li dawn il-fondi mbagħad jingħaqdu mar-riżorsi baġitarji proprji ta' dak il-pajjiż<sup>5</sup>.

**8.10.** Taħt l-“approċċ nozzjonali”, meta l-kontribuzzjonijiet li jsiru mill-Kummissjoni għal proġetti ffinanzjati minn bosta donaturi jinġabru flimkien ma' dawk ta' donaturi oħra u ma jkunux assenjati għal elementi identifikabbli u speċifiċi ta' nfiq, il-Kummissjoni tassumi li r-regoli ta' eliġibbiltà tal-UE jkunu ġew irrispettati dment li l-ammont totali miġbur flimkien ikun jinkludi biżżejjed infiq eliġibbli biex ikopri l-kontribuzzjoni li ssir mill-UE. Aħna ħadna kont ta' dan l-approċċ fl-ittestjar sostantiv li wettaqna. Fl-2019, il-pagamenti li saru mill-baġit ġenerali tal-UE favur organizzazzjonijiet internazzjonali ammontaw għal EUR 3,2 biljun. Aħna ma nistgħux ngħidu x'inhu l-proporzjon ta' dan l-ammont li għalih kien japplika l-“approċċ nozzjonali”, peress li l-Kummissjoni ma timmonitorjahx separatament.

<sup>5</sup> L-effiċjenza u l-effettività tal-appoġġ baġitarju huma indirizzati f'għadd ta' rapporti speċjali tagħna, fejn dawk l-aktar reċenti huma r-Rapport Speċjali Nru 9/2019: “Appoġġ mogħti mill-UE lill-Marokk - Sa issa riżultati limitati” u r-Rapport Speċjali Nru 25/2019: “Il-kwalità tad-*data* fil-qasam tal-appoġġ baġitarju: dgħufijiet f'xi indikaturi u fil-verifikazzjonijiet tal-pagament għas-segmenti varjabbli” (<http://eca.europa.eu>).




## Rapporti annwali tal-attività u arranġamenti oħra ta' governanza

### L-istudju tal-2019 dwar ir-RER imwettaq mid-DĠ NEAR

**8.11.** Fl-2019, il-ħames studju tad-DĠ NEAR dwar ir-RER twettaq minn kuntrattur estern f'ismu, biex jistma l-livell ta' żball li kien jifdal wara l-ikkompletar tal-kontrolli ta' ġestjoni kollha għall-prevenzjoni, id-detezzjoni u l-korrezzjoni ta' żbalji fil-qasam intier ta' responsabbiltà tiegħu. Dan l-istudju huwa element importanti li fuqu d-Direttur Ġenerali jibbaża d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni tiegħu u li jikkontribwixxi għall-informazzjoni dwar ir-regolarità relatata mal-“Azzjoni Esterna” li tiġi ddivulgata fl-AMPR.

**8.12.** L-istudju jirrieżamina kampjun rappreżentattiv ta' 365 tranżazzjoni li saru taħt kuntratti li kienu ngħalqu bejn Settembru 2018 u Awwissu 2019 (ara l-Kaxxa 8.5).

**Kaxxa 8.5**



Sors: il-QEA.

**8.13.** Id-DĠ NEAR ippreżenta r-riżultati tal-istudju tal-2019 dwar ir-RER fir-RAA tiegħu. Ir-RER kumplessiva għad-DĠ kienet stmata li kienet 0,53 %, jiġifieri taħt is-soll ta' materjalità ta' 2 % ssettjat mill-Kummissjoni. Ir-RER għas-sentejn preċedenti kienu ta' 0,67 % fl-2019 u 0,72 % fl-2018.

**8.14.** L-istudju dwar ir-RER ma jikkostitwix *inkarigu ta' aċċertament* jew awditu; huwa bbażat fuq il-metodoloġija relatata mal-istudju dwar ir-RER u l-manwal ipprovdut mid-DĠ NEAR. Aħna identifikajna limitazzjonijiet li jistgħu jikkontribwixxu għall-istima b'mod insuffiċjenti tar-rata tal-iżball residwu. B'mod aktar speċifiku, ix-xogħol relatat mar-RER ma jkoprix ċerti aspetti tal-proċeduri ta' akkwist suffiċjentement, bħar-raġunijiet għar-rifjut ta' kandidati li ma ntgħażlux jew il-konformità tal-offerent magħżul mal-kriterji kollha tal-għażla u tal-għoti; u lanqas ma jivverifika l-proċeduri ta' sejħiet għal proposti jew il-ġustifikazzjonijiet għal għotjiet diretti.

**8.15.** Permezz tal-analiżi li wettaqna tal-istudju dwar ir-RER, aħna sibna li, sabiex tiegħu inkunsiderazzjoni r-rakkomandazzjoni tagħna<sup>6</sup> li żżid il-ponderazzjoni tal-għotjiet taħt ġestjoni diretta fil-popolazzjoni magħżula fil-kampjun, il-Kummissjoni kienet introduċiet rata ta' żball addizzjonali għal tali proġetti (ir-“rata tal-għotja”). Din serviet ta' bażi addizzjonali għad-Direttur Ġenerali biex iżomm ir-riżerva li kienet saret qabel minħabba r-riskju għoli f'għotjiet taħt ġestjoni diretta. Ġeneralment, għall-kampjun dwar ir-RER, il-kuntrattur japplika livell ta' materjalità ta' 2 % u livell ta' fiduċja ta' 95 %<sup>7</sup>. Għar-rata tal-għotja, madankollu, il-metodoloġija relatata mar-RER ipprovdiet livell ta' fiduċja iktar baxx ta' 80 %, li wassal għal stima inqas preċiża tar-rata ta' żball reali għal din il-parti tal-popolazzjoni. Dan l-approċċ ma jirriflettix ir-riskju għoli f'dan il-qasam. Anke kieku kellu jiġi applikat livell ta' fiduċja ta' 95 % għall-għotjiet, il-kampjun totali ta' tranżazzjonijiet kien jibqa' iżgħar minn dak tas-sena l-oħra.

**8.16.** Il-metodu ta' stimar użat mid-DĠ NEAR għar-RER jagħti lill-kuntrattur marġni wiesa' għall-interpretazzjoni meta jistma żbalji individwali. Pereżempju, f'każijiet fejn ma jiġi pprovdut l-ebda dokument għal tranżazzjoni, l-istima tar-rata ta' żball u d-determinazzjoni tal-validità tar-raġunijiet mogħtija għan-nuqqas ta' dokumenti jithallex għad-diskrezzjoni tal-kuntrattur. Dan l-approċċ ma jiżgurax it-trattament konsistenti tal-istess sejbiet jew simili. Din is-sena l-kuntrattur tar-RER ma wettaqx tali stimi.

<sup>6</sup> Ara r-Rakkomandazzjoni 2 fil-Kapitolu 9 tar-Rapport Annwali 2017 tagħna.

<sup>7</sup> Il-probabbiltà li l-livell ta' żball fil-popolazzjoni jaqa' fi ħdan ċertu intervall (l-“intervall ta' fiduċja”).

**8.17.** Fl-aħħar nett, aħna osservajna tnaqqis fl-għadd ta' tranżazzjonijiet li għalihom ma kien twettaq l-ebda ttestjar sostantiv minħabba l-fiduċja sħiħa tal-istudju dwar ir-RER fuq xogħol preċedenti ta' kontroll. Fl-2019, l-għadd ta' tranżazzjonijiet li għalihom kien hemm fiduċja sħiħa kien ta' 63 (17,2 %), meta mqabbel ma' 118 (23,6 %) fl-2018 u 57 (12,2%) fl-2017. Madankollu, rajna żieda fit-tranżazzjonijiet li għalihom kien hemm fiduċja parzjali (33,3 % fl-2019 meta mqabbel ma' 25,3 % fl-2018). F'dawk is-sentejn, it-tranżazzjonijiet li għalihom kien hemm fiduċja sħiħa u dawk li għalihom kien hemm fiduċja parzjali flimkien kienu jammontaw għal madwar 50 % tal-kampjun totali. L-iskop tal-istudju dwar ir-RER huwa li jitkejlu l-iżbalji li l-kontrolli kollha ta' prevenzjoni, ta' detezzjoni u ta' korrezzjoni ma jkunx irnexxielhom jaqbd. Peress li l-istudju jpoġġi fiduċja sħiħa jew parzjali fuq ir-riżultati ta' kontrolli preċedenti għal nofs it-tranżazzjonijiet ikkampjunati, ir-RER ma tkejjilx dawn l-iżbalji kompletament. Fiduċja eċċessiva fuq ix-xogħol imwettaq minn oħrajn tista' taffettwa l-ilħuq tal-objettiv prinċipali tal-istudju dwar ir-RER minħabba l-impatt fuq ir-rata tal-iżball residwu.

**8.18.** Fir-Rapporti Annwali 2017 u 2018 tagħna, aħna rrapportajna dwar limitazzjonijiet fil-metodoloġija tad-DĠ NEAR għall-istudju dwar ir-RER. B'riżultat ta' dan, għad-Dikjarazzjonijiet ta' Assigurazzjoni 2018 u 2019 tagħna, aħna wettaqna kontrolli addizzjonali f'oqsma fejn konna sibna tali limitazzjonijiet. Għall-2019, b'mod aleatorju aħna għażilna sitt tranżazzjonijiet minn studji dwar ir-RER li twettqu preċedentement – medja ta' żewġ tranżazzjonijiet għal kull delegazzjoni tal-UE li żorna. Tlieta minnhom kienu milquta minn żball.

## Rapport annwali tal-attività tad-DĠ NEAR

**8.19.** Għas-sena finanzjarja 2019, aħna rrieżaminajna r-Rapport Annwali tal-Attività 2019 tad-DĠ NEAR u ma sibna l-ebda informazzjoni li għandha mnejn tikkontradixxi s-sejbiet tagħna.

**8.20.** Skont l-istima tad-DĠ NEAR, l-ammont totali f'riskju fil-waqt tal-pagament għall-infiq aċċettat fl-2019 (EUR 2,8 biljun) kien ta' EUR 23,9 miljun (0,84 % tal-infiq aċċettat fl-2019). Minn dan l-ammont totali f'riskju, kien stmat li EUR 8,8 miljun (36,8 %) kienu se jiġu kkoreġuti permezz tal-kontrolli li d-DĠ se jwettaq fis-snin li ġejjin<sup>8</sup>. Dan wassal lid-Direttur Ġenerali biex jiddikjara li l-esponiment finanzjarju tad-DĠ kien taħt is-soll ta' materjalità ta' 2 %. B'kont meħud tal-fatt li aħna ma għandniex kampjun rappreżentattiv biex nagħmlu stima tar-rata ta' żball għall-Intestatura "Ewropa Globali" tal-QFP, ma ninsabux f'pożizzjoni li nirrieżaminaw dawn ir-riżultati bi tqabbil max-xogħol tal-awditjar tagħna.

**8.21.** Id-DĠ NEAR ma għamilx referenza għal-limitazzjonijiet tal-istudju dwar ir-RER fir-RAA tiegħu. Minkejja dan, huwa għamel sforz biex jadotta approċċ prudenti fl-analiżi tal-ordnijiet ta' rkupru. Fil-kalkolu tiegħu tal-kapaċità korrettiva, huwa inkluda biss l-ammonti rkuprati minħabba irregolaritajiet u żbalji maqbuda *ex post*, biex b'hekk evita dikjarazzjoni eċċessiva, f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet preċedenti tagħna.

## Rapport annwali tal-attività u studju dwar ir-RER tad-DĠ DEVCO

**8.22.** Ir-rieżami tagħna tar-Rapport Annwali tal-Attività 2019 tad-DĠ DEVCO u fuq l-istudju tiegħu dwar ir-RER huwa ppreżentat fid-dettall fir-Rapport Annwali tagħna dwar it-8, id-9, l-10 u l-11-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp.

---

<sup>8</sup> L-ammont f'riskju fil-waqt tal-għeluq jirrappreżenta d-differenza bejn l-ammont f'riskju fil-waqt tal-pagament u l-korrezzjonijiet stmati (EUR 15,1 miljun fl-2019).

# Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

## Konklużjonijiet

**8.23.** Il-kampjun tat-tranżazzjonijiet kien maħsub biex jikkontribwixxi għad-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni kumplessiva tagħna aktar milli biex ikun rappreżentattiv tal-infiq taħt l-Intestatura 4 "Ewropa Globali" tal-QFP. Għalhekk, aħna ma kkalkulajniex ir-rata ta' żball għal din l-intestatura tal-QFP (ara l-paragrafu **8.5**). Minkejja dan, l-eżaminar li wettaqna tat-tranżazzjonijiet u tas-sistemi għibed l-attenzjoni għal tliet oqsma fejn jista' jsir titjib.

## Rakkomandazzjonijiet

**8.24.** L-*Annex 8.2* juri s-sejbiet tal-analiżi ta' segwitu li wettaqna għall-erba' rakkomandazzjonijiet li għamilna fir-Rapport Annwali 2016 tagħna, li kienu jirrikjedu azzjoni immedjata jew kellhom jiġu implimentati sal-2019. Il-Kummissjoni kienet implimentat bis-sħiħ tlieta minnhom, filwaqt li l-oħra kienet għet implimentata parzjalment<sup>9</sup>.

**8.25.** Ibbażat fuq dan ir-rieżaminar u fuq is-sejbiet u l-konklużjonijiet tagħna għall-2019, aħna nirrakkomandaw li l-Kummissjoni:

## Rakkomandazzjoni 8.1

Tiddivulga l-limitazzjonijiet tal-istudju dwar ir-RER fir-RAA 2020 tad-DĠ NEAR u RAA futuri tiegħu.

**Data mmirata għall-implimentazzjoni: saż-żmien meta jiġi ppubblikat ir-RAA li jmiss fl-ewwel tliet xhur tal-2021**

<sup>9</sup> Ir-RAA 2019 tad-DĠ NEAR ma ddivulgax l-iskop tal-istudju dwar ir-RER.

## Rakkomandazzjoni 8.2

---

Iżżid il-livell ta' fiduċja li juża d-DĠ NEAR fil-metodoloġija tiegħu biex jikkalkula r-rata tal-għotja biex ikun tal-istess livell li jiġi applikat għall-bqija tal-popolazzjoni RER, biex jirrifletti b'aktar preċiżjoni r-riskju ogħla fil-qasam tal-għotjiet taħt ġestjoni diretta.

**Data mmirata għall-implimentazzjoni: sa tmiem I-2021**

## Rakkomandazzjoni 8.3


---

Issaħħaħ il-kontrolli tad-DĠ NEAR, id-DĠ DEVCO, id-DĠ ECHO, id-DĠ CLIMA u I-FPI billi tidentifika u tipprevieni żbalji ripetuti (pereżempju nuqqas ta' sistemi ta' reġistrazzjoni tal-ħin u l-iddebitar ta' VAT ineliġibbli għal proġetti ffinanzjati mill-UE).

**Data mmirata għall-implimentazzjoni: sa tmiem I-2021**


## Annessi

### Anness 8.1 — Pagamenti mid-DĠ NEAR u d-DĠ DEVCO skont id-delegazzjoni



\* Dan l-isem ma għandux jinftiehem bħala rikonoxximent ta' Stat tal-Palestina u huwa mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet individwali tal-Istati Membri rigward din il-kwistjoni.

Sorsi: sfond tal-mappa ©OpenStreetMap - kontributori liċenzjati taħt il-liċenzja Creative Commons Attribution-ShareAlike 2.0 (CC BY-SA) u l-Qorti Ewropea tal-Awdituri, ibbażat fuq il-kontijiet annwali konsolidati tal-Unjoni Ewropea għall-2019.



*Sorsi:* sfond tal-mappa ©OpenStreetMap - kontributuri liċenzjati taħt il-liċenzja Creative Commons Attribution-ShareAlike 2.0 (CC BY-SA) u l-Qorti Ewropea tal-Awdituri, ibbażat fuq il-kontijiet annwali konsolidati tal-Unjoni Ewropea għall-2019.



## Anness 8.2 — Segwitu tar-rakkomandazzjonijiet preċedenti

Sena	Rakkomandazzjoni tal-QEA	Analiżi mill-QEA tal-progress li sar					
		Implimentata bis-sħiħ	Qed tiġi implimentata		Mhux implimentata	Mhux applikabbli	Evidenza insuffiċjenti
			Fil-biċċa l-kbira mill-aspetti	F'xi wħud mill-aspetti			
2016	Aħna nirrakkomandaw li d-DĠ NEAR:  <b>Rakkomandazzjoni 1:</b> jaħdem flimkien mal-awtoritajiet tal-awditjar fil-pajjiżi beneficijarji tal-IPA II, għat-titjib tal-kompetenza tagħhom, partikolarment permezz tal-organizzazzjoni ta' seminars, l-istabbiliment ta' networks u l-użu tal-għodod disponibbli, bħal ġemellaġġ jew assistenza teknika;	X					
	<b>Rakkomandazzjoni 2:</b> jiżviluppa indiċijiet tar-riskju għat-titjib tal-valutazzjoni bbażata fuq il-mudelli ta' kontroll intern, biex b'hekk l-impatt tal-iżbalji jkun jista' jitkejjel aħjar;	X					
	<b>Rakkomandazzjoni 3:</b> jiddivulga b'mod ċar l-ambitu tal-istudju dwar ir-RER u l-limiti inferjuri u superjuri tal-iżball stmat fir-RAA tiegħu li jmiss;		X				
	<b>Rakkomandazzjoni 4:</b> ikompli jtejjeb aktar il-kalkolu tal-kapaċità korrettiva għall-2017 billi jindirizza n-nuqqasijiet li ġew identifikati f'dan ir-rapport annwali.	X					

## **Kapitolu 9**

**Amministrazzjoni – Intestatura 5 tal-QFP**

# Werrej

	Paragrafu
<b>Introduzzjoni</b>	9.1.-9.5.
<b>Deskrizzjoni qasira</b>	9.3.
<b>Ambitu u approċċ tal-awditjar</b>	9.4.-9.5.
<b>Regolarità tat-tranżazzjonijiet</b>	9.6.-9.12.
<b>Osservazzjonijiet dwar il-kampjun tat-tranżazzjonijiet</b>	9.7.-9.9.
Il-Parlament Ewropew	9.8.
Il-Kummissjoni Ewropea	9.9.
<b>Osservazzjonijiet dwar sistemi ta' superviżjoni u kontroll</b>	9.10.-9.12.
Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew	9.11.-9.12.
<b>Rapporti annwali tal-attività</b>	9.13.
<b>Osservazzjonijiet dwar istituzzjonijiet u korpi</b>	9.14.-9.19.
Żieda fl-għadd tal-persunal kuntrattwali u l-appropriazzjonijiet baġitarji relatati mill-2012 sal-2018	9.14.-9.19.
<b>Konklużjoni u rakkomandazzjonijiet</b>	9.20.-9.22.
<b>Konklużjoni</b>	9.20.
<b>Rakkomandazzjonijiet</b>	9.21.-9.22.
<b>Annessi</b>	
<b>Anness 9.1 – Riżultati tal-ittestjar tat-tranżazzjonijiet għal “Amministrazzjoni”</b>	
<b>Anness 9.2 – Segwitu tar-rakkomandazzjonijiet preċedenti</b>	

## Introduzzjoni


**9.1.** Dan il-kapitolu jippreżenta s-sejbiet tagħna għall-Intestatura 5 “Amministrazzjoni” tal-QFP. Il-**Kaxxa 9.1** tagħti stampa ġenerali tal-infiq tal-istituzzjonijiet u tal-korpi tal-UE taħt din l-intestatura fl-2019.


### Kaxxa 9.1

#### Intestatura 5 “Amministrazzjoni” tal-QFP – ripartizzjoni fl-2019

Pagamenti tal-2019 bħala sehem tal-baġit tal-UE u ripartizzjoni

(biljun EUR)





**9.2.** Aħna noħorġu rapporti separati dwar l-aġenziji u l-korpi l-oħra tal-UE<sup>1</sup> u dwar l-Iskejjel Ewropej<sup>2</sup>. Il-mandat tagħna ma jkoprix l-awditu finanzjarju tal-Bank Ċentrali Ewropew.

## Deskrizzjoni qasira

**9.3.** In-nefqa amministrattiva tinkludi n-nefqa fuq riżorsi umani, li tirrappreżenta madwar 60 % tat-total, u fuq bini, tagħmir, enerġija, komunikazzjoni u teknoloġija tal-informazzjoni. Ix-xogħol li wettaqna fuq medda ta' bosta snin jindika li dan l-infiq huwa ta' riskju baxx.

<sup>1</sup> Ir-rapporti annwali speċifiċi tagħna dwar l-aġenziji u l-korpi l-oħra huma ppubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali.

<sup>2</sup> Aħna noħorġu rapport dwar il-kontijiet annwali li jiġi ppreżentat lill-Bord tal-Gvernaturi tal-Iskejjel Ewropej, b'kopja lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

## Ambitu u approċċ tal-awditjar

**9.4.** Filwaqt li applikajna l-approċċ u l-metodi tal-awditjar ippreżentati fl-**Annex 1.1**, aħna eżaminajna dan li ġej għal din l-intestatura tal-QFP:

- (a) kampjun ta' 45 *tranżazzjoni*, li kien maħsub biex ikun rappreżentattiv tal-firxa sħiħa ta' nfiq taħt din l-intestatura tal-QFP. Il-kampjun ta' tranżazzjonijiet ittieħed minn kull istituzzjoni u korp tal-UE. L-objettiv tagħna kien li nikkontribwixxu għad-*dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni* kumplessiva, kif deskritt fl-**Annex 1.1**;
- (b) is-sistemi ta' superviżjoni u kontroll tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni u tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* (EDPS)<sup>3</sup>;
- (c) l-informazzjoni dwar ir-*regolarità* fir-rapporti annwali tal-attività tal-istituzzjonijiet u l-korpi kollha tal-UE, inklużi dawk tad-Direttorati Ġenerali (DĠ) u tal-uffiċċji tal-Kummissjoni li huma primarjament responsabbli għan-nefqa amministrattiva<sup>4</sup>, u l-konsistenza ġenerali ta' dik l-informazzjoni mar-riżultati proprji tagħna;
- (d) iż-żieda fl-għadd tal-persunal kuntrattwali, u l-pagamenti relatati, mill-2012 sal-2018 fl-istituzzjonijiet u l-korpi kollha (inklużi l-aġenziji eżekuttivi, iżda bl-esklużjoni tal-Ombudsman, l-EDPS, l-aġenziji deċentralizzati, l-Impriżi Konġunti u l-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija).

**9.5.** L-infiq proprju tagħna jiġi awditjat minn ditta esterna<sup>5</sup>. Ir-riżultati tal-awditu li din wettqet tar-rapporti finanzjarji tagħna għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2019 huma koperti mill-paragrafu **9.7**.

<sup>3</sup> L-awditu li wettaqna kien jinkludi eżaminar tal-elementi speċifiċi li ġejjin ta' kull sistema: l-istandards ta' kontroll intern, il-ġestjoni tar-riskju, il-kontrolli *ex ante* u *ex post*, ir-reġistru tal-eċċezzjonijiet, is-superviżjoni tal-ġestjoni, ir-rapporti dwar l-awditjar intern u l-miżuri kontra l-frodi.

<sup>4</sup> Id-DĠ Riżorsi Umani u Sigurtà (HR), l-Uffiċċju tal-Amministrazzjoni u l-Ħlas tal-Intitolamenti Individwali (PMO), l-Uffiċċju għall-Infrastruttura u Loġistika fi Brussell (OIB) u fil-Lussemburgu (OIL) u d-DĠ Informatika (DIGIT).

<sup>5</sup> PricewaterhouseCoopers, Société à responsabilité limitée, Réviseur d'Entreprises.

## Regolarità tat-tranżazzjonijiet

**9.6.** L-*Annex 9.1* jagħti stampa ġenerali tar-riżultati tal-ittestjar tat-tranżazzjonijiet. Mill-45 tranżazzjoni li eżaminajna, 3 (6,7 %) kien fihom *żbalji* kwantifikabbli. L-iżbalji li kkwantifikajna wasslu għal livell ta' żball stmat li jinsab taħt is-*soll ta' materjalità*.

### Osservazzjonijiet dwar il-kampjun tat-tranżazzjonijiet

**9.7.** Il-kwistjonijiet diskussi fil-paragrafi **9.8** u **9.9** jikkonċernaw lill-Parlament Ewropew u lill-Kummissjoni. Aħna ma identifikajniex problemi speċifiċi li jikkonċernaw lill-Kunsill, lill-Qorti tal-Ġustizzja, lill-Qorti tal-Awdituri, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, lill-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni, lill-Ombudsman Ewropew, lill-EDPS jew lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE).

#### Il-Parlament Ewropew

**9.8.** Qbadna żbalji f'pagament wieħed li sar lil partit politiku Ewropew. Dawn kienu jikkonċernaw in-nuqqas ta' konformità mar-regoli ta' eliġibbiltà tal-infiq; ma kien hemm l-ebda proċedura ta' akkwist, l-ebda dokument kuntrattwali bil-miktub u l-ebda evidenza ta' sostenn għall-ispejjeż verament imġarrba. Preċedentement, aħna konna rrapportajna nuqqasijiet simili fi tranżazzjonijiet relatati ma' gruppi politiċi u ma' partit politiku Ewropew<sup>6</sup>.

#### Il-Kummissjoni Ewropea

**9.9.** Aħna sibna inqas żbalji relatati mal-ispejjeż għall-persunal u mal-ġestjoni tal-allowances tal-familja mill-PMO meta mqabbla ma' snin preċedenti<sup>7</sup>. Il-PMO diġà kkoreġa l-iżbalji li sibna din is-sena.

### Osservazzjonijiet dwar sistemi ta' superviżjoni u kontroll

**9.10.** Minbarra l-punti li tqajmu fil-paragrafi **9.11** u **9.12**, li prinċipalment jikkonċernaw il-politiki li jittrattaw il-funzjonijiet sensitivi, aħna ma identifikajniex xi

<sup>6</sup> Ara l-paragrafu 9.11 tar-Rapport Annwali 2014, il-paragrafu 9.11 tar-Rapport Annwali 2015, il-paragrafu 10.15 tar-Rapport Annwali 2016.

<sup>7</sup> Ara l-paragrafu 10.8 tar-Rapport Annwali 2018.

problemi speċifiċi rigward is-sistemi ta' superviżjoni u kontroll tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni jew tal-EDPS.

## Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

**9.11.** Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) għadu ma żviluppax politika dwar il-funzjonijiet sensitivi f'konformità mal-istandards ta' kontroll intern tiegħu. Huwa ma ħareġ l-ebda definizzjoni ta' karigi jew funzjonijiet sensitivi, u lanqas wettaq analiżi tar-riskju bil-ħsieb li jadotta kontrolli għall-mitigazzjoni tar-riskju u, fl-aħħar mill-aħħar, politika tal-mobbiltà interna. Fid-dawl tad-daqs tal-korp u tan-natura ta' xogħlu, dawn kollha jkunu meħtieġa.

**9.12.** Aħna sibna wkoll li l-KESE ilu mill-2014 ma jwettaq valutazzjoni komprensiva tar-riskju. Direttorat wieħed biss identifika r-riskji marbuta mal-ilħuq tal-objettivi tiegħu, iżda għadu ma pproponiex kontrolli għall-mitigazzjoni li jkunu jnaqqsu dawk ir-riskji għal livell aċċettabbli.



## Rapporti annwali tal-attività

**9.13.** Ir-*rapporti annwali tal-attività* li rrieżaminajna ma identifikawx livelli materjali ta' żball.

# Osservazzjonijiet dwar istituzzjonijiet u korpi

**Żieda fl-għadd tal-persunal kuntrattwali u l-appropriazzjonijiet baġitarji relatati mill-2012 sal-2018**

**9.14.** L-adozzjoni fl-2014 tar-Regolamenti tal-Persunal riveduti kienet akkumpanjata minn impenn tal-istituzzjonijiet u l-korpi biex inaqqsu b'mod gradwali l-għadd ta' postijiet (uffiċjali u persunal temporanju) fit-tabelli tal-persunal tagħhom<sup>8</sup> b'5 % qabel l-2018 meta mqabbla mas-sitwazzjoni fl-2012. Dan, aħna eżaminajnieh fir-Rapport Annwali tagħna għall-2016 u ppubblikajna analiżi rapida dwar każ speċifiku dwar dan is-suġġett lejn tmiem l-2017<sup>9</sup>. Ix-xogħol tal-awditjar tagħna għall-2019 kien jinkludi analiżi addizzjonali tal-użu tal-persunal kuntrattwali mill-2012 sal-2018 (ara l-*Kaxxa 9.2*).

---

<sup>8</sup> It-tabella tal-persunal tistabbilixxi l-għadd ta' postijiet disponibbli għal istituzzjoni, korp jew aġenzija għal persunal permanenti u temporanju.

<sup>9</sup> Ara l-paragrafi 10.9 sa 10.13 tar-Rapport Annwali 2016 tagħna u r-Rapport Analitiku Nru 2/2017 tal-QEA: Analiżi rapida dwar każ speċifiku li jirrigwarda l-implimentazzjoni tat-tnaqqis ta' 5 % fil-postijiet għall-persunal [www.eca.europa.eu](http://www.eca.europa.eu)).

## Kaxxa 9.2

### Ir-Regolamenti tal-Persunal u l-persunal kuntrattwali

Skont l-Artikoli 3a u 3b tal-Kundizzjonijiet tal-Impjegat ta' Aġenti Oħra tal-UE (CEOS), il-persunal kuntrattwali jiġi rreklutat permezz ta' kuntratti li jistgħu jinbidlu f'kuntratt fuq perjodu indefinit jew kuntratti għal terminu fiss ta' mhux inqas minn tliet xhur sa massimu ta' sitt snin, rispettivament. Ta' spiss il-membri tal-persunal kuntrattwali jitħallsu mill-baġit għall-persunal estern u ma jiġux assenjati għal postijiet fit-tabella tal-persunal.

Il-persunal kuntrattwali huwa impjegat f'erba' gruppi tal-funzjoni (FG I sa FG IV). L-Artikolu 80 tas-CEOS jistabbilixxi rabta bejn kull grupp tal-funzjoni (FG) u d-dmirijiet li jistgħu jitwettqu mill-persunal kuntrattwali:

- FG I għal kompiti ta' servizz ta' appoġġ manwali u amministrattiv;
- FG II għal kompiti klerikali u segretarjali, kompiti ta' amministrazzjoni ta' uffiċċju u kompiti ekwivalenti oħra;
- FG III għal kompiti eżekuttivi, kompiti ta' abbozzar, tal-kontijiet u tekniċi ekwivalenti oħra;
- FG IV għal kompiti amministrattivi, ta' konsulenza, lingwistiċi u tekniċi ekwivalenti.

**9.15.** Aħna sibna li l-istituzzjonijiet u l-korpi<sup>10</sup> kienu naqqsu t-tabelli tal-persunal tagħhom b'1 409 post (3 %) u fl-istess ħin kienu żiedu b'mod gradwali r-reklutaġġ tal-persunal kuntrattwali. Matul dak il-perjodu, il-proporzjon ta' persunal kuntrattwali fil-previżjonijiet dwar il-forza tax-xogħol totali<sup>11</sup> kiber minn 17 % għal 22 %<sup>12</sup>.

<sup>10</sup> Din it-taqsimha ma tkoprix l-għadd tal-persunal impjegat mal-Ombudsman Ewropew jew mal-EDPS.

<sup>11</sup> Il-forza tax-xogħol hija ddefinita hawnhekk bħala uffiċċjali permanenti u temporanji u persunal kuntrattwali. Ma tinkludix relazzjonijiet kuntrattwali oħra, bħal pereżempju l-impjegati lokali, il-persunal *interim*, l-esperti nazzjonali sekondati, it-trainees, eċċ.

<sup>12</sup> Fl-2018, il-proporzjon kien ta' 21 % għall-Kummissjoni, 21 % għall-Parlament Ewropew, 24 % għas-SEAE u 77 % għall-aġenziji eżekuttivi. Għall-istituzzjonijiet u l-korpi l-oħra kien ħafna aktar baxx.

**9.16.** Iż-żieda fl-għadd tal-persunal kuntrattwali fi tmiem is-sena (ara l-*Kaxxa 9.3*) tvarja b'mod sinifikanti minn istituzzjoni, korp jew aġenzija eżekuttiva għal oħra. Filwaqt li din hija parzjalment dovuta għal differenzi fid-daqs tal-entitajiet, hija tirrifletti wkoll l-impatt, fuq l-għadd tal-persunal, ta' kompiti ġodda ġejjin minn prijoritajiet li jevolvu malajr, bħal pereżempju:

- ix-xogħol addizzjonali mwettaq miċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka (JRC) f'isem dipartimenti oħra tal-Kummissjoni u partijiet terzi, u s-sostituzzjoni tad-detenturi tal-għotjiet impjegati preċedentement taħt il-liġi nazzjonali<sup>13</sup> minn għadd kbir ta' persunal ta' appoġġ xjentifiku u tekniku rekrutat fl-FG IV;
- l-implimentazzjoni ta' programmi ġodda<sup>14</sup> iddelegata mill-Kummissjoni lill-aġenziji eżekuttivi li kienet newtrali f'termini baġitarji u f'termini tal-persunal tal-Kummissjoni ttrasferit;
- l-internalizzazzjoni tas-servizzi ta' appoġġ fil-Parlament Ewropew (aġenti tas-sigurtà u xufiera impjegati fl-FG I);
- ir-responsabbiltajiet ġodda mqiegħda fuq is-SEAE b'mod partikolari fl-oqsma tal-politika ta' sigurtà u ta' difiża komuni u l-pjan ta' azzjoni kontra d-Diżinformazzjoni. Is-SEAE saħħaħ ukoll is-sigurtà fiżika u tal-IT fid-Delegazzjonijiet tal-UE.


**9.17.** Iż-żieda fil-persunal kuntrattwali kienet ukoll rispons għal sitwazzjonijiet speċjali jew urġenti, bħall-kriżi tal-migrazzjoni. Fl-aħħar nett, għal xi istituzzjonijiet, kien hemm żieda fil-persunal kuntrattwali fl-FG I b'riżultat tal-konverżjoni tal-postijiet permanenti u temporanji għal segretarji/skrivani f'postijiet għal persunal kuntrattwali.

<sup>13</sup> Matul il-perjodu 2012-2018, l-għadd tal-membri tal-persunal kuntrattwali fi tmiem is-sena fl-FG IV fil-JRC żdied minn 38 għal 845.

<sup>14</sup> Dawn kienu jinkludu l-Programm Qafas ġdid għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (Orizzont 2020) u għadd ta' programmi relatati mat-trasport, l-enerġija u l-ICT (taħt il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa); il-kompetittività u l-SMEs (COSME); l-edukazzjoni, il-kultura u ċ-ċittadinanza (Ewropa Kreattiva, Erasmus+, Ewropa għaċ-Ċittadini); is-saħħa u l-konsumaturi (il-Programm għat-Taħriġ Imtejjeb għal Iżjed Sikurezza fl-Ikel, il-Programm Saħħa għat-Tkabir, u l-Programm tal-Konsumatur); u l-ambjent u l-azzjoni klimatika (LIFE). Ara SEC(2013) 493 final tat-18.9.2013 "Communication to the Commission on the delegation of the management of the 2014-2020 programmes to executive agencies".

## Kaxxa 9.3

### Żieda fl-għadd tal-persunal kuntrattwali impjegat mal-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji eżekuttivi tal-UE fi tmiem is-sena, 2012-2018




Sors: il-QEA, ibbażat fuq *data* fornuta mill-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji eżekuttivi tal-UE.

**9.18.** Fi tmiem is-sena 2018, l-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji eżekuttivi impjegaw 11 962 membru tal-persunal kuntrattwali, żieda ta' 37 % mill-2012 'il hawn. Il-biċċa l-kbira kienu impjegati mal-Kummissjoni Ewropea, l-aktar fl-FG IV, il-grupp tal-funzjoni l-aktar imħallas. Bl-istess mod, il-biċċa l-kbira tal-persunal kuntrattwali fl-aġenziji eżekuttivi kien fl-FG III u l-FG IV (763 u 715 rispettivament). Il-Kaxxa 9.4 turi l-bidla minn sena għal sena fl-għadd tal-persunal kuntrattwali f'kull grupp tal-funzjoni.

## Kaxxa 9.4

## Iż-żieda minn sena għal sena fl-għadd u fil-pagi tal-persunal kuntrattwali skont il-grupp tal-funzjoni, 2012-2018



Sors: il-QEA, ibbażat fuq *data* fornuta mill-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji eżekuttivi tal-UE.

**9.19.** Matul il-perjodu li ġie eżaminat, il-kont tas-salarji għall-persunal permanenti u temporanju impjegat mal-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji eżekuttivi żdied bi 12 % filwaqt li l-pagamenti totali lill-persunal kuntrattwali żdiedu b'59 %. Il-fattori prinċipali għaż-żewġ żidiet kienu l-espansjoni tal-forza tax-xogħol totali, segwita mill-indiċjar annwali tal-pagi, il-promozzjonijiet tal-persunal u ż-żidiet fl-iskala fi ħdan il-grad. Għall-persunal kuntrattwali, iż-żieda akbar irriżultat ukoll minn żieda fil-proporzjon ta' persunal fl-FG III u l-FG IV fost il-persunal kuntrattwali kollu. Il-kont totali tas-salarji għall-persunal permanenti u temporanju u għall-persunal kuntrattwali żdied bi 15 % minn EUR 4 116-il miljun fl-2012 għal EUR 4 724 miljun fl-2018.

# Konklużjoni u rakkomandazzjonijiet

## Konklużjoni

**9.20.** L-evidenza kumplessiva għall-awditjar li ksibna u ppreżentajna f'dan il-kapitolu tindika li l-livell ta' żball fl-infiq fuq "Amministrazzjoni" ma kienx materjali (ara l-[Anness 9.1](#)).

## Rakkomandazzjonijiet

**9.21.** L-[Anness 9.2](#) juri s-sejbiet tal-analiżi ta' segwitu li wettaqna għar-rakkomandazzjoni li għamilna lill-Parlament Ewropew fir-Rapport Annwali 2016 tagħna dwar il-gruppi politiċi. Minħabba l-iżbalji li sibna għall-2019 f'pagament li sar lil grupp politiku Ewropew (ara l-paragrafu [9.8](#)), aħna nqisu li din ir-rakkomandazzjoni għadha valida.

**9.22.** Ibażat fuq din l-analiżi u fuq is-sejbiet u l-konklużjonijiet tagħna għall-2019, aħna nirrakkomandaw li:

## Rakkomandazzjoni 9.1 – Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

---

Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew għandu jimplimenta politika biex jittratta l-funzjonijiet sensittivi, billi juża valutazzjoni tar-riskju komprensiva li twassal għall-identifikazzjoni ta' kontrolli għall-mitigazzjoni tar-riskju li jieħdu inkunsiderazzjoni id-daqs tal-Kumitat u n-natura ta' xogħlu (ara l-paragrafi [9.11](#) u [9.12](#)).

**Data mmirata għall-implimentazzjoni: sa tmiem l-2021.**

# Annessi

## Anness 9.1 Riżultati tal-ittestjar tat-tranżazzjonijiet għal “Amministrazzjoni”

	2019	2018
<b>DAQS U STRUTTURA TAL-KAMPJUN</b>		
Total tat-tranżazzjonijiet:	45	45
<b>IMPATT STMAT TA' ŻBALJI KWANTIFIKABBLI</b>		
Livell ta' żball stmat	<b>Ħieles minn żball materjali</b>	<b>Ħieles minn żball materjali</b>



## Anness 9.2 Segwitu tar-rakkomandazzjonijiet preċedenti

Sena	Rakkomandazzjoni tal-QEA	Analiżi mill-QEA tal-progress li sar					
		Implimentata bis-shiñ	Qed tiġi implimentata		Mhux implimentata	Mhux applikabbli	Evidenza insuffiċjenti
			Fil-biċċa l-kbira mill-aspetti	F'xi wħud mill-aspetti			
2016	<p>Aħna nirrakkomandaw li:</p> <p><b>Rakkomandazzjoni 1:</b></p> <p>il-Parlament Ewropew jirrieżamina l-qafas tiegħu għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni ta' approprjazzjonijiet baġitarji allokatu għal gruppi politiċi. Jenħtieġ li huwa jipprovdi wkoll gwida aħjar lill-gruppi politiċi u jimmonitorja b'mod aktar effettiv kif dawn japplikaw ir-regoli għall-awtorizzazzjoni u s-saldu tal-infiq, u kif iwettqu l-proċeduri ta' akkwist (ara l-paragrafu 10.15).</p>			X			

**Risposti tal-Istituzzjonijiet għar-  
Rapport Annwali dwar l-  
implimentazzjoni tal-baġit tal-UE għas-  
sena finanzjarja 2019**

# Werrej

	Pàgna
<b>Kapitolu 1</b>	
<b>Id-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni u informazzjoni ta' sostenn</b>	
<b>Risposti tal-Kummissjoni Ewropea</b>	<b>252</b>
<b>Kapitolu 2</b>	
<b>Ġestjoni baġitarja u finanzjarja</b>	
<b>Risposti konsolidati tal-Kummissjoni Ewropea u tal-Bank Ewropew tal-Investment</b>	<b>261</b>
<b>Kapitolu 3</b>	
<b>Dħul</b>	
<b>Risposti tal-Kummissjoni Ewropea</b>	<b>268</b>
<b>Kapitolu 4</b>	
<b>Kompetittività għat- tkabbir u l-impjegi</b>	
<b>Risposti tal-Kummissjoni Ewropea</b>	<b>272</b>
<b>Kapitolu 5</b>	
<b>Koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali</b>	
<b>Risposti tal-Kummissjoni Ewropea</b>	<b>279</b>
<b>Kapitolu 6</b>	
<b>Riżorsi naturali</b>	
<b>Risposti tal-Kummissjoni Ewropea</b>	<b>288</b>
<b>Kapitolu 7</b>	
<b>Sigurtà u ċittadinanza</b>	
<b>Risposti tal-Kummissjoni Ewropea</b>	<b>292</b>
<b>Kapitolu 8</b>	
<b>Ewropa Globali</b>	
<b>Risposti tal-Kummissjoni Ewropea</b>	<b>293</b>
<b>Kapitolu 9</b>	
<b>Amministrazzjoni</b>	
<b>Risposti tal-Parlament Ewropew</b>	<b>297</b>
<b>Risposti tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew</b>	<b>298</b>

**TWEĠIBIET TAL-KUMMISSJONI GĦAR-RAPPORT ANNWALI TAL-2019 TAL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI**

**“KONTRIBUT GĦAR-RAPPORT ANNWALI 2019 – KAPITOLU 1 – ID-DIKJARAZZJONI TA’ ASSIGURAZZJONI U L-INFORMAZZJONI TA’ SOSTENN”**

**INTRODUZZJONI**

It-tweġiba Komuni tal-Kummissjoni għall-paragrafi 1.1 sa 1.6:

L-2019 kienet l-aħħar sena tal-leġiżlatura 2014–2019, b’hekk l-enfasi kienet fuq it-tlestija tal-ħidma fuq il-prijoritajiet tal-Kummissjoni Juncker u t-tnejja tat-tranżizzjoni għal Kummissjoni ġdida mmexxija mill-President von der Leyen.

Il-baġit tal-UE jikkontribwixxi għat-tiġid tal-ekonomija Ewropea u jagħmilha aktar reżiljenti.

Il-Kummissjoni tagħti importanza kbira lill-iżgurar li l-baġit tal-UE jintefaq b’mod responsabbli u korrett, u lill-ħidma mal-partijiet kollha involuti sabiex tiżgura li dan jagħti riżultati tanġibbli fil-prattika.

Il-Kummissjoni tissorvelja bir-reqqa l-implimentazzjoni tal-baġit tal-UE. Jekk jinstab li l-Istati Membri, l-intermedjarji jew il-benefiċjarji finali jkunu nefqu l-flus tal-UE b’mod skorrett, il-Kummissjoni tiegħi passi immedjati biex tikkoreġi dawn l-iżbalji u tirkupra l-fondi skont kif ikun meħtieġ.

Il-Kummissjoni analizzat bir-reqqa r-rapport annwali tal-QEA. Dan ir-rapport, kif kien il-każ fil-passat, se jikkontribwixxi biex jinkisbu ulterjorment l-ogħla standards fil-ġestjoni finanzjarja. Il-Kummissjoni tagħmel hiliha biex **issib il-bilanċ it-tajjeb bejn livell baxx ta’ żbalji, pagamenti rapidi u spejjeż raġonevoli tal-kontrolli.**

Grazzi għall-isforzi tal-QEA u tal-Kummissjoni, il-ġestjoni finanzjarja tal-baġit tal-UE tgiebet maż-żmien u l-livelli ta’ żball naqsu biex firxiet joqorbu lejn il-limitu ta’ materjalità ta’ 2 % f’dawn l-aħħar snin, ħliet f’xi oqsma ta’ politika speċifiċi.

**REGOLARITÀ TAT-TRANŻAZZJONIJIET**

L-iżball ikompli jkun preżenti f’tipi speċifiċi ta’ nfiq

1.18 a) Rigward in-naħa tad-**dħul** tal-baġit tal-UE, il-Kummissjoni taqbel mal-QEA li dan il-qasam huwa **ħieles minn żbalji materjali.**

B’referenza għar-Riżorsi Proprji Tradizzjonali, il-Kummissjoni qed ittejjeb il-valutazzjoni tar-riskju tagħha għall-ippjanar tal-ispezzjonijiet u qed tkompli tistinka biex tagħlaq malajr punti miftuħa pendenti fit-tul, skont ukoll il-kooperazzjoni tal-Istati Membri.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni għamlet passi importanti biex tgħin fl-identifikazzjoni tal-operaturi ekonomiċi riskjużi fil-livell tal-UE għall-awditjar a posteriori, bl-immarkar tat-tranżazzjonijiet li jkunu meqjusin bħala riskju finanzjarju skont il-Kriterji ta’ Riskju Finanzjarju u bl-aġġornament tal-Gwida għall-Awditjar Doganali. Hija taħdem mill-qrib mal-Istati Membri biex issib soluzzjonijiet biex tidentifika l-importaturi li joperaw fi Stati Membri fejn ma għandhomx il-kwartieri ewlenin

tagħhom. Se jinkiseb aktar progress ladarba jsir disponibbli bażi tad-*data* madwar l-UE kollha li jkopri l-importazzjonijiet kollha (ara t-tweġibiet tal-Kummissjoni għall-paragrafi 3.11 sa 3.15).

b) Fir-rigward tan-naħa tan-**nefqa** tal-baġit tal-UE, l-istima proprja tal-Kummissjoni tar-**riskju fil-waqt tal-pagament għan-nefqa rilevanti tal-2019 hija ta' 2.1 %**. Dan huwa tabilħaqq ftit ogħla mil-livell limitu ta' materjalità ta' 2 %.

Madankollu, minħabba **n-natura pluriennali** tan-nefqa tagħha u l-istrateġiji ta' kontroll tagħha, il-Kummissjoni, bħala maniġer tal-baġit tal-UE, tista' tapplika korrezzjonijiet sal-għeluq tal-programm ta' finanzjament. Sabiex tqis dan, il-Kummissjoni tistma wkoll ir-riskju fl-għeluq, li jikkorrispondi għar-riskju fil-waqt tal-pagament bit-tnaqqis tal-korrezzjonijiet futuri stmati għas-segmenti kkonċernati tan-nefqa/programmi.

**Ir-riskju fl-għeluq huwa stmat għal 0.7 %** għall-baġit kollu tal-UE għall-2019. Dan huwa ferm taħt il-limitu ta' materjalità ta' 2 %, f'konformità kemm mal-livelli milħuqa fis-snin preċedenti sa mill-2016 kif ukoll mal-objettiv tal-Kummissjoni.

Dan juri li ladarba l-Kummissjoni u l-Istati Membri jkunu ngħataw żmien biex jeżerċitaw il-kapaċità korrettiva tagħhom u l-Kummissjoni tuża l-għodod superviżorji għad-dispożizzjoni tagħha f'konformità mal-obbligi tagħha skont il-bażijiet ġuridiċi settorjali differenti, ir-riskju reali fl-għeluq fl-aħħar mill-aħħar se jkun ferm inqas minn 2 % anki għal kull sena ta' rappurtar.

Fir-rigward tan-**nefqa b'riskju għoli**, ir-regoli kumplessi tabilħaqq jikkontribwixxu għal riskju ogħla ta' żball. Għalhekk, il-Kummissjoni qed taħdem kontinwament biex tissimplifika r-regoli sa fejn ikun possibbli u biex iżżid l-użu ta' mekkaniżmi ta' twassil aktar sempliċi bħall opzjonijiet ta' spejjeż semplifikati. It-tnaqqis tal-burokrazija għall-benefiċjarji u t-tnaqqis tal-kumplessità kien wieħed mill-prinċipji ta' gwida għall-proposti tal-Kummissjoni rigward il-Qafas Finanzjarju Pluriennali li jmiss, li qies ukoll ir-rakkomandazzjonijiet li għamlet il-Qorti Ewropea tal-Awdituri.

Bħala maniġer tal-baġit tal-UE, il-Kummissjoni tfassal il-metodoloġija komuni tagħha b'mod xieraq għall-ispeċifitàjiet tal-ambjenti tar-riskju, tal-kontroll u tal-ġestjoni tal-oqsma ta' nfiq differenti, sabiex tissodisfa b'mod effettiv l-obbligi ta' rappurtar tagħha u tiproteġi l-baġit tal-UE (ara wkoll it-tweġiba tal-Kummissjoni għall-paragrafu 1.34).

Grazzi għall-valutazzjoni dettaljata tal-ġestjoni tagħha stess għal kull programm (ara r-Rapport Annwali dwar il-Ġestjoni u l-Prestazzjoni tal-2019, p. 61–62), il-Kummissjoni tqis li **l-ammonti f'riskju fil-waqt tal-pagament taħt il-livell limitu ta' materjalità ta' 2 % jammontaw għal 54 % tan-nefqa rilevanti u dawk ogħla minn 2 % għal 46 %**. Għal nefqa li titqies bħala ta' riskju għoli, il-Kummissjoni, abbażi tal-valutazzjoni tar-riskju tagħha, tagħmel identifikazzjoni dettaljata ta' dawk il-programmi li hija tqis li huma ta' riskju għoli u ta' dawk li tqis li huma ta' riskju baxx (jiġifieri b'livell ta' żball stmat aktar baxx mil-livell limitu ta' materjalità ta' 2 %). Dan jikkontribwixxi għall-konklużjoni tal-Kummissjoni li ftit inqas minn nofs in-nefqa rilevanti hija milquta minn żball materjali. (Ara wkoll it-tweġibiet tal-Kummissjoni għall-paragrafi 1.21-25, 29 u 44.).

Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni tinnotta b'sodisfazzjon li l-qasam ta' politika tar-riżorsi naturali jkompli jonqos b'aktar tnaqqis għal-livell ta' żball stmat ta' 1.9 %, li huwa taħt il-livell limitu ta' materjalità. Dan huwa konsistenti mar-rati ta' żball ippubblikati fir-Rapporti Annwali tal-Attività 2019 tad-DĠ AGRI, tad-DĠ MARE, tad-DĠ ENV u tad-DĠ CLIMA, skont it-tweġiba tal-Kummissjoni għall-paragrafu 6.8.

**Il-kumplessità tar-regoli u l-mod kif huma żbursati il-fondi tal-UE iħalli impatt fuq ir-riskju ta' żball**

It-tweġiba Komuni tal-Kummissjoni għall-paragrafi 1.19 u 1.20:

L-ewwel inċiż - Il-Kummissjoni hi sodisfatta bil-fatt li kemm il-QEA kif ukoll il-Kummissjoni **jaslu għall-istess konklużjoni li n-nefqa b'riskju baxx** (prinċipalment ibbażata fuq drittijiet) **għadha ħielsa minn żbalji materjali**.

It-tieni inċiż - Il-Kummissjoni tqis ukoll li **regoli kumplessi jikkontribwixxu għal riskju ogħla ta' żball**. Għalhekk, qed taħdem kontinwament biex tissimplifika r-regoli sa fejn ikun possibbli u biex iżżid l-użu ta' mekkaniżmi ta' twassil aktar sempliċi bħal opzjonijiet ta' spejjeż semplifikati. It-tnaqqis tal-burokrazija għall-benefiċjarji u t-tnaqqis tal-kumplessità kien wieħed mill-prinċipji ta' gwida għall-proposti tal-Kummissjoni rigward il-Qafas Finanzjarju Pluriennali li jmiss, li qies ukoll ir-rakkomandazzjonijiet li għamlet il-Qorti Ewropea tal-Awdituri. Madankollu, il-Kummissjoni għandha wkoll l-għan li tistabbilixxi objettivi ambizzjużi biex iżżid il-prestazzjoni tal-programmi. Il-kundizzjonijiet kumplessi u regoli ta' eliġibbiltà huma inerenti għall-politiki kkonċernati jew japplikaw fejn, sabiex jinkisbu objettivi ta' politika ambizzjużi, ikun meħtieġ immirar tal-ġhajjnuna jew sabiex jiġu rispettati l-prinċipji bażiċi tas-Suq Uniku (l-akkwist pubbliku jew ir-regoli dwar l-ġhajjnuna mill-Istat). Il-legalità u r-regolarità għandhom għalhekk ikunu bbilanċjati mal-kisba tal-objettivi tal-politika filwaqt li jitqiesu l-ispejjeż tal-konsenja.

Il-Kummissjoni qed tagħti appoġġ lill-awtoritajiet ta' implimentazzjoni kollha fl-Istati Membri u sħab oħra inkarigati mill-implimentazzjoni permezz ta' diversi azzjonijiet, laqgħat u noti ta' gwida u tivverifika li jitwettqu awditi suffiċjenti flimkien mal-awditi tagħha stess biex jiġu evitati u kkoreġuti aħjar l-iżbalji u b'mod aktar ġenerali tissaħħaħ il-kapaċità tal-Istati Membri li jittrattaw id-dispożizzjonijiet tal-perjodu ta' programmazzjoni attwali.

B'mod partikolari, għall-koeżjoni, l-azzjonijiet jiffukaw fuq il-ħtieġa li jiffavorixxu l-użu ta' għażliet ta' spejjeż semplifikati u jippromwovu trasparenza u kapaċità amministrattiva mtejbja dwar il-proċeduri tal-akkwist pubbliku u tal-ġhajjnuna mill-Istat, wara l-implimentazzjoni u l-aġġornamenti kostanti tal-Pjanijiet ta' Azzjoni dwar l-Akkwist Pubbliku u l-Ġhajjnuna mill-Istat.

*Aktar minn nofs il-popolazzjoni li awditjajna hija milquta minn żball materjali*

It-tweġiba Komuni tal-Kummissjoni għall-paragrafi 1.21 u 1.22:

Il-Kummissjoni tapplika **strategġiji ta' kontroll differenzjati** skont ir-riskju, filwaqt li tagħmel aktar sforzi fuq programmi u nefqiet b'riskju għoli.

Abbażi tal-analiżi dettaljata tal-ġestjoni tagħha stess għal kull programm (ara r-Rapport Annwali dwar il-Ġestjoni u l-Prestazzjoni tal-2019, p. 61–62), il-Kummissjoni tqis li l-ammonti f'riskju fil-waqt tal-pagament taħt il-livell limitu ta' materjalità ta' 2 % jammontaw għal 54 % tan-nefqa rilevanti totali u dawk ogħla minn 2 % għal 46 %. Għaldaqstant **il-Kummissjoni tqis li ftit inqas minn nofs in-nefqa rilevanti hija milquta minn żball materjali**.

Dan jirrigwarda: il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, u l-Fond ta' Koeżjoni (massimu ta' 3.8 %); il-Fond Soċjali Ewropew (massimu ta' 2.4 %); taħt ir-Riżorsi Naturali: miżuri tas-suq u żvilupp rurali (2.7 %); Għotjiet għar-riċerka ta' Orizzont 2020; għotjiet kumplessi oħra.

Minħabba l-kontrolli (ibbażati fuq ir-riskju) fis-seħħ, għan-nefqa li titqies bħala ta' riskju għoli, il-Kummissjoni tagħmel identifikazzjoni dettaljata ta' dawk il-programmi li hija tqis bħala ta' riskju għoli u ta' dawk li tqis li hemm riskju baxx (jiġifieri b'livell ta' żball stmat aktar baxx mil-livell limitu ta' materjalità ta' 2 %). In-nefqa meqjusa bħala ta' riskju baxx tikkonċerna, *pereżempju* xi segmenti ta' Orizzont 2020 (azzjonijiet Marie Skłodowska-Curie; Għotjiet tal-Kunsill Ewropew għar-Riċerka) u

nfiq ieħor ikklassifikat taħt l-intestatura “Kompetittività” (l-Aġenzija Spazjali Ewropea u l-Aġenzija tas-Sistemi Globali ta’ Navigazzjoni bis-Satellita; il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa; Erasmus+), flimkien ma’ parti kbira min-nefqa tal- “Ewropa Globali”.

1.23 Rigward il-**Koeżjoni** , il-Kummissjoni tinnota li l-livell ta’ żball ikkalkulat mill-QEA għall-Koeżjoni huwa aktar baxx mis-sena l-oħra.

Il-Kummissjoni tirrapporta fl-AMPR u fir-RAA firxa ta’ żbalji għall-politika ta’ koeżjoni li hija fi hdn il-firxa ta’ żball ikkalkulata mill-QEA. Il-Kummissjoni temmen li l-valutazzjoni dettaljata tagħha tirrifletti stima raġonevoli u ġusta tar-rati ta’ żball għal kull programm u b’mod kumulattiv għall-programmi kollha. Il-Kummissjoni tirreferi wkoll għall-firxiet ta’ żbalji inklużi r-riskji massimi (l-aġar xenarju possibbli) żvelati fl-AMPR tal-2019 u l-RAAs tad-DG REGIO u d-DG EMPL, li jirriżultaw minn analiżi dettaljata tas-sitwazzjoni ta’ kull wieħed mill-420 programm. Għall-FEŻR u l-FK, il-firxa ta’ żball hija bejn 2.7 % u 3.8 % u għall-FSE bejn 1.7 % u 2.4 %.

Kif inhu dejjem il-każ, il-Kummissjoni qed issegwi l-iżbalji kollha li nstabu mis-servizzi tagħha u mill-QEA u titlob korrezzjonijiet finanzjarji addizzjonali, fejn jitqies meħtieġ. Se tanalizza wkoll mal-awtoritajiet tal-awditjar ikkonċernati ir-raġunijiet sottostanti għal dawn il-kwistjonijiet li fadal u kif dawn jistgħu jiġu solvuti aktar. Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni tinnota li għandha l-għodod meħtieġa fis-seħħ biex tidentifika l-programmi jew partijiet mill-programmi f’riskju u biex tiegħu miżuri korrettivi addizzjonali, inklużi korrezzjonijiet finanzjarji addizzjonali kif meħtieġ, biex maż-żmien tiżgura żball residwu taħt it-2 % għall-programmi kollha f’kull sena kontabilistika.

Rigward tal-azzjonijiet meħuda biex jitnaqqsu l-iżbalji, il-Kummissjoni indirizzat gwida aġġornata lill-Istati Membri għall-perjodu ta’ programmazzjoni 2014-2020 li, flimkien mal-użu meħtieġ ta’ għażliet ta’ spejjeż simplifikati, għandhom l-għan li jtejbu aktar il-kwalità tal-verifiki ta’ ġestjoni.

Il-Kummissjoni elaborat Pjan ta’ Azzjoni għall-Akkwist Pubbliku, aġġornat diversi drabi mill-2014 u Pjan ta’ Azzjoni komuni dwar l-Għajnuna mill-Istat. Dawn l-azzjonijiet għandhom l-għan li jgħinu lill-amministraturi u lill-benefiċjarji tal-fondi tal-UE jtejbu l-prattiki tal-akkwist pubbliku tagħhom u jnaqqsu r-riskju ta’ irregolaritajiet marbuta mal-applikazzjoni tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat, permezz ta’ programmi ta’ tatriġ u t-tixrid ta’ informazzjoni rilevanti lill-partijiet ikkonċernati tal-Fondi SIE.

1.24 B’referenza għar-**riżorsi naturali**, il-Kummissjoni hija sodisfatta bis-sejba tal-QEA (il-Kapitolu 6, il-paragrafu 6.11) li l-pagamenti diretti tal-FAEG, li jirrappreżentaw 70 % tal-infiq taħt ir-riżorsi naturali, għadhom ħielsa minn żbalji materjali u l-livell ta’ żball stmat għall-kapitolu kollu jkun taħt il-limitu tal-materjalità. Din il-konklużjoni hija konsistenti mal-valutazzjoni tal-ġestjoni tal-Kummissjoni stess (ara r-rata ta’ żball għall-pagamenti diretti kif irrappurtat fir-Rapport Annwali tal-Attività 2019 tad-DG AGRI u ppreżentat fl-AMPR tal-2019).

Il-Kummissjoni tqis ukoll li n-nefqa b’riskju oġhla hija relatata ma’ miżuri tas-suq (riskju ta’ 2.8 % meta jsir il-pagament) u l-iżvilupp rurali (riskju ta’ 2.7 % meta jsir il-pagament).

Madankollu, abbażi tal-valutazzjoni dettaljata tal-ġestjoni tagħha stess għal kull programm (ara r-Rapport Annwali dwar il-Ġestjoni u l-Prestazzjoni tal-2019, p. 61–62), il-Kummissjoni tqis li l-Fond għall-Affarjiet Marittimi u s-Sajd (FEMS) huwa ta’ riskju baxx, peress li r-riskju tiegħu fil-waqt tal-pagament huwa inqas minn 2 %.

1.25 Fir-rigward tal-**Kompetittività**, il-Kummissjoni tqis li n-nefqa b’riskju oġhla taħt dan il-kapitolu hija relatata ma’ partijiet ta’ Orizzont 2020 u tikkondividi l-opinjoni dwar is-sorsi ewlenin ta’ żbalji.

Madankollu, abbażi tal-valutazzjoni dettaljata tal-ġestjoni tagħha stess għal kull programm (ara r-Rapport Annwali dwar il-Ġestjoni u l-Prestazzjoni tal-2019, p. 61-62), il-Kummissjoni tqis li xi partijiet tal-programmi ta' "riċerka" u/jew "kompetittività" (cf. L-azzjonijiet Marie Skłodowska-Curie; l-għotjiet tal-Kunsill Ewropew għar-Riċerka; l-Aġenzija Spazjali Ewropea u l-Aġenzija tas-Sistemi Globali ta' Navigazzjoni bis-Satellita; il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa; Erasmus+) huma ta' riskju baxx minħabba li r-riskji stmati tagħhom meta jsir il-pagament huma inqas minn 2 %.

1.26 B'referenza għal **Ewropa Globali**, abbażi tal-valutazzjoni dettaljata tal-ġestjoni tagħha stess għal kull programm (ara r-Rapport Annwali dwar il-Ġestjoni u l-Prestazzjoni tal-2019, p. 61-62), il-Kummissjoni tqis li n-nefqa b'riskju aktar baxx taħt dan il-kapitolu mhijiex limitata biss għas-segment tal-appoġġ baġitarju.

Kif irrappurtat b'mod trasparenti fir-Rapporti Annwali tal-Attività tad-Direttorati Ġenerali għar-Relazzjonijiet Esterni, il-biċċa l-kbira tas-segmenti tal-ġestjoni diretta u indiretta għandhom riskju baxx fil-waqt tal-pagament (minbarra l-għotjiet tal-ġestjoni diretta tal-ENI-IPA, li għalihom id-DĠ NEAR ħareġ riżerva u stabbilixxa pjan ta' azzjoni).

*L-iżbalji ta' eliġibbiltà għandhom l-akbar kontributur għal-livell ta' żball stmat għall-infiq b'riskju għoli*

1.27 Il-Kummissjoni taqbel li r-regoli kumplessi tabilħaqq jikkontribwixxu għal riskju ogħla ta' żball. Għalhekk, qed taħdem kontinwament biex tissimplifika r-regoli sa fejn ikun possibbli u biex iżżid l-użu ta' mekkaniżmi ta' twassil aktar sempliċi bħal opzjonijiet ta' spejjeż semplifikati. It-tnaqqis tal-burokrazija għall-benefiċjarji u t-tnaqqis tal-kumplessità kien wieħed mill-prinċipji ta' gwida għall-proposti tal-Kummissjoni rigward il-Qafas Finanzjarju Pluriennali li jmiss, li qies ukoll ir-rakkomandazzjonijiet li għamlet il-Qorti Ewropea tal-Awdituri.

1.28 It-tweġiba Komuni tal-Kummissjoni għall-paragrafi 1.27 u 1.28:

Peress li l-programmi ta' nfiq tal-UE huma ta' xorta pluriennali, is-sistemi ta' kontroll u ċ-ċikli ta' ġestjoni relatati jkopru diversi snin ukoll. Dan ifisser li filwaqt li l-iżbalji jistgħu jinstabu f'sena partikolari, dawn jiġu kkoreġuti fis-snin attwali jew fis-snin sussegwenti wara li jkun sar il-pagament – sal-mument tal-għeluq, fi tmiem iċ-ċiklu tal-ħajja tal-programmi. Fl-2019, il-**miżuri korrettivi kkonfermati ammontaw għal EUR 1.5 biljun** (25 % ogħla milli fl-2018). Dawn huma prinċipalment relatati ma' żbalji li jaffettwaw il-pagamenti li saru fis-snin preċedenti.

Fl-2019, fir-rigward tal-koeżjoni, l-awtoritajiet tal-awditjar irrappurtaw għat-tieni sena l-irregolaritajiet li sabu fl-awditjar tal-operazzjonijiet wara tipoloġija komuni ta' żbalji maqbula mal-Kummissjoni u maqsuma bejn l-Istati Membri.

Il-biċċa l-kbira tal-irregolaritajiet identifikati mill-awtoritajiet tal-awditjar u l-Kummissjoni jikkonċernaw l-istess kategoriji ewlenin, kif identifikati mill-QEA: infiq ineliġibbli, kwistjonijiet ta' akkwist pubbliku, rekord defiċjenti tal-awditjar. Dan juri li l-awtoritajiet tal-awditjar b'mod xieraq jidentifikaw it-tipi differenti ta' irregolaritajiet li jikkontribwixxu għar-rata ta' żball, iżda mhux fil-każijiet kollha. Dan hu inerenti għal proġetti u regoli kumplessi.

Il-Kummissjoni se tkompli tanalizza wkoll, flimkien mal-awtoritajiet tal-awditjar ikkonċernati, ir-raġunijiet sottostanti għal dawn il-kwistjonijiet li fadal u kif dawn jistgħu jiġu solvuti aktar.

Għan-nefqa tal-Politika Agrikola Komuni, ir-raġunijiet u l-Aġenziji tal-Pagamenti kkonċernati ġew identifikati u l-Pjanijiet ta' Azzjoni ntalbu fejn meħtieġ.



Għall-programm H2020, il-Kummissjoni ħadet azzjonijiet bħas-simplifikazzjoni tal-mudell tal-ftehim ta' għotja, komunikazzjoni aktar ċara dwar ir-regoli ta' eliġibbiltà u estensjoni ulterjuri tal-finanzjament b'somma f'daqqa.

*Aħna ma sibniex livell materjali ta' żball f'infiq b'riskju baxx*

1.30 Abbażi tal-valutazzjoni dettaljata tal-ġestjoni tagħha stess għal kull programm (ara r-Rapport Annwali dwar il-Ġestjoni u l-Prestazzjoni tal-2019, p. 61–62), il-Kummissjoni tqis li (partijiet minn) programmi ta' finanzjament li għandhom jitqiesu bħala ta' riskju baxx, li jfisser li r-riskju assoċjat fil-waqt tal-pagament huwa inqas minn 2 %, jammontaw għal EUR 80 biljun jew 54 % tan-nefqa rilevanti fl-2019.

Dan jinkludi: l-agrikoltura – pagamenti diretti; il-Fond Marittimu u tas-Sajd; l-azzjonijiet Marie Skłodowska-Curie; l-għotjiet tal-Kunsill Ewropew għar-Riċerka; l-Aġenzija Spazjali Ewropea u l-Aġenzija tas-Sistemi Globali ta' Navigazzjoni bis-Satellita; il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa; l-Erasmus+; il-Fond AMIF għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni; l-appoġġ baġitarju, is-sussidji, in-nefqa amministrattiva, eċċ.

Fir-rigward tal-appoġġ baġitarju, il-Kummissjoni tenfasizza li l-appoġġ baġitarju għall-pajjiżi mhux tal-UE huwa kompletament ibbażat fuq il-prestazzjoni, li fih l-iżborżi huma kontinġenti fuq l-issodisfar tal-kriterji ta' eliġibbiltà ġenerali u l-indikaturi tal-prestazzjoni speċifiċi kollha qabel ma jsir il-pagament. Il-kuntratti ta' appoġġ baġitarju jiġu sospiżi jew jitwaqqfu, meta dawn il-kundizzjonijiet ma jibqgħux jiġu ssodisfati. Għalhekk, hija strettament marbuta mar-riżultati aktar milli tkun ibbażata fuq id-drittijiet.

### **L-informazzjoni dwar ir-regolarità tal-Kummissjoni**

1.32 Il-Kummissjoni **ttenni l-appoġġ tagħha għall-inizjattiva tal-QEA biex tuża aktar**, fil-kuntest tad-Dikjarazzjoni ta' Assigurazzjoni, **informazzjoni dwar il-legalità u r-regolarità rrapportata mill-Kummissjoni** permezz tar-rapportar finanzjarju u ta' responsabbiltà integrat, speċjalment issa li l-konklużjonijiet taż-żewġ istituzzjonijiet imorru lil hinn fl-istess direzzjoni. Sa mill-bidu, il-Kummissjoni akkumpanjat b'mod kostruttiv id-deċiżjoni tal-QEA u kkooperat mill-qrib magħha, b'mod partikolari dwar l-implimentazzjoni tal-approċċ pilota fil-Koeżjoni u ssuġġeriet ideat biex jingħelbu xi wħud minn dawn id-diffikultajiet. Abbażi tat-tagħlimiet meħuda u l-progress miksub, il-Kummissjoni se tkompli tappoġġa lill-QEA fl-approċċ tagħha li tuża r-riżultati tal-awditijiet mwettqa mill-awtoritajiet nazzjonali bħala bażi għall-analiżi tal-legalità u r-regolarità tan-nefqa għall-koeżjoni.

Fir-rigward tal-proġett pilota tal-QEA għall-Koeżjoni, għall-maġġoranza tal-programmi tal-Politika ta' Koeżjoni, is-servizzi tal-Kummissjoni jiksbu informazzjoni tal-awditjar f'waqtha u affidabbli għall-proċess ta' aċċertament tagħhom. Madankollu, il-verifiki meħtieġa (iċ-ċiklu tal-awditjar) jistgħu jieħdu aktar minn sena. L-informazzjoni dwar ir-rati ta' żball ikkonfermati (il-maġġoranza tal-programmi) u dwar l-għadd żgħir ta' rati ta' żball li għadhom ma setgħux jiġu kkonfermati hija divulgata bi trasparenza sħiħa fir-RAA tad-DĠs ikkonċernati kull sena. Barra minn hekk, l-awditijiet nazzjonali u tal-UE jistgħu jitwettqu legalment matul mill-inqas tliet snin wara s-sena li fiha ġew ippreżentati l-kontijiet. Dan huwa importanti biex il-Kummissjoni tkun tista' twettaq ir-responsabbiltajiet tagħha fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit tal-UE skont il-programmi pluriennali.

Barra minn hekk, meta l-proċessi kontradittorji jagħmluha impossibbli li jkun hemm riżultati finali tal-awditjar sar-RAA li jmiss, is-servizzi tal-Kummissjoni jieħdu approċċ prudenti għar-rata medja tar-riskju residwu u l-opinjoni tal-awditjar irrapportati u jqisu l-aġħar xenarju possibbli għall-Indikatur Ewlieni tal-Prestazzjoni dwar il-legalità u l-opinjoni tal-awditjar fir-RAA. Għal tali programmi,

hija meħtieġa aktar evidenza għall-awditjar biex jiġi vverifikat jekk l-aġħar xenarju possibbli tar-riskju rrapportat jimmaterializzax. Ara wkoll it-tweġibiet tal-Kummissjoni pprovduti taħt il-paragrafi 5.52 u 5.58 fil-Kapitolu 5.

**Il-Kummissjoni tinsab lesta li tkompli d-diskussjonijiet** sabiex tistabbilixxi l-kundizzjonijiet meħtieġa biex timxi 'l quddiem b'dan il-proċess, filwaqt li tqis il-qafas legali eżistenti, l-ispeċifitàjiet tal-programmi differenti ta' nfiq u n-natura pluriennali tagħhom.

It-tweġiba Komuni tal-Kummissjoni għall-paragrafi 1.33 u 1.34:

Il-Kummissjoni, bħala l-manijer tal-baġit tal-UE, għandha rwol speċifiku u tfassal l-approċċ tagħha fil-kontroll tal-fondi tal-UE kif xieraq. Dan l-approċċ huwa differenti minn dak segwit mill-QEA fir-rwol tagħha ta' awditur. Dan jista' jirriżulta f'xi differenzi bejn l-istima tal-livell ta' żball miż-żewġ istituzzjonijiet.

L-istima tal-Kummissjoni tar-riskju fil-waqt tal-pagament ma jitħallasx għall-baġit kollu tal-UE ppreżentata fl-AMPR tirriżulta mill-aggregazzjoni tar-riskji fil-waqt tal-pagament divulgati fir-RAA.

Minbarra r-riskju fil-waqt tal-pagament, il-Kummissjoni tippreżenta u tistma wkoll ir-riskju fl-għeluq, li huwa stima tal-iżbalji li se jibqgħu fi tmiem iċ-ċiklu tal-ħajja tal-programmi, ladarba jkunu saru l-kontrolli u l-korrezzjonijiet ex post kollha (dawk li se jseħħu bejn iż-żmien tar-rappurtar u t-tmiem taċ-ċiklu tal-ħajja tal-programm).

Madankollu, minħabba n-natura pluriennali tan-nefqa tagħha u l-istrateġiji ta' kontroll tagħha, il-Kummissjoni, bħala manijer tal-baġit tal-UE, tista' tapplika korrezzjonijiet sal-għeluq tal-programm ta' finanzjament.

Dan juri li ladarba l-Kummissjoni u l-Istati Membri jkunu ngħataw żmien biex jeżerċitaw il-kapaċità korrettiva tagħhom u l-Kummissjoni tuża l-għodod superviżorji għad-dispożizzjoni tagħha f'konformità mal-obbligi tagħha skont il-bażijiet ġuridiċi settorjali differenti, ir-riskju reali fl-għeluq fl-aħħar mill-aħħar se jkun ferm inqas minn 2 % anki għal kull sena ta' rappurtar.

1.34L-istima tal-Kummissjoni tar-riskju fil-waqt tal-pagament għall-2019 hija ta' 2.1 %, li hija fil-medda kkalkulata mill-QEA .

#### Hemm xi kwistjonijiet bil-komponenti tal-istimi tal-Kummissjoni

It-tweġiba Komuni tal-Kummissjoni għall-paragrafi 1.35 u Kaxxa 1.11:

Kaxxa 1.11 – Fir-rigward tal-PAK taħt ir-Riżorsi naturali, il-Kummissjoni tikkonferma li tqis li huwa meħtieġ li jiġu applikati aġġustamenti għar-riżultati tal-kontrolli tal-Istati Membri sabiex jiġi vvalutat ir-riskju fil-waqt tal-pagament. Dawn l-aġġustamenti huma bbażati fuq ir-riżultati tax-xogħol tal-Korpi taċ-Ċertifikazzjoni (li l-Kummissjoni tqis li tjejb b'mod konsiderevoli) u fuq l-awditjoni tal-Kummissjoni stess, biex b'hekk tiġi żgurata valutazzjoni affidabbli tal-livell ta' żball stmat. Ara wkoll it-tweġiba tal-Kummissjoni għall-paragrafi 6.30 u 6.31.

Il-Kummissjoni tinnota b'sodisfazzjon li r-riskju fil-waqt tal-pagament għan-nefqa tal-PAK ta' 1.9 % huwa konsistenti mal-livell ta' żball stmat tal-QEA għar-Riżorsi Naturali.

Fir-rigward tal-**Koeżjoni**, Il-Kummissjoni tissottolinja li, fil-mument tal-approvazzjoni tar-RAA, in-nefqa ddikjarata fis-sena kalendarja taħt ir-rendikont tal-ispejjeż hija koperta miż-żamma ta' 10 % fuq il-pagamenti interim. Il-Kummissjoni kienet diġà aġġornat Il-Indikatur Ewlieni tal-Prestazzjoni tagħha

dwar il-legalità (KPI 5) fir-RAA tal-2018 f'konformità mar-rakkomandazzjoni 4 tar-Rapport Annwali tal-2017 tal-QEA. Il-Kummissjoni tanalizza bir-reqqa r-rati ta' żball irrappurtati mill-awtoritajiet tal-awditjar u żżidhom meta jkun hemm bżonn, u filwaqt li tqis aktar inċertezzi għal għadd ta' programmi tikkalkula firxa ta' riskji inkluż l-aġġar xenarju possibbli (ara t-tweġibiet tal-Kummissjoni għall-paragrafi 1.23 u 1.32).

Fir-rigward ta' **Global Europe**, kif iddikjarat fil-Kapitolu 8 ta' dan ir-rapport annwali (il-paragrafu 8.16), ma kien hemm l-ebda stima li dehret fl-Istudju tal-2019 tad-DĠ NEAR dwar l-RER u kienu biss 3 minn 357 tranżazzjoni li kienu soġġetti għal stimi fl-istudju tal-2019 tad-DĠ DEVCO dwar ir-RER. Skont il-manwal RER, stima tista' ssir biss meta d-dokumentazzjoni ma tkunx ipprovduta għal raġuni loġistika jew legali. Fil-każijiet l-oħra kollha, ikun hemm żball kwantifikat.

Il-Kummissjoni tinnotta li d-dipendenza sħiħa naqset fl-istudju tal-2019 tad-DĠ NEAR dwar ir-RER, u tqis li ma kienx hemm dipendenza żejda fuq ix-xogħol ta' kontroll ta' awdituri oħra. Deċiżjonijiet ta' dipendenza sħiħa u parzjali jittieħdu f'każijiet ġustifikati. Jitwettqu kontrolli biex jiġi deċiż jekk għandhiex issir dipendenza sħiħa jew parzjali fuq xogħol preċedenti, u dawn il-kontrolli huma mfassla biex jidentifikaw żbalji li ma jinqabdux minn xogħol ta' kontroll minn qabel. Jekk ma jkunx hemm fiduċja fil-ħidma tal-kontroll tal-awdituri l-oħrajn meta din titqies tajba, dan jissoġġetta lill-benefiċjarju għal żewġ awditi/verifiki tal-istess tranżazzjoni.

Il-metodoloġija relatata mar-RER tinkludi kontrolli tal-akkwist pubbliku li jkopru, fost affarijiet oħra, ir-rifjut tal-kandidati, il-konformità mal-kriterji tal-għażla u tal-għoti, kemm għall-akkwist tal-livell primarju kif ukoll għall-akkwist tal-livell sekondarju, kif ukoll għotjiet diretti.

Il-Kummissjoni tirreferi wkoll għat-tweġibiet dettaljati tagħha fil-Kapitolu 8 u fir-rapport annwali tal-FEŻ tal-QEA.

1.36 Skont ir-Regolament Finanzjarju (l-Artikolu 247.1. (b)), it-Taqsima 2 tal-AMPR tal-Kummissjoni trid tkun sommarju tar-Rapporti Annwali tal-Attività tal-Uffiċjali Awtorizzanti b'Delega.

1.37 L-ewwel inċiż - L-istima tal-Kummissjoni tar-riskju fil-waqt tal-pagament għall-2019 hija ta' **2.0 % għal “Riċerka, industrija, spazju, enerġija u trasport” u 1.0 % għal “Politiki interni oħra**. Ir-riskji fl-għeluq huma ta' 1.5 % u 0.8 % rispettivament (ara l-Anness 3 tal-AMPR, tabella B, paġna 232).

Għalhekk, huwa fi ħdan il-qafas tal-livell ta' żball stmat tal-QEA.

It-tieni inċiż - L-istima tal-Kummissjoni tar-riskju fil-waqt tal-pagament għall-2019 hija ta' **3.1 % għal ‘Koeżjoni’**. Ir-riskju fl-għeluq huwa ta' 1.1 % (ara l-Anness 3 tal-AMPR, tabella B, paġna 232).

Fi ħdan din l-intestatura ġenerali ‘Koeżjoni’, l-istimi aktar dettaljati tal-Kummissjoni tar-riskju fil-waqt tal-pagament għall-2019 huma fil-medda ta' 2.7 %-3.8 % għall-FEŻR u fil-medda ta' 1.7 %-2.4 % għall-FSE (ara l-AMPR tal-2019, paġna 58, u r-RAA relatati).

1.38 Il-Kummissjoni hija sodisfatta li għar-riżorsi naturali ż-żewġ istituzzjonijiet laħqu l-istess riżultat fir-rigward tal-livell ta' żball stmat.

## **KONKLUŻJONIJIET**

1.46 Bħala konklużjoni, il-**Kummissjoni tagħti importanza kbira lill-ġestjoni finanzjarja tajba tal-baġit tal-UE**. Bħala l-maniġer tal-baġit tal-UE, il-Kummissjoni stabbiliet **strategġiji ta' kontroll pluriennali** mfassla biex jipprevjenu, jidentifikaw u jikkoreġu l-iżbalji.

Il-Kummissjoni tkompli tiegħu azzjonijiet biex tindirizza l-kumplessitajiet u tiżgura li l-iżbalji jiġu evitati u identifikati aħjar matul iż-żmien għall-programmi kollha.

Rigward in-naħa tad-**dħul** tal-baġit tal-UE, il-Kummissjoni tikkunsidra, f'konformità mal-QEA, li huwa **ħieles minn żbalji materjali**.

Rigward in-**nefġiet**, il-livelli ta' żball stmat tal-Kummissjoni għall-2019 huma fil-medda tal-QEA. L-istima tal-Kummissjoni tar-riskju kumplessiv fil-waqt tal-pagament fl-2019, ta' 2.1 %, turi wkoll żieda żgħira meta mqabbla mal-2018. Madankollu, ir-riskju globali fl-għeluq huwa stmat għal 0.7 %, ferm taħt il-livell limitu ta' materjalità ta' 2 %, u f'konformità mal-livell kemm tas-snin preċedenti kif ukoll tal-oġettiv tal-Kummissjoni. Dan iqis il-korrezzjonijiet futuri stmati li l-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom il-kapaċità li jimplimentaw bl-użu ta' għodod legali għad-dispożizzjoni tagħhom għas-segment tan-nefqa/programmi kkonċernat, u li l-Kummissjoni tirsipetta l-proċeduri kontraddittorji dovuti kollha mal-Istati Membri kkonċernati. Fl-2019, il-miżuri korrettivi kkonfermati ammontaw għal EUR 1.5 biljun (25 % oġhla milli fl-2018). Dawn huma prinċipalment relatati ma' żbalji li jaffettwaw il-pagamenti li saru fis-snin preċedenti.

**Abbażi tal-valutazzjoni dettaljata tal-ġestjoni tagħha stess** (ara r-Rapport Annwali dwar il-Ġestjoni u l-Prestazzjoni tal-2019, p. 61–62), il-Kummissjoni tqis li n-nefqa rilevanti li għaliha r-riskju fil-waqt tal-pagament huwa baxx, jiġifieri inqas minn 2 %, tirrappreżenta 54 % tan-nefqa rilevanti totali u dik li għaliha r-riskju fil-waqt tal-pagament huwa oġhla minn 2 % tammonta għal 46 %. Għaldaqstant **il-Kummissjoni tqis li f'it inqas minn nofs in-nefqa rilevanti hija milquta minn żball materjali** (ara wkoll it-tweġiba tal-Kummissjoni għall-paragrafu 1.21).

Bħala riżultat tal-isforzi tal-QEA, il-Kummissjoni, u s-sħab ta' implimentazzjoni tagħha, il-ġestjoni finanzjarja tal-baġit tal-UE tgiebet maż-żmien u l-livelli ta' żball naqsu biex il-firxiet joqorbu lejn il-limitu ta' materjalità ta' 2 % f'dawn l-aħħar snin, ħliet f'xi oqsma speċifiċi ta' politika. Il-Kummissjoni tqis li l-evidenza kollha disponibbli tindika din it-tendenza: fl-2019, il-livell ta' żball stmat mill-QEA (2.7 %) żdied marġinalment meta mqabbel mas-sena l-oħra (2.6 % fl-2018). Madankollu, huwa aktar baxx milli fl-2016 (3.1 %), fejn l-opinjoni kwalifikata dwar il-legalità u r-regolarità tan-nefqa nġhatat għall-ewwel darba, u ferm inqas minn dak tal-2015 (3.8 %). Il-Kummissjoni tinnota wkoll li l-livell ta' żball stmat tal-QEA naqas meta mqabbel mal-2018 għaż-żewġ oqsma ewlenin ta' nfiq (riżorsi naturali u koeżjoni) u li, għar-riżorsi naturali u n-nefqa amministrattiva (li jirrappreżentaw 55.4 % tal-popolazzjoni tal-awditjar), huwa taħt il-livell ta' materjalità<sup>1</sup>.

Barra minn hekk, u filwaqt li titqies il-valutazzjoni kwalitattiva tal-Kummissjoni tal-funzjonament effettiv tas-sistemi ta' kontroll, b'mod partikolari l-kapaċità korrettiva pluriennali li twassal għal ammont f'riskju fl-għeluq (0.7 %) li jkun ferm taħt il-livell limitu ta' materjalità ta' 2 %, il-Kummissjoni tikkunsidra li l-iżbalji mhumiex xi ħaġa komuni u mhumiex mifruxa mal-Baġit tal-UE kollu kemm hu. Dan huwa żvelat b'mod trasparenti fir-Rapporti Annwali tal-Attività (RAA) tad-Diretturi Ġenerali u fir-Rapport Annwali dwar il-Ġestjoni u l-Prestazzjoni (AMPR).

<sup>1</sup> Għar-riżorsi naturali, il-livell ta' żball stmat huwa 1.9 %

**TWEĠBIET FINALI TAL-KUMMISSJONI GĦAR-RAPPORT ANNWALI TAL-2019 TAL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI**

**“KONTRIBUZZJONI GĦAR-RAPPORT ANNWALI 2019 – KAPITOLU 2 – ĠESTJONI BAĠITARJA U FINANZJARJA”**

IL-ĠESTJONI BAĠITARJA FL-2019

**L-impenji pendenti qed ikomplu jizziedu**

It-tweġiba komuni tal-Kummissjoni għall-paragrafi 2.7 u 2.8:

Fl-2018, tħaffef sew il-pass tal-implimentazzjoni tal-programmi tal-Politika ta' Koeżjoni tal-Fondi SIE. Ir-rata tal-għażla tal-proġetti għall-FEŻR u l-Fond ta' Koeżjoni fl-aħħar tal-2018, li l-Kummissjoni tqis li hija waħda mill-prekundizzjonijiet u indikazzjonijiet ta' assorbiment futur, saret qabel l-istess perjodu ta' referenza fl-2007-2013. Din ix-xejra pożittiva ġiet ikkonfermata fl-aħħar ta' Diċembru 2019, fejn ir-rata tal-għażla laħqet 92.3 % (jiġifieri madwar 4.5 punti perċentwali ogħla meta mqabbla mal-2007-2013 fl-istess perjodu ta' referenza). Fir-rigward tal-Fondi Soċjali Ewropej (FSE), is-sitwazzjoni qed titjeb b'mod kostanti, bir-rata tal-għażla tilħaq il-85 % fi tmiem Diċembru 2019 (madwar 3.5 punti perċentwali inqas biss meta mqabbla mal-2007-2013 fl-istess perjodu ta' referenza). Barra minn hekk, għandu jiġi nnutat li r-rata medja tal-għażla tal-proġetti tal-Inizjattiva favur l-Impjieġ taż-Żgħażaġħ (YEI) kienet qrib il-100 % fi tmiem l-2019.

Kif ġie rrimarkat ukoll mill-QEA fil-paragrafu 2.8 tar-Rapport Annwali tagħha tal-2018, ir-rati ta' implimentazzjoni tal-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) kienu konsiderevolment ogħla minn dawk għal Fondi SIE oħra (ara wkoll il-paragrafu 2.15 ta' dan ir-rapport tal-QEA). Il-Kummissjoni tindika li d-dewmien fl-implimentazzjoni deskritt f'dan il-paragrafu tar-rapport mhuwiex relatat mal-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR).

Fl-2018 u fl-2019 il-baġit ivvotat kien implimentat b'mod sħiħ għall-Fondi kollha, kif ukoll il-biċċa l-kbira tad-dħul assenjat.

L-isforzi li qed isiru jkomplu jħaffu l-implimentazzjoni fil-prattika. Il-Kummissjoni qed tissorvelja mill-qrib il-programmi meqjusa li huma friskju ta' dewmien biex tgħin fil-prevenzjoni ta' sottoassorbiment u ta' diżimpenn potenzjali, kif ukoll fit-teħid tal-Inizjattiva ta' Investiment fir-Rispons għall-Coronavirus(CRII) u tal-miżuri tal-Inizjattiva ta' Investiment fir-Rispons għall-Coronavirus Plus (CRII Plus). Għaddej djalogu mill-qrib mal-Istati Membri (SM) ikkonċernati biex tittejjeb is-sitwazzjoni. Is-servizzi tal-Kummissjoni jipprovdu appoġġ sostanzjali lill-SM inkluż assistenza teknika u servizzi ta' konsulenza.

L-impatt kumplessiv ta' fatturi marbuta mal-kriżi ta' COVID-19 għad irid joħroġ kollu fid-dieher u jkun kompletament dixxernibbli fl-2021.

Ara wkoll it-tweġiba tal-Kummissjoni għall-paragrafu 2.16.

2.9 Abbażi tal-proposti tal-Kummissjoni għall-qafas finanzjarju 2021- 2027, il-pagamenti fl-ewwel snin tal-perjodu ta' programmazzjoni l-ġdid se jilhqqu livell ogħla mil-limiti massimi ta' impenn proposti. Mingħajr preġudizzju għall-eżitu finali tan-negożjati dwar il-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) u l-finalizzazzjoni tal-proċeduri leġiżlattivi relatati, dan jenħtieġ li jippermetti t-treġġigħ lura tat-tendenza ta' żieda fl-impenji pendenti (RAL) mill-2021 u sa tmiem l-2025, ir-RAL għandu jonqos b'5 %. *\\Sors: COM(2020)298: Previżjoni fit-tul ta' flussi futuri ta' dħul u ta' ħruġ mill-baġit tal-UE (2021-2025)\\*

## RISKJI U SFIDI GĦALL-BAGĦIT FUTUR TAL-UE

### **Tibdillet fil-baġit tal-UE minħabba l-pandemija tal-COVID-19**

2.11 Il-Kummissjoni tinnota li l-ammont kumplessiv rivedut għall-QFP ippreżentat fis-27 ta' Mejju 2020 (jiġifieri 1 100 biljun euro) huwa fil-fatt oġġla mill-kompromess imressaq mill-President tal-Kunsill Ewropew fi Frar tal-2020 (EUR 1 094 biljun), li kien l-aħħar punt ta' referenza fin-negozjati qabel il-pakkett ta' rkupru.

Il-Kummissjoni tindika wkoll li fil-każ ta' nuqqas ta' Regolament QFP adottat għall-perjodu 2021–2027, id-dispożizzjonijiet tranżitorji tal-atti bażiċi tal-programmi ta' nfiq ikunu neċessarji biex jiġi evitat il-waqfien tal-biċċa l-kbira tal-programmi ta' nfiq tal-UE.

### **Ir-Renju Unit ħareġ mill-UE**

2.13 Il-Kummissjoni tenfasizza li l-kontribuzzjoni tar-Renju Unit għal wara l-2020 se tiġi stabbilita skont id-dispożizzjonijiet tal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika. Ir-Renju Unit jibqa' responsabbli għall-obbligi u l-obbligazzjonijiet finanzjarji kollha li jirriżultaw mill-perjodu kollu tas-sħubija tiegħu fl-UE.

Matul il-perjodu ta' tranżizzjoni, li se jintemm fil-31 ta' Diċembru 2020, ir-Renju Unit ikompli jikkontribwixxi għall-baġit tal-UE u jibbenefika minnu skont l-istess regoli daqslikieku kien baqa' Stat Membru.

## KWISTJONIJIET TA' ĠESTJONI FINANZJARJA

### **L-assorbiment tal-FIES ħaffef il-pass, ima xorta għadu kajman milli kien fil-QFP preċedenti**

2.14 Wara xi dewmien fil-bidu, l-implimentazzjoni tal-programmi tal-Politika ta' Koeżjoni issa miexja sew. Il-Kummissjoni tirreferi għat-tweġibiet tagħha għall-paragrafi 2.7 u 2.8.

Ir-rati ta' assorbiment huma affettwati wkoll mid-deċizzjoni tal-leġiżlatur li jgħaddi għar-regola ġenerali n+3 dwar id-diżimpenji għall-perjodu 2014-2020. L-impatt kumplessiv ta' fatturi marbuta mal-kriżi ta' COVID-19 għad irid jidher kollu fid-dieher.

2.15 Il-Kummissjoni tqis li l-konklużjonijiet minn tqabbil li sar mal-QFP preċedenti għandhom jittieħdu b'kawtela peress li ċerti differenzi rilevanti bejn ir-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni (CPR) għall-perjodi ta' programmazzjoni 2007–2013 u 2014–2020 (bħar-regola n+3 u l-proċess ta' aċċettazzjoni annwali tal-kontijiet) jinvolve li r-rata ta' pagament għal din tal-aħħar tista' tkun aktar bil-mod.

Il-Kummissjoni tenfasizza li, r-rata ta' assorbiment tal-FEMS, filwaqt li hija aktar baxxa, mhijiex 'il bogħod minn dawm tal-FEŻR u l-FSE, li magħhom tikkondividi r-rekwiżiti komuni tas-sistema ta' ġestjoni u kontroll.

Il-Kummissjoni tenfasizza wkoll li r-rata għolja ta' assorbiment fl-2019 turi li parti mid-dewmien fil-bidu tal-programmi qed tiġi rkuprata.

2.16 L-introduzzjoni mill-koleġiżlaturi tar-regola ta' diżimpenn awtomatiku n+3 (minflok n+2) wasslet għad-dizincensivizzar tal-implimentazzjoni aktar mgħaġġla tal-baġit. L-introduzzjoni ta' riskju ta' korrezzjonijiet finanzjarji netti jekk in-nuqqasijiet serji jibqgħu ma jiġux identifikati jew mhux ikkoreġuti, filwaqt li kienu għodod importanti biex jiġu protetti l-interessi finanzjarji tal-Unjoni,

kellhom effetti simili. Fil-kuntest speċifiku tal-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd (FEMS), ċerti miżuri (eż. kontroll tas-sajd, għbir ta' data xjentifika) kellhom jiġu ttrasferiti minn ġestjoni diretta għal ġestjoni kondiviża mill-perjodu ta' programmazzjoni preċedenti li kien jirrikjedi aġġustamenti sinifikanti min-naħa tal-amministrazzjonijiet pubbliċi nazzjonali.

Sabiex tippromwovi l-ġestjoni finanzjarja tajba u l-implimentazzjoni f'waqtha fil-perjodu ta' programmazzjoni 2021-2027, il-proposta tal-Kummissjoni għar-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni (COM(2018)375) tinkludi regola ta' diżimpenn awtomatiku N+2 minflok ir-regola ta' diżimpenn awtomatiku attwali ta' N+3. Dan huwa mingħajr preġudizzju għall-eżitu finali tan-negozjati tal-QFP u għall-finalizzazzjoni tal-proċeduri leġislattivi relatati.

Il-Kummissjoni hija fiduċjuża li, f'każ li l-irkupru tad-dewmien – evidenzjat bir-rata għolja ta' assorbiment fl-2019 – ikompli bil-pass attwali tiegħu, il-livell tal-impenji pendenti se jkun aktar baxx milli previst.

Finalment il-Kummissjoni tissottolinea r-rata baxxa ta' assorbiment deskritta f'dan il-paragrafu tar-rapport ma għandhiex x'taqsam mal-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR).

2.17 Sabiex tiġi evitata l-kwistjoni rikorrenti tal-ammont kbir ta' dħul assenjat li jirriżulta mir-ritorn tal-ammonti ta' prefinanzjament annwali mhux użati għall-baġit tal-UE kif deskritt fit-tweġiba komuni għall-paragrafi 2.16 u 2.17, il-Kummissjoni pproponiet tnaqqis fir-rata ta' prefinanzjament annwali għas-snin mill-2021 sal-2023 tal-perjodu ta' programmazzjoni attwali (COM (2018) 0614), u inkludiet rata aktar baxxa fil-proposta tas-CPR QFP għall-2021–2027. Dan huwa mingħajr preġudizzju għall-eżitu finali tan-negozjati tal-QFP u għall-finalizzazzjoni tal-proċeduri leġislattivi relatati.

Il-Kummissjoni hija konxja tal-fatt li dan it-tnaqqis kbir fid-dħul assenjat disponibbli fi tmiem l-2019 jenfasizza fuq l-appropriazzjonijiet ta' pagament. Il-Kummissjoni se twettaq analiżi bir-reqqa tal-appropriazzjonijiet ta' pagament meħtieġa sa tmiem is-sena matul l-eżerċizzju ta' trasferiment globali u se tagħmel il-proposta lill-awtorità baġitarja jekk ikun hemm bżonn ta' rinforzi.

### **Strumenti finanzjarji taħt ġestjoni kondiviża qed jiffaċċjaw huma wkoll problemi ta' assorbiment**

2.21 Il-proposta tas-CPR għall-2021–2027 tinkludi dispożizzjonijiet li jnaqqsu b'mod sinifikanti d-distakk taż-żmien bejn it-tmiem tal-perjodu li jkopri u d-disponibbiltà tad-dejta dwar l-istrumenti finanzjarji. Dan jinkiseb permezz tal-integrazzjoni ta' *data* ewlenija dwar l-istrumenti finanzjarji fid-*data* finanzjarja ppreżentata mill-awtoritajiet tal-programm diversi drabi fis-sena, li jiġu pprovduti fil-livell ta' prijoritajiet.

Id-*data* dwar strumenti finanzjarji individwali xorta tkun disponibbli meta tintalab, bħal fil-każ ta' operazzjonijiet li jużaw forom oħra ta' finanzjament.

Fil-perjodu ta' programmazzjoni li jmiss 2021-2027, ir-rapportar għal FISMs taħt il-FAEŻR huwa rregolat mill-Artikolu 121 tar-Regolament dwar il-Pjan Strateġiku (SPR) tal-Politika Agrikola Komuni (PAK), li jirrikjedi li jiġi ppreżentat rapport annwali għas-sena finanzjarja agrikola (mis-16 ta' Ottubru sal-15 ta' Ottubru) sal-15 ta' Frar, u b'hekk jirriżulta f'rappurtar ta' xahrejn (2) aktar kmieni mill-2014–2020. L-informazzjoni elenkata fl-Artikolu 121(6) SPR tal-PAK għandha tiġi rrapportata fil-livell tat-tip ta' intervent (l-ekwivalenti ta' prijorità taħt is-CPR).

### **Il-baġit tal-UE hu espost għal riskji finanzjarji**

Il-baġit tal-UE jkopri tipi differenti ta' operazzjonijiet finanzjarji

2.26 Il-Kummissjoni tissottolinea li r-rapport tal-2019 dwar “garanziji koperti mill-baġit tal-UE” (FR Art 149 il-qadim) għandu taqsima sħiħa dwar il-FEIS, li se jipprova informazzjoni aggregata sal-31.12.2019. Mill-2021, il-Kummissjoni se tippreżenta rapport annwali lill-awtoritajiet baġitarji dwar il-garanziji baġitarji (l-Artikolu 41(5) FR), inkluża valutazzjoni tal-obbligazzjonijiet kontinġenti mġarrbin kollha mill-baġit li jirriżultaw minn garanziji baġitarji jew assistenza finanzjarja f’konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju.

#### Fondi ta’ garanzija

2.28 Il-Kummissjoni tqis li huwa improbabbli li l-ammonti disponibbli fil-fondi ta’ garanzija ma jkunux biżżejjed.

#### L-iskopertura futura tal-baġit tal-UE teħtieġ valutazzjoni mill-ġdid

2.34 Il-Kummissjoni, f’kollaborazzjoni mas-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni, timmonitorja mill-qrib l-impatt possibbli tal-kriżi tal-COVID-19 fuq l-iskopertura tal-Unjoni għar-riskju li tirriżulta mill-garanziji baġitarji. Għalissa, il-Kummissjoni ma tarax il-ħtieġa li jiġu riveduti r-rati ta’ proviżjonament fil-mira għall-programmi rispettivi, li diġà ġew stabbiliti bi prudenza mill-bidu nett. Ir-rata ta’ proviżjonament fil-mira għall-istrumenti l-ġodda ta’ garanzija proposti mill-Kummissjoni fil-kuntest tal-Ġenerazzjoni li Jmiss tal-UE ġiet ikkalkulata fuq bażi ugwalment prudenti.

#### IL- BAĠIT TAL-UE U L-GRUPP TAL-BEI HUMA MARBUTA MILL-QRIB

##### **Parti sinjifikanti tal-operazzjonijiet tal-BEI huma appoġġjati mill-baġit tal-UE**

2.41 Il-kwistjonijiet imqajma mill-QEA kienu diġà indirizzati fit-Tweġibiet tal-Kummissjoni għar-Rapport Speċjali 3/2019 dwar il-FEIS, li huma riprodotti hawn taħt:

Il-Kummissjoni u l-BEI jqisu li, b’riżultat tal-introduzzjoni tal-FEIS, il-biċċa l-kbira tal-istrumenti finanzjarji l-oħra fil-fatt ġew imsaħħa b’mod sinjifikanti, minflok ma ġew issostitwiti.

Il-Grupp tal-BEI jqis li l-finanzjament ipprovdut fil-kuntest tal-FEIS mhuwiex komparabbli għalkollox ma’ sorsi oħra ta’ finanzjament, peress li normalment joffri termini u kundizzjonijiet differenti u għalhekk ma jistax jitqies li jissostitwixxihom.

L-investiment mobilizzat, skont il-metodoloġija, jirrifletti l-aħjar stima tal-investiment mistenni fl-ekonomija reali. L-ammonti reali jiġu riveduti meta jitlesta l-proġett. Għalhekk, skont id-definizzjoni tiegħu, l-investiment mobilizzat ex ante huwa stima fid-data tal-approvazzjoni u mhux sovravalutazzjoni jew sottovalutazzjoni.

Il-konċentrazzjoni ġeografika ma tistax tiġi kkalkolata biss abbażi tal-volum ta’ operazzjonijiet ta’ finanzjament iffirmati f’kull Stat Membru. F’dak li għandu x’jaqsam mal-konċentrazzjoni ġeografika, irid jitqies ukoll id-daqs tal-ekonomiji u tal-popolazzjoni tal-Istati Membri individwali.

Il-Kummissjoni tagħraf l-importanza tad-diversifikazzjoni ġeografika tal-FEIS. F’dan ir-rigward, il-Kummissjoni u l-BEI kienu u għadhom qed jimplementaw diversi miżuri biex jiżdied il-bilanċ ġeografiku.”

##### **Il-mandat tagħna tal-awditu jkopri biss parti mill-operazzjonijiet tal-BEI**

It-tweġiba komuni tal-Kummissjoni għall-paragrafi 2.44 u 2.45:



L-istatus speċjali tal-BEI huwa inkorporat fit-Trattati, jiġifieri, fl-Artikoli 308 u 309 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) u l-Protokoll Nru 5 dwar l-Istatut tal-BEI. In-natura tal-BEI, in-natura tal-azzjonisti tiegħu (l-Istati Membri), il-bażi tal-operazzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ tal-operazzjonijiet tiegħu u l-istrateġija tiegħu mmexxija mill-oġettivi ta' politika pubblika, fost l-oħrajn, huma karatteristiċi importanti li jiddistingwu lill-BEI mill-banek kummerċjali.

Il-Kummissjoni qed taħdem flimkien mal-Qorti Ewropea tal-Awdituri u mal-BEI dwar ftehim tripartitiku mġedded. F'konformità mat-tielet subparagrafu tal-Artikolu 287(3) TFUE, il-Ftehim ikopri kemm l-operazzjonijiet ta' finanzjament skont il-mandati mogħtija mill-Unjoni Ewropea lill-BEI kif ukoll l-operazzjonijiet ifffinanzjati mill-BEI u ggarantiti mill-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea. Dan il-Ftehim ma jimmodifikax jew jieħu post kwalunkwe liġi tal-Unjoni, b'mod partikolari d-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 285 u 287 (3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), li hija l-bażi legali ta' dan il-ftehim u li tagħti l-mandat lill-QEA biex tivverifika n-nefqa u d-dħul tal-Unjoni ġestiti mill-BEI.

2.45 Il-Kummissjoni tinnotta li din l-osservazzjoni tikkonċerna proposta għal mandat tal-QEA biex tivverifika proġetti tal-BEI li mhumiex marbuta mill-baġit tal-UE jew mhux ifffinanzjati minnu, u għalhekk, mhumiex relatati mal-Kummissjoni.

## KONKLUŻJONIJET U RAKKOMANDAZZJONIJET

### **Konklużjonijiet**

2.47 Abbażi tal-proposti tal-Kummissjoni għall-qafas finanzjarju fl-2021- 2027, il-pagamenti fl-ewwel snin tal-perjodu ta' programmazzjoni l-ġdid se jilhqqu livell ogħla mil-limiti massimi ta' impenn proposti. Mingħajr preġudizzju għall-eżitu finali tan-negożjati dwar QFP u l-finalizzazzjoni tal-proċeduri leġiżlattivi relatati, dan jenħtieġ li jippermetti t-treġġiġh lura tat-tendenza ta' żieda fl-impenji pendenti (RAL) mill-2021 u sa tmiem l-2025, ir-RAL għandu jonqos b'5 %.

*//Sors: COM(2020)298: Previżjoni fit-tul ta' flussi futuri ta' dħul u ta' ħruġ mill-baġit tal-UE (2021-2025)//*

2.48 Ir-rata ta' assorbiment ta' approprjazzjonijiet ta' pagament aktar bil-mod meta mqabbla mal-QFP preċedenti hija prinċipalment relatata mal-bidliet introdotti fir-regolamenti fil-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020, jiġifieri l-livell għoli ta' prefinanzjament annwali u ż-żmien itwal biex jiġu kkunsmati approprjazzjonijiet impenjati minħabba r-regola l-ġdida għad-diżimpenji awtomatiċi (n+3).

Il-Kummissjoni tenfasizza li r-rata għolja ta' assorbiment fl-2019 turi li parti mid-dewmien fil-bidu tal-programmi qed tiġi rkuprata b'ritmu konsistenti.

Ara t-tweġiba tal-Kummissjoni għall-paragrafi 2.14 sa 2.17.

Fir-rigward tal-FAEŻR, il-Kummissjoni tissorvelja bir-reqqa l-progress tal-implimentazzjoni mill-Istati Membri tal-programmi ta' żvilupp rurali għall-baġit tal-2020.

Bħalissa, huwa mistenni li l-appropriazzjonijiet ta' pagament disponibbli jkunu biżżejjed biex iħallsu lura bis-sħiħ id-dikjarazzjonijiet tal-infiq tal-Istati Membri. Dan huwa mingħajr preġudizzju għall-eżitu finali tan-negożjati tal-QFP u għall-eżitu tal-proċeduri baġitarji annwali rispettivi.

2.50 L-informazzjoni f'livell globali dwar l-iskopertura massima għall-baġit tal-UE fir-rigward tal-garanziji baġitarji f'kull tmiem is-sena hija inkluża fil-kontijiet annwali tal-UE.

Il-Kummissjoni tenfasizza li r-rati ta' proviżjonament għall-FEIS/SSI u l-InvestEU inklużi fil-proposti tagħha ppreżentati f'Mejju 2020 diġà ħadu inkonsiderazzjoni l-pandemija Covid-19 u l-leġislazzjoni proposta fiha dispożizzjonijiet adegwati biex tirrevedi r-rata ta' proviżjonament matul l-implimentazzjoni, jekk ikun meħtieġ.

Mill-2021, il-Kummissjoni se tippreżenta rapport annwali lill-awtoritajiet baġitarji dwar il-garanziji baġitarji, inkluża valutazzjoni tal-obbligazzjonijiet kontinġenti mġarrbin mill-baġit li jirriżultaw minn garanziji baġitarji jew assistenza finanzjarja, kif ukoll informazzjoni dwar ir-rata ta' proviżjonament effettiva tas-CPF, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju.

2.51 Il-Kummissjoni tfakkar li l-ftehim tripartitiku l-ġdid bejn il-Kummissjoni, il-QEA u l-BEI qed jiġi rivedut. Il-Kummissjoni tirreferi għat-tweġibiet tagħha għall-paragrafi 2.44 u 2.45.

## **Rakkomandazzjonijiet**

### **Rakkomandazzjoni 2.1**

Il-Kummissjoni taççetta r-rakkomandazzjoni.

Il-Kummissjoni timmonitorja kontinwament il-ħtiġijiet ta' pagament u tippreżenta proposti ta' baġits emendatorji u trasferimenti tal-awtorità baġitarja kif xieraq u taççetta li tkompli tagħmel dan fil-futur.

Madankollu, fir-rigward tat-teħid ta' azzjoni bil-ħsieb li tiġi żgurata d-disponibbiltà ta' approprijazzjonijiet ta' pagament suffiċjenti, il-Kummissjoni tfakkar li l-adozzjoni tal-baġit fl-aħħar mill-aħħar taqa' taħt il-kompetenza tal-awtorità baġitarja, li tinvolvi l-ġħoti ta' livell suffiċjenti ta' approprijazzjonijiet ta' pagament, inklużi dawk li jirriżultaw minn ħtiġijiet straordinarji marbuta mal-pandemija tal-COVID-19. F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni ser tkompli tikkoopera mill-qrib mal-Parlament Ewropew u l-Kunsill.

### **Rakkomandazzjoni 2.2**

Il-Kummissjoni taççetta parzjalment din ir-rakkomandazzjoni.

Il-Kummissjoni hija impenjata li tissorvelja l-implimentazzjoni tal-FISMs kif sar s'issa. Dan ikun jinkludi rapport li għandu jitħejja kull sena, mhux fil-livell tal-istrumenti finanzjarji individwali, iżda fil-livell tal-prijoritajiet, u fil-każ tal-FAEŻR fil-livell tat-tip ta' interventi, li jkopru l-ambitu tal-informazzjoni li tiġi ppreżentata lill-Kummissjoni f'konformità mal-qafas regolatorju futur.

Id-*data* dwar strumenti finanzjarji individwali xorta tkun disponibbli bħala parti mir-rekord tal-awditjar, bħal fil-każ ta' operazzjonijiet li jużaw forom oħra ta' finanzjament.

F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni tenfasizza wkoll li r-regoli settorjali futuri (jiġifieri s-CPR għall-2021–2027) mhux se jirrikjedu li l-awtoritajiet tal-programm jippreżentaw *data* fil-livell ta' strumenti finanzjarji individwali; bħala tali, il-Kummissjoni m'għandha l-ebda mandat leġislativ biex timponi tali rekwiżit addizzjonali.

### **Rakkomandazzjoni 2.3**

Il-Kummissjoni taççetta r-rakkomandazzjoni.

Il-Kummissjoni se tippreżenta rapport annwali lill-awtoritajiet baġitarji dwar il-garanziji baġitarji, inkluża valutazzjoni tal-obbligazzjonijiet kontinġenti mġarrbin mill-baġit li jirriżultaw minn garanziji

baġitarji jew assistenza finanzjarja, kif ukoll informazzjoni dwar ir-rata ta' proviżjonament effettiva tas-CPF, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju.

#### **Rakkomandazzjoni 2.4**

Il-Kummissjoni taċċetta din ir-rakkomandazzjoni u tqis li diġà ġiet implimentata.

Il-Kummissjoni għamlet ħilitha biex timplimenta din ir-rakkomandazzjoni meta ppreżentat proposti għal Pjan ta' Rkupru u l-QFP. Il-Kummissjoni se tkompli timmonitorja s-sitwazzjoni.

Sabiex jiġi żgurat li l-Unjoni tkun f'pożizzjoni li tkopri l-obbligi finanzjarji kollha tagħha anki f'każijiet ta' tnaqqis f'daqqa u qawwi fir-ritmu ekonomiku, bħall-effett tal-pandemija COVID-19 fuq l-ekonomija Ewropea, fl-27 ta' Mejju 2020 il-Kummissjoni diġà pproponiet li żżid il-limitu massimu tar-Riżorsi Proprji għal 1.40 % tal-ING tal-EU-27.

Għall-garanziji baġitarji stabbiliti, il-Kummissjoni tivvaluta l-adegwatezza tal-livelli ta' proviżjonament relattivi għal-livelli stabbiliti fl-atti leġiżlattivi bażiċi fuq bażi kontinwa. F'dan l-ispirtu l-Kummissjoni, f'kollaborazzjoni mas-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni, kienet qed timmonitorja mill-qrib l-impatt possibbli tal-kriżi tal-COVID-19 fuq l-iskopertura tal-Unjoni għar-riskju li tirriżulta mill-garanziji baġitarji. Ir-rata ta' proviżjonament fil-mira għall-istrumenti ta' garanzija proposti mill-Kummissjoni fil-kuntest tal-Ġenerazzjoni li Jmiss tal-UE (ara paragrafu 2.11) ġiet ikkalkulata fuq bażi prudenti kif xieraq.

#### **Rakkomandazzjoni 2.5**

Il-Kummissjoni tinnota li din ir-rakkomandazzjoni hi marbuta ma' proposta għal mandat tal-QEA biex tawditja proġetti tal-BEI li mhumiex marbuta mill-baġit tal-UE jew mhux iffinanzjati minnu, u għalhekk, mhumiex indirizzati lill-Kummissjoni.

**TWEĠBIET FINALI TAL-KUMMISSJONI GĦAR-RAPPORT ANNWALI TAL-2019 TAL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI**

**“KONTRIBUT GĦAR-RAPPORT ANNWALI TAL-2019 – KAPITOLU 3 – DĦUL”**

ANALIŻI TAL-ELEMENTI TAS-SISTEMI TA' KONTROLL INTERN

3.9 Il-Kummissjoni kontinwament twettaq segwitu ta' kwalunkwe nuqqas identifikat fir-rigward tal-kontijiet B, u l-Istati Membri jinżammu responsabbli finanzjarjament għal kwalunkwe telf tar-**Riżorsi Proprji Tradizzjonali** (Traditional Own Resource, TOR) minħabba l-iżbalji amministrattivi tagħhom.

Il-Kummissjoni se twettaq segwitu tal-problemi identifikati mill-awditi tal-QEA fil-Belġju, il-Ġermanja u fil-Polonja fis-segwitu abitwali tagħha għall-konklużjonijiet tal-QEA, u dawn l-Istati Membri se jkunu obbligati jieħdu miżuri xierqa biex jindirizzaw u jsibu tarf tan-nuqqasijiet identifikati.

3.10 Il-Kummissjoni tfakkar li dan it-tip ta' kont, min-natura tiegħu, għandu riskju għoli ta' nuqqasijiet u ta' kumplessitajiet involuti fih. Huwa għalhekk li kull **spezzjoni tat-TOR** imwettqa mill-Kummissjoni tinkludi analiżi tal-kont B. Il-Kummissjoni se tkompli b'dan l-approċċ. Barra minn hekk, il-programm ta' spezzjoni tat-TOR tal-2020 jiffoka b'mod partikolari fuq il-kontabilità tat-TOR b'reazzjoni għar-rakkomandazzjoni li saret is-sena li għaddiet tal-QEA.

3.11 Id-deċiżjoni dwar il-**Kriterji tar-Riskji Finanzjarji** (Financial Risk Criteria, FRC) tistabbilixxi kriterji (inkluż għar-riskju ta' sottovalutazzjoni u għall-identifikazzjoni ta' operaturi riskjużi) biex tranżazzjonijiet li jitqiesu bħala riskju finanzjarju u li jeħtieġu aktar skrutinju jew azzjonijiet ta' kontroll jiġu mmarkati elettronikament. L-FRC jiġu applikati kemm qabel kif ukoll wara r-rilaxx ta' oġġetti, anke fil-kontrolli *a posteriori*. Il-livell ta' implimentazzjoni mill-Istati Membri għadu ma ġiex ivvalutat mill-Kummissjoni.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni aġġornat il-**Gwida għall-Awditjar Doganali** biex tipprovdi gwida dwar kif għandhom jiġu indirizzati s-sitwazzjonijiet li fihom l-operaturi ekonomiċi jwettqu operazzjonijiet ta' importazzjonijiet fi Stati Membri li jkunu differenti mill-Istat Membru fejn jkunu stabbiliti l-kwartieri ewlenin tagħhom. Tenfasizza wkoll l-importanza tal-kondiviżjoni tal-informazzjoni dwar ir-riskji dwar operaturi riskjużi.

Kif rikonoxxut mill-QEA, l-Istati Membri qed isaħħu **l-istrateġija ta' kontroll** tagħhom f'konformità man-nuqqasijiet identifikati mill-Kummissjoni fl-ispezzjonijiet tat-TOR tagħha li saru fl-2018 u fl-2019. Dan se jirriżulta fi strateġija ta' kontroll pan-Ewropea aktar armonizzata għall-indirizzar tas-sottovalutazzjoni.

Il-Kummissjoni se tkompli timmonitorja s-sitwazzjoni billi tiċċekkja l-kampjuni tal-importazzjonijiet u tal-kontrolli kif ukoll billi twettaq analiżijiet statistiċi.

3.13 Ara t-tweġiba tal-Kummissjoni għall-paragrafu 3.11.

3.14 Ara t-tweġiba tal-Kummissjoni għall-paragrafu 3.11.

Fil-proċess ta' segwitu tar-rapporti ta' spezzjoni tagħha, il-Kummissjoni bdiet **tikkwantifika t-telf tat-TOR** fil-livell tal-UE u fil-livell tal-Istati Membri.

Il-Kummissjoni qed tkompli **l-ispezzjonijiet ta' segwitu tagħha dwar l-istrateġija ta' kontroll tal-valur doganali** fl-2020. Abbażi ta' analiżi tad-*data* statistika, it-telf stmat tat-TOR qed jonqos u għalhekk il-Kummissjoni tqis li l-Istati Membri tejbu l-effikaċja tal-miżuri ta' kontroll tagħhom f'dan ir-rigward billi hađu azzjoni biex jindirizzaw il-konklużjonijiet tal-Kummissjoni, kif sabet il-QEA fit-tliet Stati Membri li hija awditjat.

3.15 Il-Kummissjoni tixtieq tenfasizza li dawn il-miżuri ttieħdu wara r-rapporti tal-QEA għas-snin 2013 u 2014. Minbarra l-aġġornament tal-Gwida għall-Awditjar Doganali, li diġà jindirizza xi wħud min-nuqqasijiet identifikati mill-QEA, il-Kummissjoni ħadmet mal-Istati Membri biex jinstabu soluzzjonijiet biex jiġu identifikati **l-importaturi li joperaw fi Stati Membri differenti minn fejn huma stabbiliti l-kwartieri ewlenin tagħhom**, filwaqt li ħadet kont tal-informazzjoni disponibbli bħalissa u tad-dispożizzjonijiet legali attwali. Din il-ħidma għadha qed tiġi żviluppata fi grupp ta' proġetti ffinanzjat mill-programm għad-Dwana għall-2020. Madankollu jista' biss isir aktar progress ladarba tkun disponibbli b'mod sħiħ bażi tad-*data* fl-UE kollha li tkopri l-importazzjonijiet kollha.

### **Kaxxa 3.2 — Nuqqas kontinwu fis-sistema ta' kontroll doganali fl-UE**

**Il-bażi tad-*data* Surveillance III** fil-livell tal-UE hija lesta min-naħa tal-Kummissjoni biex tirċievi flussi tad-*data*, iżda kienu biss ftit l-Istati Membri li għamlu t-transizzjoni għas-sistemi nazzjonali ta' importazzjoni ġodda. Għaldaqstant ma hemm l-ebda ġabra ta' *data* fil-livell ta' UE dwar l-importazzjonijiet minn operaturi ekonomiċi disponibbli għal Surveillance III għalissa. Ġiet stabbilita l-iskadenza ta' Jannar 2023 wara talba mill-Istati Membri.

Il-Kummissjoni tixtieq tenfasizza li, fl-amfbitu tal-Qafas ta' **Ġestjoni tar-Riskji Doganali** (Customs Risk Management Framework, CRMF), id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni dwar l-FRC tistabbilixxi dispożizzjonijiet legalment vinkolanti li jindirizzaw ir-riskji finanzjarji, kemm mar-rilaxx kif ukoll wara r-rilaxx tal-merkanzija, inklużi l-kontrolli *a posteriori*. L-ebda operatur ekonomiku ma huwa eskluż *a priori* mill-applikazzjoni ta' tali kriterji, u dan irrispettivament mill-Istat Membru li fih huwa stabbilit il-kwartieri ewlenin.

Madankollu l-Kummissjoni tirrikonoxxi li jekk wieħed ikollu ħarsa ġenerali pan-Ewropea tal-attivitajiet tal-operaturi ekonomiċi, dan ikun ta' sostenn validu fl-analiżi tar-riskju peress li meta jiġu identifikati l-irregolaritajiet jew ir-riskji, ikun iktar faċli biex jiġu ttraċċati l-attivitajiet transfruntiera tal-operaturi ekonomiċi.

3.17 Ir-riżervi huma miżura protettiva biex jitnaqqas ir-riskju li dikjarazzjoni skorretta tar-**Riżorsi Proprji tal-VAT** tiġi preskritta.

Il-biċċa l-kbira tar-riżervi li ilhom pendenti huma marbutin ma' proċessi ta' ksur, li potenzjalment jista' jkollhom impatt finanzjarju. F'dan il-każ, ir-riżervi qed jirriflettu l-iżviluppi tal-proċeduri ta' ksur li huma influwenzati minn diversi fatturi bħall-kumplessità tal-każ ta' ksur u r-riferiment possibbli lill-Qorti tal-Ġustizzja.

Il-Kummissjoni taħdem fi sħubija mill-qrib mal-Istati Membri, biex tidentifika b'mod attiv modi biex ssolvi kwistjonijiet u tieħu azzjoni, kull meta jkun possibbli f'konformità mal-proċeduri tal-Kummissjoni u l-leġiżlazzjoni applikabbli, sabiex jingħalqu r-riżervi li jkunu ilhom pendenti.

L-informazzjoni relatata mal-impatt finanzjarju taqa' fuq l-Istat Membru. Ladarba l-Istati Membri jissottomettu l-kalkoli marbuta mar-riżervi, l-impatt finanzjarju jista' jiġi kkalkulat ukoll.

3.18 Il-Kummissjoni tosserva li fl-2019, 40 minn 162 **punt pendenti tat-TOR** li kienu ilhom ħames snin jew aktar pendenti, ingħalqu (madwar 25 % f'sena waħda), u dan hija tqisu bħala progress

sodisfaċenti meta tittieħed inkonsiderazzjoni l-kumplessità ta' dawn il-każijiet ikkontestati. Il-Kummissjoni se tkompli tħabrek biex tagħlaq każijiet bħal dawn malajr, iżda dan jiddependi wkoll fuq il-kooperazzjoni tal-Istati Membri.

Il-Kummissjoni tqis li l-bażi tad-*data* tagħha fiha biżżejjed informazzjoni biex iżżomm taħt monitoraġġ it-tempestività u l-kompletezza tas-segwitu, ħlief għall-impatt finanzjarju, li jinżamm b'mod separat fis-sistema tal-kontabilità SUIVI.

Dan jista' jiġi integrat fil-bażi tad-*data* ta' segwitu tagħha, iżda l-Kummissjoni tinnotta li l-ammonti korretti inkwistjoni mhux dejjem jistgħu jiġu ddeterminati immedjatament sakemm tingħata informazzjoni addizzjonali mill-Istati Membri. Barra minn hekk, se taġġorna l-istruzzjonijiet interni biex il-punti li ilhom pendenti li għandhom potenzjalment l-ogħla impatt finanzjarju jkollhom prijorità b'mod formali.

Għalhekk, it-tempestività, il-proċeduri u l-bażijiet tad-*data* għas-segwitu tal-punti pendenti tat-TOR se jiġu riveduti, filwaqt li jittieħed kont tat-tħassib tal-QEA.

### **Kaxxa 3.3 Nstabu dgħufijiet biex iseħħ segwitu għan-nuqqasijiet marbutin mat-TOR li ġew identifikati fl-Istati Membri**

Il-Kummissjoni tirrikonoxxi d-dewmien osservat mill-QEA. Madankollu, dan id-dewmien ma wassalx għal telf tat-TOR.

Qed isiru aktar sforzi biex jiġu segwiti l-punti pendenti, filwaqt li tingħata prijorità lill-fajls li ilhom pendenti b'konsegwenzi finanzjarji potenzjali. Se tkompli l-inizjattiva proprja tas-servizzi tal-Kummissjoni li tistieden lill-Istati Membri bl-ogħla għadd ta' punti pendenti fi Brussell, sabiex fejn possibbli jingħalqu b'ħeffa l-punti pendenti. Barra minn hekk, il-programm ta' spezzjoni tat-TOR tal-2020 jagħti lok għal spezzjonijiet *ad hoc* u għal laqgħat ta' ġestjoni f'pajjiżi bl-ogħla għadd ta' fajls miftuħin li ilhom pendenti. Il-Kummissjoni stabbiliet għaliha nnifisha mira kwantitattiva biex tkompli tnaqqas il-punti li ilhom pendenti b'20 % sa tmiem l-2020. Barra minn hekk, hija se tagħti bidu għal proċeduri ta' ksar f'każ ta' nuqqas ta' qbil kontinwu mal-Istati Membri dwar punti b'impatt finanzjarju li ilhom pendenti.

**3.19 Iċ-ċiklu ta' verifika tal-ING** għall-2016-2019 tlesta b'mod ferm aktar formali milli minn qabel. Il-Kummissjoni hija fiduċjuża li din iż-żieda fil-formalità ssaħħa il-kwalità ġenerali tal-istimi tal-ING u b'hekk ir-riżorsi proprji jinġabru b'mod aktar ġusta minn fost l-Istati Membri.

**3.20 Matul iċ-ċiklu ta' verifika tal-ING** għall-2016-2019, il-Kummissjoni vverifikat li l-assi tar-R&Ż kienu, fil-prinċipju, inġabru b'mod korrett fil-kontijiet nazzjonali, jiġifieri kienu kapitalizzati u vvalutati skont ir-regoli applikabbli. B'mod partikolari, il-Kummissjoni ħadet għadd ta' azzjonijiet biex tivvaluta r-reġistrazzjoni tal-attivitajiet tar-R&Ż f'kontest globalizzati, permezz ta' paraguni li saru madwar il-pajjiżi, eżerċizzju pilota mmirat realat mal-ING tal-Intrapriżi Multinazzjonali (Multi National Enterprises, MNE), filwaqt li l-każijiet fejn ġew rilokati l-attivitajiet tal-MNE ġew ittrattati fis-Sistema ta' Twissija Bikrija.

Għalhekk, il-Kummissjoni hija tal-opinjoni li fil-biċċa l-kbira implimentat ir-Rakkomandazzjoni 2 tal-QEA (2016) fl-Anness 3.4.

**3.21** Il-Kummissjoni qieset li l-kwalità tal-Inventarju tal-ING Franċiż rivedut hija xierqa u li qed isir rieżami tiegħu. Il-Kummissjoni tfakkar li r-riżerva ġenerali relatata ma' Franza tqiegħdet preċiżament biex tiproteġi, fejn meħtieġ, l-interessi finanzjarji tal-UE kif ukoll tal-Istati Membri.

## RAPPORT ANNWALI TAL-ATTIVITÀ

3.23 Ara t-tweġiba tal-Kummissjoni għall-paragrafu 3.14.

Fil-proċess ta' segwitu tar-rapporti ta' spezzjoni tagħha, il-Kummissjoni bdiet tikkwantifika t-telf tat-TOR fil-livell tal-UE u fil-livell tal-Istati Membri.

## KONKLUŻJONIJIET U RAKKOMANDAZZJONIJIET

3.24 Il-Kummissjoni se ttejjeb il-valutazzjoni tar-riskju tagħha għall-ippjanar tal-ispezzjonijiet u se tkompli tistinka biex tagħlaq punti li ilhom pendenti malajr, skont kemm jikkooperaw ukoll l-Istati Membri.

Il-Kummissjoni għamlet passi importanti biex tgħin fl-identifikazzjoni tal-operaturi ekonomiċi riskjużi fil-livell tal-UE għall-awditjar *a posteriori*, bl-immarrar tat-tranżazzjonijiet li jkunu meqjusin bħala riskju finanzjarju skont l-FRC u bl-aġġornament tal-Gwida għall-Awditjar Doganali. Hija taħdem mill-qrib mal-Istati Membri biex tidentifika l-importaturi li joperaw fi Stati Membri fejn ma għandhomx il-kwartieri ewlenin tagħhom. Madankollu jista' jsir aktar progress ladarba tkun disponibbli bażi tad-*data* tal-UE kollha li tkopri l-importazzjonijiet kollha (ara t-tweġibiet għal 3.11 – 3.15).

3.25 Ara t-tweġiba tal-Kummissjoni għall-paragrafu 3.20.

### **Rakkomandazzjoni 3.1 – Dazji doganali (TOR) li ma ttieħdux**

#### **Il-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjoni 3.1.**

a) Il-Kummissjoni se tuża d-*data* disponibbli dwar l-importazzjoni biex tanalizza x-xejriet mhux normali. Din l-informazzjoni tista' tappoġġa lill-Istati Membri fl-identifikazzjoni ta' sitwazzjonijiet speċifiċi li huma jistgħu jkomplu janalizzaw minn perspettiva ta' ġestjoni tar-riskju, biex possibbilment ikunu jistgħu jsiru jafu min huma l-operaturi wara daww it-tranżazzjonijiet.

Dan iservi ta' appoġġ minħabba l-fatt li l-Istati Membri jibqgħu responsabbli, fl-ambitu tal-kompetenza tagħhom, għall-implimentazzjoni xierqa tal-leġiżlazzjoni doganali.

Dan se jsir skont ir-restrizzjonijiet tar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data* (General Data Protection Regulation, GDPR) u l-qafas legali fis-seħħ.

b) Il-Kummissjoni se tkompli tisfrutta l-informazzjoni li tinsab fis-Sorveljanza għal diversi skopijiet, anke biex tappoġġa l-analiżi tad-*data* tal-Istati Membri. Dan se jsir f'konformità mar-restrizzjonijiet tal-GDPR u mal-qafas legali fis-seħħ.

### **Rakkomandazzjoni 3.1 – punti pendenti tat-TOR**

#### **Il-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjoni 3.2.**

a) Il-Kummissjoni se tikkunsidra mill-ġdid is-sistema ta' monitoraġġ tagħha fuq il-punti pendenti skont kif irrakkomandat il-QEA.

b) It-tempestività, il-proċeduri u l-bażijiet tad-*data* għas-segwitu tal-punti pendenti tat-TOR se jiġu riveduti skont kif irrakkomandat il-QEA.

**TWEĠIBIET TAL-KUMMISSJONI GĦAR-RAPPORT ANNWALI TAL-2019 TAL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI**

**“KONTRIBUT GĦAR-RAPPORT ANNWALI TAL-2019 – KAPITOLU 4 – IL-KOMPETITTIVITÀ GĦAT-TKABBIR U L-IMPJIEGI”**

IR-REGOLARITÀ TAT-TRANŻAZZJONIJIET

4.6 Ir-rata ta' żball irrappurtata mill-QEA fl-2019 (4,0 %) **hija konsistenti** mar-rati ta' żball irrappurtati f'rapporti preċedenti (bl-eċċezzjoni tar-Rapport Annwali tal-2018).

Ir-rata ta' żball stmata tal-QEA hija kkalkulata **fuq bażi annwali** u ma tqis **l-ebda korrezzjoni u regolarizzazzjoni**, li jkunu se jitwettqu mill-Kummissjoni. Ara pereżempju wkoll it-tweġiba tal-Kummissjoni għall-paragrafu 4.18.

Il-Kummissjoni tagħti stima tar-rata ta' żball residwu għan-nefqa fuq ir-riċerka (Orizzont 2020) billi timplimenta **strateġija ta' kontroll pluriennali**. Ir-rata ta' żball residwu rrapportata (2,15 % fi tmien l-2019) **tirrappreżenta l-irkupri, il-korrezzjonijiet u l-effetti tal-kontrolli u l-awditi kollha tal-Kummissjoni** matul il-perjodu kollu ta' implimentazzjoni tal-programm.

Ta' min jinnota li **l-objettiv** tal-Kummissjoni għal Orizzont 2020 **huwa li tinżamm ir-rata ta' żball rappreżentattiva fil-firxa ta' 2-5 %**, b'rata ta' żball residwu qrib kemm jista' jkun (iżda mhux neċessarjament taħt) it-2 %.

4.7 Ir-rimborż **tan-nefqa għar-riċerka** huwa bbażat fuq pretensjonijiet ippreżentati għall-ispejjeż imġarrba mill-benefiċjarji. Dawn il-pretensjonijiet spiss ikunu soġġetti għal **regoli kumplessi** u jistgħu jwasslu għal żbalji kif jista' jiġi osservat fil-każijiet imsemmija mill-QEA.

Għalhekk, it-tnaqqis tar-rata ta' żball jiddependi fuq sforz kontinwu ta' **simplifikazzjoni**. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni fl-aħħar stadji tal-implimentazzjoni minnha ta' Orizzont 2020 qed **tagħmel użu usa' mill-opzjonijiet ta' spejjeż simplifikati** bħalma huwa **l-finanzjament b'somma f'daqqa** filwaqt li ssaħħa il-komunikazzjoni mal-benefiċjarji u ttejjeb b'mod kostanti l-mekkaniżmi ta' kontroll tagħha. Orizzont Ewropa se jmur lil hinn billi jibni fuq l-esperjenza miksuba f'Orizzont 2020.

4.8 Il-Kummissjoni hija sodisfatta bir-rikonossiment tal-QEA dwar l-isforzi tagħha biex tissimplifika r-rekwiżiti amministrattivi u finanzjarji ta' Orizzont 2020. Is-**simplifikazzjonijiet** introdotti f'Orizzont 2020, flimkien mal-esperjenza dejjem tiżdied miksuba mill-benefiċjarji ewlenin, **jgħinu biex jitnaqqsu** l-għadd u l-livell ta' **żbalji**. Madankollu, minkejja kampanji ta' komunikazzjoni sistematiki, mifruxa u mmirati, għad hemm ċerti tipi ta' benefiċjarji bħall-intrapriżi żgħir u ta' daqs medju kif ukoll parteċipanti ġodda li huma aktar suxxettibbli għall-iżbalji minn oħrajn.

4.9 b) Il-Kummissjoni tinnota li, f'wieħed mill-każijiet imsemmija mill-QEA, il-kuntratt ma ġiex annullat bid-deċiżjoni tal-qorti nazzjonali li ddeterminat l-illegalità tiegħu. Il-**kuntratt** għalhekk **baqa' jorbot lill-partijiet** kontraenti. Il-Kummissjoni ma tistax, fuq din il-bażi, tqis dawn l-ispejjeż bħala ineliġibbli.

4.10 Il-Kummissjoni waqqfet **sistema soda ta' kontrolli ex-ante** li tinkludi listi ta' kontroll awtomatizzati dettaljati, gwida bil-miktub u taħriġ kontinwu. It-titjib ta' din is-sistema, li mingħajr ma jitfa' piżijiet amministrattivi addizzjonali fuq il-benefiċjarji, jippermettilhom jiffukaw biex jilhq u l-



objettivi tagħhom tar-riċerka u tal-innovazzjoni filwaqt li jiżgura li l-ħlas lir-riċerkaturi jsir minnufih, huwa ta' sfida kostanti.

Il-kontroll intern tal-Kummissjoni jserraħ ukoll fuq **awdituri indipendenti li jiċċertifikaw** il-pretensjonijiet għall-ispejjeż. Il-Kummissjoni taf sew bl-osservazzjoni ċċitata f'dan il-paragrafu mill-QEA u indirizzatha f'rapporti preċedenti. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni organizzat sensjela ta' laqgħat għall-benefiċjarji u għall-awdituri indipendenti taċ-ċertifikazzjoni biex **titqajjem kuxjenza dwar l-aktar żbalji komuni** li jirriżultaw mill-awditi mwettqa fuq il-benefiċjarji. Minbarra l-mudell didattiku għaċ-**ċertifikati tal-awditjar** ta' Orizzont 2020, il-Kummissjoni tipprovdi feedback lill-awdituri li jiċċertifikaw dwar l-iżbalji identifikati minnhom.

Huwa importanti li jiġi indikat li għalkemm l-awdituri indipendenti ma jidentifikawx kull żball fil-pretensjonijiet għall-ispejjeż, huma għandhom rwol importanti biex ir-rata globali ta' żbalji tonqos.

### **L-ispejjeż tal-persunal għandhom jikkostitwixxu s-sors prinċipali ta' żball, b'mod partikolari fin-nefqa għar-riċerka**

4.11 Orizzont 2020 huwa pass 'il quddiem fis-simplifikazzjoni tar-regoli għar-rimborż tal-ispejjeż imġarrba mill-benefiċjarji apparagun tal-Programmi Qafas preċedenti.

Fl-2019, il-Kummissjoni **saħħet il-kampanja ta' komunikazzjoni** billi pproponiet lill-Istati Membri u lill-Pajjiżi Assoċjati attivitajiet ta' komunikazzjoni b'aġenda "*à la carte*", inklużi informazzjoni u **kjarifiki dwar l-ispejjeż tal-persunal** (inkluża r-*"rata fis-siegħa"* diġà msemmija). Barra minn hekk, f'Ottubru 2019, il-Kummissjoni ħarġet notifika għall-benefiċjarji kollha ta' Orizzont 2020 bit-titolu "*How to avoid errors when claiming costs in H2020 grant*", (Kif tevita l-iżbalji meta tagħmel talba għall-ispejjeż fl-ambitu tal-ġhotjiet ta' Orizzont 2020).

Għall-qafas Finanzjarju Pluriennali li jmiss, li jinkludi l-Programm Orizzont Ewropa, se tiġi introdotta **formula korporattiva aktar sempliċi** waħda għall-programmi kollha tal-Unjoni ġestiti direttament. Din il-formula għandha l-għan li tnaqqas ir-riskji finanzjarji għall-benefiċjarji filwaqt li tissimplifika l-amministrazzjoni u l-awditjar fil-programmi kollha.

Is-simplifikazzjoni ewlenija pprovduta mill-Mudell il-ġdid korporattiv tal-Ftehim ta' Għotja (MGA, Model Grant Agreement), li minnu se jitnissel l-MGA ta' Orizzont Ewropa, tipprevedi metodu wieħed sempliċi ħafna dwar id-debitar tal-ispejjeż tal-persunal billi tiġi kkalkulata r-rata ta' kuljum (*l-ispejjeż annwali tal-persunal għall-persuna diviżi b'215*).

Il-kunċett tas-siġħat produttivi u d-diversi metodi preskrittivi, li wrew li huma suxxettibbli għall-iżbalji meta jiġu ddeterminati u rrapportati l-ispejjeż eliġibbli tal-persunal, se jitwaqqfu.

4.12 Il-Kummissjoni tqis **rata waħda "annwali ta' kull siegħa"** bbażata fuq l-aħħar sena finanzjarja magħluqa bħala waħda mis-simplifikazzjonijiet ewlenin **introdotti f'Orizzont 2020**. Madankollu, jidher li minkejja l-kundizzjonijiet abbozzati bir-reqqa u l-istruzzjonijiet ċari, kien hemm żbalji mill-benefiċjarji meta applikaw dan il-metodu. Kif diġà ġie nnutat hawn fuq (ara l-paragrafu 4.11), permezz ta' **Orizzont Ewropa** l-ispejjeż tal-persunal se jiġu kkalkulati abbażi ta' **formula għar-rata ta' kuljum**. Dan il-kalkolu se jitwettaq skont is-sena kalendarja u mhux aktar billi titqies l-aħħar sena finanzjarja magħluqa, bħal f'Orizzont 2020.

4.13 Il-Kummissjoni se tkompli bil-kampanji ta' komunikazzjoni tagħha sabiex tispjega r-regoli ta' finanzjament ta' Orizzont 2020 lill-benefiċjarji.

Kaxxa 4.3 - Eżempju ta' żball fil-kalkolu tar-rata fis-siegħa u eżempju tan-nuqqas ta' użu tas-sena finanzjarja magħluqa l-aktar reċenti

Il-Kummissjoni se ssegwi l-każ imsemmi mill-QEA fil-Kaxxa 4.3 u se taġixxi skont dan.

4.14 Ir-regola dwar il-**“limitu massimu doppju”** hija prerekwiżit għall-kalkolu u għad-dikjarazzjoni korretta tal-ispejjeż tal-persunal. Dan jiżgura li benefiċjarju ma jiċċarġjax aktar mill-ispejjeż reali tiegħu. Ir-regola hija ddikjarata b'mod ċar fl-Artikolu 6.2A tal-Mudell tal-Ftehim ta' Għotja ta' Orizzont 2020. Sfortunatament, fil-passat seħew ftit każijiet ta' żbalji fl-applikazzjoni ta' din ir-regola u dan jista' jseħħ fil-futur minkejja l-aħjar sforzi tal-Kummissjoni biex tikkomunika b'mod ċar u sistematiku r-regoli u l-kundizzjonijiet sottostanti kollha relatati mad-dikjarazzjoni tal-ispejjeż tal-persunal.

Permezz ta' Orizzont Ewropa se jkun hemm limitu massimu sempliċi wieħed li għandu jiġi rispettata mill-benefiċjarji, b'mod partikolari limitu massimu ta' jiem fejn il-benefiċjarji jridu jiżguraw li l-għadd ta' jiem totali maħduma li jiddikjaraw f'għotjiet tal-UE għal persuna għal sena kalendarja ma jkunx oġġa mill-għadd ta' jiem użati għall-kalkolu tar-rata ta' kuljum (jiġifieri 215). Dan loġikament jiżgura li l-ispejjeż tal-persunal iddikjarati ma jaqbx totali tal-persunal irreġistrati fil-kont tal-benefiċjarju għal persuna partikolari għal dik is-sena kalendarja.

Kaxxa 4.4 - Eżempju ta' fejn ma ġietx irrISPETTATA r-regola dwar il-limitu massimu doppju

Il-Kummissjoni se ssegwi l-każ msemmi fil-Kaxxa 4.4 mill-QEA u se taġixxi skont dan.

4.15 Nuqqasijiet fir-reġistrazzjoni tal-ħinijiet xorta jistgħu jseħħu, iżda ħafna drabi mingħajr impatt finanzjarju (materjali) (pereż. firma nieqsa fuq l-iskeda tal-ħin). F'każijiet bħal dawn, il-Kummissjoni toħroġ rakkomandazzjoni lill-benefiċjarju u tapplika l-korrezzjonijiet jekk ikunu meħtieġa.

#### **L-entitajiet privati, b'mod partikolari l-SMEs, huma aktar suxxettibbli għall-iżbalji**

4.16 **Il-parteciċipazzjoni tal-SMEs** u l-attrazzjoni ta' benefiċjarji ġodda huma importanti għall-implimentazzjoni b'suċċess tal-politika tar-Riċerka u l-Innovazzjoni. Dawn it-tipi ta' benefiċjarji, madankollu, jew **naqqsu l-kapaċità amministrattiva** jew huma inqas familjari mar-regoli ta' parteciċipazzjoni u għalhekk huma aktar suxxettibbli għal żbalji

Fi tmiem l-2019, **il-parteciċipazzjoni tal-SMEs** fi ftehimiet ta' għotja ffirmati permezz ta' Orizzont 2020 laħqet l-24,7 %, u **qabżet il-mira ta' 20 %** stabbilita għall-2020.

Miżura waħda introdotta sabiex tiffaċilita l-parteciċipazzjoni tal-SMEs u tnaqqas l-iżbalji hija l-użu ta' **ħlas ta' ammont f'daqqa** fl-ewwel fażi tal-istrument tal-SMEs.

#### **L-ineliġibbiltà għall-ispejjeż kollha ddikjarati mill-benefiċjarju fil-perjodu tal-awditjar**

4.18 Bħala regola ġenerali, il-Kummissjoni ssegwi l-iżbalji kollha misjuba, kemm individwali kif ukoll sistemiċi, biex ma ssirx ħsara lill-baġit tal-UE. Wara l-awditu tal-QEA, hija sussegwentement **irregolarizzat** (l-ispejjeż saru eliġibbli) wieħed minn dawn iż-żewġ żbalji fl-2020 u tinsab fil-proċess biex tirregolarizza l-iżball l-ieħor.

L-istatus korporattiv tal-benefiċjarji deskritt mill-QEA jirrifletti r-rabtiet sottostanti ta' ħafna kumpaniji li qed jipparteciċipaw f'H2020.

L-ispejjeż tal-arranġamenti interni tal-benefiċjarju u tal-entitajiet assoċjati jistgħu jiġu ddebitati lill-proġett dment li dawn ikunu riflessi fl-Anness 1, jew ġew approvati mill-Kummissjoni fil-perjodu ta' rappurtar (f'każijiet ta' kontribuzzjoni *in natura*).

Kif tiddikjara l-QEA, il-benefiċjarji ma kinux familjarizzati mar-regoli li japplikaw għar-rabtiet korporattivi tagħhom.

4.19 Il-Kummissjoni taqbel mal-konklużjonijiet tal-QEA.

Fl-ewwel każ irrappurtat mill-QEA, l-għan tal-għotja kien żgurat minn organizzazzjoni sieħba tal-benefiċjarju, li kienet intitolata tagħti l-lawrji ta' dottorati.

Fit-tieni każ, persuna kienet appoġġata bis-sħiħ f'taħriġ fil-livell ta' dottorat. Il-persuna ħadmet fil-bini tal-benefiċjarju u flimkien ma' dan, fuq l-istudju tal-PhD tagħha sabiex tikseb id-dottorat. Ma kien hemm **l-ebda attività oħra professjonali** li ma kinitx relatata ma' taħriġ fil-livell ta' dottorat. Ix-xogħol u l-istudju huma kkunsidrati **kumplementari** biex jintlaħqu l-għanijiet tal-proġett peress li l-uniku għan tal-proġett huwa li jiġi appoġġat it-taħriġ għad-dottorat.

### **Żbalji li jsiru ta' spiss fi spejjeż diretti oħra**

4.20 Il-Kummissjoni tirrikonoxxi l-osservazzjoni tal-QEA u tenfasizza li hija tkompli l-kampanji ta' komunikazzjoni tagħha biex tispjega r-regoli ta' finanzjament lill-benefiċjarji.

### **Frekwenza għolja ta' żbalji fir-rati tal-kambju**

4.21 Il-Kummissjoni tinnota l-osservazzjoni tal-QEA li l-effett finanzjarju tal-iżbalji fil-konverżjonijiet tar-rati tal-kambju **mhuwiex materjali**. Madankollu, il-Kummissjoni qed tkompli l-kampanji ta' komunikazzjoni tagħha biex tispjega r-regoli ta' finanzjament lill-benefiċjarji u jiddispijja dvar l-okkorrenza ta' żbalji bħal dawn minkejja l-istruzzjonijiet ċari.

## ANALIŻI TAL-INFORMAZZJONI DWAR IR-REGOLARITÀ PPROVDUTA MINN MIN QED JIĠI AWDITJAT

4.22 **L-istrateġija tal-awditjar tal-Kummissjoni** tkopri l-implimentazzjoni kollha ta' Orizzont 2020. L-għan ewlieni huwa li jiġi **protett l-interess finanzjarju tal-UE** billi jiġu rkuprati l-ammonti mħallsa indebitament. Il-Kummissjoni tanalizza s-sistema ta' kontroll intern fis-seħħ fil-livell tal-benefiċjarji u **toħroġ rakkomandazzjonijiet** meta jiġu identifikati dgħufijiet **biex jiġi żgurat li l-iżbalji** fil-livell tal-benefiċjarji **jiġu evitati u jinqabdu**.

4.23 Il-Kummissjoni tirreferi għat-tweġiba tagħha għar-rapport tal-2018 fejn spjegat id-differenza bejn l-ambiti tal-awditjati ta' bejn il-QEA u l-Kummissjoni.

4.25 Ix-xogħol tal-awditjar tal-Kummissjoni jiffoka prinċipalment fuq id-detezzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbalji misjuba fid-dikjarazzjoni tal-ispejjeż tal-benefiċjarji, filwaqt li għandu l-għan li **jimmassimizza l-kopertura tal-awditjar**.

Ir-rapporti tal-awditjar tal-Kummissjoni huma bbażati fuq il-prinċipju tar-**"rappurtar b'eċċezzjoni"**: minflok ma tingħata deskrizzjoni sħiħa għal kull oġġett ta' spiża individwali, għandhom jiġu rrapportati biss is-sejbiet tal-awditu (l-iżbalji).

Konsegwentement, fil-prinċipju, il-fajls tal-awditjar jirriflettu u jinkludu biss l-evidenza materjali (id-dokumenti ta' ħidma tal-awditu u d-dokumentazzjoni ta' sostenn tiegħu) ta' kull żball bħala l-bażi legali għal aktar korrezzjoni jew irkupru.

4.26 Il-Kummissjoni tiegħu nota tal-konklużjonijiet tal-QEA. Fir-rigward tal-awditi esternalizzati, il-Kummissjoni biħsiebha tkompli u tintensifika l-**gwida tagħha li tat lid-ditti kkuntrattati**.

4.27 Jenħtieġ li jiġi nmutat li l-awditi mwettqa mill-Kummissjoni għandhom kopertura wiesgħa f'perjodu ta' żmien limitat. Il-Kummissjoni tinnota li fi 13-il awditu minn 20 wieħed il-QEA setgħet toqgħod fuq il-fajls tal-awditjar tal-Kummissjoni, apparagun ta' 10 awditi minn 20 fis-sena 2018.

Xi wħud mis-seba' każijiet li jifdal għandhom impatt mhux materjali, kif innutat mill-QEA.

4.29 Il-Kummissjoni rrapportat ir-rata ta' żball fir-Rapport Annwali tal-Attività tal-2019 filwaqt li qieset l-osservazzjonijiet irrappurtati mill-QEA fir-Rapport Annwali tagħha tal-2018.

L-awditi tal-Kummissjoni jkopru ammont sinifikanti ta' kull pagament individwali awditjat **sabiex jiġu identifikati u kkoreġuti l-iżbalji** mġarrba mill-benefiċjarji. Barra minn hekk, f'każijiet ta' żbalji sistemiċi misjuba fil-livell tal-benefiċjarji, **il-Kummissjoni testrapola** s-sejbiet tal-awditjar għal proġetti tal-UE mhux awditjati.

Il-Kummissjoni tqis li ż-żieda ta' 0,34 % tar-rata ta' żball ikkalkulata inizjalment, tkopri r-riskju ta' dikjarazzjoni insuffiċjenti possibbli identifikata mill-QEA fir-Rapport Annwali tagħha tal-2018.

4.30 Il-Kummissjoni tinnota li l-QEA hija sodisfatta b'din l-**azzjoni ta' rimedju** fil-pront u l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tkompli tindirizza l-kwistjoni.

Il-Kummissjoni tqis li l-istrateġija tal-awditjar ta' kontroll tagħha tippermetti li tiġi stabbilita stima raġonevoli u ġusta tar-rata tal-iżball għal Orizzont 2020.

#### RAPPORTI ANNWALI TAL-ATTIVITÀ U ARRANĠAMENTI OĦRA TA' GOVERNANZA

4.31 Il-Kummissjoni tilqa' l-osservazzjoni tal-QEA li r-Rapporti Annwali tal-Attività eżaminati **jipprovdu valutazzjoni ġusta** tal-ġestjoni finanzjarja tad-DĠ rispettivi fir-rigward tar-regolarità tat-tranżazzjonijiet sottostanti.

4.32 **Ir-riżervi** magħmula fir-Rapporti Annwali tal-Attività huma inklużi skont l-istruzzjonijiet maħruġa fil-livell Korporattiv.

4.33 Il-Kummissjoni hija sodisfatta bir-rikonoxximent tal-QEA dwar l-isforzi tagħha fl-implimentazzjoni tal-korrezzjonijiet tal-iżbalji sistemiċi tal-FP7 u għax qabżet il-mira ta' 70 %. Hija tenfasizza għal darba oħra, il-livell sinifikanti ta' riżorsi meħtieġa biex jiġu ttrattati l-1 904 każijiet li fadal.

L-**istrateġiji tal-awditjar** tal-FP7 u ta' Orizzont 2020 għandhom l-għan li jidentifikaw u jikkoreġu l-ammonti mħallsa indebitament lill-benefiċjarji. Fil-każ ta' żbalji sistemiċi, il-korrezzjonijiet huma estenzi wkoll għall-proġetti tal-UE li mhumiex awditjati. F'dan ir-rigward, matul is-sena 2019, il-Kummissjoni **żiedet b'mod sinifikanti l-implimentazzjoni tal-korrezzjonijiet tal-FP7**.

4.34 Il-Kummissjoni tilqa' r-rikonoxximent tal-QEA tal-isforzi tagħha u l-progress li għamlet fl-**implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet** tas-Servizz tal-Awditjar Intern (IAS, Internal Audit Service).

Il-Kummissjoni b'mod ġenerali qed timplimenta r-rakkomandazzjonijiet tal-IAS fi żmien l-iskadenza stabbilita inizjalment fir-rapport tal-awditjar.

Ir-rakkomandazzjonijiet relatati mal-awditu dwar it-Tixrid u l-Isfruttar tar-riżultati ta' H2020 ġew implimentati fi tmiem is-sena 2019, fil-biċċa l-kbira tagħhom. Il-Kummissjoni għalqet din ir-rakkomandazzjoni f'Ġunju 2020.

Biex jiġi enfasizzat eżempju tal-progress li sar, fl-aħħar ta' Ġunju 2020, kienu biss erba' rakkomandazzjoni tal-IAS li kienu miftuħa, u l-ebda waħda minnhom ma qabżet id-data tal-għeluq.

Il-Kummissjoni tkompli taħdem fuq l-implimentazzjoni sħiħa tar-rakkomandazzjonijiet tal-IAS.

4.35 Il-Kummissjoni tinnota l-osservazzjoni tal-QEA li r-**riskju mal-ħlas** stipulat fl-AMPR huwa fil-firxa tal-livell ta' żbalji li ġie stmat mill-QEA.

Il-Kummissjoni tqis li l-possibilità ta' riskju ta' dikjarazzjoni insuffiċjenti tar-rata ta' żball huwa kopert u li r-riskju aggregat mal-ħlas u r-**riskju fl-għeluq iddivulgati fl-AMPRs huma affidabbli**.

#### KONKLUŻJONIJIET U RAKKOMANDEZZJONIJIET

4.36 Ir-rata ta' żball stmata rrappurtata mill-QEA, ikkulkulata fuq bażi annwali, hija **indikatur wieħed tal-effettività** tal-implimentazzjoni tan-nefqa tal-UE. Kif issemma qabel, ir-**rata ta' żball** fl-2019 irrappurtata mill-QEA (4,0 %) **hija konsistenti** mar-rati ta' żball irrappurtati fis-snin preċedenti (bl-eċċezzjoni tas-sena 2018).

Fl-istess ħin, il-Kummissjoni qed timplimenta **strateġija pluriennali għall-kontroll tal-awditjar ex-post** għan-nefqa fuq ir-riċerka. Fuq din il-bażi, is-servizzi tagħha jieħdu stima tar-rata tal-iżbalji residwi, li tqis l-irkupri, il-korrezzjonijiet u l-effetti tal-kontrolli u tal-awditjar kollha tagħhom matul il-perjodu ta' implimentazzjoni tal-programm.

Orizzont 2020 huwa ferm **aktar sempliċi** mill-Programmi Qafas preċedenti, fatt rikonoxxut mill-biċċa l-kbira tal-benefiċjarji rikorrenti u mill-QEA.

4.38 Il-Kummissjoni tinnota l-osservazzjoni tal-QEA li r-**riskju mal-ħlas** stipulat fl-AMPR jidħol fil-firxa tal-livell ta' żbalji li ġie stmat mill-QEA. Ara t-tweġiba tal-Kummissjoni għall-paragrafu 4.35.

#### **Rakkomandazzjoni 4.1**

**Il-Kummissjoni taċċetta** r-rakkomandazzjoni.

Il-Kummissjoni se tkompli l-kampanja ta' komunikazzjoni tagħha dwar ir-regoli ta' finanzjament, inklużi dawk għall-SMEs u l-benefiċjarji ġodda. Barra minn hekk, fil-kampjun korporattiv tiegħu tal-H2020, is-Servizz Komuni tal-Awditjar (CAS, Common Audit Service) ħa kampjuni bbażati fuq ir-riskju mmirati speċifikament lejn l-SMEs u/jew l-benefiċjarji ġodda.

Il-kontrolli *ex-ante* eżistenti tal-Kummissjoni bbażati fuq ir-riskju jipprovdu assigurar raġonevoli dwar l-operazzjonijiet.

#### **Rakkomandazzjoni 4.2**

**Il-Kummissjoni taċċetta** r-rakkomandazzjoni.

Il-Kummissjoni se tagħti attenzjoni speċjali lir-regoli tal-kalkolu u lid-dikjarazzjoni tal-ispejjeż personali fil-kampanja ta' komunikazzjoni relatata ma' H2020.

### **Rakkomandazzjoni 4.3**

**Il-Kummissjoni taċċetta** r-rakkomandazzjoni.

Il-proposta tal-Kummissjoni għall-Programm Qafas li jmiss għandha l-għan li tissimplifika aktar ir-regoli dwar l-ispejjeż tal-persunal. Il-Kummissjoni se tippreżenta lill-Awtorità Baġitarja l-ġabra l-għdida ta' regoli bil-għan li tikseb l-appoġġ tagħha f'dan ir-rigward.

### **Rakkomandazzjoni 4.4**

**Il-Kummissjoni taċċetta** r-rakkomandazzjoni.

L-ewwel inċiż - Il-Kummissjoni hija impenjata li tindirizza l-osservazzjonijiet tal-QEA fir-rigward tad-dokumentazzjoni relatata mas-sejbiet, il-konsistenza tal-kampjunar u l-kwalità tal-proċeduri tal-awditjar.

It-tieni inċiż - Il-Kummissjoni tinsab f'kuntatt mill-qrib ma' Ditti tal-Awditjar Estern. Ittieħdu inizjattivi ta' komunikazzjoni speċifiċi fir-rigward ta' ditti tal-awditjar. Għall-awditi esternalizzati mwettqa mill-għdid mill-QEA, il-Kummissjoni kkomunikat l-osservazzjonijiet lid-ditti tal-awditjar.

## TWEĠIBIET FINALI TAL-KUMMISSJONI GĦAR-RAPPORT ANNWALI TAL-2019 TAL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI

### “KONTRIBUZZJONI GĦAR-RAPPORT ANNWALI 2019 - KAPITOLU 5 - KOEŻJONI EKONOMIKA, SOĊJALI U TERRITORJALI”

#### INTRODUZZJONI

5.4 It-tielet inċiż - Bħala parti mill-approċċ tagħha f'żewġ stadji li jinvolvi rieżami dokumentarju sistematiku u awditjar fil-post ibbażat fuq ir-riskju, kull sena, il-Kummissjoni ttwettaq **aġġornament tal-valutazzjoni tar-riskju tagħha** biex tiddetermina liema awtoritajiet u programmi tal-awditjar se jkunu soġġetti **għal awditi fil-post jew rieżami ulterjuri dokumentarju estiż**. L-objettiv ewlieni ta' dawn l-awditi huwa li jinkiseb aċċertament raġonevoli li l-ebda nuqqas serju fis-sistema ma baqa' mhux individwat jew mhux irrappurtat mill-Istati Membri u li **l-opinjoni tal-awditjar irrappurtati u r-rati ta' żbalji residwi huma affidabbli**. Jekk jitqies neċessarju, il-Kummissjoni tapplika **korrezzjonijiet finanzjarji addizzjonali** biex iġġib ir-rata ta' żball residwu tal-programmi kkonċernati taħt it-2 %.

#### IR-REGOLARITÀ TAT-TRANŻAZZJONIJIET

5.14 Il-Kummissjoni tiegħu nota tal-**livell ta' żball ikkalkulat mill-QEA** li huwa inqas mis-sena l-oħra. Il-Kummissjoni se ssegwi l-iżbalji kollha li sabet il-QEA u se titlob korrezzjonijiet finanzjarji addizzjonali, fejn jitqies li hu meħtieġ. Se tanalizza wkoll mal-awtoritajiet tal-awditjar ir-raġunijiet sottostanti għal dawn il-kwistjonijiet u kif dawn jistgħu jiġu solvuti aktar.

Il-Kummissjoni tirreferi wkoll għall-**firxiet ta' żbalji** inklużi r-riskji massimi (l-aġar xenarju possibbli) **żvelati fir-RAA tal-2019** tad-DĠ REGIO u tad-DĠ EMPL, li jirriżultaw minn analiżi dettaljata tas-sitwazzjoni ta' kull wieħed mill-420 programm. Il-Kummissjoni temmen li l-valutazzjoni dettaljata tagħha tirrifletti stima raġonevoli u ġusta tar-rati ta' żball għal kull programm u b'mod kumulattiv għall-programmi kollha.

5.15 Il-Kummissjoni tisħaq dwar l-importanza **tax-xogħol imwettaq mill-awtoritajiet tal-awditjar** fl-individwazzjoni tal-iżbalji li wasslu għal **korrezzjonijiet finanzjarji** sostanzjali qabel ma ġew ippreżentati lill-Kummissjoni l-kontijiet relatati mal-perjodu 2017-2018. Ix-xogħol bir-reqqa tal-awditjar imwettaq mill-awtoritajiet tal-awditjar matul u sa ma ntemm l-istess xogħol, wassal ukoll għal korrezzjonijiet finanzjarji sostanzjali għall-perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013.

**L-awtoritajiet tal-awditjar irrappurtaw rata totali ta' żball ta' aktar minn 2 % għal 95 programm**, biex b'hekk juru l-kapaċità ta' individwazzjoni tagħhom (mingħajr preġudizzju għal programmi oħra fejn ir-rata ta' żball kienet inqas minn 2 %). Il-Kummissjoni taqbel li xi żbalji baqgħu ma ġewx individwati jew kienu kkunsidrati b'mod mhux xieraq fil-kalkolu tar-rata ta' żball irrappurtata. Qiegħda kontinwament **taħdem mal-awtoritajiet tal-awditjar** ikkonċernati biex ittejjeb il-kapaċità ta' individwazzjoni u l-fehim tagħhom tar-regoli applikabbli (ara wkoll it-tweġiba tal-Kummissjoni għall-paragrafu 5.40).

5.16 Fl-2019 l-awtoritajiet tal-awditjar irrappurtaw għat-tieni sena **l-irregolaritajiet** li sabu fl-awditjar tal-operazzjonijiet wara **tipoloġija komuni** miftehma mal-Kummissjoni u maqsuma bejn l-Istati Membri.

Il-biċċa l-kbira tal-irregolaritajiet identifikati mill-awtoritajiet tal-awditjar u l-Kummissjoni jikkonċernaw l-istess **kategoriji ewlenin**, kif identifikati mill-QEA: **nefqa ineliġibbli, kwistjonijiet ta' akkwist pubbliku, rekord defiċjenti tal-awditjar**, kif jidher fil-Kaxxa 5.2. Dan juri li l-awtoritajiet tal-awditjar b'mod xieraq jindivdwaw it-tipi differenti ta' irregolaritajiet li jikkontribwixxu għar-rata ta' żball, iżda mhux fil-każijiet kollha. Dan jista' jkun dovut għal **proġetti u regoli kumplessi**.

Il-Kummissjoni se ssegwi l-iżbalji kollha rrappurtati mill-Qorti u se tapplika korrezzjonijiet finanzjarji fejn ikun xieraq u legalment possibbli. Il-Kummissjoni tinnotta li f'xi każijiet **ir-regoli nazzjonali jew reġjonali** applikati għan-nefqa ffinanzjata mill-Koeżjoni huma aktar stretti minn

dawk previsti fil-leġiżlazzjoni nazzjonali għal nefqa simili ffinanzjata fil-livell nazzjonali. Għalhekk, dawn ir-rekwiżiti addizzjonali jistgħu jitqiesu bħala każ ta' **regolamentazzjoni żejda**, piż amministrattiv awtoimpost mhux meħtieġ u kumplessità għan-nefqa iffinanzjata mill-Koeżjoni.

5.17 Il-Kummissjoni taqbel li l-**verifiki ta' ġestjoni** huma l-ewwel linja ta' difiża kontra l-iżbalji u għandha tkun aktar effettiva fil-**prevenzjoni u fl-individwazzjoni ta' iżbalji fl-ewwel istanza**.

Il-Kummissjoni indirizzat **gwida aġġornata lill-Istati Membri** għall-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020 li, flimkien mal-użu meħtieġ ta' **għażliet ta' spejjeż simplifikati**, għandhom l-għan li jtejbju aktar il-kwalità tal-verifiki ta' ġestjoni. Madankollu, dan jiddependi fuq il-persunal disponibbli biex jittratta maż-żieda fl-ammont ta' nefqa ddikjarata, u fuq l-**istabbiltà** meħtieġa **tal-persunal esperjenzat** fl-amministrazzjonijiet ikkonċernati.

Barra minn hekk, it-**tipoloġija tas-sejbiet tal-awditi irrappurtati** sena wara l-oħra lill-awtoritajiet ta' ġestjoni mill-awtoritajiet tal-awditjar għandha tippermettilhom jintegraw is-sorsi iktar frekwenti ta' iżbalji fil-**valutazzjonijiet tar-riskju** tagħhom u li jadattaw l-approċi tagħhom għall-verifiki ta' ġestjoni u l-istrumenti relatati. Biex il-verifiki ta' ġestjoni jsiru aktar effiċjenti u mmirati fil-perjodu ta' programmazzjoni 2021-2027, il-Kummissjoni pproponiet lill-koleġiżlaturi li l-verifiki jsiru bbażati fuq ir-riskju sabiex jiffukaw aħjar ir-riżorsi amministrattivi disponibbli għal **sorsi ta' iżbalji fil-mira**.

5.19 It-tweġiba Komuni tal-Kummissjoni għall-paragrafi 5.19 u 5.20:

Il-Kummissjoni taqbel li l-operazzjonijiet li huma **fiżikament ikkompletati jew implimentati bis-sħiħ**, anki jekk xi tranżazzjonijiet finanzjarji jibqgħu miftuħa, **mhumix eliġibbli** f'konformità mal-Artikolu 65(6) CPR. Huwa f'idejn l-awtorità ta' ġestjoni biex tivvaluta l-kunċetti ta' tlestija fiżika u implimentazzjoni sħiħa għal kull operazzjoni fuq il-mertu tagħha stess u fuq il-bażi tal-obbligi kuntrattwali partikolari tagħha indikati fid-deċiżjoni tal-għotja. Sakemm l-operazzjoni ma tkunx ikkompletata għalkollox, tista' tintgħażel għall-finanzjament.

Għall-proġetti Taljani, kif imsemmi fil-Kaxxa 5.4, il-Kummissjoni **se tkompli timmonitorja** l-implimentazzjoni stretta mill-awtoritajiet tar-regoli miftiehma għall-ftehim ta' sħubija biex tiżgura rekord tal-awditjar xieraq għall-operazzjonijiet li diġà ġew implimentati parzjalment qabel ma jintgħażlu.

5.22 It-tweġiba Komuni tal-Kummissjoni għall-paragrafi minn 5.22 sa 5.24:

Il-Kummissjoni tinnota li l-awtoritajiet tal-awditjar urew kapaċità ta' individwazzjoni tajba għal iżbalji marbuta mal-**akkwist pubbliku**.

Minkejja dan it-titjib fil-kapaċità, is-sehem importanti ta' iżbalji fl-akkwist pubbliku li ma ġewx individwati fil-livell tal-awtoritajiet ta' ġestjoni u tal-korpi intermedjarji juri li **hemm bżonn azzjoni kontinwa biex tiġi żgurata individwazzjoni mtejbja** ta' dawn il-kwistjonijiet mill-verifiki tal-ewwel livell.

Tabilħaqq l-akkwist pubbliku huwa qasam kumpless u l-awtoritajiet kontraenti jistgħu jiffaċċjaw sfidi fl-applikazzjoni ta' dawn ir-regoli. Biex tikkoordina l-azzjonijiet b'mod aktar effettiv, il-Kummissjoni elaborat **Pjan ta' Azzjoni għall-Akkwist Pubbliku**, aġġornat diversi drabi mill-2014. Diġà nbdeu aktar minn 40 azzjoni fil-qafas ta' dan il-Pjan ta' Azzjoni. Azzjonijiet ġodda u inizjattivi ġodda għandhom l-għan li jgħinu lill-amministraturi u lill-benefiċjarji tal-fondi tal-UE jtejbju l-prattiki tal-akkwist pubbliku tagħhom, filwaqt li jiżguraw il-konformità mad-Direttivi tal-UE kif ukoll jiddefinixxu **kundizzjonijiet ekwi** u jinkoraġġixxu l-użu tal-**akkwist bħala strument strateġiku ta' politika**.

Fl-2019 il-Kummissjoni aġġornat ukoll id-deċiżjoni tagħha li tistabbilixxi **linji gwida** għad-determinazzjoni tal-**korrezzjoni finanzjarja standardizzata dwar l-iżbalji tal-akkwist pubbliku** (id-Deċiżjoni C (2019) 3452). Dawn il-linji gwida għandhom l-għan li tinkiseb **prattika ta' implimentazzjoni omoġenja u trattament ugwali** fost l-Istati Membri.



Il-Kummissjoni se ssegwi dawn il-każijiet identifikati mill-QEA li baqgħu ma ġewx individwati u li japplikaw korrezzjonijiet finanzjarji meta jitqies meħtieġ, f'konformità mal-linji gwida tagħha.

5.26 Il-Kummissjoni tinnotta li tul dawn l-aħħar snin l-iżbalji relatati mal-**għajjnuna mill-Istat** identifikati mill-awtoritajiet tal-Istati Membri u mill-Kummissjoni għadhom inqas frekwenti, kif jidher mit-tipoloġija konġunta ta' żbalji miftiehma mal-awtoritajiet tal-awditjar.

Il-Kummissjoni żviluppat **Pjan ta' Azzjoni** komuni **għall-Għajjnuna mill-Istat**, li jieħu approċċ preventiv u proattiv biex jitnaqqas ir-riskju ta' irregolaritajiet u rati ta' żbalji marbuta mal-applikazzjoni tar-regoli dwar l-għajjnuna mill-Istat permezz tal-identifikazzjoni u t-tixrid ta' **prattiċi tajba**, ta' **programm ta' taħriġ** u tixrid ta' informazzjoni rilevanti dwar l-għajjnuna mill-Istat lil partijiet interessati tal-Fondi SIE.

5.27 L-awtoritajiet Portugiżi mmodifikaw il-liġi nazzjonali dwar l-għajjnuna mill-Istat u impenjaw ruħhom li jimplimentaw il-korrezzjonijiet meħtieġa kollha skont it-talba tal-Kummissjoni.

#### Nefqa ineliġibbli

5.29 Fir-rigward tal-iżbalji individwati mill-QEA, il-Kummissjoni se tagħmel is-segwitu meħtieġ u tieħu kull azzjoni li tqis meħtieġa.

Il-Kummissjoni ħadmet b'mod attiv minn mindu ġew introdotti l-**opzjonijiet simplifikati ta' spejjeż** biex gradwalment jiżied l-użu tagħhom u tqis li dawn l-isforzi diġà wasslu għal riżultati pożittivi. Il-Kummissjoni ppromwoviet b'mod attiv l-użu ta' għażliet ta' spejjeż simplifikati fil-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020 billi skemi bħal dawn huma **inqas suxxettibbli għal żbalji**, kif turi l-esperjenza tal-passat. Hija se tkompli tagħmel hekk kemm għall-FSE kif ukoll għall-FEŻR fil-perjodu ta' programmazzjoni ta' wara l-2020 biex **jitnaqqas il-piż amministrattiv** fuq il-benefiċjarji u biex jitnaqqas aktar **ir-riskju ta' żbalji**.

#### Ebda dokumenti essenzjali ta' sostenn

5.30 Il-Kummissjoni se tagħmel is-segwitu meħtieġ u tieħu kull azzjoni li tqis meħtieġa. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tirreferi għall-ispjegazzjonijiet tal-QEA fil-Kaxxa 5.8.

5.33 Il-Kummissjoni se ssegwi mal-awtoritajiet tal-programm ikkonċernati. Fl-aħħar mill-aħħar l-**eliġibbiltà** tiġi vvalutata fl-għeluq, f'konformità mas-CPR. Għalhekk, il-programm xorta jista' jissostitwixxi self ineliġibbli u s-servizzi tal-Kummissjoni se jivvalutaw l-eliġibbiltà tas-self kollu ddikjarat fl-għeluq tal-programm.

#### 5.34 It-tweġiba komuni tal-Kummissjoni għall-paragrafi 5.34 u 5.35:

Il-pjan ta' azzjoni kondiviż mal-QEA f'April 2018, bħala rimedju għas-sejbiet enfasizzati fir-rapport annwali tagħhom tal-2017 rigward il-każ ta' **Inizjattiva tal-SMEs fi Spanja**, ipprova għal għadd ta' stadji importanti li għandhom l-għan li jiżguraw il-konformità tal-portafoll sħiħ tal-SMEs ta' Spanja fl-għeluq ipplanat tal-Programm Operazzjonali fl-2023, inkluż fost l-oħrajn l-azzjonijiet li ġejjin:

- reviżjoni mill-awditur estern tal-FEI ta' kampjun rappreżentattiv ta' tranżazzjonijiet.
- l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' klassifikazzjoni addizzjonali li tikkonċerna fatturi ewlenin ta' riskju ta' eliġibbiltà.
- verifika estiża tal-*Istatus* tal-SME wara l-inklużjoni ta' kull tranżazzjoni ġdida tar-riċevitur finali.
- attivitajiet ta' monitoraġġ u reviżjonijiet ibbażati fuq id-dokumentazzjoni kif meħtieġ biex tiġi żgurata l-eliġibbiltà tal-portafoll fuq l-intermedjarji finanzjarji kollha.

Il-FEI nnotifika wkoll lill-intermedjarji finanzjarji biex iwettqu reviżjoni sħiħa tal-portafolli tagħhom sal-għeluq tal-Programm Operazzjonali, li għalih se jirċievu sostenn mill-FEI.

#### 5.36 It-tweġiba Komuni tal-Kummissjoni għall-paragrafi minn 5.36 sa 5.39:

B'ġestjoni kondiviża, **l-awtoritajiet tal-awditjar fl-Istati Membri** jwettqu awditi fl-ewwel istanza. Il-Kummissjoni konsistentement u b'mod estensiv **tikkoopera** mal-awtoritajiet tal-awditjar biex tiżgura qafas ta' kontroll konsistenti, biex ittejjeb il-kwalità tal-ħidma ta' aċċertament meta jkun meħtieġ u biex tiżgura l-individwazzjoni u l-kapaċitajiet korrettivi meħtieġa. Il-Kummissjoni tkompli taħdem mal-awtoritajiet tal-awditjar ikkonċernati biex tikseb **titjib ulterjuri tal-kontrolli tagħhom**, b'mod partikolari biex tindividwa b'mod xieraq it-tip ta' żbalji li nstabu mill-awditi ta' **twettiq mill-ġdid** tal-QEA jew tal-Kummissjoni. Madankollu, il-Kummissjoni mhux biss tivvaluta **l-affidabbiltà tal-awtoritajiet tal-awditjar** fuq il-bażi ta' rati ta' żball ikkalkulati mill-ġdid, billi dawn mhux neċessarjament jindikaw dgħufija sistemika fil-ħidma tal-awtoritajiet tal-awditjar (ara wkoll it-tweġiba tal-Kummissjoni għall-5.51).

5.40 **It-tipoloġija komuni ta' żbalji** miftiehma bejn is-servizzi tal-Kummissjoni u l-awtoritajiet tal-awditjar, u użata wkoll mill-OLAF bis-sistema ta' rappurtar tal-IMS tiegħu dwar l-irregolaritajiet, tippermetti analiżi aħjar tal-**kawżi ewlenin ta' żbalji** bejn l-atturi kollha. Din twieġeb għal rakkomandazzjonijiet minn qabel mill-QEA u l-awtorità ta' kwittanza. Fuq il-bażi ta' dan, il-**Kummissjoni titlob li l-awtoritajiet tal-programm jieħdu azzjoni biex jindirizzaw l-aktar żbalji frekwenti** u biex jimmitigaw kwalunkwe riskju għal inġiq futur, fi djalogu bejn l-awtoritajiet tal-programm biex, fejn meħtieġ, jitjiebu l-kapaċitajiet ta' individwazzjoni kemm ta' verifiki ta' ġestjoni kif ukoll ta' awditjar.

Jekk l-irregolaritajiet identifikati addizzjonali jindikaw **dgħufija fis-sistema, il-miżuri ta' rimedju** jenħtieġ li jinvolvu t-titjib tal-għodod metodoloġiċi, ir-reklutaġġ ta' persunal addizzjonali inklużi l-esperti, l-attivitajiet ta' taħriġ dwar għodod li jkunu għadhom kemm ġew żviluppati jew dwar l-interpretazzjoni korretta tal-aktar żbalji frekwenti. Dan jista' jinkludi, għall-**awtoritajiet ta' ġestjoni u l-korpi intermedji tagħhom**, li **jtejbu l-kwalità tal-proċeduri tal-għażla jew tal-verifiki ta' ġestjoni** biex jiġu ffiltrati l-irregolaritajiet.

**Għall-awtoritajiet tal-awditjar** ikkonċernati, l-azzjonijiet ta' rimedju jirreferu prinċipalment għal titjib fil-kapaċità tagħhom li jindividwaw irregolaritajiet permezz ta' **titjib fil-listi ta' kontroll tal-awditjar u l-metodoloġija** li jużaw, kjarifika tal-liġi applikabbli (b'mod partikolari fir-rigward ta' żbalji fl-akkwist pubbliku), ir-reklutaġġ ta' persunal addizzjonali u taħriġ professjonali kontinwu.

5.41 It-tweġiba Komuni tal-Kummissjoni għall-paragrafi minn 5.41 sa 5.42:

Il-Kummissjoni indikat fir-RAA ta' REGIO u EMPL li l-kundizzjonijiet tas-sena finanzjarja 2017-2018 għall-**użu ta' ta' teħid ta' kampjun statistiku** kienu fis-seħħ għal programmi operattivi li jirrappreżentaw 88 % tan-nefqa ddikjarata.

Il-Kummissjoni żviluppat **gwida dwar it-teħid ta' kampjun** bir-reqqa u komprensiva biex tkompli tiċċara l-qafas legali biex jinkiseb qafas ta' implimentazzjoni tat-teħid tal-kampjun armonizzat, miftiehem u kkoordinat għall-awtoritajiet tal-awditjar. Il-Kummissjoni tenfasizza li l-metodi ta' teħid ta' kampjuni jirrikjedu **l-użu ta' ġudizzju professjonali** f'diversi stadji tal-proċess li jista' jwassal għal valutazzjonijiet differenti bejn l-awdituri professjonali, għalhekk mingħajr ma dawn jindikaw b'mod sistematiku dgħufijiet fis-sistema.

5.43 It-tweġiba Komuni tal-Kummissjoni għall-paragrafi minn 5.43 sa 5.45:

Il-Kummissjoni hi sodisfatta bit-titjib innutat mill-QEA f'termini ta' possibbiltà li jiġu ċċarati aktar kwistjonijiet mingħajr żjarat fil-livell tal-benefiċjarji. Dan jikkontribwixxi biex jagħmel l-awditjar inqas intrużiv u goff għall-benefiċjarji tal-Fondi tal-UE, meta d-**dokumentazzjoni ta' kontroll** minn qabel tkun aktar faċilment **disponibbli** għall-awditi tal-UE.

Kif indikat fit-tweġiba tagħha għar-rapport annwali tal-QEA tas-sena l-oħra (il-paragrafi 6.46 u 6.47), il-Kummissjoni qed taħdem kontinwament mal-awtoritajiet tal-awditjar biex **issaħħaħ il-kapaċità**

**tagħhom li jipprevjenu u jikkoreġu l-iżbalji**, biex jiddokumentaw aħjar ix-xogħol tal-awditjar tagħhom u għalhekk biex **jikkontribwixxu għall-proċess ta' aċċertament**.

Illustrazzjoni ta' din il-kooperazzjoni hija l-isforzi koordinati li l-Kummissjoni stabbiliet mal-awtoritajiet tal-awditjar fl-2019 u fl-2020, bl-appoġġ u l-għarfien espert tal-QEA, biex ittejjeb id-dokumentazzjoni tal-awditjar u tiżgura rieżami xieraq tal-kwalità tas-sejbiet tal-awditjar (ara l-Kaxxa 5.8). Fuljett li fih il-verżjoni finali tad-dokument ta' **riflessjoni dwar id-dokumentazzjoni tal-awditjar** issa qed jiġi ċċirkolat mal-awtoritajiet tal-awditjar kollha.

5.47 Il-Kummissjoni se tkompli taħdem mal-awtorità tal-awditjar ikkonċernata għat-trattament korrett u l-kwantifikazzjoni ta' żbalji individwali li b'hekk iwasslu għal kalkolu korrett tar-rata ta' żball.

#### IX-XOGĦOL TA' AĊĊERTAMENT TAL-KUMMISSJONI U R-RAPPURTAR TAR-RATA TA' ŻBALL RESIDWU FIR-RAPPORTI ANNWALI TAL-ATTIVITÀ TAGĦHA

Awditi tal-konformità bbażati fuq ir-riskju enfasizzaw irregolaritajiet li ma ġewx individwati mill-awtoritajiet tal-awditjar

It-tweġiba komuni tal-Kummissjoni għall-paragrafi 5.49 u 5.50:

**Fir-RAA** tagħhom id-Direttorati Ġenerali jagħmlu l-konklużjonijiet fuq it-tliet aspetti marbuta mal-**effettività tas-sistemi ta' ġestjoni u kontroll, l-aċċettabilità tal-kontijiet, u l-legalità u r-regolarità tan-nefqa sottostanti**, wara li tkun saret valutazzjoni tal-pakketti ta' aċċertament ippreżentati.

Il-Kummissjoni tqis **l-informazzjoni kollha disponibbli** inkluż minn awtoritajiet tal-awditjar, awditi tal-Kummissjoni u tal-QEA, biex taġġorna l-valutazzjoni tar-riskju tagħha fuq bażi annwali u tistabbilixxi l-pjan ta' awditjar tagħha.

Il-Kummissjoni tenfasizza wkoll li r-riżultati preliminari tal-awditjar tal-QEA dwar ir-rati ta' żball 2017-2018 jiffurmaw parti mill-isfond ġenerali li fuqu hija vvalutata l-**affidabbiltà tar-rati ta' żball** irrappurtati għall-programmi, flimkien mar-riżultati tal-uffiċċju tal-Kummissjoni u x-xogħol ta' awditu fil-post. Din l-informazzjoni kollha hija għalhekk riflessa fil-KPI5 irrappurtata, kif ukoll fil-valutazzjoni tar-riskju stabbilita bi sħab miż-żewġ Direttorati Ġenerali.

5.51 Il-Kummissjoni tqis li r-riżultati tal-awditjar tagħha kif irrappurtat f'dan il-paragrafu jindikaw li **l-valutazzjoni tar-riskju tagħha dwar il-ħidma tal-awtoritajiet tal-awditjar** kienet rilevanti. Il-Kummissjoni tivvalida s-sejbiet tal-awditjar tagħha mal-awtoritajiet tal-awditjar fi proċedura kontradittorja u timmonitorja r-riżultati finali tagħha bil-għan li **tidentifika l-kawżi ewlenin tal-iżbalji addizzjonali** li tkun identifikat, u biex ittejjeb il-kapaċità ta' individwazzjoni tal-awtoritajiet tal-awditjar ikkonċernati. Dan wassalha biex toħroġ **ittri ta' prevenzjoni** lil xi awtoritajiet tal-awditjar qabel ir-rapporti ta' kontroll annwali tal-2020, f'xi każijiet. F'każijiet oħra, żbalji addizzjonali individwati huma aktar puntwali u minkejja impatt estrapolat importanti possibbli fuq ir-rata ta' żball ma jindikawx dgħufija sistemika fil-livell tal-awtorità tal-awditjar.

Minbarra l-awditjar tal-konformità biex twettaq mill-ġdid ix-xogħol tal-awtoritajiet tal-awditjar, il-Kummissjoni wettqet ukoll 15-il **awditu tar-rapport ta' kontroll annwali ta' qabel u ta' wara** li jkopru **disa' Stati Membri**. Dawn l-awditi jikkontribwixxu wkoll għar-rieżami u l-valutazzjoni tal-ħidma tal-awtoritajiet tal-awditjar billi dawn jippermettu li jiġu ċċarati l-mistoqsijiet dwar l-ACR (annual control reports) iżda wkoll biex jiġu individwati żbalji fil-kwantifikazzjoni u fil-proġettazzjoni tal-iżbalji.

Bħala riżultat tal-uffiċċju tagħha u tal-attivitajiet ta' awditjar fil-post, il-Kummissjoni rappurtat fir-RAA rispettivi ta' REGIO u EMPL li, għal total ta' **16-il awtorità tal-awditjar tal-FEŻR jew tal-FSE** jew il-korpi ta' kontroll tagħhom, hija qieset li hemm bżonn li jiġu kkoreġuti **dgħufijiet serji**.

5.52 Minħabba l-limitazzjonijiet tar-riżorsi u obbligi regolatorji oħra, il-Kummissjoni tista' tniedi biss il-maġġoranza l-kbira tal-awditi annwali tagħha bbażati fuq ir-riskju minn Settembru ta' kull sena. F'konformità mal-istandards internazzjonali u f'konformità mar-rekwiżiti tas-CPR, id-dewmien meħtieġ għall-proċess kontradittorju jagħmilha impossibbli fil-maġġoranza tal-każijiet li jkun hemm riżultati tal-awditjar finali skont ir-RAA li jmiss. Għalhekk is-servizzi tal-Kummissjoni jadottaw approċċ prudenti għall-Indikatur ta' Prestazzjoni Ewlieni (IPE) 5 (Key Performance Indicator, **KPI5**, jiġifieri r-riskju residwu medju rrapportat) u l-opinjoni tal-awditu tagħhom fir-RAA u jikkunsidraw l-impatt massimu potenzjali tas-sejbiet preliminari tagħhom meta jivvalutaw il-programmi kkonċernati.

Barra minn hekk, fir-RAA hija rrapportat ukoll "rata massima" ( l-aġħar xenarju possibbli għall-KPI ) (ara l-paragrafu 5.59). Għal programmi bħal dawn, hija meħtieġa aktar evidenza għall-awditjar biex jiġi vverifikat jekk il-livell superjuri tar-riskju rrapportat jimmaterjalizzax.

Barra minn hekk, is-CPR jippermetti lill-Kummissjoni twestaq awditi fis-snin sussegwenti tar-RAA, fil-perjodu ta' mill-inqas tliet snin wara l-preżentazzjoni tal-kontijiet biex iżżomm id-dokumentazzjoni ta' sostenn għar-rekord tal-awditjar.

Fil-każijiet kollha, huma meħtieġa u applikati korrezzjonijiet finanzjarji addizzjonali meta jinstab li r-rata ta' żball residwu totali finali tkun ogħla minn 2 % u l-informazzjoni tiġi żvelata fir-RAA sussegwenti.

5.54 Il-Kummissjoni kienet diġà aġġornat il-KPI tagħha fir-RAA (Rapporti Annwali tal-Attività) tagħha tal-2018 f'konformità mar-Rakkomandazzjoni 4 tar-Rapport Annwali tal-QEA għall-2017. Din il-KPI5 diġà tinkludi approċċ prudenti u konservattiv f'każ ta' riżultati tal-awditjar mhux definittivi, bl-użu tar-rata ta' żball preliminari massima fiż-żmien tal-proċess kontradittorju. Barra minn hekk, ix-xenarju tal-aġħar każ possibbli huwa żvelat b'mod trasparenti fir-RAA biex ikopri riskji possibbli addizzjonali li ma jkunux għadhom ġew ikkorroborati għalkollox mill-evidenza għall-awditjar (ara t-tweġiba tal-Kummissjoni għall-paragrafu 5.52 hawn fuq).

5.55 It-tweġiba komuni tal-Kummissjoni għall-paragrafi 5.55 u 5.56:

B'kont meħud tar-rakkomandazzjonijiet preliminari tal-QEA, il-Kummissjoni issa tibbaża l-KPI5 dwar ir-regolarità rrapportata fir-RAA tal-2019 għall-politika ta' koeżjoni esklussivament fuq ir-rati ta' żball totali kkonfermati tal-2017-2018 (jew għal numru limitat ta' każijiet, meta l-iżball residwu ma jstax jiġi kkonfermat, fuq ir-riżultati tal-awditjar l-aktar konservattivi disponibbli fil-ħin tar-RAA). Barra minn hekk, il-Kummissjoni introduċiet il-kunċett ta' "riskju massimu".

Il-Kummissjoni tenfasizza li l-KPI ġie smat li juża, għall-programmi operazzjonali kollha, approċċ konservattiv bl-użu tal-evidenza għall-awditjar disponibbli fid-data tal-finalizzazzjoni tar-RAA. Ir-rata massima (ix-xenarju tal-aġħar każ possibbli) tal-KPI hija rilevanti biss għal dawk il-programmi li fihom jista' ikun baqa' żbalji addizzjonali fil-partijiet tal-kampjuni awditjati li mhumiex soġġetti għal attivitajiet ta' prestazzjoni mill-ġdid, jew li għalihom tista' ssir disponibbli aktar informazzjoni dwar l-awditjar (inkluż mill-awditi mill-QEA) wara l-adozzjoni tar-RAA.

Iż-żewġ Diretturi Ġenerali b'mod trasparenti jiżvelaw l-informazzjoni xierqa kollha mill-OP fir-RAA tagħhom (Anness 10 B), filwaqt li jitqies iż-żmien meta jsiru l-awditi kollha tal-Kummissjoni u l-QEA (b'mod parallel mal-valutazzjoni finali tal-Kummissjoni). Il-Kummissjoni tqis żvelar bħal dan fir-RAA bħala Prattika amministrattiva soda u diliġenti.

5.58 Il-Kummissjoni ddisinjat is-sistema ta' aċċertament tagħha b'tali mod li d-Diretturi Ġenerali jkun jistgħu jipprovdu aċċertament fuq kull wieħed mill-420 OP individwali, kif huma obbligati jagħmlu bħala uffiċjali awtorizzanti b'delega. Il-Kummissjoni tqis li għandha aċċertament raġonevoli dwar il-legalità u r-regolarità tan-nefqa sottostanti, ħlief għall-programmi li għalihom irrapportat il-ħtieġa ta' korrezzjonijiet finanzjarji addizzjonali potenzjali fir-RAA.

Barra minn hekk, l-**KPI aggregat** huwa rrapportat fir-RAA bħala **medja ponderata tar-rati ta' żball ikkonfermati kollha**. Il-Kummissjoni rrapportat ukoll livell massimu ta' dan il-KPI (l-agħar xenarju possibbli), filwaqt li qieset l-informazzjoni pendenti kollha li għadha qed tiġi vvalidata. Fl-aħħar nett, is-CPR jipprevedi l-possibbiltà li l-atturi nazzjonali u tal-UE **jwettqu awditi matul tal-inqas tliet snin wara s-sena li fiha jkunu ġew ippreżentati l-kontijiet**. Dan huwa importanti biex il-Kummissjoni tkun tista' **twettaq ir-responsabbiltajiet tagħha** fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit tal-UE skont il-programmi pluriennali.

5.59 Il-Kummissjoni, fir-rwol superviżorju tagħha bħala manager tal-baġit tal-UE, għandha rwol speċifiku u tfassal l-approċċ tagħha fil-kontroll tal-fondi tal-UE kif xieraq. Dan huwa rifless fir-riskju mal-ħlas irrappurtat mill-Kummissjoni.

5.60 It-tweġiba Komuni tal-Kummissjoni għall-paragrafi minn 5.60 sa 5.62:

Il-Kummissjoni tenfasizza li **ż-żewġ DGs ħarġu riżervi fir-RAA tal-2019 rispettivi tagħhom** fir-rigward tal-pagamenti rilevanti fis-sena, wara l-istruzzjonijiet korporattivi u l-**kriterji ta' materjalità** definiti fl-Anness 4 tar-RAA rispettivi bil-għan li **jiġi protett il-baġit tal-UE** jekk ir-riskji jiġu identifikati.

Riżervi b'għal dawn iqsu l-informazzjoni kollha riveduta fil-ħin tal-valutazzjoni tagħhom: ir-rati ta' żball irrappurtati fl-aħħar ACR, kif riveduti fiż-żmien tal-valutazzjoni, ir-rati ta' żball ikkonfermati tas-sena preċedenti li jistgħu jindikaw nuqqasijiet fis-sistema li għadhom ma ġewx saldati fiż-żmien tal-valutazzjoni, u l-aħħar valutazzjonijiet disponibbli tas-sistema ta' ġestjoni u kontroll inkluż it-titjib jew, għall-kuntrarju, dgħufijiet ġodda identifikati.

Indipendentement mis-sena li fiha tiġi individwata dgħufija (jew minn Stat Membru nnifsu jew mill-Kummissjoni), **jinżammu riżervi sakemm tiġi indirizzata l-kwistjoni**.

Barra minn hekk, fir-rigward tas-snin kontabilistiki preċedenti, fir-RAA, il-Kummissjoni tirrapporta b'mod sħiħ it-trasparenza fil-**korrezzjonijiet finanzjarji applikati jew immedija** / li se jiġu mmedija, b'rispett sħiħ tal-proċeduri kontradittorji applikabbli (ara r-RAA rispettivi ta' REGIO u EMPL, pp. 32 u 45).

#### KONKLUŻJONI U RAKKOMANDAZZJONIJIET

5.63 Il-Kummissjoni tieħu nota tal-**livell ta' żball ikkalkulat mill-QEA** li huwa inqas mis-sena l-oħra.

Il-Kummissjoni **se ssegwi l-iżbalji kollha** li sabet il-QEA u se titlob korrezzjonijiet finanzjarji addizzjonali, fejn jitqies li hu meħtieġ.

Il-Kummissjoni tirreferi wkoll għall-firxiet ta' żbalji inklużi **r-riskji massimi (l-agħar xenarju possibbli)** żvelati fir-RAA tal-2019 tad-DĠ REGIO u tad-DĠ EMPL, li jirriżultaw minn analiżi dettaljata tas-sitwazzjoni ta' kull wieħed mill-420 programm (ara t-tweġiba tal-Kummissjoni għall-paragrafi minn 5.65 sa 5.67 hawn taħt).

5.64 Il-Kummissjoni tqis li, b'mod ġenerali, tista' ssir **dipendenza fuq ix-xogħol tal-awtoritajiet tal-awditjar**, bl-eċċezzjoni ta' ftit każijiet kif spjegat b'mod ċar fir-RAA fuq il-bażi tal-informazzjoni kollha tal-awditjar disponibbli.

Il-Kummissjoni se tkompli **taħdem mill-qrib mal-awtoritajiet tal-awditjar** biex tiżgura li jkomplu jaħdmu skont l-istandards. Hija se tanalizza wkoll mal-awtoritajiet tal-awditjar ir-raġunijiet sottostanti għall-kwistjonijiet individwati fl-awditi tal-QEA u l-Kummissjoni u dwar kif dawn jistgħu jiġu solvuti aktar.

5.65 It-tweġiba Komuni tal-Kummissjoni għall-paragrafi minn 5.65 sa 5.67:

Il-Kummissjoni tenfasizza li l-approċċ attwali segwit mill-QEA għad-Dikjarazzjoni ta' Aċċertament tagħha jippermetti **allinjament** aħjar **tal-metodoloġiji tal-awditjar** fil-livelli kollha.

Il-Kummissjoni, fir-rwol **superviżorju tagħha bħala maniġer** tal-baġit tal-UE, għandha rwol speċifiku u tfassal l-approċċ tagħha fil-kontroll tal-fondi tal-UE kif xieraq. Dan huwa rifless fir-riskju mal-ħlas irrappurtat mill-Kummissjoni.

Fir-RAA, il-Kummissjoni tirrapporta r-rati ta' żball għall-FEŻR, il-FK u l-FSE, li ladarba jiġu aggregati, huma f'firxa ta' bejn 2,3 % u 3,3 % għall-politika ta' koeżjoni (ara l-Kaxxa 5.9.), li huwa fil-medda ta' żball ikkalkulata mill-QEA. L-AMPR jaggrega r-rati tal-iżball żvelati fir-RAA.

Il-Kummissjoni temmen li **l-valutazzjoni dettaljata** tagħha tirrifletti stima raġonevoli u ġusta tar-**rati ta' żball** għal kull programm u b'mod kumulattiv għall-programmi kollha. Din il-valutazzjoni dettaljata ta' kull programm skont il-profilu tar-riskju u **s-sistemi ta' ġestjoni u kontroll**, filwaqt li tqis ukoll il-ħidma tal-QEA, tippermetti lill-Kummissjoni tikkonkludi fuq il-parti speċifika tal-popolazzjoni tal-programm li x'aktarx tkun l-aktar affettwata u tidentifika l-oqsma speċifiċi fejn hemm bżonn ta' titjib.

L-objettiv tal-**mudell ta' aċċertament** attwali huwa tabilħaqq li **jkun hemm rata ta' żball residwu ta' inqas minn 2 % għal kull programm**, aktar milli bħala medja. Għal programmi fejn ir-rata ta' żball ma setgħetx tiġi kkonfermata minħabba xogħol ta' awditjar li jkun għaddej, il-Kummissjoni tuża l-għodod legali għad-dispożizzjoni tagħha biex tapplika **l-korrezzjonijiet finanzjarji** meħtieġa meta l-awditi ikkometati jirriżultaw f'rati ta' żball residwu oġġla minn 2 %. Il-Kummissjoni tirrapporta dawn fir-RAA sussegwenti.

Il-Kummissjoni se tkompli taħdem mill-qrib mal-awtoritajiet ta' ġestjoni u ta' awditjar tal-programmi kkonċernati, b'segwitu għall-konklużjonijiet miftehma u biex maż-żmien jinkiseb **livell residwu ta' żball ta' inqas minn 2 %** għall-programmi kollha.

5.68 Dwar ir-rakkomandazzjonijiet li jiġu rrapportati mill-QEA bħala li ma ttieħdet ebda azzjoni dwarhom b'mod ġenerali jew li ġew implimentati f'xi wħud mill-aspetti, il-Kummissjoni tirreferi għat-tweġiba tagħha għall-Anness 5.3.

#### Tweġiba tal-Kummissjoni għall-Anness 5.3:

Fir-rigward tar-Rakkomandazzjoni 2 tal-2017, il-Kummissjoni tinnotta li hija pproponiet għall-2021-2027 li tagħmel il-VAT eliġibbli għal proġetti taħt spiża totali ta' EUR 5 miljun. Dan huwa approċċ alternattiv għal dak irrakkomandat mill-QEA.

Fir-rigward tar-Rakkomandazzjoni 6 tal-2017, il-Kummissjoni tenfasizza li l-qafas regolatorju jagħti **l-possibbiltà lill-programmi tal-awditu mill-inqas tliet snin wara l-preżentazzjoni tal-kontijiet**, fejn meħtieġ. Il-Kummissjoni tagħmel hiliha **biex tikkonkludi dwar ir-regolarità tan-nefqa fir-RAA** wara s-sena tal-preżentazzjonijiet tal-kontijiet, u tirrapporta b'mod trasparenti dwar il-programmi kollha kkonċernati fl-anness tar-RAA, iżda dan mhux dejjem possibbli.

#### **Rakkomandazzjoni 5.1 – Kundizzjonijiet għall-eliġibbiltà tal-proġett**

Il-Kummissjoni **taċċetta** din ir-rakkomandazzjoni.

Is-CPR ma tinkludix id-definizzjoni ta' "**operazzjoni fiżikament ikkometata jew kompletament implimentata**" imsemmija fl-Artikolu 65(6). Il-Kummissjoni hija tal-opinjoni li minħabba n-natura varjata tal-operazzjonijiet, il-konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 65(6) għandha tiġi vvalutata mill-awtoritajiet tal-programm għal kull operazzjoni kkonċernata fuq il-bażi tal-merti tagħha stess, filwaqt li jitqiesu l-ispeċifiċitajiet tagħha, il-kamp ta' applikazzjoni kif definit fid-deċizzjonijiet tal-għotja kuntrattwali u l-konformità mal-liġi nazzjonali. F'dan il-proċess, l-awtoritajiet tal-programm għandhom jiżguraw konformità mal-Artikolu 65(6) CPR.

Ir-riskju tal-għażla ta' operazzjonijiet "fiżikament ikkometati" u / jew "implimentati bis-siħ" iwarja bejn l-Istati Membri u l-programmi, u huwa marbut b'mod partikolari ma' Stat Membru wieħed fejn

il-fruntiera bejn l-iskemi nazzjonali u dawk tal-UE titħalla vaga deliberatament biex tippermetti l-mobilizzazzjoni rapida ta' investimenti nazzjonali kull meta jkun meħtieġ. Il-Kummissjoni spjegat fil-MuT id-differenza bejn l-operazzjonijiet “fiżikament ikkompletati” u operazzjonijiet oħra li jistgħu jiġu kkunsidrati bħala “kompletament implimentati”, b'mod partikolari minħabba n-nuqqas ta' oġġett fiżiku / investiment. **Il-Kummissjoni taqbel mal-hteġa li jiġi pprovdut aktar kjarifika lil dan l-Istat Membru** fuq il-bażi tal-esperjenza li nġabret s'issa biex jiġi evitat kwalunkwe riskju. Barra minn hekk, il-kjarifika pprovduta lil dan l-Istat Membru tkun disponibbli ulterjorment għall-Istati Membri l-oħra kkonċernati.

### **Rakkomandazzjoni 5.2 – Azzjoni biex tiżdied l-affidabbiltà tar-rati residwi rrappurtati mill-awtoritajiet tal-awditjar**

Il-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjoni.

Il-Kummissjoni diġà qed tipprovdi fir-RAA (ara p. 26 tar-RAA tal-2019 għal REGIO u ara p. 41 tar-RAA tal-2019 għall-EMPL) **analiżi ġenerali** billi tqabbel it-tipi ta' żbalji ewlenin identifikati mill-awtoritajiet tal-awditjar u mill-awdituri tal-Kummissjoni, u tirreferi għall-awtoritajiet tal-awditjar li huma meqjusa li ma jipprovdwx riżultati affidabbli u r-raġunijiet sottostanti għaliha.

Barra minn hekk, **diskussjoni dwar diskrepanza eżistenti** tas-sejbiet tal-Kummissjoni u s-sejbiet tal-awtorità tal-awditjar huma punt permanenti fil-**Laqgħat ta' Koordinazzjoni Annwali** mill-2018. Diskussjoni aktar strutturata mal-awtoritajiet tal-awditjar ikkonċernati mill-2020 se tinkludi **analiżi dettaljata tal-iżbalji addizzjonali** li nstabu mill-awditi tal-UE, **b'azzjonijiet irregiistrati** mill-awtoritajiet tal-awditjar biex jittrattaw in-nuqqas ta' individwazzjoni ta' dawn l-iżbalji.

Huwa ppjanat ukoll **studju dwar is-sejbiet tal-awditjar ta' REGIO** mill-perjodi 2007-2013 u 2014-2020 għall-pubblikazzjoni fil-ħarifa tal-2020. Dan se jippermetti li jsir **djalogu aktar ġenerali mal-awtoritajiet tal-programm** dwar it-tipi ta' irregolaritajiet misjuba fil-verifiki tal-Kummissjoni li ma jinstabux mill-verifiki tal-ġestjoni u l-awditi tal-programmi.

**TWEĠBIET TAL-KUMMISSJONI GĦAR-RAPPORT ANNWALI TAL-2019 TAL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI**  
**“KAPITOLU 6 - RIŻORSI NATURALI”**

**REGOLARITÀ TAT-TRANŻAZZJONIJIET**

6.8 Il-Kummissjoni tinnota b'sodisfazzjon li **l-livell ta' żball stmat tal-QEA għal “Riżorsi naturali” huwa ta' 1.9 %**, u għalhekk taħt il-livell limitu ta' materjalità ta' 2 % (kif ippreżentat fl-Anness 6.1). Dan huwa konsistenti mar-riżultati ppreżentati fir-Rapporti Annwali tal-Attività tal-2019 tad-DG AGRI, id-DG MARE, id-DG CLIMA u d-DG ENV floqsma ta' politika koperti mill-kapitolu “Riżorsi naturali”.

6.11 Il-Kummissjoni hija sodisfatta ħafna bil-konklużjoni tal-QEA li **l-pagamenti diretti tal-FAEG**, li jirrappreżentaw EUR 41,3 biljun fis-sena finanzjarja 2019, **huma ħielsa minn erruri materjali**. Il-Kummissjoni tinnota li s-sejba tal-QEA li l-pagamenti diretti b'mod ġenerali huma ħielsa minn żbalji materjali hija konsistenti mar-rata ta' żbalji għall-pagamenti diretti ppreżentati fl-AAR tal-2019 tad-DG AGRI (1.57 %).

Il-pagamenti diretti fl-intier tagħhom kienu ħielsa minn żball materjali

Rigward l-intestatura fuq il-punt 6.13, il-Kummissjoni hi sodisfatta bil-valutazzjoni tal-QEA li l-pagamenti Diretti huma ħielsa minn żbalji materjali (ara wkoll it-tweġiba għall-paragrafu 6.11).

6.13 Il-Kummissjoni tikkunsidra li huwa impossibbli li jiġu evitati **żbalji minuri** b'kost raġonevoli u tinnota li l-livell ta' errur stmat mill-QEA għal pagamenti diretti huwa taħt il-limitu massimu ta' materjalità ta' 2 %.

6.15 Il-Kummissjoni hija sodisfatta bil-**valutazzjoni pożittiva tal-QEA dwar ir-rwol tal-IACS u tal-LPIS** fil-prevenzjoni u t-tnaqqis tal-livelli ta' żball.

6.21 Il-Kummissjoni hija sodisfatta bl-iżvilupp pożittiv fir-rigward tal-Iżvilupp Rurali: Il-QEA qed tidentifika għadd dejjem jonqos ta' żbalji fl-iżvilupp rurali, li huwa konformi mas-sejbiet tad-DG AGRI rrapportati fir-RAA tiegħu għas-sena finanzjarja 2019.

**RAPPORTI ANNWALI TAL-ATTIVITÀ U ARRANĠAMENTI OĦRA TA' GOVERNANZA**

**Ir-rappurtar, min-naħa tad-DG AGRI, dwar ir-regolarità tal-infiq taħt il-PAK**

6.29 Il-Kummissjoni tinnota li nkiseb **titjib sinifikanti fil-ħidma tal-Korpi taç-Ċertifikazzjoni** peress li dawn taw riżultati tajbin u sostanzjali mill-awditjar tal-legalità u r-regolarità tan-nefqa fuq il-popolazzjonijiet kollha meta mqabbla mas-snin preċedenti. Il-Kummissjoni hija sodisfatta bil-valutazzjoni tal-QEA li r-rwol tal-korpi taç-ċertifikazzjoni li jipprovdu opinjoni dwar ir-regolarità tal-infiq kien żvilupp pożittiv.



6.31 **Għall-kalkolu tar-rati ta' żball aġġustati fl-AAR tal-2019**, id-DG AGRI uża bħala punt ta' bidu l-istatistika ta' kontroll għal kull Aġenzija tal-Pagament (jew miżura għal miżuri tas-suq, ABB 02). Id-DG AGRI bbaża ruħu b'mod estensiv fuq ir-riżultati tal-ħidma tal-Korpi taċ-Ċertifikazzjoni, kif ukoll fuq l-awditijiet tiegħu stess biex jaġġusta r-rati ta' żball irrapportati mill-Aġenziji tal-Pagamenti, fejn instabu nuqqasijiet fis-sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll tagħhom.

Ta' min jinnota li, f'diversi każijiet fejn id-DG AGRI kellu aġġustament b'rata fissa, il-Korpi taċ-Ċertifikazzjoni sabu kwistjonijiet simili. F'dawk is-sitwazzjonijiet, is-sejbiet tal-Korpi taċ-Ċertifikazzjoni huma kkunsidrati rilevanti iżda koperti mill-aġġustament b'rata fissa.

6.32 Il-Kummissjoni tilqa' l-fatt li **l-konklużjonijiet tal-QEA huma konsistenti mar-rata ta' żball baxxa rrapportata fir-RAA tad-DG AGRI**. Il-Kummissjoni tqis ukoll li r-riskju għall-baġit tal-UE jiġi kopert b'mod adegwat mill-kapaċità korrettiva, li tikkonsisti minn korrezzjonijiet finanzjarji netti u rkupri mill-benefiċjarji. Il-kapaċità korrettiva rrapportata fir-Rapport ta' Attività Annwali tal-2019 tad-Direttorat Ġenerali għall-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali kienet tammonta għal 1.77 % tan-nefqa rilevanti tal-PAK. Għalhekk, l-ammont finali fir-riskju kien stmat għal 0.12 % tan-nefqa rilevanti tal-PAK, taħt il-materjalità sew.

### **Politiki u proċeduri tal-PAK kontra l-frodi**

6.35 Il-Kummissjoni hija sodisfatta bil-fatt li **kważi l-pagamenti kollha** li saru mill-ECA fir-rigward tal-pagamenti diretti u l-iżvilupp rurali, il-pagamenti li jikkonċernaw bdiewa li jippreżentaw **talbiet korretti jew li jagħmlu żbalji żgħar**.

6.36 Il-Kummissjoni tinnota l-valutazzjoni tal-QEA li **r-riskju ta' frodi** huwa akbar għall-oqsma li huma ġeneralment soġġetti għal kofinanzjament ibbażat fuq rimborżi u mhux fil-qasam tal-Pagamenti Diretti u l-infiq għall-iżvilupp rurali ibbażat fuq iż-żona li jirrappreżentaw il-maġġoranza l-kbira tan-nefqa tal-PAK.

6.37 Il-Kummissjoni tinnota li l-awtoritajiet rilevanti li jimplementaw il-PAK fl-Istati Membri huma fuq quddiem biex jipprevjenu, jidentifikaw u jikkoreġu l-irregolaritajiet u l-frodi (l-Artikolu 58 (1) R1306/2013).

6.39 Il-Kummissjoni **ħadet ir-rakkomandazzjonijiet** li jirriżultaw mir-rapport speċjali 1/2019 tal-QEA fl-**Istrateġija tal-Kummissjoni Kontra l-Frodi** adottata f'April 2019.

6.40 L-ewwel inċiż: Il-Kummissjoni tqis li **l-analiżi tar-riskju ta' frodi hija proċess kontinwu** bbażat fuq ir-rapporti ta' investigazzjoni tal-OLAF, ix-xogħol tal-awditjar tal-Kummissjoni stess u informazzjoni oħra relatata ma' każijiet allegati ta' frodi. Mill-2016, ma ġew osservati l-ebda bidliet sostanzjali fix-xejriet tal-frodi fir-rigward tal-eliġibbiltà tan-nefqa tal-fondi tal-PAK.

Il-każijiet allegati ta' frodi li ġew ippubblikati reċentement ikkonċernaw persuni li jiksbu superfiċji b'mod allegatament illegali li għalihom imbagħad huma jitolbu għajjnuna diretta b'mod li jidher regolari u legali skont ir-regolamenti tal-PAK. Ir-rimedji kontra tali azzjonijiet ikunu kwistjoni tal-istat tad-dritt fl-Istati Membri kkonċernati.

It-tieni inċiż: Skont il-kriterji ta' akkreditazzjoni fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 907/2014, l-Aġenzija tal-Pagamenti (AP) tal-PAK għandhom jiżguraw li **jkunu fis-seħħ proċeduri xierqa biex jipprevjenu u jidentifikaw frodi u irregolaritajiet**. Il-Korpi taċ-Ċertifikazzjoni (KĊ) jivvalutaw fuq bażi annwali l-konformità tal-PA mal-kriterji ta' akkreditazzjoni, inklużi l-miżuri fis-seħħ għall-prevenzjoni u l-individwazzjoni tal-frodi.

Il-Kummissjoni timmonitorja l-konformità tal-PAs mal-kriterji ta' akkreditazzjoni billi tivvaluta r-rapporti ta' ċertifikazzjoni annwali mħejjija mill-KĊ u d-Dikjarazzjonijiet ta' Ġestjoni magħmula mill-kapijiet tal-PAs. F'każ li jkun hemm sejbiet relatati mal-konformità mal-kriterji ta' akkreditazzjoni, il-Kummissjoni tiftaħ inkjesti ta' konformità biex tiproteġi l-baġit tal-UE.

Barra minn hekk, il-Korpi taċ-Ċertifikazzjoni u l-Kummissjoni permezz tal-verifiki tagħhom jivvalutaw is-sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll tal-Istati Membri li għandhom ikunu fis-seħħ biex jipprevjenu l-frodi.

Ir-rwol tal-OLAF mhuwiex li jivvaluta l-miżuri tal-Istati Membri għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-frodi fl-infiq tal-PAK, għalkemm xi inizjattivi f'din id-direzzjoni jistgħu jittieħdu bħala parti minn proġetti ta' analiżi strateġiċi kurrenti jew futuri.

It-tielet inċiż: L-**għodda Arachne** hija offruta bla ħlas lill-awtoritajiet tal-Istati Membri, iżda mhijiex għodda obligatorja. Il-Kummissjoni ħeġġet, u se tkompli thegġegħ lill-Istati Membri biex jużaw l-Arachne biex jidentifikaw ir-riskji potenzjali, inkluż permezz ta' preżentazzjonijiet u taħriġ mogħtija fl-Istati Membri. Fl-2019 l-għodda kieet, kif iddikjarat b'mod korrett mill-QEA, proġett pilota, u għalhekk l-Istati Membri kollha ma kinux mistennija li jipparteċipaw mill-bidu.

6.41: Il-proposti tal-Kummissjoni għall-PAK ta' wara l-2020 diġà jirrikjedu li l-Istati Membri jtejbu d-**distribuzzjoni tal-appoġġ għall-introjtu**. Dan jinkludi r-rekwiżit li jiġi mmirat l-appoġġ għall-introjtu lil bdiewa ġenwini, jiġifieri dawk li huma attivi fil-biedja sabiex jaqilgħu l-għajxien tagħhom.

Id-definizzjonijiet eżatt ta' "bidwi ġenwin", "ettaru eliġibbli", "attività agrikola" minima, u "art għad-dispożizzjoni tal-bidwi" se jiġu stabbiliti mill-Istati Membri, filwaqt li jitqiesu l-ħtiġijiet attwali u l-ispeċifitajiet lokali fid-dawl tal-implimentazzjoni kif ukoll tal-ġurisprudenza rilevanti tal-UE.

## **KONKLUŻJONIJIET U RAKKOMANDAZZJONIJIET**

6.42 Il-Kummissjoni hija sodisfatta bil-fatt li l-**magħġoranza l-kbira tal-pagamenti** taħt ir-riżorsi naturali **qiesu ħielsa minn żbalji materjali**. Il-Kummissjoni tinnota wkoll b'mod pożittiv li r-rata globali ta' żbalji għall-Kapitolu kif stabbilit fl-Anness 6.1 hija taħt il-materjalità (1.9 %). Il-Kummissjoni tinnota wkoll li s-sejba ta' livell materjali ta' żball fir-rigward tal-iżvilupp rurali u l-miżuri tas-suq hija konformi mal-konklużjonijiet fir-Rapport ta' Attività Annwali tad-DĠ AGRI (ara wkoll il-paragrafu 6.32 għar-riskju ta' ħlas stmat minn DĠ AGRI).

Rakkomandazzjonijiet

6.43 Il-Kummissjoni tqis li **r-rakkomandazzjonijiet kollha ġew implimentati bis-sħiħ**. Ir-rakkomandazzjoni li jiġu pprovduti gwida u li jinfirmu l-aħjar prattiki ġiet implimentata b'mod sħiħ (eż. l-ġhodda Arachne hija disponibbli għall-Istati Membri).

### **Rakkomandazzjoni 1**

Il-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjoni.

Il-Kummissjoni tqis li **l-analiżi tar-riskju ta' frodi hija proċess kontinwu** bbażat fuq ir-rapporti ta' investigazzjoni tal-OLAF, ix-xogħol tal-awditjar tal-Kummissjoni stess u informazzjoni oħra relatata ma' każijiet allegati ta' frodi. Mill-2016, ma ġew osservati l-ebda bidliet sostanzjali fix-xejriet tal-frodi fir-rigward tal-eliġibbiltà tan-nefqa tal-fondi tal-PAK.

Il-każijiet allegati ta' frodi li ġew ippubblikati reċentement ikkonċernaw persuni li jiksbu superfiċji b'mod allegatament illegali li għalihom imbagħad huma jitolbu għajna diretta b'mod li jidher regolari u legali skont ir-regolamenti tal-PAK. Ir-rimedji kontra tali azzjonijiet ikunu kwistjoni tal-istat tad-dritt fl-Istati Membri kkonċernati.

Fir-rigward tal-prestazzjoni tal-analiżi tal-miżuri ta' prevenzjoni tal-frodi tal-Istati Membri, il-Kummissjoni tindika l-azzjonijiet 37 sa 42 tal-Pjan ta' Azzjoni li jakkumpanja l-Istrateġija tal-Kummissjoni Kontra l-Frodi (COM (2019) 196 final).

Il-Korpi taċ-Ċertifikazzjoni (KĊ) jivvalutaw fuq bażi annwali l-konformità tal-Aġenziji tal-Pagament (AP) mal-kriterji ta' akkreditazzjoni, inklużi l-miżuri fis-seħħ għall-prevenzjoni u l-individwazzjoni tal-frodi. Il-Kummissjoni timmonitorja l-konformità tal-AP mal-kriterji ta' akkreditazzjoni billi tivvaluta r-rapporti ta' ċertifikazzjoni annwali mħejjija mill-KĊ u d-Dikjarazzjonijiet ta' Ġestjoni magħmula mill-kapijiet tal-PAs. F'każ li jkun hemm sejbiet relatati mal-konformità mal-kriterji ta' akkreditazzjoni, il-Kummissjoni tiftaħ inkjesti ta' konformità biex ttiproteġi l-baġit tal-UE.

Il-Kummissjoni kontinwament tteġġeg lill-Istati Membri biex jużaw **l-ġhodda Arachne** biex jidentifikaw ir-riskji potenzjali, inkluż permezz ta' preżentazzjonijiet u taħriġ mogħtija fl-Istati Membri.

## TWEĠIBIET TAL-KUMMISSJONI GĦAR-RAPPORT ANNWALI TAL-2019 TAL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI

### IL-KAPITOLU 7 “SIGURTA’ U ĊITTADINANZA”

#### REGOLARITÀ TAT-TRANŻAZZJONIJIET

##### **Kaxxa 7.3 - Dikjarazzjoni eċċessiva tal-kostijiet tas-salarji**

Il-Kummissjoni se tiegħu l-miżuri korrispondenti xierqa.

#### EŻAMI TAL-ELEMENTI TAS-SISTEMI TA’ KONTROLL INTERN

7.10. Rigward il-punt 7.10, il-Kummissjoni hija tal-fehma li t-test jirrigwarda n-nuqqasijiet identifikati mill-QEA (Qorti Ewropea tal-Awdituri). Il-Kummissjoni identifikat ukoll bosta mill-kwistjonijiet irrapportati mill-QEA fil-Kaxxa 7.4 matul il-valutazzjoni tar-Rapporti Annwali ta’ Kontroll tal-2018 u ġibdet l-attenzjoni tal-awtoritajiet nazzjonali kkonċernati sabiex jiġu evitati kwistjonijiet simili fis-snin li ġejjin.

Ara wkoll it-tweġiba għall-kaxxa 7.4.

##### **Kaxxa 7.1 - Nuqqasijiet fir-rapporti annwali ta’ kontroll**

Rigward il-kalkoli mhux preċiżi u l-preżentazzjoni ta’ rati ta’ żbalji residwi u/jew totali, il-Kummissjoni tiġbed l-attenzjoni li n-nuqqas ta’ preċiżjoni kien pjuttost żgħir din is-sena, li kienet l-ewwel sena li fiha l-Awtoritajiet tal-Awditjar kienu mitluba jippreżentaw din l-informazzjoni. Billi r-rati ta’ żbalji residwi fil-Ġermanja u fl-Italja kienu ħafna aktar ’l isfel mil-livell ta’ materjalità, l-iżbalji identifikati ma kellhomx impatt fuq l-adegwatezza u/jew ma kkompromettewx l-adegwatezza tal-opinjoni tal-Awtoritajiet tal-Awditjar dwar il-kontijiet.

Il-Kummissjoni għarrfet lill-Awtoritajiet tal-Awditjar ikkonċernati biex ikunu jistgħu jieħdu l-azzjoni xierqa biex jevitaw kwistjonijiet simili f’eżerċizzji fil-ġejjieni.

7.11 Il-Kummissjoni tinnotta li l-impatt irrapportat mill-QEA fil-Kaxxa 7.5 huwa wieħed potenzjali u li n-nuqqasijiet jirrigwardaw biss ċerti verifiki li twettqu f’uħud mill-proġetti, li ma qajmux dubju dwar il-konklużjoni/l-opinjoni tal-Awtoritajiet tal-Awditjar kif stqarret il-QEA fil-paragrafu 7.10.

#### KONKLUŻJONIJIET U RAKKOMANDAZZJONIJIET

##### **Rakkomandazzjoni 7.1 – Kopertura tal-awditjar**

Il-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjoni 7.1 u se ttiprovdi gwida lill-Awtoritajiet tal-Awditjar dwar is-sottokampjunar inkluż il-kalkolu tal-kopertura tal-awditjar meta jiġi applikat is-sottokampjunar.

##### **Rakkomandazzjoni 7.2 – Kampjunar**

Il-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjoni 7.2 u se tkompli ttiprovdi, kif għamlet fl-imġhoddi, gwida għall-kampjunar u feedback lill-Awtoritajiet tal-Awditjar nazzjonali.

##### **Rakkomandazzjoni 7.3 – Rekord tal-awditjar**

Il-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjoni 7.3 u se tkompli ttiprovdi gwida lill-Awtoritajiet tal-Awditjar b’mod partikolari dwar id-dokumentazzjoni ta’ ħidma tal-awditjar.

**TWEĠIBIET FINALI TAL-KUMMISSJONI GĦAR-RAPPORT ANNWALI TAL-2019 TAL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI**

**“KONTRIBUZZJONI GĦAR-RAPPORT ANNWALI TAL-2019 – KAPITOLU 8 – EWROPA GLOBALI”**

**REGOLARITÀ TAT-TRANŻAZZJONIJIET**

8.6 Għal waħda mill-11-il tranżazzjoni msemmija, il-Kummissjoni tqis li ma kien hemm l-ebda ksur ta' regoli applikabbli u għaldaqstant ma kien hemm l-ebda żball kwantifikabbli.

**Kaxxa 8.1 - L-ebda sistema ta' reġistrazzjoni tal-ħin**

**FPI**

Sabiex tissaħħaħ is-sistema ta' kontroll intern tat-**Tim Reġjonali (RT) tal-Lvant Nofsani u tal-Afrika ta' Fuq tal-FPI**, qed jittieħdu miżuri ta' segwitu, inkluż: (i) tnedija ta' awditu sħiħ tal-kuntratt inkwistjoni, (ii) żieda fl-għadd ta' kontrolli tal-analiżijiet mhux fuq il-post li jsiru mill-RT, (iii) żieda fl-għadd ta' missjonijiet finanzjarji fuq il-post u (iv) kontrolli *ex post* bikrija.

It-Tim Reġjonali se jieħu wkoll miżuri fil-livell operazzjonali: (i) jagħmel laqgħat u sessjonijiet ta' informazzjoni mas-sħab ta' implimentazzjoni, (ii) jibgħat informazzjoni rilevanti lis-sħab ta' implimentazzjoni dwar il-ġestjoni tal-fondi tal-UE mal-firma tal-kuntratti, (iii) jiżgura li l-informazzjoni li tinsab fir-rapporti narrattivi u fil-missjonijiet ta' monitoraġġ taqbel mal-kostijiet iddikjarati fir-rapporti finanzjarji u (v) isaħħaħ is-sistema tiegħu ta' Monitoraġġ ta' Parti Terza.

**Kaxxa 8.2 - Pagamenti tal-VAT ineliġibbli li ntalbu għall-proġett**

**DĠ DEVC0**

Il-kostijiet kollha tal-VAT marbuta ma' dan il-ftehim se jiġu rrimborżati lill-Kummissjoni.

**RAPPORTI ANNWALI TAL-ATTIVITÀ U ARRANĠAMENTI OĦRA TA' GOVERNANZA**

**L-istudju tal-2019 dwar ir-RER imwettaq mid-DĠ NEAR**

**Kaxxa 8.5**

Għal kull waħda mit-tliet fażijiet, id-DĠ NEAR jipprovdi l-**kuntrattur RER** bil-popolazzjoni tal-kuntratti magħluqa. Il-kuntrattur iwettaq il-kontrolli ta' prestazzjoni fuq il-popolazzjoni, inkluż rieżami tal-elenu biex jidentifika tranżazzjonijiet marbuta mal-kuntratti l-“antiki”. Il-kuntratti jitqiesu antiki meta ma jkun hemm l-ebda attività f'dawn l-aħħar tmien snin u/jew l-ebda attività operazzjonali jew ta' kontroll fil-ħames snin ta' qabel l-għeluq tal-kuntratt. F'dawn il-każijiet, il-kuntratt jiġi eskluż mill-popolazzjoni qabel jittieħed il-kampjun.

Kultant, kuntratti “antiki” jistgħu jiġu identifikati biss wara li jiġu kkampjunati u d-dokumentazzjoni kollha tkun disponibbli. F'dawn il-każijiet, it-tranżazzjoni rispettiva tiġi sostitwita bil-**kampjun dwar ir-RER**.

Għall-eżerċizzju tal-2019 dwar ir-RER, id-**dati limiti** bbażati fuq tmien snin b'ebda attività kienu jkunu: il-31 ta' Diċembru 2010 (il-Fażi 1), it-30 ta' April 2011 (il-Fażi 2) u l-31 ta' Awwissu 2011 (il-Fażi 3).

8.14 Il-Kummissjoni qatt ma kkaratterizzat ir-**RER** bħala inkarigu ta' aċċertament jew awditu. Iservi skop speċifiku u **huwa mibni fuq qafas distint ta' kontroll intern**.

L-istudju dwar ir-RER huwa element importanti għall-aċċertament tad-Direttur Ġenerali, iżda **mhuwix l-uniku sors ta' aċċertament fil-qafas tal-kontroll intern tad-DĠ NEAR** kollu kemm hu. Jibni fuq għadd kbir ta' kontrolli ta' tranżazzjonijiet, b'total ta' 365 tranżazzjoni.

Il-Kummissjoni tqis li r-rata tal-iżball residwu rrapportata għall-2019 kienet preċiża.

Il-**metodoloġija relatata mar-RER** tinkludi kontrolli tal-**akkwist pubbliku** li jkopru, fost affarijiet oħra, ir-rifjut tal-kandidati, il-konformità mal-kriterji tal-għażla u tal-għoti, kemm għall-akkwist tal-livell primarju kif ukoll għall-akkwist tal-livell sekondarju, kif ukoll għotjiet diretti.

Rigward is-sejħa għall-proposti, ir-Regolament Finanzjarju tal-UE jistabbilixxi l-qafas għall-għoti ta' għotjiet wara dawn is-sejħiet. Ir-regoli fis-seħħ jipprovdu ambitu konsiderevoli biex l-awtoritajiet kontraenti u l-uffiċjali awtorizzanti jiġġestixxu l-proċess b'mod flessibbli.

L-esperjenza wriet li l-iżbalji fis-sejħiet għall-proposti ġeneralment ma jkunux kwantifikabbli.

Abbażi tal-metodoloġija relatata mar-RER, jekk dawn l-iżbalji mhux kwantifikabbli ġew irrapportati, dawn ma jżidu l-ebda valur għall-iskop ġenerali tal-istudju, li huwa li titkejjel ir-Rata tal-Iżball Residwu.

8.15 L-għadd ta' tranżazzjonijiet ta' għotjiet inklużi fir-rata globali diġà żdied b'reazzjoni għal rakkomandazzjoni mill-Qorti fir-rapport annwali tagħha għall-2017.

L-iskop tal-**kampjun addizzjonali tal-għotjiet** huwa li l-Kummissjoni tingħata informazzjoni korroborattiva li tikkomplementa l-informazzjoni relatata mal-għotjiet pprovduta fil-kampjun prinċipali. Dan jagħti bażi biex il-maniġment jiddeċiedi jekk tenhtiegħ riżervazzjoni fir-rigward tal-għotjiet. Il-kampjun addizzjonali ta' 96 intervall tal-kampjunar (li jirrappreżentaw 1/3 tal-popolazzjoni sħiħa tal-istudju dwar ir-RER) jissodisfa dan ir-rekwiżit. Livell oġġla ta' fiduċja jkun jehtiegħ kampjun ħafna akbar (+88 tranżazzjoni għal livell ta' fiduċja ta' 95 %). Dan ma jkunx jagħmel kontribuzzjoni sostanzjali għall-oġġettiv ewlieni segwit jekk ikun hemm kampjun addizzjonali ta' għotjiet. L-approċċ attwali jirrispondi għall-prijoritajiet ewlenin, jiġifieri l-bini tal-aċċertament u l-kosteffiċjenza tal-kontrolli.

8.16 Kif iddikjarat mill-Qorti, ma kien hemm l-ebda stima fl-**Istudju tal-2019 dwar ir-RER imwettaq mid-DĠ NEAR**. Fl-istudju tal-2018 kien hemm żewġ stimi minn aktar minn 400 tranżazzjoni.

L-**istimi** kienu parti mill-**metodoloġija relatata mar-RER** għal disa' snin. Il-**primjum tar-riskju** ġie introdott fl-2017 sabiex ikun hemm bażi oġġettiva għall-istima tal-iżbalji, li ma tippermettix manipolazzjoni mill-kuntrattur jew mill-Kummissjoni.

Fil-ftit każijiet fejn kienet meħtieġa stima, il-kuntrattur segwa l-**manwal tar-RER**. Stima tista' ssir biss jekk id-dokumentazzjoni ma tingħatax għal raġunijiet loġistiċi jew legali. Fil-każijiet l-oħra kollha, ikun hemm żball kwantifikat.

Fil-każijiet fejn ikun hemm raġuni loġistika jew legali għall-istima, japplika l-approċċ tal-primjum tar-riskju, bi primjum tar-riskju ta' 5 % għat-tranżazzjonijiet miżjuda mar-rata tal-iżball prevalenti. Fin-nuqqas ta' dan il-primjum tar-riskju, l-iżball jiġi trattat bħala wieħed inkwantifikabbli.

8.17 Il-Kummissjoni tqis li ma kien hemm l-ebda **fiduċja żejda fil-ħidma ta' kontroll ta' awdituri oħra**. Id-deċiżjonijiet ta' fiduċja sħiħa jew parzjali jittieħdu f'każijiet iġġustifikati u jkun eċċessiv u sproporzjonat għall-oġettiv ta' kontroll tal-istudju dwar ir-RER li terġa' ssir il-ħidma preċedenti tal-kontrolli li jkunu tlestew bl-istandards professjonali applikabbli inkluż, fejn rilevanti, l-istandards internazzjonali tal-awditjar.

Il-Kummissjoni tinnota li l-fiduċja sħiħa naqset fl-2019.

L-adozzjoni tal-**fiduċja sħiħa** għal tranżazzjoni individwali tfisser li ma huwa meħtieġ l-ebda ttestjar sostantiv fuq it-tranżazzjoni. Madankollu, il-proċeduri l-oħra kollha għadhom applikabbli.

Sabiex jiddeċiedi jekk jifx fiduċja sħiħa jew parzjali fuq il-ħidma preċedenti, il-kuntrattur iwettaq ċerti kontrolli. Dawn il-kontrolli jidentifikaw, u huma mfassla biex jidentifikaw, żbalji li ma jkunux ġew identifikati minn ħidma preċedenti ta' kontrolli, li fuqhom tkun intefgħet fiduċja sħiħa.

It-testijiet li jsiru fil-każ ta' **fiduċja parzjali** huma aktar estensivi u jinkludu ttestjar sostantiv. Il-fiduċja parzjali u l-fiduċja sħiħa mhumiex l-istess. Il-Kummissjoni tqis li għandu jiġi evitat li jkun hemm serħan żejjed fuq il-ħidma ta' kontroll tal-awdituri l-oħrajn u li fil-każ tal-istudju tal-2019 dwar ir-RER ma kien hemm l-ebda fiduċja żejda.

Jekk ma jkunx hemm fiduċja fil-ħidma tal-kontroll tal-awdituri l-oħrajn meta din titqies tajba, dan jissoġġetta lill-benefiċjarju għal żewġ awditi/verifiki tal-istess tranżazzjoni.

### **Rapport annwali tal-attività tad-DĠ NEAR**

8.21 Is-sentenza li ġiet debitament inkluża fir-RAA tal-2018 ma tidhirx fir-RAA tal-2019: *“l-istudju dwar ir-RER mhuwiex awditu li jagħti opinjoni tal-awditjar. Madankollu, id-DĠ wasal għall-konklużjonijiet tiegħu mir-rapport tas-sejbiet fattwali tal-awditur. L-awdituri jużaw ħiliet professjonali abbażi ta' proċeduri speċifiċi li jkun intlaħaq qbil dwarhom u abbażi tal-Istandards internazzjonali tal-IFAC dwar servizzi relatati (ISRS 4400)”. Din is-sentenza se tiġi inkluża fir-RAA futuri.*

## **KONKLUŻJONIJIET U RAKKOMANDAZZJONIJIET**

### **Rakkomandazzjoni 8.1**

Il-Kummissjoni taċċetta din ir-rakkomandazzjoni.

### **Rakkomandazzjoni 8.2**

Il-Kummissjoni ma taċċettax din ir-rakkomandazzjoni.

L-iskop tal-**kampjun addizzjonali tal-għotjiet** huwa li l-Kummissjoni tingħata informazzjoni korroborattiva li tikkomplementa (u ttejjeb) l-informazzjoni relatata mal-għotjiet pprovduta fil-kampjun prinċipali.

Livell oġhla ta' fiduċja jeħtieġ kampjun ħafna akbar, b'żieda korrispondenti fil-kost, mingħajr ma ssir kontribuzzjoni sostanzjali għall-iskop prevalenti li jkun hemm kampjun addizzjonali tal-għotjiet. Dan l-approċċ jirrispetta wkoll il-prinċipju tal-kosteffiċjenza tal-kontrolli.

**Rakkomandazzjoni 8.3**

Il-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjoni.

Il-Kummissjoni ssaħħa kontinwament il-kontrolli u fil-**Pjanijiet Annwali tal-Azzjoni** tagħha tinkludi azzjonijiet ġodda li jipprevjenu żbalji rikorrenti rilevanti għan-negozju tagħha.



**RISPOSTI TAL-PARLAMENT EWROPEW GĦAR-RAPPORT ANNWALI 2019 TAL-  
QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI**

**KAPITOLU 9: AMMINISTRAZZJONI - INTESTATURA 5 TAL-QFP**

**Anness 2**

**REGOLARITÀ TAT-TRANŻAZZJONIJIET**

**9.8.** Il-Parlament ħa nota tal-osservazzjoni u reġa' eżamina u indirizza l-każijiet individwali wara l-konklużjonijiet tal-Qorti: f'każ wieħed irrikwalifika n-nefqa bħala mhux rimborżabbli; fi tranżazzjoni waħda l-Parlament iddeċieda li ma jreġġax lura l-pożizzjoni tiegħu, filwaqt li tranżazzjoni oħra ġiet investigata ulterjorment mill-Parlament u ġiet aċċettata abbażi ta' kjarifiki u evidenza addizzjonali min-naħa tal-partit politiku Ewropew ikkonċernat. Madankollu l-Parlament jenfasizza li l-amministrazzjoni tiegħu hija s-servizz awtorizzanti għall-ħlas tal-għotja lill-partiti politiċi Ewropej iżda mhijiex responsabbli għall-infiq sostantiv tagħhom: ir-regoli applikabbli jipprevedu metodu ta' ġestjoni indiretta bbażat fuq l-għoti ta' kontribuzzjonijiet lill-partiti politiċi Ewropej. Il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet hija responsabbiltà tal-benefiċjarji tal-fondi stess. Il-Parlament jagħti gwida u jwettaq verifiki *ex post* abbażi ta' kampjuni. Parti mix-xogħol ta' verifika *ex post* tiġi esternalizzata lil awditur estern awtorizzat.

**KONKLUŻJONIJIET U RAKKOMANDEZZJONIJIET**

**Rakkomandazzjonijiet**

**9.21.** Il-Parlament jenfasizza li l-gruppi politiċi ngħataw gwida u taħriġ fil-fond iżda li r-rakkomandazzjoni reġgħet iddaħħlet minħabba kwistjonijiet simili f'partit politiku Ewropew. F'dan ir-rigward, il-Parlament jirrimarka wkoll li saru u għadhom qed isiru sforzi addizzjonali biex il-partiti politiċi Ewropej jingħataw informazzjoni u gwida fid-dettall dwar suġġetti li ġew identifikati problemi fihom. Filwaqt li l-gruppi politiċi huma parti minn istituzzjoni tal-UE, il-partiti politiċi Ewropej huma organizzazzjonijiet indipendenti li għandhom status Ewropew iżda li huma parzjalment soġġetti għar-regoli nazzjonali dwar l-organizzazzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ. Għaldaqstant jiġu adottati miżuri mmirati biex titjeb il-prattika tal-infiq ta' dawn l-organizzazzjonijiet. Fost dawn hemm gwida dwar il-finanzjament – aġġornata u mgħoddija regolarment lill-benefiċjarji – li tinkludi l-aħjar Prattiki dwar l-implimentazzjoni tiegħu. Barra minn hekk, kwistjonijiet speċifiċi bħall-akkwist jiġu indirizzati f'noti ta' gwida separati u f'laqgħat organizzati mal-benefiċjarji kollha.

**RISPOSTI TAL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW GĦAR-RAPPORT  
ANNWALI 2019 TAL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI**

**KAPITOLU 9: AMMINISTRAZZJONI - INTESTATURA 5 TAL-QFP**

**ANNEX**

**REGOLARITÀ TAT-TRANŻAZZJONIJIET**

**Tweġiba għall-kummenti taħt il-punti 9.11 u 9.12**

“Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew jaqbel mal-kummenti tal-Qorti.”

**KONKLUŻJONIJIET U RAKKOMANDAZZJONIJIET**

**Tweġiba għar-rakkomandazzjoni għall-punt 9.1:**

“Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew jirrikonoxxi r-rakkomandazzjoni tal-Qorti. L-eżerċizzju tal-2019 biex tiġi vvalutata l-konformità mal-istandards ta’ kontroll intern enfasizza l-ħtieġa li tiġi implimentata politika biex jiġu indirizzati funzjonijiet sensitivi u biex jiġi stabbilit proċess ta’ ġestjoni tar-riskji.

Il-passi previsti huma:

- id-definizzjoni ta’ funzjonijiet sensitivi;
- il-kwalifikazzjoni tar-riskji abbażi tal-użu ta’ indikaturi standardizzati (“twissijiet ta’ allarm ħomor”);
- il-kwantifikazzjoni tar-riskji abbażi tan-numru totali ta’ twissijiet ta’ allarm ħomor assoċjati ma’ funzjoni;
- il-mitigazzjoni tar-riskji (inkluż billi jiġu definiti l-kontrolli meħtieġa għal dan l-iskop).

L-attivitajiet ta’ thejġija (jiġifieri l-istabbiliment ta’ metodoloġija u l-proċess ta’ definizzjoni) bdew fl-ewwel semestru tal-2020 u l-politika l-ġdida għandha tkun operattiva sal-2021.”

**Rapport Annwali dwar l-attivitajiet  
iffinanzjati mit-8, mid-9, mill-10 u mill-  
11-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp  
għas-sena finanzjarja 2019**

# Werrej

	Paġna
<b>Introduzzjoni ġenerali</b>	<b>302</b>
<b>Kapitolu I    Implimentazzjoni Finanzjarja tat-8, tad-9, tal-10 u tal-11-il FEŻ</b>	<b>305</b>
<b>Kapitolu II    Id-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni tal-QEA dwar il-FEŻ</b>	<b>308</b>
<b>Kapitolu III    Prestazzjoni</b>	<b>328</b>
<b>Risposti tal-Kummissjoni Ewropea</b>	<b>334</b>

# Werrej

	Paragrafu
<b>Introduzzjoni</b>	01-05
<b>Deskrizzjoni qasira tal-Fondi Ewropej għall-Iżvilupp</b>	02-05
<b>Kapitolu I – Implimentazzjoni Finanzjarja tat-8, tad-9, tal-10 u tal-11-il FEŻ</b>	06-09
<b>Kapitolu II – Id-dikjarazzjoni ta’ assigurazzjoni tal-QEA dwar il-FEŻ</b>	I.-41
<b>Id-dikjarazzjoni ta’ assigurazzjoni tal-QEA dwar it-8, id-9, l-10 u l-11-il FEŻ indirizzata lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill – rapport tal-awditur indipendenti</b>	I.-XXI.
<b>Informazzjoni li tappoġġa d-dikjarazzjoni ta’ assigurazzjoni</b>	10-41
Ambitu u approċċ tal-awditjar	10-14
Affidabbiltà tal-kontijiet	15
Regolarità tat-tranżazzjonijiet	16-25
Rapport annwali tal-attività u arranġamenti oħra ta’ governanza	26-41
<b>Konklużjoni u rakkomandazzjonijiet</b>	42-45
<b>Konklużjoni</b>	42-43
<b>Rakkomandazzjonijiet</b>	44-45
<b>Kapitolu III – Prestazzjoni</b>	46-47
<b>Annessi</b>	
<b>Anness I - Riżultati tal-ittestjar tat-tranżazzjonijiet għall-FEŻ</b>	
<b>Anness II - Pagamenti mill-FEŻ fl-2019, skont ir-reġjun prinċipali</b>	
<b>Anness III - Segwitu tar-rakkomandazzjonijiet preċedenti għall-Fondi Ewropej għall-Iżvilupp</b>	


# Introduzzjoni


**01** Dan ir-rapport annwali jippreżenta s-sejbiet tagħna għat-8, id-9, l-10 u l-11-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp (FEŻ). Il-**Kaxxa 1** tagħti stampa ġenerali tal-attivitajiet u tal-infiq f'dan il-qasam fl-2019.

## Kaxxa 1

### Fondi Ewropej għall-Iżvilupp – stampa ġenerali finanzjarja għall-2019

**Pagamenti mill-FEŻ skont il-linja baġitarja u t-tip (miljun EUR)** (miljun EUR)





## Deskrizzjoni qasira tal-Fondi Ewropej għall-Iżvilupp

**02** Immedija fl-1959, il-FEŻ huma l-istrument prinċipali li permezz tiegħu l-Unjoni Ewropea (UE) tipprovdi għajjnuna għall-kooperazzjoni għall-iżvilupp lill-pajjiżi Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku (AKP) u lill-pajjiżi u t-territorji extra-Ewropej (PTEE). Il-*ftehim ta' sħubija*, li ġie ffirmat f'Cotonou fit-23 ta' Ġunju 2000 għal perjodu ta' 20 sena ("il-Ftehim ta' Cotonou"), huwa l-qafas attwali li jirregola r-relazzjonijiet tal-UE mal-pajjiżi AKP u l-PTEE. L-objettiv prinċipali tiegħu huwa t-tnaqqis, u eventwalment il-qerda tal-faqar.

### 03 Il-FEŻ huma partikolari minħabba li:

- (a) il-kontribuzzjonijiet tal-Istati Membri huma bbażati fuq kwoti, jew “koeffiċjenti tal-kontribuzzjoni”, li jiġu ssettjati mill-gvernijiet nazżjonali fil-Kunsill tal-Unjoni Ewropea;
- (b) huma mmaniġġjati mill-Kummissjoni, barra mill-qafas tal-baġit ġenerali tal-UE, u mill-Bank Ewropew tal-Investment (BEI);
- (c) minħabba n-natura intergovernattiva tal-FEŻ, il-Parlament Ewropew jeżerċita rwol aktar limitat fil-funzjonament tagħhom milli jeżerċita għall-istrumenti tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp ifffinanzjati mill-baġit ġenerali tal-UE; b’mod partikolari, huwa mhux involut fl-istabbiliment u fl-allokazzjoni tar-riżorsi tal-FEŻ. Madankollu, il-Parlament Ewropew jibqa’ l-awtorità ta’ *kwittanza*, minbarra għall-Faċilità ta’ Investment, li hija mmaniġġjata mill-BEI u li għalhekk taqa’ barra mill-ambitu tal-awditu tagħna<sup>1 2</sup>;
- (d) il-prinċipju tal-*annwalità* ma japplikax għall-FEŻ: ftehimiet relatati mal-FEŻ normalment jiġu konklużi għal perjodu ta’ impenn ta’ minn ħames sa seba’ snin, u l-pagamenti jistgħu jsiru fuq perjodu ta’ żmien li jkun ħafna itwal.

### 04 Il-FEŻ huma mmaniġġjati kważi interament mid-Direttorat Ġenerali tal-Kummissjoni għall-Kooperazzjoni Internazzjonali u l-Iżvilupp (id-DĠ DEVCO)<sup>3</sup>.

### 05 L-infiq kopert f’dan ir-rapport jitwassal bl-użu ta’ firxa wiesgħa ta’ metodi ta’ twassil, bħal kuntratti ta’ xogħlijiet, provvisti u servizzi; għotjiet; appoġġ baġitarju u stimi ta’ programmi, li huma implimentati f’79 pajjiż.

<sup>1</sup> Ara l-Artikoli 43, 48-50 u 58 tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/323 tat-2 ta’ Marzu 2015 dwar ir-regolament finanzjarju applikabbli għall-11-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp (ĠU L 58, 3.3.2015, p. 17).

<sup>2</sup> FI-2012, ftehim tripartitiku bejn il-BEI, il-Kummissjoni u l-QEA (l-Artikolu 134 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 215/2008 tat-18 ta’ Frar 2008 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-10 Fond Ewropew għall-Iżvilupp (ĠU L 78, 19.3.2008, p. 1)) stabbilixxa r-regoli għall-awditjar ta’ dawn l-operazzjonijiet mill-QEA. Il-Faċilità ta’ Investment mhijiex koperta mid-dikjarazzjoni ta’ assigurazzjoni tal-QEA.

<sup>3</sup> Bl-eċċezzjoni tal-1,14 % tal-infiq li sar fl-2019 taħt il-FEŻ, u li kien immaniġġjat mid-Direttorat Ġenerali għall-Għajjuna Umanitarja u l-Protezzjoni Ċivili (id-DĠ ECHO).



## Kapitolu I – Implimentazzjoni

### Finanzjarja tat-8, tad-9, tal-10 u tal-11-il FEŻ

**06** Il-baġit tat-8 FEŻ (1995-2000) kien ta' EUR 12 840 miljun, dak tad-9 FEŻ (2000-2007) kien ta' EUR 13 800 miljun, u dak tal-10 FEŻ (2008-2013) kien ta' EUR 22 682 miljun.

**07** Il-Ftehim Intern li jstabbilixxi l-11-il FEŻ<sup>4</sup> (2015-2020) daħal fis-seħħ fl-1 ta' Marzu 2015. Bejn l-2013 u l-2015, il-fondi ġew impenjati permezz ta' *faċilità ta' tranżizzjoni* biex tiġi żgurata l-kontinwità sakemm jiġi rratifikat il-11-il FEŻ. Il-11-il FEŻ fih EUR 30 506 miljun, li minnhom EUR 29 089 miljun huma allokat i għall-pajjiżi AKP, EUR 364,5 miljun għall-PTEE u EUR 1 052,5 miljun għall-ispejjeż amministrattivi.

**08** Il-*Kaxxa 2* turi l-użu tar-riżorsi tal-FEŻ fl-2019 kif ukoll l-użu kumulattiv tagħhom.

---

<sup>4</sup> ĠU L 210, 6.8.2013, p. 1

## Kaxxa 2

## Użu tar-riżorsi tal-FEŻ sal-31 ta' Diċembru 2019

	Sitwazzjoni fi tmiem l-2018		Implimentazzjoni baġitarja matul is-sena finanzjarja 2019 (ammonti netti) <sup>6</sup>					Sitwazzjoni fi tmiem l-2019					
	Ammont totali	Rata ta' implimentazzjoni <sup>2</sup>	It-8 FEŻ <sup>3</sup>	Id-9 FEŻ <sup>3</sup>	L-10 FEŻ	Il-11-il FEŻ <sup>3</sup>	Ammont totali	It-8 FEŻ	Id-9 FEŻ	L-10 FEŻ	Il-11-il FEŻ	Ammont totali	Rata ta' implimentazzjoni <sup>2</sup>
<b>A - RIŻORSI<sup>1</sup></b>	<b>76 739</b>		<b>-1</b>	<b>-42</b>	<b>7</b>	<b>-139</b>	<b>-175</b>	<b>10 377</b>	<b>15 348</b>	<b>21 430</b>	<b>29 608</b>	<b>76 763</b>	
<b>B - UŻU</b>													
1. Impenji globali <sup>4</sup>	69 998	91 %	-2	-22	183	3 153	3 311	10 375	15 335	21 088	26 511	73 309	96 %
2. Impenji individwali <sup>5</sup>	64 182	84 %	-1	-4	-51	3 557	3 501	10 374	15 302	20 310	21 697	67 683	88 %
3. Pagamenti	53 567	70 %	0	14	456	3 377	3 847	10 375	15 201	19 285	12 553	57 414	75 %
<b>C - Impenji pendenti (B1-B3)</b>	<b>16 432</b>	<b>21 %</b>						<b>0</b>	<b>134</b>	<b>1 803</b>	<b>13 959</b>	<b>15 896</b>	<b>21 %</b>
<b>D - Bilanċ disponibbli (A-B1)</b>	<b>6 741</b>	<b>9 %</b>						<b>2</b>	<b>12</b>	<b>342</b>	<b>3 097</b>	<b>3 454</b>	<b>4 %</b>

<sup>1</sup> Jinkludu allokazzjonijiet inizjali għat-8, għad-9, għall-10 u għall-11-il FEŻ, kofinanzjament, imgħax, riżorsi varji u trasferimenti minn FEŻ preċedenti.

<sup>2</sup> Bħala perċentwal tar-riżorsi.

<sup>3</sup> Ammonti negattivi jikkorrispondu ma' diżimpenji.

<sup>4</sup> Impenji globali huma relatati ma' deċiżjonijiet ta' finanzjament.

<sup>5</sup> Impenji individwali huma relatati ma' kuntratti individwali.

<sup>6</sup> Impenji netti wara diżimpenji. Pagamenti netti wara rkupri.

Sors: il-QEA, ibbażat fuq il-kontijiet konsolidati tat-8, tad-9, tal-10 u tal-11-il FEŻ għall-2019. Iċ-ċifri ppreżentati ma jkoprox il-parti tal-FEŻ li hija mmaniġġjata mill-BEI.

**09** Kull sena, id-DĠ DEVCO jistabbilixxi għalih innifsu indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni (KPIs) dwar il-ġestjoni finanzjarja tajba u l-użu effiċjenti tar-riżorsi. Dawn l-indikaturi juru li, fl-2019, id-DĠ DEVCO laħaq il-miri tiegħu li jnaqqas il-*prefinanzjamenti* antiki u l-impenji li ma ntefqux b'25 % u l-kuntratti li skadew b'15 % (ara l-*Kaxxa 3*). Dawn iż-żewġ miri ġew stabbiliti kemm bħala mira kumplessiva għall-qasam intier ta' responsabbiltà tad-DĠ DEVCO kif ukoll bħala mira speċifika għall-FEŻ.

### Kaxxa 3

#### **KPIs relatati mat-tnaqqis tal-prefinanzjamenti antiki, l-impenji li ma ntefqux u l-kuntratti li skadew**

Id-DĠ DEVCO qabeż il-miri tiegħu fl-2019 meta naqqas il-prefinanzjamenti antiki b'37 % għall-FEŻ (40 % għall-qasam intier ta' responsabbiltà tiegħu) u l-impenji antiki li ma ntefqux b'36 % (35 % għall-qasam intier ta' responsabbiltà tiegħu). Għall-2020, huwa ddeċieda li jistabbilixxi mira ġdida għal dawn iż-żewġ KPIs, f'konformità mal-prestazzjoni tiegħu li qed titjeb b'mod konsistenti.

Id-DĠ DEVCO laħaq ukoll il-mira kumplessiva tiegħu għall-KPI li ma jkollux aktar minn 15 % tal-kuntratti li skadew u li għadhom miftuħa fis-sistema, u laħaq ftit aktar minn 15 % għall-FEŻ u 13 % għall-qasam intier ta' responsabbiltà tiegħu. Il-KPI għall-FEŻ tjeb meta mqabbel mal-2018 (17 %) u mal-2017 (19 %), b'riżultat ta' proċeduri ġodda li ġew introdotti f'Settembru 2017.

## Kapitolu II – Id-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni tal-QEA dwar il-FEŻ

### Id-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni tal-QEA dwar it-8, id-9, l-10 u l-11-il FEŻ indirizzata lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill – rapport tal-awditur indipendenti

#### Opinjoni

##### I. Aħna awditjajna:

- (a) il-kontijiet annwali tat-8, tad-9, tal-10 u tal-11-il FEŻ, li jinkludu l-karta tal-bilanċ, ir-rapport tal-prestazzjoni finanzjarja, ir-rapport tal-flussi tal-flus, ir-rapport tal-bidliet fl-assi netti u r-rapport dwar l-implimentazzjoni finanzjarja għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2019, li ġew approvati mill-Kummissjoni fis-16 ta' Ġunju 2020;
- (b) il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi li l-ġestjoni finanzjarja tagħhom taqa' taħt il-Kummissjoni<sup>5</sup>.

#### Affidabbiltà tal-kontijiet

##### Opinjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet

**II.** Fl-opinjoni tagħna, il-kontijiet annwali tat-8, tad-9, tal-10 u tal-11-il FEŻ għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2019 jippreżentaw b'mod ġust, fl-aspetti materjali kollha, il-pożizzjoni finanzjarja tagħhom fil-31 ta' Diċembru 2019, ir-riżultati tal-operazzjonijiet tagħhom, il-flussi tal-flus tagħhom u l-bidliet fl-assi netti għas-sena li ntemmet dakinhar, skont ir-Regolament Finanzjarju tal-FEŻ u r-regoli kontabilistiċi bbażati fuq standards tal-kontabbiltà li huma aċċettati internazzjonalment għas-settur pubbliku.

---

<sup>5</sup> Skont l-Artikoli 43, 48-50 u 58 tar-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-11-il FEŻ, din id-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni ma tapplikax għar-riżorsi tal-FEŻ li huma mmaniġġjati mill-BEI.

## Legalità u regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet

### Dħul

*Opinjoni dwar il-legalità u r-regolarità tad-dħul*

**III.** Fl-opinjoni tagħna, id-dħul li fuqu huma bbażati l-kontijiet għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2019 huwa legali u regolari fl-aspetti materjali kollha.

### Infiq

*Opinjoni avversa dwar il-legalità u r-regolarità tal-infiq*

**IV.** Fl-opinjoni tagħna, minħabba s-sinifikat tal-kwistjoni deskritta taħt “Bażi għal opinjoni avversa dwar il-legalità u r-regolarità tal-infiq”, l-infiq aċċettat fil-kontijiet għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2019 huwa milqut minn livell materjali ta' żball.

*Bażi għal Opinjoni*

**V.** Aħna wettaqna l-awditu tagħna skont l-Istandards Internazzjonali tal-Awditjar (ISAs) u l-Kodiċijiet tal-Etika tal-IFAC, u l-Istandards Internazzjonali tal-Istituzzjonijiet Supremi tal-Awditjar (ISSAIs) tal-INTOSAI. Ir-responsabbiltajiet tagħna skont dawn l-standards u kodiċijiet jingħataw f'aktar dettall fit-taqsima “Responsabbiltajiet tal-awditur” fir-rapport tagħna. Aħna rrispettajna wkoll ir-rekwiżiti tal-indipendenza u wettaqna l-obbligi etiċi tagħna skont il-Kodiċi ta' Etika għall-Kontabilisti Professionali tal-Bord tal-Istandards Internazzjonali tal-Etika għall-Kontabilisti. Aħna nemmnu li l-evidenza għall-awditjar li ksibna hija suffiċjenti u xierqa biex tipprovdi bażi għall-opinjoni tagħna.

*Bażi għal opinjoni avversa dwar il-legalità u r-regolarità tal-infiq*

**VI.** L-infiq irreġistrat fl-2019 taħt it-8, id-9, l-10 u l-11-il FEŻ huwa milqut minn livell materjali ta' żball. Il-livell ta' żball stmat minna għall-infiq aċċettat fil-kontijiet huwa ta' 3,5 %.

## Kwistjonijiet ewlenin tal-awditjar

**VII.** Il-kwistjonijiet ewlenin tal-awditjar huma dawk li, fil-ġudizzju professjonali tagħna, kienu tal-akbar sinifikat fl-awditu li wettaqna tar-rapporti finanzjarji tal-perjodu attwali. Dawn il-kwistjonijiet ġew indirizzati fil-kuntest tal-awditu li wettaqna tar-rapporti finanzjarji fl-intier tagħhom, u waqt li konna qed niffurmaw l-opinjoni tagħna dwarhom, iżda aħna ma nipprovdux opinjoni separata dwar

dawn il-kwistjonijiet.

### **Imposti dovuti**

**VIII.** Aħna vvalutajna l-imposti dovuti ppreżentati fil-kontijiet (ara n-Nota 2.8), li huma suġġetti għal livell għoli ta' stima. Fi tmiem is-sena 2019, il-Kummissjoni stmat li l-ispejjeż eliġibbli mġarrba, iżda li kienu għadhom ma ġewx irrappurtati mill-benefiċjarji, ammontaw għal EUR 5 074 miljun (tmiem is-sena 2018: EUR 5 133 miljun).

**IX.** Aħna eżaminajna l-kalkolu ta' dawn l-istimi tad-dovuti u rrieżaminajna kampjun ta' 30 kuntratt individwali biex nindirizzaw ir-riskju li d-dovuti ma ġewx iddikjarati b'mod korrett. Ix-xogħol imwettaq ippermettiena naslu għall-konklużjoni li l-imposti dovuti rreġistrati fil-kontijiet finali kienu xierqa.

### **L-impatt potenzjali tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea fuq il-kontijiet tal-FEŻ għall-2019**

**X.** Fid-29 ta' Marzu 2017, ir-Renju Unit (UK) innotifika formalment lill-Kunsill Ewropew dwar l-intenzjoni tiegħu li joħroġ mill-UE. Fit-12 ta' Novembru 2019, il-Kummissjoni ppubblikat il-ftehim tal-ħruġ li jstabilixxi l-arranġament għall-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea. Dan il-ftehim jiddikjara li r-Renju Unit se jibqa' jagħmel parti mill-FEŻ sal-għeluq tal-11-il FEŻ u tal-FEŻ preċedenti kollha li ma ngħalqux, u se jassumi l-istess obbligi bħall-Istati Membri taħt il-ftehim intern li permezz tiegħu ġie stabbilit il-11-il FEŻ, kif ukoll l-obbligi li jirriżultaw minn FEŻ preċedenti sakemm dawn jingħalqu.

**XI.** Il-ftehim dwar il-ħruġ jiddikjara wkoll li, fejn l-ammonti minn proġetti taħt l-10 FEŻ jew taħt FEŻ preċedenti ma jkunux ġew impenjati jew ikunu ġew diżimpenjati fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-ftehim, is-sehem ta' dawn l-ammonti li jkun tar-Renju Unit ma jerġax jintuża. L-istess regola tapplika wkoll għas-sehem li r-Renju Unit ikollu ta' fondi li ma jkunux ġew impenjati jew li jkunu ġew diżimpenjati taħt il-11-il FEŻ wara l-31 ta' Diċembru 2020.

**XII.** Ibbażat fuq dan, ma hemm l-ebda impatt finanzjarju fuq il-kontijiet annwali tal-FEŻ għall-2019 li jrid jiġi rrapportat. Aħna nikkonkludu li l-kontijiet tal-FEŻ fil-31 ta' Diċembru 2019 kienu jirriflettu b'mod korrett il-proċess tal-ħruġ sa dakinhar.

### **Responsabbiltajiet tal-maniġment**

**XIII.** F'konformità mal-Artikoli 310 sa 325 tat-TFUE u mar-Regolament Finanzjarju tal-11-il FEŻ, il-maniġment huwa responsabbli mit-tnejn u l-preżentazzjoni tal-kontijiet annwali tal-FEŻ abbażi ta' standards tal-kontabbiltà

għas-settur pubbliku li huma aċċettati internazzjonalment, u mil-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi. Din ir-responsabbiltà tinkludi t-tfassil, l-implimentazzjoni u ż-żamma ta' kontroll intern rilevanti għat-tnejjija u l-preżentazzjoni ta' rapporti finanzjarji li jkunu ħielsa minn kwalunkwe dikjarazzjoni skorretta materjali, sew jekk minħabba frodi u sew jekk minħabba xi żball. Il-Kummissjoni hija fl-aħħar mill-aħħar responsabbli għal-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet tal-FEŻ.

**XIV.** Fit-tnejjija tal-kontijiet tal-FEŻ, il-Kummissjoni hija responsabbli milli tivvaluta l-kapaċità tal-FEŻ li jkompli bħala negozju avvjat, filwaqt li tiddivulga kull kwistjoni rilevanti u tuża l-bażi kontabilistika ta' negozju avvjat, dment li ma tkunx biħsiebha tillikwida l-entità jew ittemm l-operazzjonijiet, jew inkella ma jkollha l-ebda alternattiva realistika ħlief li tagħmel dan.

**XV.** Il-Kummissjoni hija responsabbli mis-sorveljanza tal-proċess ta' rappurtar finanzjarju tal-FEŻ.

#### **Responsabbiltajiet tal-awditur għall-awditjar tal-kontijiet tal-FEŻ u tat-tranżazzjonijiet ta' bażi**

**XVI.** L-oġettivi tagħna huma li niksbu aċċertament raġonevoli dwar jekk il-kontijiet tal-FEŻ ikunux ħielsa minn kwalunkwe dikjarazzjoni skorretta materjali u dwar jekk it-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati jkunux legali u regolari u li, fuq il-bażi tal-awditu tagħna, nipprovdu lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill b'dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati. Aċċertament raġonevoli huwa aċċertament ta' livell għoli, iżda mhuwiex garanzija li l-awditu jkun neċessarjament qabad il-każijiet kollha ta' dikjarazzjoni skorretta materjali jew nuqqas ta' konformità meta dawn ikunu jeżistu. Dawn jistgħu jiġu kkaġunati minn frodi jew minn xi żball u jitqiesu materjali jekk, individwalment jew flimkien, jistgħu jkunu mistennija, b'mod raġonevoli, li jinfluenzaw kull deċiżjoni ekonomika li tittieħed fuq il-bażi ta' dawn il-kontijiet tal-FEŻ.

**XVII.** Bħala parti minn awditu u f'konformità mal-ISAs u l-ISSAIs, aħna neżerċitaw ġudizzju professjonali u nżommu xettiċiżmu professjonali tul l-awditu. Barra minn hekk, aħna:

- Nidentifikaw u nivvalutaw ir-riskji ta' dikjarazzjoni skorretta materjali tal-kontijiet tal-FEŻ u ta' nuqqas ta' konformità materjali mit-tranżazzjonijiet ta' bażi mar-rekwiżiti tal-qafas legali tal-FEŻ, sew jekk minħabba frodi u sew jekk minħabba xi żball. Aħna nfasslu u nwettqu proċeduri tal-awditjar li jirrispondu għal dawk ir-riskji, u niksbu evidenza għall-awditjar li tkun suffiċjenti u adegwata biex tipprovdi bażi għall-opinjoni tagħna. Każijiet ta' dikjarazzjoni skorretta materjali jew ta' nuqqas ta' konformità b'riżultat ta' frodi huma aktar diffiċli biex jinqabdu minn dawk li jkunu b'riżultat ta' żball,

billi frodi tista' tinvolvi kollużjoni, falsifikazzjoni, ommissjonijiet intenzjonali, rappreżentazzjonijiet żbaljati, jew li jinqabeż il-kontroll intern. B'konsegwenza ta' dan, hemm riskju akbar li dawn il-każijiet ma jinqabdux.

- Niksbu fehim tal-kontroll interni rilevanti għall-awditu sabiex infasslu proċeduri tal-awditjar li jkunu xierqa, iżda mhux bl-iskop li nagħtu opinjoni dwar l-effettività tal-kontroll interni.
- Nevalwaw l-adegwatezza tal-politiki kontabilistiċi użati, ir-raġonevolezza tal-istimi kontabilistiċi u d-divulgazzjonijiet relatati li jsiru mill-maniġment.
- Nilħqu konklużjoni dwar l-adegwatezza tal-użu mill-maniġment tal-bażi kontabilistika ta' negozju avvjat u, abbażi tal-evidenza għall-awditjar miksuba, dwar jekk tkunx teżisti inċertezza materjali minħabba avvenimenti jew kundizzjonijiet li jistgħu jixħtu dubju sinifikanti fuq il-kapaċità tal-FEŻ li jkompli bħala negozju avvjat. Jekk aħna nikkonkludu li tkun teżisti inċertezza materjali bħal din, aħna meħtieġa niġbdu l-attenzjoni, fir-rapport tagħna, għad-divulgazzjonijiet relatati fil-kontijiet tal-FEŻ jew, jekk dawn id-divulgazzjonijiet ma jkunux adegwati, nimmodifikaw l-opinjoni tagħna. Il-konklużjonijiet tagħna huma bbażati fuq l-evidenza għall-awditjar miksuba sad-data tar-rapport tagħna. Madankollu, avvenimenti jew kundizzjonijiet futuri jistgħu jwasslu biex l-entità ma tkomplix bħala negozju avvjat.
- Nevalwaw il-preżentazzjoni, l-istruttura u l-kontenut ġenerali tal-kontijiet annwali, inklużi d-divulgazzjonijiet kollha, u nivvalutaw jekk il-kontijiet annwali jkunux jirrappreżentaw it-tranżazzjonijiet u l-avvenimenti ta' bażi b'mod ġust.

**XVIII.** Aħna nikkomunikaw mal-maniġment rigward, fost oħrajn, l-ambitu u t-twaqqit ipplanati tal-awditu u dwar sejbiet sinifikanti tal-awditjar, inklużi sejbiet dwar kwalunkwe defiċjenza sinifikanti fil-kontroll intern.

**XIX.** Għad-dħul, aħna eżaminajna l-kontribuzzjonijiet kollha mill-Istati Membri u kampjun ta' tipi oħra ta' tranżazzjonijiet tad-dħul.

**XX.** Għall-infiq, aħna neżaminaw it-tranżazzjonijiet ta' pagament ladarba l-infiq ikun ġie mġarrab, irreġistrat u aċċettat. Dan l-eżaminar ikopri l-kategoriji kollha ta' pagamenti (minbarra pagamenti bil-quddiem) fil-punt meta jsiru. Il-pagamenti bil-quddiem jiġu eżaminati ladarba *r-riċevitur* tal-fondi jkun ipprova evidenza dwar l-użu xieraq tagħhom u l-istituzzjoni jew il-korp ikunu aċċettaw dik l-evidenza billi japprovaw il-pagament bil-quddiem, u dan jista' jseħħ fis-sena sussegwenti.

**XXI.** Mill-kwistjonijiet li ddiskutejna mal-Kummissjoni, aħna niddeterminaw dawk li kienu tal-akbar sinifikat fl-awditjar tal-kontijiet tal-FEŻ, u li għalhekk huma l-kwistjonijiet ewlenin tal-awditjar għall-perjodu attwali. Aħna niddekrivu dawn il-



kwistjonijiet fir-rapport tagħna, dment li l-liġi jew ir-regolament ma jkunux jipprekludu d-divulgazzjoni pubblika jew meta, f'każijiet rari ħafna, aħna niddeterminaw li kwistjoni ma għandhiex tiġi kkomunikata fir-rapport tagħna minħabba li l-konsegwenzi avversi jekk dan isir ikunu mistennija, b'mod raġonevoli, li jkunu akbar mill-benefiċċji għall-interess pubbliku.

20 ta' Lulju 2020

Klaus-Heiner LEHNE  
*Il-President*

Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri  
12, rue Alcide De Gasperi – L-1615 Luxembourg

## Informazzjoni li tappoġġa d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni

### Ambitu u approċċ tal-awditjar

**10** L-**Anness 1.1** tar-Rapport Annwali 2019 tal-QEA dwar l-implimentazzjoni tal-baġit jippreżenta l-approċċ u l-metodi tal-awditjar tagħna, li japplikaw ukoll għall-awditjar tal-FEŻ.

**11** L-osservazzjonijiet tagħna dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet tal-FEŻ huma bbażati fuq ir-rapporti finanzjarji<sup>6</sup> tat-8, tad-9, tal-10 u tal-11-il FEŻ, li ġew approvati mill-Kummissjoni<sup>7</sup>, flimkien mal-ittra tar-rappreżentazzjonijiet tal-uffiċjal tal-kontabbiltà li rċevejna fis-26 ta' Ġunju 2020. Aħna ttestjajna l-ammonti u d-divulgazzjonijiet ipprovduti, u vwalutajna l-prinċipji kontabilistiċi użati, kif ukoll l-istimi sinifikanti kollha li saru mill-Kummissjoni u l-preżentazzjoni kumplessiva tal-kontijiet.

<sup>6</sup> Ara l-Artikolu 39 tar-Regolament (UE) 2018/1877.

<sup>7</sup> F'konformità mar-Regolament Finanzjarju tal-FEŻ; ara l-Artikolu 38 tar-Regolament (UE) 2018/1877.

**12** Biex nawditjaw ir-regolarità tat-tranżazzjonijiet, aħna eżaminajna kampjun ta' 126 tranżazzjoni li kien rappreżentattiv tal-firxa sħiħa tal-infiq li sar fi ħdan il-FEŻ. Dan kien jinkludi 17-il tranżazzjoni li kienu relatati mal-Fond Fiduċjarju Bêkou u l-Fond Fiduċjarju ta' Emerġenza għall-Afrika, 89 tranżazzjoni li ġew awtorizzati minn 19-il delegazzjoni tal-UE<sup>8</sup>, u 20 pagament li ġew approvati mis-servizzi ċentrali tal-Kummissjoni<sup>9</sup>. Peress li parti mill-popolazzjoni li awditjajna kienet koperta mill-istudju tal-2019 dwar ir-*rata tal-iżball residwu* (RER) imwettaq mid-DĠ DEVCO<sup>10</sup>, fil-kampjun tagħna aħna inkludejna 14-il tranżazzjoni oħra li għalihom applikajna, wara aġġustament, ir-riżultati<sup>11</sup> ta' dan l-istudju. B'hekk, id-daqs totali tal-kampjun kien ta' 140 tranżazzjoni, li huwa konformi mal-mudell ta' aċċertament tagħna. Fejn konna qbadna żbalji fit-tranżazzjonijiet, aħna analizzajna s-sistemi rilevanti biex nidentifikaw id-dgħufijiet.

---

<sup>8</sup> Barbados, il-Botswana, il-Burkina Faso, il-Burundi, iċ-Chad, il-Kosta tal-Avorju, il-Kongo (Brazzaville), il-Kongo (Kinshasa), ir-Repubblika Dominicana, l-Etjopja, il-Guinea, il-Haiti, il-Mauritania, il-Mozambique, in-Niġerja, ir-Rwanda, Sierra Leone, it-Tanzanija u t-Togo.

<sup>9</sup> Id-DĠ DEVCO: 124 pagament; id-DĠ ECHO: 2 pagamenti għall-għajnuna umanitarja.

<sup>10</sup> Kull sena, id-DĠ DEVCO jikkuntratta studju dwar ir-RER biex jistma l-livell ta' żball li l-kontrolli kollha ta' ġestjoni għall-prevenzjoni, id-detezzjoni u l-korrezzjoni ta' żbalji fil-qasam intier ta' responsabbiltà tiegħu ma jkunux irnexxielhom jaqbd. L-istudju dwar ir-RER ma jikkostitwix inkarigu ta' aċċertament jew awditu; huwa bbażat fuq il-metodoloġija relatata mal-istudju dwar ir-RER u l-manwal ipprovdut mid-DĠ DEVCO.

<sup>11</sup> L-analizzijiet li wettaqna tal-istudji dwar ir-RER urew li, meta mqabbla max-xogħol tal-awditjar tagħna, il-metodoloġija ta' bażi tinvolvi ferm inqas kontrolli fuq il-post u tagħti inqas lok biex jiġu eżaminati l-proċeduri ta' akkwist. Għalhekk, bħalma għamilna s-sena li għaddiet, aħna aġġustajna r-riżultati tal-istudju dwar ir-RER biex jirriflettu l-livell ta' nuqqas ta' konformità mar-regoli dwar l-akkwist pubbliku. Aħna bbażajna dan l-aġġustament fuq is-sejbiet tagħna fir-rigward tad-DAS 2014-2018 għall-FEŻ u fuq l-ittestjar li wettaqna tat-tranżazzjonijiet li ntgħażlu mill-istudji dwar ir-RER tas-snin preċedenti (ara l-paragrafu **25** u l-*Kaxxa 6*).

## Stampa 1 – Żjara tal-awditjar biex tiġi spezzjonata l-kostruzzjoni ta' pont fi Sierra Leone



Sors: il-QEA.

### 13 FI-2019, aħna eżaminajna wkoll dan li ġej:

- (a) il-kontribuzzjonijiet kollha li saru mill-Istati Membri u kampjun ta' tipi oħra ta' tranżazzjonijiet tad-dħul, bħalma huma l-kontribuzzjonijiet ta' pajjiżi oħra f'każijiet ta' kofinanzjament;
- (b) ċerti sistemi użati mid-DĠ DEVCO u mid-delegazzjonijiet tal-UE, fejn koprejna: (i) kontrolli *ex ante* li twettqu mill-persunal tal-Kummissjoni, awdituri esterni (ikkuntrattati mill-Kummissjoni jew mill-benefiċjarji) jew superviżuri qabel ma saru l-pagamenti, (ii) monitoraġġ u superviżjoni, b'mod partikolari s-segwitu li twettaq ta' awditi esterni u l-istudju dwar ir-RER imsemmi hawn fuq;
- (c) l-affidabbiltà tal-informazzjoni tar-regolarità fir-rapport annwali tal-attività (RAA) tad-DĠ DEVCO, il-konsistenza tal-metodoloġija biex jiġu stmati l-ammonti f'riskju, il-korrezzjonijiet u l-irkupri futuri, kif ukoll l-inklużjoni tagħhom fir-Rapport Annwali dwar il-Ġestjoni u l-Prestazzjoni (AMPR) tal-Kummissjoni;
- (d) is-segwitu tar-rakkomandazzjonijiet preċedenti tagħna.

**14** Kif indikat fil-paragrafu **04**, id-DĠ DEVCO jimplimenta l-biċċa l-kbira mill-istrumenti ta' għajnuna esterna ffinanzjati kemm mill-baġit ġenerali tal-UE kif ukoll mill-FEŻ. L-osservazzjonijiet tagħna dwar is-sistemi, l-affidabbiltà tar-RAA u d-dikjarazzjoni tad-Direttur Ġenerali għall-2019 jirreferu għall-qasam intier ta' responsabbiltà tad-DĠ DEVCO.

### Affidabbiltà tal-kontijiet

**15** L-awditu li wettaqna sab li l-kontijiet ma kinux milquta minn dikjarazzjonijiet skorretti materjali.

### Regolarità tat-tranżazzjonijiet

#### Dħul

**16** It-tranżazzjonijiet tad-dħul ma kienx fihom livell materjali ta' żball.

#### Infiq


**17** L-**Anness 1** jagħti stampa ġenerali tar-riżultati tal-ittestjar tat-tranżazzjonijiet. Mill-126 tranżazzjoni li eżaminajna, 37 (29 %) kien fihom żbalji. Abbażi tat-28 żball li kkwantifikajna u tar-riżultati aġġustati tal-istudju tal-2019 dwar ir-RER (ara l-paragrafu **12**), aħna nistmaw li l-livell ta' żball huwa ta' 3,5 %<sup>12</sup>. Il-**Kaxxa 4** tagħti ripartizzjoni tal-livell ta' żball stmat minna għall-2019 skont it-tip ta' żball.

---

<sup>12</sup> Aħna nibbażaw il-kalkolu tagħna tal-livell ta' żball fuq kampjun rappreżentattiv. Iċ-ċifra kkwotata hija l-aħjar stima possibbli li nistgħu nagħtu. Aħna nistgħu naffermaw, bi grad ta' fiduċja ta' 95 %, li l-livell ta' żball stmat fil-popolazzjoni jinsab bejn 2,1 % u 4,9 % (il-limiti inferjuri u superjuri tal-iżball rispettivament).

## Kaxxa 4

### Ripartizzjoni tal-livell ta' żball stmat skont it-tip ta' żball



Sors: il-QEA.

**18** Il-Kaxxa 5 tippreżenta eżempji ta' żbalji kwantifikabbli, skont it-tip ta' żball ukoll.

## Kaxxa 5

### Eżempji ta' żbalji kwantifikabbli

(a) Infiq mhux imġarrab: impenji ppreżentati bħala nfiq

Il-Kummissjoni kkonkludiet ftehim ta' delega ma' organizzazzjoni internazzjonali (OI) li jikkonċerna proġett reġjonali ta' żvilupp tas-settur privat fil-Karibew. Il-valur totali tal-kuntratt kien ta' EUR 27,2 miljun, b'kontribuzzjoni mill-UE ta' EUR 23,9 miljun. Waqt li konna qed neżaminaw ir-ripartizzjoni tal-infiq li takkumpanja r-rapport finanzjarju, aħna osservajna li l-ammonti rappurtati, għal-linji baġitarji kollha, ma kinux jikkorrispondu mal-kontabbiltà sottostanti. L-ispejjeż irrappurtati kienu EUR 2,3 miljun ogħla mill-ispejjeż li fil-fatt iġġarrbu għall-perjodu kkonċernat. Il-biċċa l-kbira minn din id-differenza rriżultat mill-fatt li l-benefiċjarju kien ippreżenta ammonti impenjati għal infiq futur bħala nfiq li diġà ġġarrab, filwaqt li l-bqija rriżultat minn diversi aġġustamenti.

## (b) Infiq mhux imġarrab: infiq mitlub ikkalkulat b'mod skorrett

Il-Kummissjoni approvat kuntratt ta' xogħlijiet ma' kumpanija privata għar-rinforz u l-estensjoni ta' network tal-elettriku fil-Kosta tal-Avorju Il-valur totali tal-kuntratt kien ta' EUR 5,4 miljun, u ġie kopert kompletament permezz tal-kontribuzzjoni mill-UE. Il-pagamenti *interim* taħt il-kuntratt kienu bbażati fuq kejl reali li ġie rrappurtat mill-kuntrattur u vverifikat mis-superviżur tal-kuntratt. Aħna ħadna l-kejl reali proprju tagħna fuq il-post għal element individwali wieħed: it-tħaffir ta' trinek, għal ammont totali rrappurtat ta' EUR 28 361. Il-kejl reali tagħna wera li l-ammont iddikjarat għal dan l-element kien ġie ddikjarat b'mod eċċessiv b'EUR 14 780 (52 %). Dan kien dovut għal żball klerikali fir-rappurtar. Is-superviżur innota l-iżball f'Settembru 2019, iżda ma kienx ġie kkoreġut fiż-żmien meta kien ġie identifikat.

## (c) Nuqqas serju ta' konformità mar-regoli tal-akkwist pubbliku: deċiżjoni mhux iġġustifikata mill-kumitat ta' evalwazzjoni

Il-Kummissjoni kkonkludiet ftehim ta' għotja ma' organizzazzjoni mhux governattiva (NGO) biex timplimenta proġett tas-sanità fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo. Il-valur totali tal-kuntratt kien ta' EUR 12,2 miljun; il-kontribuzzjoni massima mill-UE ġiet stabbilita għal EUR 11,7 miljun. Aħna eżaminajna l-pagamenti għall-kostruzzjoni ta' ċentru lokali tas-saħħa, b'valur totali tal-kuntratt ta' EUR 124 758 għal-lott inkwistjoni. L-NGO ħarġet sejħa għall-offerti u evalwat l-offerti riċevuti skont il-kriterji tekniċi u finanzjarji. L-offerta rebbieħa ma kinitx dik bl-ogħla punteġġ, li ssodisfat il-kriterji tal-għażla kollha speċifikati fl-avviż tal-kuntratt, iżda minflok kienet dik bit-tielet l-ogħla punteġġ. Għalkemm kienu jeżistu l-għodda biex il-proċeduri ta' akkwist jiġu aġġustati għas-sitwazzjoni fil-prattika fil-pajjiż sieħeb, l-NGO kienet għażlet proċedura normali. Il-kumitat ta' evalwazzjoni kien applika kriterju addizzjonali li ma kienx speċifikat fl-avviż dwar kuntratt u, għalhekk, l-offerenti ma setgħux ikunu jafu bih.

## (d) Tip ieħor ta' żball: spejjeż tas-salarji għoljin b'mod anormali

Il-Kummissjoni kkonkludiet ftehim ta' għotja ma' awtorità lokali biex tiżviluppa żona ta' konservazzjoni fit-Tanzanija. Il-valur totali tal-kuntratt kien ta' EUR 2,3 miljun, b'kontribuzzjoni mill-UE li tammonta għal EUR 1,8 miljun. Aħna eżaminajna s-salarji tal-persunal lokali li ġew iddebitati lill-proġett u osservajna li kienu sinifikattivament ogħla milli kienu qabel ma kien beda l-finanzjament mill-UE. Parti biss minn dawn l-ispejjeż ineliġibbli kienet ġiet identifikata mis-sistemi ta' kontroll intern tal-Kummissjoni u ġiet ikkoreġuta qabel ma wettaqna l-awditu.

**19** Bħala parti mill-eżerċizzju tad-Dikjarazzjoni ta' Assigurazzjoni 2019, ippjanajna żjara tal-awditjar fil-Burundi. L-awdituri tal-Qorti applikaw għall-viżi mill-Ambaxxata tal-Burundi fi Brussell sitt ġimgħat qabel it-tluq ippjanat (il-viżi normalment idumu tliet ġimgħat biex jinħarġu). Minkejja li għamilna bosta tentattivi biex nikkuntattjaw l-Ambaxxata, aħna ma konniex irċevejna l-viżi qabel id-data tat-tluq. Dan kellu impatt negattiv fuq l-ippjanar u l-eżekuzzjoni tax-xogħol tal-awditjar tagħna. Pereżempju, ma stajniex inżuru proġetti fuq il-post biex nivvalutaw ir-realtà fuq il-post u kellna nillimitaw kompletament ix-xogħol tal-awditjar tagħna fuq analiżi mhux fuq il-post. Il-pajjiżi li jibbenefikaw minn finanzjament mill-UE huma suġġetti għal ċerti obbligi, li jinkludu l-awtorizzazzjoni ta' kontrolli dokumentarji u fuq il-post. It-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea<sup>13</sup> jistabbilixxi li l-QEA għandha d-dritt tawditja proġetti fil-pajjiżi fejn huma implimentati, u l-kuntratti għal proġetti individwali jipprovdu aktar dettalji dwar dan id-dritt. L-appoġġ sħiħ tal-Kummissjoni huwa indispensabbli biex aħna nkunu nistgħu nwettqu l-awditi tagħna.

**20** Bħal fi snin preċedenti, il-Kummissjoni u s-sħab tagħha inkarigati mill-implimentazzjoni wettqu aktar żbalji fi tranżazzjonijiet relatati ma' *stimuli ta' programmi, għotjiet, ftehimiet ta' kontribuzzjoni* ma' organizzazzjonijiet internazzjonali u *ftehimiet ta' delega* ma' aġenziji ta' kooperazzjoni tal-Istati Membri tal-UE milli għamlu f'forom oħra ta' appoġġ (bħalma huma dawk li jkopru l-kuntratti ta' xogħlijiet, provvisti u servizzi). Mill-65 tranżazzjoni ta' dan it-tip li eżaminajna, 25 (38 %) kien fihom żbalji kwantifikabbli, li kienu jirrappreżentaw 71,7 % tal-livell ta' żball stmat.

**21** F'disa' każijiet ta' żbalji kwantifikabbli u f'sitt każijiet ta' żbalji mhux kwantifikabbli, il-Kummissjoni kellha informazzjoni suffiċjenti biex tipprevieni, jew biex taqbad u tikkoreġi, l-iżball qabel ma taċċetta l-infiq. Li kieku l-Kummissjoni għamlet użu xieraq mill-informazzjoni kollha li kellha għad-dispożizzjoni tagħha, il-livell ta' żball stmat kien ikun aktar baxx b'1,4 punti perċentwali. Aħna sibna erba' tranżazzjonijiet oħra bi żbalji li kien imisshom inqabdu mill-awdituri u s-superviżuri esterni. Dawn il-każijiet ikkontribwew 0,4 punti perċentwali għal-livell ta' żball stmat.

<sup>13</sup> L-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea: "Il-verifika (awditu) għandha tkun ibbażata fuq dak li jkun irreġistrat u, jekk meħtieġ, imwettqa fuq il-post tal-istituzzjonijiet l-oħra tal-Unjoni, fuq il-post ta' kwalunkwe organizzazzjoni li tiegħu ħsieb id-dħul jew in-nefqa f'isem l-Unjoni u fl-Istati Membri, inkluż il-post ta' xi persuna fiżika jew ġuridika li tkun irċeviet pagamenti mill-baġit".

**22** Barra minn hekk, ħames tranżazzjonijiet li kien fihom żball kwantifikabbli<sup>14</sup> kienu ġew suġġetti għal awditu jew għal verifikazzjoni tal-infiq. L-informazzjoni pprovduta fir-rapporti tal-awditjar/ta' verifikazzjoni dwar ix-xogħol li fil-fatt kien sar ma ppermettitilniex nivvalutaw jekk l-iżbalji setgħux jinqabdu u jiġu kkoreġuti matul dawn il-kontrolli *ex ante*<sup>15</sup>.

**23** Is-sistema ta' kontroll tad-DĠ DEVCO hija bbażata fuq kontrolli *ex ante*<sup>16</sup>. Bħal fi snin preċedenti, il-frekwenza tal-iżbalji li nstabu –inklużi xi wħud li kienu f'talbiet finali li kienu ġew suġġetti għal awditi esterni *ex ante* u verifikazzjonijiet tal-infiq *ex ante* – tindika li hemm dgħufijiet f'dawn il-kontrolli.

**24** F'żewġ oqsma, it-tranżazzjonijiet eżaminati ma kienx fihom żbalji. Dawn kienu l-appoġġ baġitarju (seba' tranżazzjonijiet awditjati) u tranżazzjonijiet fejn kien ġie applikat l-“approċċ nozzjonali” fi proġetti b' multidonaturi, li ġew implimentati minn organizzazzjonijiet internazzjonali (13-il tranżazzjoni awditjata). Il-paragrafi 8.7-8.10 fil-Kapitolu 8 tar-Rapport Annwali 2019 tal-QEA dwar l-implimentazzjoni tal-baġit jagħtu aktar dettalji dwar in-natura ta' dawn l-oqsma.

**25** Fir-Rapporti Annwali 2017 u 2018 tagħna, aħna rrappurtajna dwar limitazzjonijiet fil-metodoloġija tad-DĠ DEVCO għall-istudju dwar ir-RER (ara wkoll il-paragrafi **30 -35**). B'riżultat ta' dan, għad-Dikjarazzjonijiet ta' Assigurazzjoni 2018 u 2019 tagħna, aħna wettaqna kontrolli addizzjonali f'oqsma fejn konna sibna tali limitazzjonijiet. L-iskop ta' dan ix-xogħol addizzjonali kien li jiġi vvalutat l-impatt tal-limitazzjonijiet u li jiġu aġġustati r-riżultati tal-istudju dwar ir-RER għal 14-il tranżazzjoni oħra fil-kampjun tagħna (ara l-paragrafu **12** u n-nota <sup>10</sup> f'qiegħ il-paġna). Aħna għażilna b'mod aleatorju 28 tranżazzjoni minn studji dwar ir-RER li twettqu preċedentement – medja ta'

<sup>14</sup> Li jikkontribwixxu 0,67 punti perċentwali għal-livell ta' żball stmat.

<sup>15</sup> Ir-rapporti ma jkoprux 100 % tal-infiq irrappurtat; u lanqas ma jipprovdu dettalji suffiċjenti biex jiġi kkonfermat jekk l-elementi fejn identifikażna żbalji kinux parti mill-kampjun tagħhom.

<sup>16</sup> Is-sistema ta' kontroll kumplessiva tikkonsisti minn kontrolli *ex ante* u kontrolli *ex post*. Il-kontrolli *ex ante* jivvalutaw l-eliġibbiltà tal-infiq qabel ma jiġu ffirmati l-kuntratti u qabel ma jiġi aċċettat l-infiq, filwaqt li l-kontrolli *ex post* isiru wara li l-infiq ikun ġie aċċettat. Pereżempju, awditu estern jista' jsir kemm *ex ante* (qabel ma jiġi aċċettat pagament) jew *ex post* (wara li jiġi kkompletat il-proġett). It-tnejn li huma jistgħu jirriżultaw fl-irkupru ta' fondi mħallsa lill-benefiċjarju; fil-każ ta' kontrolli *ex ante*, tali rkupri jikkonċernaw il-prefinanzjamenti mħallsa preċedentement.



2 tranżazzjonijiet għal kull delegazzjoni tal-UE li żorna. Il-**Kaxxa 6** tippreżenta eżempju tar-riżultati ta' dan ix-xogħol.

## Kaxxa 6

### Eżempju ta' żball identifikat fit-tranżazzjonijiet tar-RER

Kontrolli inadegwati fuq il-proċeduri ta' għoti

Bħala parti mill-istudju tal-2017 dwar ir-RER, il-kuntrattur wettaq kontrolli fuq kuntratt ta' għotja implimentat fil-Ġamajka, u rrapporta li ma kien hemm l-ebda żball fit-tranżazzjoni. Madankollu, il-kuntrattur ma rrieżaminax il-proċedura għall-għoti ta' kuntratt u għalhekk ma qabadx il-fatt li kien hemm dokumenti essenzjali relatati mal-proċedura (bħal rapporti ta' evalwazzjoni) li kienu neqsin, minħabba li kienu ġew meqruda.

## Rapport annwali tal-attività u arranġamenti oħra ta' governanza

**26** F'kull RAA mill-2012 sal-2018, id-DĠ DEVCO ħareġ riżervi rigward ir-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi. Ir-RAA 2019 huwa l-ewwel wieħed li fih huwa ma ħareġ l-ebda riżerva. Minkejja dan, id-DĠ DEVCO adotta pjan ta' azzjoni biex jindirizza d-dgħufijiet fl-implimentazzjoni tas-sistema ta' kontroll tiegħu.

**27** Is-sena li għaddiet, aħna rrapportajna dwar il-progress sodisfaċenti li kien sar fuq il-Pjan ta' Azzjoni 2017; minn 14-il azzjoni, 9 kienu ġew ikkompletati, waħda ġiet implimentata parzjalment u 4 kienu għadhom għaddejnin.

**28** Fil-Pjan ta' Azzjoni 2018 tiegħu, id-DĠ DEVCO kompli jindirizza l-oqsma ta' riskju għoli li ġew identifikati preċedentement, bħall-għotjiet taħt *ġestjoni diretta* jew il-fondi taħt *ġestjoni indiretta* permezz ta' organizzazzjonijiet internazzjonali, u beda jimplimenta żewġ miżuri ġodda li jimmiraw l-opzjonijiet ta' spejjeż simplifikati u l-finanzjament ibbażat fuq ir-riżultati li ġie introdott mir-Regolament Finanzjarju l-ġdid. Sa April 2020, minn 13-il azzjoni, 6 kienu ġew ikkompletati, 4 kienu ġew implimentati parzjalment, 2 kienu għadhom għaddejnin, u azzjoni oħra ma kinitx ġiet implimentata iżda minflok ingħaqdet ma' azzjoni oħra.

**29** Fil-Pjan ta' Azzjoni 2019 tiegħu, id-DĠ DEVCO naqqas l-għadd ta' azzjonijiet għal disgħa. Ġiet miżjuda azzjoni ġdida, li l-għan tagħha huwa li ttejjeb il-metodoloġija u l-manwal użati għall-istudju dwar ir-RER tad-DĠ DEVCO. It-tmienja l-oħra kienu ġew riportati minn snin preċedenti: tnejn kienu rikorrenti, u s-sitta l-oħra ġew posposti u ġew stabbiliti dati mira oħra. Uħud minn dawn l-azzjonijiet evolwew b'mod sinifikanti matul is-snin u saru aktar kumplessi. Pereżempju, l-azzjoni biex jiġu ssimplifikati l-kundizzjonijiet kuntrattwali għall-għotjiet ġiet estiża biex tinkludi l-iżvilupp ta' mudell korporattiv ġdid għall-għotjiet, li għandu jintuża f'bosta direttorati ġenerali filwaqt li jirrifletti wkoll il-ħtiġijiet speċifiċi tad-DĠ DEVCO. L-azzjoni tinkludi wkoll l-introduzzjoni ta' pjattaforma elettronika għall-ġestjoni ta' għotjiet fis-sistema l-ġdida tal-IT, li attwalment qed tiġi żviluppata għall-azzjonijiet esterni.

### Studju tal-2019 dwar ir-RER

**30** FI-2019, it-tmien studju tad-DĠ DEVCO dwar ir-RER kien ġie mwettaq minn kuntrattur estern, biex jistma l-livell ta' żball li kien jifdal wara l-ikkompletar tal-kontrolli ta' ġestjoni kollha għall-prevenzjoni, id-detezzjoni u l-korrezzjoni ta' żbalji fil-qasam intier ta' responsabbiltà tiegħu. Għall-istudju tiegħu tal-2019 dwar ir-RER, id-DĠ DEVCO kabbar id-daqs tal-kampjun minn 240 għal 480 tranżazzjoni. B'hekk huwa seta' jippreżenta rati ta' żball separati għall-infiq ifffinanzjat mill-baġit ġenerali tal-UE u għall-infiq ifffinanzjat mill-FEŻ, flimkien mar-rata ta' żball kumplessiva għat-tnejn f'daqqa. Għar-raba' sena konsekuttiva, ir-RER kumplessiva stmata mill-istudju kienet tinsab taħt is-soll ta' *materjalità* ta' 2 % ssettjat mill-Kummissjoni<sup>17</sup>.

**31** L-istudju dwar ir-RER ma jikkostitwix *inkarigu ta' aċċertament* jew awditu; huwa bbażat fuq il-metodoloġija relatata mal-istudju dwar ir-RER u l-manwal ipprovdut mid-DĠ DEVCO. B'hal fi snin preċedenti, aħna identifikajna limitazzjonijiet li kkontribwew għall-istima insuffiċjenti tar-rata tal-iżball residwu. L-istudju tat-tliet snin preċedenti wkoll kellhom dgħufijiet u rrapportaw RER li kienet taħt is-soll ta' *materjalità*.

**32** Hemm erba' fatturi ewlenin li joħolqu distorsjoni fir-rigward tar-RER. L-ewwel wieħed huwa l-limitazzjonijiet fil-kontrolli fuq il-proċeduri ta' akkwist pubbliku, li jista' jkollhom effett sinifikanti fuq ir-rata ta' żball. L-istudju dwar ir-RER ma kopriex b'mod suffiċjenti ċerti aspetti tal-proċeduri ta' akkwist, bħar-raġunijiet għar-rifjut ta' kandidati li ma ntgħażlux jew il-konformità tal-offerent magħżul mal-kriterji kollha tal-għażla u tal-għoti; u lanqas ma vverifika l-proċeduri ta' sejħiet għal proposti jew il-ġustifikazzjonijiet għal għotjiet diretti.

<sup>17</sup> 2016: 1,7 %; 2017: 1,18 %, 2018: 0,85 % u 2019: 1,13 %.

**33** It-tieni fattur huwa l-għadd żgħir ħafna ta' kontrolli fuq il-post fil-pajjiż li fih jiġi implimentat il-proġett. Fl-istudju tal-2019, kienu biss 15 mit-357<sup>18</sup> tranżazzjoni ttestjati li kienu suġġetti għal tali kontrolli. Dan mhuwiex suffiċjenti biex jinqabdu żbalji li ma jkunux evidenti fid-dokumenti, bħall-eżempju (b) fil-*Kaxxa 5*.

**34** It-tielet fattur huwa l-metodu ta' stima tat-RER użat mid-DĠ DEVCO. L-ewwel nett, huwa jagħti lill-kuntrattur diskrezzjoni wiesgħa biex jiddeċiedi jekk hemmx raġunijiet loġistiċi u legali li huma suffiċjenti biex jipprevienu l-aċċess f'waqtu għad-dokumenti ta' tranżazzjoni u, għalhekk, biex issir stima tar-rata ta' żball. It-tieni nett, din is-sena il-Kummissjoni biddlet il-mod li bih tistma r-rata ta' żball f'tali każijiet, u żiedet premium ta' 5 % mar-rata tal-iżball residwu għall-FEŻ. Madankollu, mhuwiex ċar kif il-Kummissjoni waslet għar-riskju ta' premium ta' 5 %. Għalhekk, dan il-metodu mhux neċessarjament jirrifletti l-iżball residwu reali għat-tranżazzjoni inkwistjoni.

**35** Fl-aħħar nett, is-sehem ta' tranżazzjonijiet li għalihom ir-RER tiddependi kompletament jew parzjalment fuq ix-xogħol ta' kontroll preċedenti huwa ta' 20 % għal fiduċja sħiħa u ta' 38 % għal fiduċja parzjali. Għal dawn it-tranżazzjonijiet, il-kuntrattur iwettaq ittestjar limitat jew inkella ma jwettaq l-ebda ttestjar sostantiv, u minflok jiddependi minn xogħol preċedenti mwettaq bħala parti mill-qafas ta' kontroll tad-DĠ DEVCO. Id-dipendenza żejda fuq ix-xogħol ta' kontroll preċedenti tmur kontra l-iskop tal-istudju dwar ir-RER, li huwa li jidentifika l-iżbalji li ma jkunux inqabdu preċiżament minn dawn il-kontrolli.

#### **Analiżi tar-Rapport Annwali tal-Attività 2019**


**36** Fir-RAA 2019, id-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni tad-Direttur Ġenerali ma kinitx tinkludi xi riżervi, billi ż-żewġ riżervi li kien għad baqa' fl-2018 kienu tneħħew u ma nħarġux oħrajn ġodda. Qabel it-tneħħija ta' dawn ir-riżervi fl-2019, id-DĠ DEVCO kien naqqas sinifikattivament l-ambitu tiegħu (jiġifieri s-sehem tal-infiq kopert minnhom) fl-2017 u fl-2018<sup>19</sup>. Il-*Kaxxa 7* turi l-ambitu tar-riżervi li ġew ippreżentati kull sena fir-RAA mill-2010 sal-2019.

<sup>18</sup> Il-paragrafu **30** jirreferi għal 480 tranżazzjoni. Madankollu, uħud mit-tranżazzjonijiet ikkampjunati għandhom valur li huwa oġġla mill-intervall tal-kampjunar; għalhekk, id-daqs finali tal-kampjun kien ta' 357.

<sup>19</sup> Fir-RAA 2016 tiegħu, id-DĠ DEVCO ħareġ riżervi dwar għotjiet (kemm taħt ġestjoni diretta kif ukoll taħt ġestjoni indiretta); il-ġestjoni indiretta permezz ta' organizzazzjonijiet internazzjonali u aġenziji għall-iżvilupp; u stimi ta' programmi iġenerali u għall-Faċilità għall-Paċi fl-Afrika b'mod partikolari. Sal-2018, ir-riżervi koprew biss l-għotjiet taħt ġestjoni diretta (għal fondi mmaniġġjati mid-DĠ NEAR f'isem id-DĠ DEVCO) u l-programmi

## Kaxxa 7

## Riżervi ppreżentati fir-rapporti annwali tal-attività tad-DĠ DEVCO, 2010-2019



Sors: il-QEA.

**37** Bħat-tnaqqis li kien hemm fl-ambitu fl-2017 u fl-2018, aħna nsibu li n-nuqqas ta' riżervi fir-RAA 2019 mhuwiex iġġustifikat u nqisu li dan jirriżulta parzjalment mill-limitazzjonijiet tal-istudju dwar ir-RER.

**38** Raġuni oħra għan-nuqqas ta' riżervi hija li, fir-RAA 2019, il-Kummissjoni applikat għall-ewwel darba r-*"regola de minimis"*<sup>20</sup>, li tiddikjara li riżerva ma tkunx meħtieġa jekk il-qasam individwali ta' nfiq li tkun tkopri jirrappreżenta inqas minn 5 % tat-total tal-pagamenti u jkollha impatt finanzjarju ta' inqas minn EUR 5 miljun. Konsegwentement, ma għadhomx isiru riżervi f'xi każijiet fejn dawn ikunu saru fi snin preċedenti, anke jekk ir-riskju korrispondenti jibqa' jippersisti.

mmaniġġjati mill-Kummissjoni tal-Unjoni Afrikana li kienu jinvolvu livell sinifikanti ta' akkwisti.

<sup>20</sup> It-terminu *"de minimis"* hawnhekk ma għandux l-istess tifsira bħalma għandu fil-kuntest tal-għajjnuna mill-Istat. Fil-kuntest tar-RAA, it-terminu *"de minimis"* jirreferi għad-deċiżjoni meħuda mill-bord ta' ġestjoni korporattiva tal-Kummissjoni li jintroduċi soll għar-riżervi finanzjarji.

**39** Dan huwa l-każ, pereżempju, fil-qasam tal-għotjiet taħt ġestjoni indiretta. L-għotjiet, flimkien mal-proġetti implimentati mill-organizzazzjonijiet internazzjonali u mill-aġenziji tal-Istati Membri, jirrappreżentaw il-biċċa l-kbira mill-iżbalji rappurtati mill-istudju dwar ir-RER, u dan huwa wkoll f'konformità mal-osservazzjoni tagħna li dan huwa qasam ta' riskju ogħla (ara l-paragrafu **20**). Barra minn hekk, il-valutazzjoni tar-riskju proprja tad-DĠ DEVCO sabet li r-riskju fl-għotjiet taħt ġestjoni indiretta kien materjali. Madankollu, minħabba l-introduzzjoni tar-regola *de minimis*, id-DĠ DEVCO ma ħareġ l-ebda riżerva. Dan in-nuqqas ta' riżervi ma jagħtix stampa vera u ġusta tar-riskji fil-qasam intier ta' responsabbiltà tad-DĠ DEVCO.

**40** L-osservazzjonijiet tagħna rigward l-istudju dwar ir-RER jaffettwaw ukoll l-istimi tal-ammonti f'riskju, peress li dawn l-istimi huma bbażati fuq l-istudju. Id-DĠ DEVCO jistma li l-ammont kumplessiv f'riskju fil-waqt tal-għeluq huwa ta' EUR 56,4 miljun<sup>21</sup> u l-ammont kumplessiv f'riskju fil-waqt tal-pagament huwa ta' EUR 69,9 miljun<sup>22</sup> (1 % tal-infiq fl-2019). Minn dan l-ammont, huwa jistma li EUR 13,5 miljun (19 %) se jiġu kkoreġuti permezz tal-kontrolli li se jwettaq fis-snin li ġejjin<sup>23</sup>.

**41** Id-DĠ DEVCO qed jaħdem b'mod sistematiku biex itejjeb il-kwalità tad-*data* tiegħu għall-kalkolu tal-*kapaċità korrettiva*. Fl-2019, huwa kompla bl-attivitajiet ta' taħriġ u ta' sensibilizzazzjoni tiegħu dwar l-irkupri u dwar il-kwalità tad-*data* kontabilistika. Bħal fi snin preċedenti, id-DĠ DEVCO wettaq kontrolli mmirati fuq l-ordnijiet ta' rkupru u sussegwentement ħareġ bosta struzzjonijiet speċifiċi għad-delegazzjonijiet tal-UE biex jikkoreġu d-diskrepanzi identifikati. F'dak li jikkonċerna l-kalkolu tal-kapaċità korrettiva għall-2019, wara li ttestjajna 40 % tal-popolazzjoni totali, aħna identifikajna żball wieħed fil-kampjun tagħna, li jirrappreżenta 0,25 % tal-kapaċità korrettiva.

<sup>21</sup> Ara r-RAA 2019 tad-DĠ DEVCO, p. 40.

<sup>22</sup> Din hija l-aħjar stima konservattiva tal-ammont ta' nfiq rilevanti matul is-sena, iżda li ma kienx konformi mad-dispożizzjonijiet kuntrattwali u regolatorji applikabbli fiż-żmien meta sar il-pagament.

<sup>23</sup> Ara r-RAA 2019 tad-DĠ DEVCO, p. 40.

# Konklużjoni u rakkomandazzjonijiet

## Konklużjoni

**42** L-evidenza kumplessiva għall-awditjar tindika li l-kontijiet tal-FEŻ għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2019 jippreżentaw b'mod ġust, fl-aspetti materjali kollha, il-pożizzjoni finanzjarja tagħhom, ir-riżultati tal-operazzjonijiet tagħhom, il-flussi tal-flus tagħhom u l-bidliet fl-assi netti għas-sena li ntemmet dakinhar, skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju u r-regoli kontabilistiċi adottati mill-uffiċjal tal-kontabbiltà.

**43** L-evidenza kumplessiva għall-awditjar tindika li, għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2019:

- (a) id-dħul tal-FEŻ ma kienx milqut minn livell materjali ta' żball;
- (b) it-tranżazzjonijiet ta' pagamenti mill-FEŻ kienu milquta minn livell materjali ta' żball (ara l-paragrafi **17-24**). Aħna nistmaw li l-livell ta' żball huwa ta' 3,5 %, ibbażat fuq l-ittestjar li wettaqna fir-rigward tat-tranżazzjonijiet, inklużi r-riżultati aġġustati importati tal-istudju dwar ir-RER (ara l-**Annex I**).

## Rakkomandazzjonijiet

**44** L-**Annex III** juri s-sejbiet tal-analiżi ta' segwitu li wettaqna għall-ħames rakkomandazzjonijiet li għamilna fir-Rapport Annwali 2016 tagħna<sup>24</sup>, li kollha kemm huma ġew implimentati<sup>25</sup> bis-sħiħ mid-DĠ DEVCO.

**45** Ibbażat fuq din l-analiżi u fuq is-sejbiet u l-konklużjonijiet tagħna għall-2019, aħna nirrakkomandaw li l-Kummissjoni:

<sup>24</sup> Aħna għażilna r-Rapport 2016 tagħna għall-eżerċizzju ta' segwitu ta' din is-sena billi, fil-prinċipju, il-Kummissjoni kellha biżżejjed żmien biex timplimenta r-rakkomandazzjonijiet tagħna.

<sup>25</sup> L-għan ta' dan is-segwitu kien biex jiġi vverifikat jekk ġewx introdotti miżuri korrettivi b'rispons għar-rakkomandazzjonijiet tagħna, u mhux biex tiġi vvalutata l-effettività tal-implimentazzjoni tagħhom.

## Rakkomandazzjoni 1

---

Ittejjeb aktar il-metodoloġija u l-manwal li jintużaw għall-istudju dwar ir-RER biex jiġu indirizzati l-problemi li identifikajna f'dan ir-rapport, sabiex ir-rata ta' żball irrappurtata fl-istudju tkun aktar affidabbli (ara l-paragrafi [30-35](#)).

**Data mmirata għall-implimentazzjoni: sa tmiem l-2021**

## Rakkomandazzjoni 2

---

Toħroġ riżervi għall-oqsma kollha li jinsab li għandhom livell għoli ta' riskju, irrispettivament mis-sehem tal-infiq kumplessiv u l-impatt finanzjarju tagħhom (ara l-paragrafi [38-39](#)).

**Data mmirata għall-implimentazzjoni: saż-żmien meta jiġi ppubblikat ir-RAA 2020**

## Kapitolu III – Prestazzjoni

**46** L-awditu li wettaqna mhux biss ippermettjelna neżaminaw ir-regolarità tat-tranżazzjonijiet, iżda wkoll li nagħmlu osservazzjonijiet dwar aspetti relatati mal-prestazzjoni tat-tranżazzjonijiet magħżula. Ibbażat fuq sett ta' mistoqsijiet tal-awditjar, aħna wettaqna kontrolli fuq proġetti li kienu jew ikkompletati jew inkella kważi kkompletati, u għamilna osservazzjonijiet individwali fuq proġetti fejn kien rilevanti għall-awditu kumplessiv tagħna.

**47** Iż-żjarat li wettaqna fuq il-post żvelaw każijiet fejn il-finanzjament kien intuża b'mod effettiv u kkontribwixxa għall-ilħuq tal-obiettivi tal-proġett. Għall-kuntrarju, aħna osservajna wkoll każijiet fejn l-effiċjenza u l-effettività tal-azzjoni kienu ġew kompromessi, billi l-oġġetti, is-servizzi jew ix-xogħlijiet akkwistati ma kinux qed jintużaw kif ippjanat, jew is-sostenibbiltà tal-proġett ma kinitx ġiet żgurata. Il-**Kaxxa 8** tippreżenta xi eżempji.

### Kaxxa 8

#### Eżempji ta' osservazzjonijiet relatati mal-prestazzjoni

##### (a) Proġett li qed jopera b'suċċess

Il-Kummissjoni ffirmat ftehim ta' delega biex tibni ċentru għall-ġestjoni tal-iskart fit-Togo. Ix-xogħol beda f'Jannar 2018 u, saż-żmien meta wettaqna ż-żjara fuq il-post f'Settembru 2019, il-kostruzzjoni kienet miexja kif ippjanat. Iż-żjara li wettaqna fiċ-ċentru, u l-laqqgħat mar-rappreżentanti tal-organizzazzjoni responsabbli mit-tmexxija tiegħu u ma' partijiet ikkonċernati oħra, ikkonfermaw li ċ-ċentru kien operazzjonali u kien qed jissodisfa l-funzjoni intenzjonata tiegħu, partikolarment f'termini ta' impatt ambjentali. Għalhekk, il-proġett kien qed jgħin b'suċċess biex jitjiebu l-kundizzjonijiet tal-għajxien ta' aktar minn nofs il-popolazzjoni lokali ta' 1 000 000 persuna.

##### (b) Proġett fejn is-sostenibbiltà ma kinitx giet żgurata

Il-Kummissjoni ffirmat ftehim ta' kontribuzzjoni ma' OI għal proġett biex tiġi appoġġata l-edukazzjoni vokazzjonali fil-Kosta tal-Avorju. L-awditu li wettaqna sab li s-sostenibbiltà tal-proġett ma kinitx ġiet żgurata. Mill-2012 'il hawn, il-baġit operattiv ipprovdut mill-gvern għall-iskejjel vokazzjonali kien naqas bi 52 %, filwaqt li l-popolazzjoni tal-istudenti kienet żdiedet b'130 % f'dak iż-żmien. Dan il-finanzjament pubbliku ma kienx suffiċjenti biex l-iskejjel jipprovdu manutenzjoni għall-bini u t-tagħmir tagħhom u biex jixtru provvisti konsumabbli.



(c) Il-prattiki interni tal-benefiċjarji mhumiex adegwati

Il-Kummissjoni ffirmat ftehim ta' delega ma' erba' OI mill-istess familja biex timplimenta proġett ta' żvilupp fil-Kenja. Waqt li konna qed nawditjaw l-elementi dwar is-salarji, aħna osservajna membri tal-persunal li, skont il-kuntratti tagħhom, kienu qed jaħdmu fuq bosta proġetti, iżda li s-salarji tagħhom kienu kompletament allokat i għall-proġett li kien qed jiġi awditjat. Ma kien hemm l-ebda dokument dwar l-assenjazzjoni ta' dawn il-membri tal-persunal għal fuq il-proġett fuq bażi full-time, u lanqas ma kien hemm sistema għar-reġistrazzjoni tal-ħin biex jiġi vverifikat il-ħin reali li huma kienu jaħdmu fuq kull proġett. L-OI bagħtulna e-mail fejn ikkonfermaw li dawn in-nies kienu jaħdmu biss fuq dan il-proġett matul ix-xhur li ġew koperti mill-awditu li wettaqna, iżda ma setgħux jipprovdu xi evidenza oħra tal-allokkazzjoni full-time tagħhom. Għalhekk, il-prattiki tal-benefiċjarji ma kinux adegwati biex jiżguraw rendikont xieraq tal-entrati.


# Annessi

## Anness I - Riżultati tal-ittejtjar tat-tranżazzjonijiet għall-FEŻ

	2019	2018
<b>DAQS U STRUTTURA TAL-KAMPJUN</b>		
Total tat-tranżazzjonijiet:	140	139
<b>IMPATT STMAT TA' ŻBALJI KWANTIFIKABBLI</b>		
Livell ta' żball stmat	3,5 %	5,2 %
Limitu Superjuri tal-Iżball (UEL)	4,9 %	
Limitu Inferjuri tal-Iżball (LEL)	2,1 %	


## Anness II - Pagamenti mill-FEŻ fl-2019, skont ir-reġjun prinċipali

### Pagamenti mill-Fondi Ewropej għall-Iżvilupp - I-Afrika




Sors: Sfond tal-mappa © kontributuri ta' OpenStreetMap liċenzjati taħt il-liċenzja [Creative Commons Attribution-ShareAlike 2.0 \(CC BY-SA\)](https://creativecommons.org/licenses/by-sa/2.0/).

## Pagamenti mill-Fondi Ewropej għall-Iżvilupp – il-Karibew u l-Paċifiku



Sors: Sfond tal-mappa © kontributori ta' OpenStreetMap liċenzjati taħt il-liċenzja [Creative Commons Attribution-ShareAlike 2.0 \(CC BY-SA\)](#).



Sors: Sfond tal-mappa © kontributori ta' OpenStreetMap liċenzjati taħt il-liċenzja [Creative Commons Attribution-ShareAlike 2.0 \(CC BY-SA\)](#).

### Anness III - Segwitu tar-rakkomandazzjonijiet preċedenti għall-Fondi Ewropej għall-Iżvilupp

Sena	Rakkomandazzjoni tal-QEA	Analiżi mill-QEA tal-progress li sar					
		Implimentata bis-sħiħ	Qed tiġi implimentata		Mhux implimentata	Mhux applikabbli	Evidenza insuffiċjenti
			Fil-biċċa l-kbira mill-aspetti	F'xi wħud mill-aspetti			
2016	Aħna nirrakkommandaw li l-Kummissjoni: <b>Rakkomandazzjoni 1:</b> issaħħaħ il-monitoraġġ ta' kuntratti antiki tal-FEŻ li għadhom miftuħin iżda li skadew, sabiex tkompli tnaqqas l-għadd tagħhom.	x					
	<b>Rakkomandazzjoni 2:</b> tikkompleta r-reviżjoni tat-termini ta' referenza għall-awditi u l-verifikazzjonijiet tal-infiq kollha tagħha sa tmiem l-2017.	x					
	<b>Rakkomandazzjoni 3:</b> testendi l-azzjonijiet fil-pjan ta' azzjoni tagħha għall-2017 biex tkopri wkoll għotjiet u stimi ta' programmi taħt ġestjoni indiretta fir-riżerva tar-RAA.	x					
	<b>Rakkomandazzjoni 4:</b> tqis il-possibbiltà li tnaqqas l-estent tal-ittestjar sostantiv għar-RER fir-rigward ta' tranżazzjonijiet individwali relatati ma' appoġġ baġitarju b'riskju baxx, u li talloka mill-ġdid ir-riżorsi li tiffranka b'dan il-mod biex iżżid l-ittestjar sostantiv ta' tranżazzjonijiet relatati ma' proġetti.	x					
	<b>Rakkomandazzjoni 5:</b> tkompli ttejjeb aktar il-kalkolu tal-kapaċità korrettiva għall-2017 billi tindirizza n-nuqqasijiet li ġew identifikati f'dan ir-rapport annwali.	x					

**Risposti tal-Kummissjoni Ewropea  
għar-Rapport Annwali dwar l-  
attivitajiet iffinanzjati mit-8, mid-9,  
mill-10 u mill-11-il Fond Ewropew  
għall-Iżvilupp għas-sena  
finanzjarja 2019**

**TWEĠIBIET FINALI TAL-KUMMISSJONI GĦAR-RAPPORT ANNWALI TAL-2019 TAL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI**

**“RAPPORT ANNWALI DWAR L-ATTIVITAJIET IFFINANZJATI MIT-TMIEN, ID-DISA’, L-GĦAXAR U L-HDAX-IL FOND EWROPEW GĦALL-IŻVILUPP”**

**KAPITOLU II – ID-DIKJARAZZJONI TA’ ASSIGURAZZJONI TAL-QEA DWAR IL-FEŻ**

**REGOLARITÀ TAT-TRANŻAZZJONIJIET**

**Nefqa**

17. Il-Kummissjoni tinnota li l-akbar parti tal-iżbalji tikkonċerna nfiq li ma sarx. Kif intwera fil-passat, ħafna minn dan l-infiq jista’ jsir fi stadju aktar tard u soġġett għal kontrolli bir-reqqa, li jfisser li dawn l-iżbalji x’aktarx jiġu kkoreġuti f’dak l-istadju.

**Kaxxa 1 -Eżempji ta’ żbalji kwantifikabbli**

c) Filwaqt li l-Kummissjoni taqbel li **l-għoti tal-kuntratt** ma kienx konformi mal-avviż tal-kuntratt, hija tqis li l-proċess tal-offerti twettaq abbażi tal-ħtiġijiet tal-proġett, fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet ekonomiċi u ta’ sigurtà f’żona fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo milquta minn kunflitti armati u minn tifqigħat tal-Ebola.

19. Il-Kummissjoni tiċċara li fir-rigward tal-**aċċess mogħti** lill-QEA, għall-Pajjiż u għas-**siti u l-postijiet** li fihom jitwettqu l-operazzjonijiet iffinanzjati mill-UE, il-Burundi huwa marbut b’obbligi li jinsabu fil-Ftehimiet ta’ Finanzjament rilevanti kif ukoll fil-Ftehim ta’ Cotonou. L-Uffiċċju tal-Amministrazzjoni u l-Flas tal-Intitolamenti Individwali (Pay Master Office, PMO) tal-Kummissjoni, li huwa s-servizz kompetenti tal-Kummissjoni għall-viżi, ħa l-miżuri kollha meħtieġa biex il-viżi jitwasslu fil-ħin. Madankollu, it-tentattivi tal-Kummissjoni ma rnexxewx, l-aktar minħabba s-sitwazzjoni politika diffiċli ħafna. Tabilħaqq, abbażi ta’ Deċiżjoni tal-Kunsill, il-konsultazzjonijiet bejn l-UE u l-Burundi skont l-Artikolu 96 tal-Ftehim ta’ Cotonou nqalqu.

**RAPPORT ANNWALI TAL-ATTIVITÀ U ARRANĠAMENTI OĦRA TA’ GOVERNANZA**

**Studju tal-2019 dwar ir-RER**

31. **L-istudju dwar ir-RER huwa wieħed minn diversi strumenti fil-proċess tal-ksib ta’ livell ta’ affidabbiltà.** Il-Kummissjoni taf sew il-limitazzjonijiet osservati mill-QEA u l-Kummissjoni tqishom meta tivvaluta s-saħħa u d-dgħufija tas-sistema ta’ ġestjoni tagħha. Dawn l-elementi kollha, meħudin flimkien, jiggarrantixxu li r-Rapport Annwali tal-Attività tad-DĠ DEVCO jkun jippreżenta l-informazzjoni ta’ ġestjoni f’dawl veru u ġust.

32. Fir-rigward tal-istudju dwar ir-RER, l-iskedi tal-ittestjar tal-akkwist huma stabbiliti sew u jinkludu testijiet speċifiċi relatati maċ-ċaħda tal-applikanti, mal-konformità mal-kriterji tal-għażla u tal-għoti u, fejn rilevanti, mal-għoti dirett ta’ kuntratti lill-kuntratturi.

33. Fiż-żmien meta kienet qed tiġi **żviluppata l-metodoloġija tar-RER** fl-2010, l-għadd ta’ żjarat fil-post (disgħa) ġie deċiż wara li tqiesu l-vantaġġi spejjeż / benefiċċji ta’ approċċ kompletament “fil-post”, kif ukoll approċċ kompletament remot. Għall-istudju tal-2019 dwar ir-RER, iż-żjarat fil-post kienu jinkludu l-eżami ta’ aktar minn tranżazzjoni waħda għal raġunijiet ta’ effiċjenza u ekonomija u aktar minn 25 tranżazzjoni ġew eżaminati fil-post. Dan qabeż l-għadd meħtieġ skont il-metodoloġija (disgħa).

34. Il-Kummissjoni tixtieq tiċċara li tliet tranżazzjonijiet biss minn 357 kienu soġġetti għal stima.

B'reazzjoni għall-kummenti li saru fil-passat dwar il-marġni wiesa' ta' diskrezzjoni ta' awditur biex "jistima" tranżazzjoni, id-DEVCO introduċa fil-metodoloġija tiegħu għall-2019 **l-approċċ tal-primjum tar-riskju** bħala mezz biex jipprovdi bażi oġġettiva għall-istima tal-iżbalji. L-approċċ jikkonsisti fi primjum ta' 5 % miżjud mar-rata ta' żball medja għall-FEŻ jew għall-Baġit.

Il-manwal tal-istruzzjonijiet dwar ir-RER jinkludi modi dettaljati u limitati li bihom il-kuntrattur jenħtieġ li jaġixxi jekk ikun hemm raġuni legali jew loġistika speċifika għaliex ma tistax tiġi eżaminata d-dokumentazzjoni.

35. **Il-metodoloġija** u l-manwal **dwar ir-RER** jinkludu **l-eżami u l-affidabbiltà fuq xogħol preċedenti ta' kontroll** bħala element tal-istudju. Tabilħaqq hemm vantaġġi prattiċi li jirriżultaw mill-ksib ta' bilanċ xieraq bejn l-ispejjeż u l-benefiċċji meta titfassal u tiġi mirquma l-metodoloġija tar-RER. Il-metodoloġija tispjega r-raġunament wara l-approċċ ta' affidabbiltà, li fil-qalba tagħha għandha kunsiderazzjonijiet ta' spejjeż / benefiċċji.

Il-kuntrattur tar-RER eżamina kompletament kull rispons għal dawn il-kontrolli, bħall-modifiki fil-pagamenti u l-irkupri għall-preċiżjoni aritmetika u legali. Huwa eżamina wkoll il-proċeduri ta' akkwist tal-Kummissjoni.

Hemm diversi eżempji ta' tranżazzjonijiet ta' affidabbiltà sħiħa bi żbalji RER irrapportati.

#### **Analiżi tar-Rapport Annwali tal-Attività 2019**

36. **Il-metodoloġija biex jiġi ddeterminat jekk għandhomx jinħarġu r-riżervi** minħabba rati ta' żball ma nbidlitx bejn ir-RAA tal-2017 u r-RAA tal-2019. Il-fatt li inqas oqsma ta' nfiq kienu soġġetti għal riżervi fir-RAA tal-2018 u n-nuqqas ta' riżervi fir-RAA tal-2019 ma jirrappreżentawx tnaqqis fl-ambitu, iżda huma r-riżultati tal-applikazzjoni rigoruża ta' din il-metodoloġija.

37. **L-istudju dwar ir-RER huwa wieħed minn diversi strumenti fil-proċess tal-ksib ta' livell ta' affidabbiltà.** Il-Kummissjoni taf sew il-limitazzjonijiet osservati mill-QEA u l-Kummissjoni tqishom meta tivvaluta s-saħħa u d-dgħufija tas-sistema ta' ġestjoni tagħha. Dawn l-elementi kollha, meħudin flimkien, jiggarrantixxu li r-Rapport Annwali tal-Attività tad-DĠ DEVCO jkun jippreżenta l-informazzjoni ta' ġestjoni f' dawl veru u ġust.

38. Ġiet introdotta **regola de minimis għall-ħruġ ta' riżervi** fir-Rapporti Annwali tal-Attività (RAA) tad-Diretturi Ġenerali. L-għan tagħha huwa li tiffoka fuq l-għadd ta' riżervi fuq dawk sinifikanti biss, filwaqt li tinżamm it-trasparenza fir-rappurtar tal-ġestjoni.

Ir-riżervi relatati ma' każijiet b'rata tal-iżball residwu 'l fuq mil-limitu ta' materjalità ta' 2 % mhumiex meqjusa sostanzjali għal segmenti li jirrappreżentaw inqas minn 5 % tal-pagamenti totali tad-dipartiment u li għandhom impatt finanzjarju ta' inqas minn EUR 5 miljun. Għalhekk, **riżervi kwantifikati li ma jaqbżux iż-żewġ limiti mhumiex meħtieġa.** Dan japplika b'mod speċjali iżda mhux esklussivament għall-programmi tal-legat.

Madankollu, **it-trasparenza sħiħa tar-rappurtar tal-ġestjoni** tibqa' ggarantita (peress li l-każijiet li għalihom ġiet applikata r-regola huma debitament imsemmija fir-RAA), u anke dan it-tnaqqis sinifikanti fl-għadd ta' riżervi mill-2018 għall-2019 għandu impatt finanzjarju limitat ħafna. Tabilħaqq, peress li dan jikkonċerna l-aktar il-programmi ta' legat, li qed jitneħħew gradwalment, l-



impatt finanzjarju totali tas-17-il riżerva li tneħħew bl-applikazzjoni ta' din ir-regola kien ikun ta' EUR 15,2-il miljun, jew 1,4 %, tal-impatt finanzjarju totali tar-riżervi kollha tal-2019.

39. In-nuqqas ta' riżervi għad-DĠ DEVCO huwa r-riżultat ta' analiżi bir-reqqa tal-aspetti kollha tal-assigurazzjoni, filwaqt li jiġu implimentati l-linji gwida u l-istruzzjonijiet kollha tas-Servizzi ċentrali tal-Kummissjoni.

**Il-każijiet li għalihom ir-regola *de minimis* ġiet applikata** huma debitament divulgati fir-RAA, u dawn qed jiġu segwiti mill-qrib, bħal kull dgħufija oħra.

## **KONKLUŻJONIJIET U RAKKOMANDEZZJONIJIET**

### **Rakkomandazzjoni 1**

Il-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjoni 1.

Il-Kummissjoni se teżamina l-possibiltajiet li ttejjeb il-metodoloġija u tqis għalkollox l-ispejjeż u l-benefiċċji mistennija u mingħajr ma timmodifika n-natura tal-istudju dwar ir-RER.

### **Rakkomandazzjoni 2**

Il-Kummissjoni ma taċċettax ir-rakkomandazzjoni 2.

Mis-sena finanzjarja 2019 'l hawn, ġiet introdotta regola *de minimis* għall-ħruġ ta' riżervi fir-Rapporti Annwali tal-Attività (RAA) tad-Diretturi Ġenerali.. L-għan tagħha huwa li tiffoka l-għadd ta' riżervi fuq dawk sinifikanti biss, filwaqt li żżomm it-trasparenza fir-rappurtar tal-ġestjoni.

Madankollu, it-trasparenza sħiħa tar-rappurtar tal-ġestjoni tibqa' ggarantita (peress li l-każijiet li għalihom ġiet applikata r-regola huma debitament imsemmijin fir-RAA). Ara wkoll it-tweġiba tal-Kummissjoni għall-paragrafu 38.

## **KAPITOLU III – PRESTAZZJONI**

### **Kaxxa 8 - Eżempji ta' osservazzjonijiet relatati mal-prestazzjoni**

#### **Is-sostenibbiltà tal-proġett mhix iggarantita**

Din il-kwistjoni tqajmet matul l-aħħar żewġ djalogi politiċi.

## DRITTIJET TAL-AWTUR

© L-Unjoni Ewropea, 2020.

Il-politika tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA) dwar l-użu mill-ġdid hija implimentata bid-[Deċiżjoni Nru 6-2019 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri](#) dwar il-politika tad-*data* miftuħa u l-użu mill-ġdid ta' dokumenti.

Sakemm ma jkunx indikat mod ieħor (eż. f'avviżi individwali dwar id-drittijiet tal-awtur), il-kontenut tad-dokumenti tal-QEA, li huwa proprjetà tal-UE, huwa liċenzjat taħt il-[liċenzja Creative Commons Attribution 4.0 International \(CC BY 4.0\)](#). Dan ifisser li l-użu mill-ġdid huwa awtorizzat, dment li l-awturi jingħataw kreditu xieraq u li l-bidliet jiġu indikati. Il-persuni li jużaw mill-ġdid dan il-kontenut ma jistgħux ibiddu s-sinifikat jew il-messaġġ oriġinali tad-dokumenti. Il-QEA ma għandhiex tkun responsabbli għal kwalunkwe konsegwenza relatata mal-użu mill-ġdid.

Inti meħtieġ tikseb drittijiet addizzjonali ċari jekk kontenut speċifiku juri individwi privati identifikabbli, eż. ritratti li jkun fihom il-membri tal-persunal tal-QEA, jew jekk ikun jinkludi xogħlijiet ta' parti terza. Fejn ikun inkiseb permess, tali permess għandu jikkancelja l-permess ġenerali msemmi hawn fuq u għandu jindika b'mod ċar kwalunkwe restrizzjoni dwar l-użu.

Biex tuża jew tirriproduċi kontenut li ma jkunx proprjetà tal-UE, inti jista' jkun li jkollok titlob il-permess direttament mingħand id-detenturi tad-drittijiet tal-awtur.

Kapitolu 5 – l-[Anness 5.2](#), il-Kapitolu 8 – l-[Anness 8.1](#), FEŻ – l-[Anness II](#):

Sfond tal-mappa © kontributuri ta' OpenStreetMap liċenzjati taħt il-[liċenzja Creative Commons Attribution-ShareAlike 2.0 \(CC BY-SA\)](#).

Kapitolu 6 – il-[Kaxxa 6.3](#):

Ikoni magħmulin minn Pixel perfect minn fuq <https://flaticon.com>.

Software jew dokumenti li jkunu koperti mid-drittijiet ta' proprjetà industrijali, bħal privattivi, trademarks, disinjati rreġistrati, logos u ismijiet, huma esklużi mill-politika tal-QEA dwar l-użu mill-ġdid u inti ma għandekx il-liċenzja biex tużahom.

Il-familja ta' siti web istituzzjonali tal-Unjoni Ewropea, fid-dominju europa.eu, tipprovdi links għas-siti ta' partijiet terzi. Peress li dawn ma jaqgħux taħt il-kontroll tal-QEA, inti mħeġġeġ biex teżamina l-politiki tagħhom dwar il-privatezza u dwar id-drittijiet tal-awtur.

Użu tal-logo tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri

Ma jistax isir użu mil-logo tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri mingħajr ma jinkiseb il-kunsens tagħha minn qabel.

Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri awditjat id-dħul u l-infiq tal-baġit tal-UE u tagħti l-opinjoni tagħha dwar kemm il-kontijiet annwali huma affidabbli u kemm it-tranżazzjonijiet tal-introjtu u tal-infiq jikkonformaw mar-regoli u r-regolamenti applikabbli.



IL-QORTI  
EWROPEA  
TAL-AWDITURI



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet  
tal-Unjoni Ewropea